**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW** **IL-KUNSILL**

**Brussell, 30 ta' Novembru 2021**
**(OR. en)**

**2018/0216 (COD)** **PE-CONS 64/21**

**AGRI 395**
**AGRIFIN 102**
**AGRISTR 62**
**AGRILEG 181**
**AGRIORG 100**
**EMPL 513**
**SOC 684**
**CADREFIN 399**
**CODEC 1182**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 |

**REGOLAMENT (UE) 2021/…**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att tal-Adeżjoni tal-1979, u b'mod partikolari l-paragrafu 6 tal-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton mehmuż miegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[4],

---

1 ĠU C 41, 1.2.2019, p. 1.
2 ĠU C 62, 15.2.2019, p. 214.
3 ĠU C 86, 7.3.2019, p. 173.
4 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2021(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' …

Billi:

(1) Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-29 ta’ Novembru 2017 intitolata "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" tistipula l-isfidi, l-objettivi u l-orjentazzjonijiet għall-politika agrikola komuni ("PAK") wara l-2020. Dawk l-objettivi jinkludu li l-PAK tkun immexxija aktar mir-riżultati u orjentata lejn is-suq, issaħħaħ il-modernizzazzjoni u s-sostenibbiltà, inkluż is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali, ambjentali u klimatika tal-agrikoltura, tal-forestrija u taż-żoni rurali u tgħin biex tnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-benefiċjarji.

(2) Sabiex jiġu indirizzati d-dimensjoni globali u l-implikazzjonijiet tal-PAK, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-koerenza mal-politiki u l-istrumenti esterni tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-kummerċ. L-impenn tal-Unjoni għall-koerenza tal-politika għall-iżvilupp jirrikjedi l-kunsiderazzjoni tal-għanijiet u l-prinċipji tal-iżvilupp fit-tfassil tal-politiki.

(3) Peress li l-PAK jeħtieġ li ttejjeb ir-rispons tagħha għall-isfidi u l-opportunitajiet kif ifiġġu fil-livell internazzjonali, tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali, lokali u f'dak tal-azjendi agrikoli, jeħtieġ li tiġi ssimplifikata l-governanza tal-PAK u li din tagħti riżultati aħjar skont l-objettivi tal-Unjoni, u li l-piż amministrattiv jitnaqqas b'mod sinifikanti. Il-PAK jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni ("il-mudell ta' implimentazzjoni"). Għalhekk l-Unjoni jenħtieġ tistabbilixxi l-parametri bażiċi ta' politika, bħal pereżempju, l-objettivi tal-PAK u r-rekwiżiti bażiċi tagħha, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ jerfgħu responsabbiltà akbar għal kif jilħqu dawk l-objettivi u kif jiksbu l-miri. Permezz ta' aktar sussidjarjetà, ikun possibbli li jitqiesu aħjar il-kondizzjonijiet u l-bżonnijiet lokali u n-natura partikulari tal-attività agrikola, li tirriżulta mill-istruttura soċjali tal-agrikoltura u mid-differenzi strutturali u naturali bejn id-diversi reġjuni agrikoli, u li l-appoġġ jitfassal biex jagħti l-akbar kontribut għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni.

(4) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] (ir-"Regolament Finanzjarju") u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu kontrolli dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jinkludu wkoll reġim ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

---

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsll tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(5) Ir-regoli dwar miżuri li jorbtu l-effettività tal-fondi tal-Unjoni ma' governanza ekonomika għaqlija, dwar l-iżvilupp territorjali u dwar il-viżibbiltà tal-appoġġ mill-fondi tal-Unjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-appoġġ għall-iżvilupp rurali skont dan ir-Regolament biex tiġi żgurata l-koerenza mal-fondi tal-Unjoni kkonċernati fir-rigward ta' dawn l-aspetti.

(6) Is-sinerġiji bejn il-FAEŻR u Orizzont Ewropa, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], jenħtieġ li jħeġġu lill-FAEŻR biex juża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn proġetti ffinanzjati minn Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (EIP), li jwasslu għall-innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u fiż-żoni rurali.

(7) Minħabba l-importanza li jiġi indirizzat it-telf drammatiku tal-bijodiversità, l-appoġġ skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjoni dwar il-bijodiversità fil-politiki tal-Unjoni u għall-kisba tal-ambizzjoni ġenerali li 7,5 % tal-infiq annwali skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) jiġi ddedikat għall-objettivi tal-bijodiversità fl-2024 u 10 % tal-infiq annwali skont il-QFP jiġi ddedikat għall-objettivi tal-bijodiversità fl-2026 u l-2027.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

(8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà biex jispeċifikaw ċerti definizzjonijiet u kondizzjonijiet fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. Madankollu, sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti komuni, irid jiġi stabbilit qafas fil-livell tal-Unjoni li jikkostitwixxi l-elementi komuni meħtieġa li jridu jiġu inklużi f'dawk id-definizzjonijiet u kondizzjonijiet ("id-definizzjonijiet qafas").

(9) Sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-agrikoltura fil-forniment ta' beni pubbliċi, jeħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni qafas xierqa ta’ “attività agrikola”. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tista' tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha dwar l-appoġġ domestiku kif stabbiliti fil-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura, u b'mod partikolari li l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà u t-tipi ta’ intervent relatati jkomplu jiġu notifikati bħala appoġġ tal-"Kaxxa l-Ħadra" li jew ma jħalli l-ebda effett, jew iħalli biss effett minimu ta' distorsjoni tal-kummerċ jew fuq il-produzzjoni, jenħtieġ li d-definizzjoni qafas ta’ "attività agrikola" tipprevedi lit-tnejn, il-produzzjoni tal-prodotti agrikoli u l-manutenzjoni taż-żona agrikola, filwaqt li l-bdiewa ikollhom l-għażla bejn dawn iż-żewġ tipi ta' attività. Sabiex jaġġustaw għall-kondizzjonijiet lokali, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu d-definizzjoni reali ta' “attività agrikola” u l-kondizzjonijiet rilevanti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

(10) Sabiex jinżammu l-elementi essenzjali fl-Unjoni kollha biex tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri, iżda mingħajr ma l-Istati Membri jiġu limitati milli jilħqu l-objettivi tal-Unjoni, jenħtieġ li tingħata definizzjoni qafas ta’ "żona agrikola". Id-definizzjonijiet qafas relatati ta’ "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" jenħtieġ li jingħataw b'mod wiesa' sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċifikaw aktar id-definizzjonijiet skont il-kondizzjonijiet lokali tagħhom.

(11) Id-definizzjoni qafas ta’ "raba' li jinħadem" jenħtieġ li tiġi stabbilita b'tali mod li tippermetti lill-Istati Membri jkopru forom differenti ta' produzzjoni u dak jeħtieġ l-inklużjoni ta’ żoni ta' art mistrieħa sabiex tiġi żgurata n-natura diżakkoppjata tal-interventi.

(12) Id-definizzjoni qafas ta' "għelejjel permanenti" jenħtieġ li tinkludi ż-żoni li realment jintużaw għall-produzzjoni u dawk li ma jintużawx għall-produzzjoni, kif ukoll l-imxietel u l-imsajġar b'newba qasira li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri.

(13) Id-definizzjoni qafas ta' "bur permanenti" jenħtieġ li tiġi stabbilita b'tali mod li, f'każijiet fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti, ma teskludix speċijiet oħra li jistgħu jintużaw għar-ragħa. Jenħtieġ ukoll li tippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw aktar kriterji u tippermettilhom jinkludu speċijiet għajr il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor li jistgħu jipproduċu għalf għall-annimali, kemm jekk jintuża għall-produzzjoni reali u kemm jekk le. Dan jista' jinkludi speċijiet li minnhom partijiet tal-pjanta, bħal weraq, fjuri, zkuk jew frott, jistgħu jintużaw għar-ragħa direttament jew meta jaqgħu fl-art. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu wkoll jekk jillimitawx l-art fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor ma jkunux predominanti jew assenti f'żoni tar-ragħa, inkluż li jillimitawha għal art li tifforma parti minn prattiki lokali stabbiliti.

(14) Id-definizzjonijiet qafas ta' "żona agrikola" jenħtieġ li jiżguraw li l-Istati Membri jkopru sistemi tal-agroforestrija, fejn is-siġar jitkabbru f'biċċiet raba' li fuqhom jitwettqu attivitajiet agrikoli biex jitjieb l-użu sostenibbli tal-art.

(15) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali li l-appoġġ jitħallas għal żona agrikola li tkun għad-dispożizzjoni tal-bidwi u fejn titwettaq attività agrikola, jenħtieġ li tingħata definizzjoni qafas ta "ettaru eliġibbli" bl-elementi essenzjali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-kondizzjonijiet biex jiġi determinat jekk l-art hijiex għad-dispożizzjoni tal-bidwi. Meta titqies il-possibbiltà tal-użu okkażjonali u temporanju tal-art agrikola għal attività li mhijiex strettament agrikola, u fid-dawl tal-potenzjal ta' ċerti attivitajiet mhux agrikoli li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-introjtu tal-azjendi agrikoli, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu kondizzjonijiet xierqa biex jinkludu żoni li jintużaw wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli bħala ettari eliġibbli.

(16) Minħabba l-ambizzjoni ambjentali għolja tal-PAK, jenħtieġ li ż-żona eliġibbli ma titnaqqasx bl-implimentazzjoni ta' ċerti regoli ta' kundizzjonalità u tal-iskemi għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali ("ekoskemi") skont pagamenti diretti. Iż-żoni agrikoli jenħtieġ li ma jsirux eliġibbli għall-pagamenti diretti meta fuqhom jitkabbru prodotti mhux agrikoli permezz tal-kultivazzjoni tal-għadajjar skont l-iskemi tal-Unjoni jew nazzjonali li jikkontribwixxu għall-kisba ta' objettiv wieħed jew aktar tal-Unjoni marbut mal-ambjent jew il-klima. Barra minn hekk, iż-żoni agrikoli għandhom jibqgħu eliġibbli għal pagamenti diretti meta jkunu soġġetti għal ċerti rekwiżiti tal-Unjoni relatati mal-protezzjoni ambjentali, jew imsaġġra skont miżuri ta' żvilupp rurali, inkluż dawk imsaġġra skont l-iskemi nazzjonali konformi, jew żoni taħt ċerti impenji ta' serħan l-art.

(17) B'kont meħud tal-ħtieġa għas-simplifikazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jiddeċiedu li l-karatteristiċi tal-pajsaġġ li ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola fuq biċċa raba' jibqgħu parti miż-żona eliġibbli. Fil-kalkolu taż-żona eliġibbli ta' bur permanenti, filwaqt li jnaqqsu ż-żoni okkupati minn bdiewa li mhumiex eliġibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw metodoloġija simplifikata.

(18) Fir-rigward taż-żoni użati għall-produzzjoni tal-qanneb, sabiex tiġi preservata s-saħħa pubblika u biex tiġi żgurata l-koerenza ma' korpi oħra ta' leġiżlazzjoni, jenħtieġ li l-użu tal-varjetajiet taż-żerriegħa tal-qanneb b'kontenut ta' tetraidrokannabinol ta' inqas minn 0,3 % ikun inkluż fid-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli".

(19) Bil-ħsieb li titjieb il-prestazzjoni tal-PAK, l-appoġġ għall-introjtu jenħtieġ li jkun immirat lejn il-bdiewa attivi. Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li tingħata definizzjoni qafas ta'"bidwi attiv" li turi l-elementi essenzjali. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeterminaw, abbażi ta' kondizzjonijiet oġġettivi, liema bdiewa jqisu bħala bdiewa attivi. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jagħtu pagamenti diretti lill-bdiewa iżgħar li jikkontribwixxu wkoll għall-vitalità taż-żoni rurali u li jistabbilixxu lista negattiva ta' attivitajiet mhux agrikoli li meta mqabbla magħhom l-attivitajiet agrikoli huma tipikament marġinali. Jenħtieġ li l-lista negattiva ma tkunx l-uniku mod li bih tiġi ddeterminata d-definizzjoni iżda jenħtieġ li tintuża bħala għodda komplementari biex tgħin l-identifikazzjoni ta' attivitajiet mhux agrikoli bħal dawn, mingħajr preġudizzju għall-persuni kkonċernati biex jagħtu prova li jissodisfaw il-kriterji tad-definizzjoni ta' "bidwi attiv". Sabiex jiġi żgurat introjtu aħjar, tissaħħaħ in-nisġa soċjo-ekonomika taż-żoni rurali jew biex jintlaħqu objettivi relatati, id-definizzjoni ta' "bidwi attiv" jenħtieġ li ma tipprekludix l-għoti ta' appoġġ lil bdiewa pluriattivi jew part-time, li minbarra l-biedja huma involuti wkoll f'attivitajiet mhux agrikoli.

(20) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-interventi tat-tipi għall-pagament dirett u l-interventi tat-tipi għall-iżvilupp rurali meta jkun qed jiġi indirizzat l-objettiv tat-tiġdid ġenerazzjonali, jenħtieġ li tingħata definizzjoni qafas fil-livell tal-Unjoni ta’ "bidwi żagħżugħ" bl-elementi essenzjali.

(21) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-interventi tat-tipi għall-pagament dirett u l-interventi tat-tipi għall-iżvilupp rurali meta jkun qed jiġi indirizzat l-objettiv tal-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tan-negozju f'żoni rurali, jenħtieġ li tingħata definizzjoni qafas fil-livell tal-Unjoni ta’ "bidwi ġdid" bl-elementi komuni.

(22) Sabiex tingħata sustanza lill-objettivi tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE, kif ukoll biex jiġi żgurat li l-Unjoni tindirizza b'mod xieraq l-aktar sfidi reċenti tagħha, huwa xieraq li jiġi previst sett ta' objettivi ġenerali li jirriflettu l-orjentazzjonijiet mogħtija fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja". Jenħtieġ li sett ta' objettivi speċifiċi jiġi definit aktar fil-livell tal-Unjoni u jiġi applikat mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, waqt li jitqies il-fatt li fl-Istati Membri l-agrikoltura tikkostitwixxi settur marbut mill-qrib mal-ekonomija kollha kemm hi. Filwaqt li jżommu bilanċ bejn id-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt, dawk l-objettivi speċifiċi jenħtieġ li jittraduċu l-objettivi ġenerali tal-PAK fi prijoritajiet aktar konkreti u jqisu l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-klima, l-enerġija u l-ambjent.

(23) PAK aktar intelliġenti, modernizzata u aktar sostenibbli trid tħaddan ir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex isservi lill-multifunzjonalità tas-sistemi tal-agrikoltura, tal-forestrija u tal-ikel tal-Unjoni, filwaqt li tinvesti fl-iżvilupp teknoloġiku u fid-diġitalizzazzjoni, kif ukoll ittejjeb l-adozzjoni u l-użu effikaċi ta' teknoloġiji, speċjalment it-teknoloġiji diġitali, u l-aċċess għal għarfien imparzjali, tajjeb, rilevanti u ġdid u li dan jiġi kondiviż aktar.

(24) L-Unjoni għandha bżonn trawwem settur agrikolu modern, kompetittiv, reżiljenti u diversifikat li jgawdi l-benefiċċji ta' produzzjoni ta' kwalità għolja u effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, u li jiżgura sigurtà tal-ikel fit-tul bħala parti minn settur agroalimentari kompetittiv u produttiv waqt li jitħares il-mudell ta' razzett tal-familja.

(25) Sabiex jiġu appoġġati l-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tas-settur agrikolu madwar l-Unjoni għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-ikel fit-tul, hemm il-bżonn li titjieb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur, b’mod partikolari billi jiġu inkoraġġuti forom ta' kooperazzjoni li jinvolvu lill-bdiewa u jkunu ta' benefiċċju għalihom, kif ukoll billi jiġu promossi ktajjen tal-valur iqsar u titjieb it-trasparenza tas-suq.

(26) L-Unjoni teħtieġ li ttejjeb ir-rispons għad-domandi soċjetali dwar l-ikel u s-saħħa, inkluż għal ikel ta' kwalità għolja, sikur u nutrittiv prodott b'mod sostenibbli. Sabiex timxi 'l quddiem f'dik id-direzzjoni, hemm bżonn li jiġu promossi prattiki tal-biedja sostenibbli speċifiċi, bħall-biedja organika, il-ġestjoni integrata tal-pesti, l-agroekoloġija, l-agroforestrija jew il-biedja ta' preċiżjoni. Bl-istess mod, jenħtieġ ukoll li jiġu stimulati azzjonijiet li jippromwovu livelli ogħla ta' trattament xieraq tal-annimali u inizjattivi li jiġġieldu r-reżistenza għall-antimikrobiċi.

(27) Jenħtieġ li l-mudell tal-implimentazzjoni ma jwassalx għal sitwazzjoni li fiha jkun hemm 27 politika agrikola nazzjonali differenti, u b'hekk tiġi pperikolata n-natura komuni tal-PAK u tas-suq intern. Madankollu, jenħtieġ li tħalli lill-Istati Membri ċerta flessibbiltà f'qafas regolatorju komuni b'saħħtu. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-Unjoni u jistabbilixxi t-tipi ta’ intervent kif ukoll ir-rekwiżiti komuni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, biex b'hekk jiżgura n-natura komuni tal-PAK. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu responsabbli biex isarrfu l-qafas regolatorju tal-Unjoni f'arranġamenti ta' appoġġ applikabbli għall-benefiċjarji bl-użu ta' livell ogħla ta' flessibbiltà. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jaġixxu b'mod konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u jiżguraw li l-qafas legali għall-għoti tal-appoġġ tal-Unjoni lill-benefiċjarji huwa bbażat fuq il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u huwa konformi mal-prinċipji u mar-rekwiżiti stabbiliti skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1+]. Jenħtieġ ukoll li jimplimentaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom kif approvati mill-Kummissjoni.

(28) Sabiex jitrawwem settur agrikolu intelliġenti u reżiljenti, il-pagamenti diretti jibqgħu jikkostitwixxu parti essenzjali biex jiġi garantit appoġġ ġust għall-introjtu tal-bdiewa. B'mod simili, l-investimenti fir-ristrutturar, il-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-adozzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ġodda fl-azjendi agrikoli huma neċessarji biex il-bdiewa jmorru aħjar fis-suq.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ … dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L ..).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)) u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna korrispondenti in-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-ĠU ta' dak ir-Regolament.

(29) Fil-kuntest ta' PAK aktar orjentata lejn is-suq, kif deskritt fil-komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", l-iskopertura tas-suq, it-tibdil fil-klima u l-frekwenza u s-severità ta' avvenimenti estremi tat-temp assoċjati ma' dan it-tibdil, kif ukoll il-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji, jistgħu jwasslu għal riskji ta' volatilità tal-prezzijiet u pressjonijiet dejjem akbar fuq l-introjtu, b'mod partikolari fuq il-produtturi primarji. Għalhekk, għalkemm il-bdiewa huma finalment responsabbli għat-tfassil tal-istrateġiji tagħhom fl-azjenda agrikola u biex itejbu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli tagħhom, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas sod biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tar-riskju.

(30) L-appoġġ u t-titjib tal-protezzjoni tal-ambjent u tal-azzjoni klimatika u l-kontribuzzjoni għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni marbuta mal-ambjent u l-klima hija prijorità għolja ħafna fil-ġejjieni tal-agrikoltura u l-forestrija tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-PAK taqdi rwol kemm fit-tnaqqis tal-impatti negattivi fuq l-ambjent u l-klima, inkluż il-bijodiversità, u fiż-żieda tal-provvista ta' beni pubbliċi ambjentali fuq it-tipi kollha ta' art agrikola u art forestali (inkluż żoni ta' valur naturali għoli) u f'żoni rurali b'mod ġenerali. Għalhekk jenħtieġ li l-arkitettura tal-PAK tirrifletti ambizzjoni akbar fir-rigward ta' dawk l-objettivi. Jenħtieġ li tinkludi elementi li jappoġġaw jew b'xi mod ieħor iwasslu għal firxa wiesgħa ta' azzjoni biex jintlaħqu l-objettivi fl-agrikultura, il-produzzjoni tal-ikel, il-forestrija u ż-żoni rurali fl-intier tagħhom.

(31) L-aħjar mod kif tipi ta' azzjoni differenti jintużaw flimkien biex jiġu indirizzati dawk l-objettivi ser ivarja minn Stat Membru għal ieħor. Flimkien mal-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ż-żieda fis-sekwestru tal-karbonju huma t-tnejn importanti biex jittaffa t-tibdil fil-klima. Il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija appoġġati permezz tal-PAK jenħtieġ li jikkonċernaw l-enerġija li turi b'mod ċar il-karatteristiċi tas-sostenibbiltà, inkluż fir-rigward tal-gassijiet serra. Fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi naturali, tista' tkun ta' għajnuna b'mod partikolari, anqas dipendenza fuq is-sustanzi kimiċi bħall-fertilizzanti artifiċjali u pestiċidi, inkluż għall-protezzjoni tal-bijodiversità, fejn hemm bżonn f'ħafna partijiet tal-Unjoni tat-tnaqqis f'waqtu tad-dipendenza fuq il-pestiċidi u l-azzjoni biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tal-pollinaturi.

(32) Billi ħafna żoni rurali fl-Unjoni jbatu minn problemi strutturali bħal nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti, nuqqasijiet ta' ħiliet, nuqqas ta' investiment fil-konnettività u l-broadband, fl-infrastruttura u fis-servizzi essenzjali diġitali u oħrajn, kif ukoll eżodu taż-żgħażagħ, huwa fundamentali li tissaħħaħ in-nisġa soċjo-ekonomika f'dawk l-oqsma, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0. "Ħajja Aħjar fiż-Żoni Rurali", b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tiġdid ġenerazzjonali, billi l-aġenda tal-Kummissjoni dwar l-impjiegi u t-tkabbir tinġieb fiż-żoni rurali, bil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-appoġġ liż-żgħażagħ, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-iżvilupp ta' "irħula intelliġenti" fil-kampanja Ewropea, u billi jikkontribwixxu biex tittaffa d-depopolazzjoni.

(33) L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi hija għodda importanti fl-integrazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-PAK. Jenħtieġ għalhekk li l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku taż-żoni rurali titqiegħed taħt il-lenti, b'attenzjoni speċjali lill-biedja, waqt li jiġi appoġġat ir-rwol ewlieni tan-nisa. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu meħtieġa jivvalutaw is-sitwazzjoni tan-nisa fil-biedja u jindirizzaw l-isfidi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. L-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tkun parti integrali mit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-interventi tal-PAK. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jsaħħu l-kapaċità tagħhom fl-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u fil-ġbir ta' data diżaggregata skont is-sessi.

(34) Bil-ħsieb li l-ekonomija rurali tiġi stabbilizzata u diversifikata, jenħtieġ li jiġu appoġġati l-iżvilupp, l-istabbiliment u ż-żamma ta' intrapriżi mhux agrikoli. Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", il-ktajjen ta' valur rurali ġodda bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu jistgħu joffru potenzjal tajjeb għat-tkabbir u għall-impjiegi fiż-żoni rurali waqt li jikkonservaw ir-riżorsi naturali. F'dan il-kuntest, l-istrumenti finanzjarji u l-użu tal-garanzija tal-UE taħt InvestEU, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], jistgħu jaqdu rwol kruċjali biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-tkabbir tal-azjendi agrikoli u tal-intrapriżi. Hemm il-potenzjal għal opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment, u b'hekk tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom speċjalment fil-qafas tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

(35) Jenħtieġ li l-PAK tkompli tiżgura s-sigurtà tal-ikel, li jenħtieġ li tinftiehem bħala aċċess għal ikel biżżejjed, sikur u nutrittiv f'kull ħin. Barra minn hekk, jenħtieġ li tkompli tgħin li ttejjeb ir-rispons tal-agrikoltura tal-Unjoni għal talbiet soċjetali ġodda fl-ikel u s-saħħa, inkluż il-produzzjoni agrikola sostenibbli, nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa, it-trattament xieraq tal-annimali u t-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Jenħtieġ li l-PAK tkompli tippromwovi l-produzzjoni b'karatteristiċi speċifiċi u ta' valur filwaqt li tgħin lill-bdiewa biex jaġġustaw b'mod proattiv il-produzzjoni tagħhom skont is-sinjali tas-suq u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi.

(36) Minħabba l-wisa' tar-riforma meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi mixtieqa u jiġi indirizzat it-tħassib imqajjem, huwa xieraq li jiġi previst qafas legali ġdid f'Regolament wieħed li jkopri l-appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jissostitwixxi l-arranġamenti attwalment stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

2 Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

(37) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li japplikaw għall-appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat mill-FAEG u l-FAEŻR u mogħti fil-forma ta' tipi ta' intervent speċifikati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK imfassla mill-Istati Membri u approvati mill-Kummissjoni.

(38) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tista' tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha dwar l-appoġġ domestiku kif stabbiliti fil-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura, ċerti tipi ta' intervent previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkomplu jiġu notifikati bħala appoġġ tal-"Kaxxa l-Ħadra" li jew ma jħalli l-ebda effett, jew iħalli biss effett minimu ta' distorsjoni tal-kummerċ jew fuq il-produzzjoni, jew jiġu notifikati bħala appoġġ tal-"Kaxxa Blu" skont programmi li jillimitaw il-produzzjoni u għalhekk ikun eżentat mill-impenji tat-tnaqqis. Filwaqt li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għat-tipi ta' intervent bħal dawn diġà huma konformi mar-rekwiżiti tal-"Kaxxa l-Ħadra" stipulati fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura jew ir-rekwiżiti tal-"Kaxxa Blu" stipulati fl-Artikolu 6.5 tiegħu, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-interventi ppjanati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għal dawk it-tipi ta' intervent ikomplu jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti. "B'mod partikolari, jenħtieġ li l-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton taħt dan ir-Regolament jibqa' mfassal biex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-"Kaxxa Blu".

(39) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-interventi, inkluż l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu, jikkonformaw mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni. Dan jinkludi r-rekwiżiti tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka fuq iż-żrieragħ żejtnin skont il-GATT[1], kif applikabbli sussegwentement għal bidliet fiż-żona bażi separata tal-Unjoni għaż-żrieragħ żejtnin wara bidliet fil-kompożizzjoni tal-Unjoni.

---

1 ĠU L 147, 18.6.1993, p. 26.

(40) L-informazzjoni dwar, u l-valutazzjoni ta', il-prestazzjoni tal-PAK abbażi tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ser jitqiesu fil-valutazzjonijiet regolari mill-Kummissjoni tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli, stabbiliti abbażi tal-Aġenda għal Żvilupp Sostenibbli 2030.

(41) Filwaqt li tkompli tibni fuq is-sistema preċedenti ta' kundizzjonalità implimentata sal-2022, is-sistema tal-kundizzjonalità ġdida torbot il-ħlas sħiħ tal-appoġġ tal-PAK mal-konformità tal-bdiewa u ta' benefiċjarji oħra ma' standards bażiċi rigward l-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u t-trattament xieraq tal-annimali. L-istandards bażiċi jinkludu f'forma simplifikata lista ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs) u standards ta' kondizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (standards tal-KAAT). Dawk l-istandards bażiċi jenħtieġ li jqisu aħjar l-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-arkitettura ambjentali l-ġdida tal-PAK, u b'hekk jagħtu ambizzjoni ambjentali u klimatika ta' livell ogħla kif imniżżel fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" u l-QFP għas-snin 2021 sa 2027, stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[1].

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

(42) Il-kundizzjonalità għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'għarfien aħjar min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa li jiġu ssodisfati dawk l-istandards bażiċi. Għandha l-għan ukoll li tagħmel lill-PAK aktar kompatibbli mal-aspettattivi tas-soċjetà permezz tat-titjib tal-konsistenza tal-PAK mal-objettivi dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u t-trattament xieraq tal-annimali. Jenħtieġ li l-kundizzjonalità tifforma parti integrali tal-arkitettura ambjentali tal-PAK, bħala parti mil-linja bażi għal impenji marbuta mal-ambjent u mal-klima aktar ambizzjużi, u jenħtieġ li tkun applikata b'mod komprensiv fl-Unjoni kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġu applikati penali proporzjonali, effettivi u dissważivi f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/...[+] għal dawk il-bdiewa u benefiċjarji oħra li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

(43) Il-qafas tal-istandards tal-KAAT għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, jindirizza l-isfidi marbuta mal-ilma, il-protezzjoni u l-kwalità tal-ħamrija u l-protezzjoni u l-kwalità tal-bijodiversità. Il-qafas jeħtieġ jissaħħaħ sabiex iqis b'mod partikolari l-prattiki stabbiliti sal-2022 skont l-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tittejjeb is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-bijodiversità. Huwa rikonoxxut li kull standard tal-KAAT jikkontribwixxi għall-kisba ta' diversi objettivi. Sabiex jiġi implimentat il-qafas, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu standard nazzjonali għal kull wieħed mill-istandards stabbilit fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żona kkonċernata, inkluż il-kondizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima, il-kondizzjonijiet eżistenti tal-biedja, il-prattiki tal-biedja, id-daqs tal-azjendi agrikoli u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli, l-użu tal-art, u l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu standards nazzjonali oħrajn relatati mal-objettivi prinċipali tal-istandards tal-KAAT sabiex itejbu l-attwazzjoni fil-livell ta' ambjent u ta' klima tal-qafas tal-istandards tal-KAAT. Minħabba l-prattiki eżistenti skont is-sistema tal-biedja organika, jenħtieġ li ma jiġi impost l-ebda rekwiżit ieħor fuq il-bdiewa organiċi fir-rigward tan-newba tal-għelejjel. Barra minn hekk, fir-rigward tal-istandards dwar in-newba tal-għelejjel u s-sehem minimu tar-raba' li jinħadem għall-bijodiversità, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jqisu ċertu eċċezzjonijiet biex jiġi evitat piż eċċessiv fuq l-azjendi agrikoli żgħar jew biex jiġu esklużi xi azjendi agrikoli li diġà jkunu ssodisfaw l-objettiv tal-istandards tal-KAAT minħabba li parti sinifikanti minnhom tkun bur permanenti, tkun raba' mistrieħ jew tkun b'għelejjel tal-legumi. Jenħtieġ ukoll li tiġi prevista eċċezzjoni għar-rekwiżit tal-bijodiversità tas-sehem minimu ta' raba' li jinħadem fil-każ ta' Stati Membri b'kisja predominanti ta' foresti.

(44) L-SMRs jeħtieġ li jkunu implimentati bis-sħiħ mill-Istati Membri sabiex isiru operattivi fil-livell tal-azjendi agrikoli u sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-bdiewa. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tar-regoli dwar il-kundizzjonalità fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-politika, jenħtieġ li l-SMRs jinkludu l-leġiżlazzjoni ewlenija tal-Unjoni dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u t-trattament xieraq tal-annimali, kif implimentata fil-livell nazzjonali, li timponi obbligi preċiżi għall-bdiewa individwali u benefiċjarji oħrajn, inkluż l-obbligi skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[1] u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] jew id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[3]. Sabiex tagħti segwitu lid-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill mehmuża mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] jenħtieġ li jiġu nklużi bħala SMRs fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità u l-lista tal-istandards tal-KAAT jenħtieġ li tiġi adatta kif meħtieġ.

---

1 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

2 Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Id-Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

5 Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

6 Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

(45) Sabiex jingħata kontribut għall-iżvilupp ta' agrikoltura soċjalment sostenibbli permezz ta' sensibilizzazzjoni aħjar, min-naħa tal-benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK, tal-istandards tal-impjiegi u dawk soċjali, jenħtieġ li jiġi introdott mekkaniżmu ġdid li jintegra t-tħassib soċjali.

(46) Mekkaniżmu bħal dan għandu jorbot il-ħlas sħiħ tal-pagamenti diretti tal-PAK kif ukoll il-pagamenti għal impenji ta' ġestjoni ambjentali, marbuta mal-klima u impenji oħrajn ta' ġestjoni, il-pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona u l-pagamenti għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji mal-konformità tal-bdiewa u ta' benefiċjarji oħra mal-istandards bażiċi li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg għall-ħaddiema tal-azjendi agrikoli u s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari ċerti standards skont id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE[1] u d-Direttivi 2009/104/KE[2] u (UE) 2019/1152[3] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sal-2025, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-fattibbiltà tal-inklużjoni tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u, jekk ikun xieraq, jenħtieġ li tipproponi leġiżlazzjoni għal dak il-għan.

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

[2] Id-Direttiva 2009/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sikurezza u ta' saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 260, 3.10.2009, p. 5)

[3] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1).

(47) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu applikati penali proporzjonali, effettivi u dissważivi f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/...[+] għal bdiewa u benefiċjarji oħra li ma jikkonformawx ma' dawk l-istandards. Minħabba l-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja, mhuwiex possibbli li jiġu imposti fuq is-sistemi ġudizzjarji rekwiżiti speċifiċi dwar kif isiru d-deċiżjonijiet u l-kundanni għajr dak li hu previst fil-leġiżlazzjoni li fuqha huma bbażati dawk id-deċiżjonijiet u kundanni.

(48) Meta jiġi stabbilit il-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità soċjali, sabiex jiġi rispettat id-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi soċjali u tax-xogħol tagħhom, jenħtieġ li jitqiesu l-oqfsa nazzjonali differenti. Għalhekk, jenħtieġ li jitqiesu l-għażla tal-Istat Membru dwar il-metodi ta' infurzar, in-negozjati kollettivi u r-rwol tas-sħab soċjali, inkluż, fejn applikabbli, fl-implimentazzjoni tad-direttivi fil-qasam soċjali u tal-impjiegi. Il-mudelli tas-suq tax-xogħol nazzjonali u l-awtonomija tas-sħab soċjali jenħtieġ li jiġu rispettati. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jimponi l-ebda obbligu fuq is-sħab soċjali jew fuq l-Istati Membri rigward l-infurzar jew il-kontrolli f'oqsma li skont il-mudelli tas-suq tax-xogħol nazzjonali huma r-responsabbiltà tas-sħab soċjali.

(49) Minħabba l-kumplessità tal-istabbiliment ta' sistemi fil-livell nazzjonali li jirrispettaw l-awtonomija u l-ispeċifiċità tas-sistemi nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jimplimentaw il-kundizzjonalità soċjali f'data aktar tard iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

(50) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli li jkunu mfassla apposta għad-diversi tipi ta' produzzjoni bl-iskop li jittejbu l-ġestjoni sostenibbli u l-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi agrikoli u tan-negozji rurali, filwaqt li jkopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali, li jiġi identifikat it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-miżuri kollha fil-livell tal-azjendi agrikoli previsti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, inkluża d-diġitalizzazzjoni. Jenħtieġ li is-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli jgħinu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-appoġġ tal-PAK biex isiru aktar konxji tar-relazzjoni bejn il-ġestjoni tal-azjenda agrikola u l-ġestjoni tal-art minn naħa, u ċerti standards, rekwiżiti u informazzjoni inkluż dawk ambjentali u klimatiċi, min-naħa l-oħra. Il-lista ta' dawn tal-aħħar tinkludi standards li japplikaw, jew huma neċessarji, għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra tal-PAK, inkluż il-kooperattivi, u li jinsabu fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, kif ukoll dawk li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, dwar il-ġestjoni tan-nutrijenti kif ukoll l-inizjattivi għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi. Jenħtieġ li jkun hemm disponibbli pariri dwar il-ġestjoni tar-riskji u l-appoġġ għall-innovazzjoni għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti li qed ifiġġu tal-gruppi operazzjonali tal-EIP, filwaqt li jadottaw u jagħmlu użu minn ideat innovattivi fil-livell bażiku. Sabiex tissaħħaħ il-kwalità u l-effettività tal-pariri, jenħtieġ li l-Istati Membri jintegraw il-konsulenti u n-networks ta' konsulenza kollha pubbliċi u privati fis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), sabiex ikunu jistgħu jagħtu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni.

(51) Sabiex jiġu appoġġati kemm il-prestazzjoni agronomika kif ukoll dik ambjentali tal-azjendi agrikoli, l-informazzjoni dwar il-ġestjoni tan-nutrijenti, b'enfasi fuq in-nitroġenu u l-fosfat li huma n-nutrijenti li minn perspettiva ambjentali jistgħu joħolqu sfidi partikolari u għalhekk jistħoqqilhom attenzjoni partikolari, jenħtieġ li tiġi pprovduta bl-għajnuna ta' Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli elettronika apposta li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa individwali. Jenħtieġ li l-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli tagħti appoġġ għad-deċiżjonijiet fl-azjendi agrikoli. Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti bejn il-bdiewa u fl-Unjoni kollha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil tal-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli.

(52) Sabiex il-bdiewa jiġu infurmati u jingħataw pariri aħjar dwar l-obbligi tagħhom lejn il-ħaddiema tagħhom fir-rigward tad-dimensjoni soċjali tal-PAK, jenħtieġ li s-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli jinfurmaw bil-miktub dwar ir-rekwiżiti li tingħata l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2019/1152 u dwar l-istandards tas-saħħa u s-sikurezza li huma applikabbli fl-azjendi agrikoli.

(53) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni aktar ġusta tal-appoġġ għall-introjtu, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jillimitaw jew inaqqsu l-ammonti tal-pagamenti diretti 'l fuq minn ċertu limitu massimu u l-prodott jenħtieġ li jew jintuża għall-pagamenti diretti diżakkoppjati u bi prijorità għall-appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà, jew jiġi trasferit lill-FAEŻR. Sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq l-impjieg, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu l-manodopera meta japplikaw il-mekkaniżmu.

(54) Sabiex jiġi evitat il-piż amministrattiv eċċessiv ikkawżat mill-ġestjoni ta' għadd kbir ta' pagamenti ta' ammonti żgħar u biex jiġi żgurat kontribut effettiv tal-appoġġ għall-kisba tal-objettivi tal-PAK li għalihom jikkontribwixxu l-pagamenti diretti, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti f'termini ta' erja minima jew ammont minimu relatat mal-appoġġ biex jirċievu pagamenti diretti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħtu appoġġ għall-introjtu relatat mal-annimali li jitħallas għal kull annimal, jenħtieġ li dejjem jistabbilixxu livell limitu f'termini ta' ammont minimu biex jevitaw li jippenalizzaw lill-bdiewa, li huma eliġibbli għal dan l-appoġġ, iżda li l-erja tagħhom tkun taħt il-livell limitu. Minħabba l-istruttura agrikola speċifika ħafna fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew, jenħtieġ li l-Greċja tkun tista' tiddeċiedi jekk għandhiex tapplika xi limitu minimu f'dik iż-żona.

(55) Meta titqies l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-bdiewa fl-għodod għall-ġestjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jassenjaw ċertu perċentwal ta' pagamenti diretti biex jappoġġaw il-kontribuzzjonijiet tal-bdiewa għal għodod bħal dawn.

(56) Sabiex jiġi garantit livell minimu ta' appoġġ għall-introjtu agrikolu għall-bdiewa attivi kollha, kif ukoll għall-konformità mal-objettiv li jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola stipulat fl-Artikolu 39(1), punt (b), TFUE, jenħtieġ li jiġi stabbilit pagament diżakkoppjat annwali abbażi tal-erja bħala t-tip ta' intervent "appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà". Sabiex dak l-appoġġ jiġi mmirat aħjar, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ammonti ta' pagament jiġu differenzjati, għal kull grupp ta' territorji, abbażi tal-kondizzjonijiet soċjo-ekonomiċi jew agronomiċi, jew li jitnaqqsu b’kont meħud ta’ interventi oħra. Bil-għan li jiġu evitati effetti li jfixklu l-introjtu tal-bdiewa, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jimplimentaw l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà abbażi tal-intitolamenti għall-pagamenti. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-valur tal-intitolamenti għall-pagamenti qabel kwalunkwe konverġenza jkun proporzjonali għall-valur tagħhom kif stabbilit skont l-iskemi ta' pagament bażiku skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013, filwaqt li jitqiesu l-pagamenti għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jiksbu aktar konverġenza sabiex ikomplu jimxu progressivament lil hinn mill-valuri storiċi.

(57) Meta jiġu pprovduti pagamenti diretti diżakkoppjati bbażati fuq is-sistema tal-intitolamenti għal pagament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jamministraw riżerva jew riżervi nazzjonali għal kull grupp ta' territorji. Riżervi bħal dawn jenħtieġ li jintużaw, bħala kwistjoni ta' prijorità, għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda. Huma meħtieġa wkoll regoli dwar l-użu u t-trasferimenti tal-intitolamenti għal pagament biex jiġi garantit funzjonament bla xkiel tas-sistema.

(58) L-azjendi agrikoli żgħar jibqgħu l-qofol tal-agrikoltura tal-Unjoni billi jaqdu rwol kruċjali fl-appoġġ tal-impjiegi rurali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp territorjali. Sabiex tiġi promossa distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-appoġġ u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji ta' ammonti żgħar, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jfasslu intervent speċifiku għall-bdiewa b'azjendi żgħar li jissostitwixxu l-interventi l-oħra ta' pagamenti diretti. Sabiex dak l-appoġġ jiġi mmirat aħjar, jenħtieġ li tkun tista' ssir differenzjar tal-pagamenti. Sabiex il-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar ikunu jistgħu jagħżlu s-sistema li hija l-aktar adattata għall-ħtiġijiet tagħhom, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni tal-bdiewa fl-intervent tkun fakultattiva.

(59) Minħabba l-bżonn magħruf għall-promozzjoni viżibbli u li tista' titkejjel ta' appoġġ aktar bilanċjat għall-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà u jiddedikaw mill-anqas 10 % tal-pakkett ta' pagamenti diretti għal tali appoġġ. Sabiex jippermettu li dan l-appoġġ komplementari jiġi mmirat aħjar u fid-dawl tad-differenzi fl-istrutturi tal-azjendi agrikoli madwar l-Unjoni huma rikonoxxuti, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jipprevedu ammonti differenti tal-appoġġ komplementari għal firxiet differenti ta' ettari kif ukoll li jiddifferenzjaw l-appoġġ skont il-livell reġjonali jew skont l-istess gruppi ta' territorji kif jinsab fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà.

(60) Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jipprevedu distribuzzjoni mmirata tal-pagamenti diretti u li jsaħħu l-appoġġ għall-introjtu għal dawk li l-aktar għandhom bżonnu. Diversi strumenti disponibbli għall-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-kisba ta’ dak l-objettiv, inkluż limiti massimi u digressività, kif ukoll interventi bħall-appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà u l-pagament għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar. Jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tingħata ħarsa ġenerali tal-isforzi tal-Istati Membri f'dak ir-rigward. Abbażi tal-ħtiġijiet f'termini ta' distribuzzjoni aktar ġusta tal-pagamenti diretti, inkluż il-ħtiġijiet ibbażati fuq struttura speċifika tal-azjendi agrikoli, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu jew l-applikazzjoni ta' pagament ridistributtiv obbligatorju u l-perċentwal minimu korrispondenti, jew għal miżuri xierqa oħra, inkluż il-pagament ridistributtiv b'perċentwal aktar baxx.

(61) Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' attività ekonomika ġdida fis-settur agrikolu minn bdiewa żgħażagħ finanzjarjament mhix faċli u tikkostitwixxi element li jenħtieġ li jitqies waqt it-tfassil tal-istrateġija ta' intervent fl-allokazzjoni u fil-mira tal-pagamenti diretti. Dak l-iżvilupp huwa essenzjali għall-kompetittività tas-settur agrikolu fl-Unjoni, u, għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ. Dak it-tip ta' intervent jenħtieġ li jipprovdi introjtu addizzjonali lill-bdiewa żgħażagħ wara t-twaqqif inizjali tal-azjenda. Abbażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu dwar metodu ta' kalkolu għall-pagament, jew għal kull ettaru jew bħala somma f'daqqa, u possibbilment limitat għal għadd massimu ta' ettari. Peress li dan jenħtieġ li jkopri biss il-perijodu inizjali tal-ħajja tan-negozju, pagament bħal dan jenħtieġ li jingħata biss għal perijodu ta' żmien massimu wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna u ftit wara t-twaqqif inizjali tal-azjenda. Fejn it-tul ta' żmien tal-pagament imur lil hinn mis-sena 2027, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li ma tinħoloq l-ebda aspettattiva legali tal-benefiċjarji għall-perijodu wara dik is-sena.

(62) Jenħtieġ li l-PAK tiżgura li l-Istati Membri jtejbu r-riżultati ambjentali billi jirrispettaw il-ħtiġijiet lokali u ċ-ċirkostanzi reali tal-bdiewa. Skont il-pagamenti diretti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu ekoskemi li huma volontarji għall-bdiewa, u li jenħtieġ li jkunu koordinati bis-sħiħ mal-interventi rilevanti l-oħra. Dawn jenħtieġ li jiġu ddeterminati mill-Istati Membri bħala pagament li jingħata jew bħala inċentiv jew remunerazzjoni għall-provvista ta' beni pubbliċi mill-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-ambjent u l-klima, jew bħala kumpens talli twettqu dawk il-prattiki. Fiż-żewġ każijiet, jenħtieġ li l-għan tagħhom ikun li tissaħħaħ il-prestazzjoni marbuta mal-ambjent u l-klima tal-PAK u konsegwentement jenħtieġ li jkunu maħsuba li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji diġà preskritti mis-sistema ta' kundizzjonalità.

(63) Sabiex jiżguraw l-effiċjenza, jenħtieġ li l-ekoskemi, bħala regola ġenerali, ikopru mill-inqas żewġ oqsma ta' azzjoni għall-klima, l-ambjent, it-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi. Għall-istess skop, filwaqt li jenħtieġ li l-kumpens ikun ibbażat fuq l-ispejjeż imġarrba, fuq it-telf ta' introjtu u fuq l-ispejjeż ta' tranżazzjoni li jirriżultaw mill-impenji għall-prattiki agrikoli, waqt li jitqiesu l-miri skont l-ekoskemi, il-pagamenti b'żieda mal-appoġġ bażiku għall-introjtu jeħtieġ li jirriflettu l-livell ta' ambizzjoni tal-impenji għall-prattiki. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu ekoskemi għal prattiki agrikoli mwettqa minn bdiewa fuq żoni agrikoli, b'mod partikolari attivitajiet agrikoli iżda wkoll ċerti prattiki li jmorru lil hinn mill-attivitajiet agrikoli. Dawk il-prattiki jistgħu jinkludu l-ġestjoni aħjar ta' mergħat permanenti u ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tixrib mill-ġdid ta' torbiera, il-kultivazzjoni tal-għadajjar u l-biedja organika.

(64) Il-biedja organika, irregolata mir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], hija sistema ta' biedja li għandha l-potenzjal li tagħti kontribut sostanzjali għall-kisba ta' diversi objettivi speċifiċi tal-PAK u b'mod partikolari għall-objettivi speċifiċi tagħha marbuta mal-ambjent u mal-klima. Billi l-biedja organika tħalli effetti pożittivi fuq l-ambjent u l-klima, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu b'mod partikolari jqisu l-biedja organika meta jistabbilixxu ekoskemi għall-prattiki agrikoli u, f'dak il-kuntest, jivvalutaw il-livell ta' appoġġ meħtieġ għar-raba' ġestit skont skema ta' biedja organika.

(65) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jistabbilixxu ekoskemi bħala "skemi fil-livell tal-bidu" bħala kondizzjoni għall-bdiewa sabiex jieħdu impenji aktar ambizzjużi rigward l-ambjent, il-klima u t-trattament xieraq tal-annimali taħt l-iżvilupp rurali. Biex jiżguraw is-simplifikazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistabbilixxu ekoskemi mtejba. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jistabbilixxu ekoskemi għall-appoġġ ta' prattiki dwar it-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi.

(66) Sabiex jiġi żgurat livell ta' kondizzjonijiet ekwivalenti bejn il-bdiewa, jenħtieġ li tiġi stabbilita allokazzjoni massima għall-appoġġ akkoppjat għall-introjtu taħt il-pagamenti diretti li l-Istati Membri huma permessi jagħtu sabiex itejbu l-kompetittività, is-sostenibbiltà jew il-kwalità f'ċerti setturi u produzzjonijiet li huma partikolarment importanti għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi jew ambjentali u li jiltaqgħu minn ċerti diffikultajiet. Meta jfasslu dawk l-interventi, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-suq intern.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

(67) Peress li huwa magħruf sew li l-produzzjoni tal-għelejjel li fihom l-proteini qed tiltaqa’ ma’ diffikultajiet serji fl-Unjoni, ma hemmx bżonn li dawn id-diffikultajiet jintwerew fil-każ ta' interventi ta' appoġġ akkoppjati għall-introjtu mmirati lejn dawk l-għelejjel. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw parti addizzjonali tal-limitu massimu finanzjarju tagħhom disponibbli għall-pagamenti diretti biex jagħtu l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu speċifikament għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini sabiex jitnaqqas id-defiċit tal-Unjoni f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġaw taħlita ta’ legumi u ħaxix taħt appoġġ akkoppjat għall-introjtu dment li l-legumi jibqgħu predominanti fit-taħlita.

(68) Skont l-objettivi li jinsabu fil-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton, mehmuż mal-Att ta' Adeżjoni tal-1979, huwa meħtieġ li jitkompla "pagament speċifiku għall-għelejjel" għal kull ettaru eliġibbli marbut mal-kultivazzjoni tal-qoton, kif ukoll l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet interprofessjonali fir-reġjuni li jipproduċu l-qoton. Madankollu, peress li l-allokazzjoni baġitarja għall-qoton hija fissa u ma tistax tintuża għal skopijiet oħra u billi l-implimentazzjoni ta' dak il-pagament speċifiku għall-għelejjel jkollu bażi legali fit-Trattati, il-pagament għall-qoton jenħtieġ li ma jkunx parti mill-interventi approvati fil-Pjan Strateġiku tal-PAK u jenħtieġ li ma jkunx soġġett għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni u għar-rieżami tal-prestazzjoni. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi kif ukoll derogi minn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2021/...+ skont dan. Għal raġunijiet ta' konsistenza, huwa xieraq li jsir hekk f'dan ir-Regolament.

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

(69) Huma meħtieġa tipi ta' intervent f'ċerti setturi biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-PAK u jsaħħu s-sinerġiji ma' strumenti oħra tal-PAK. F'konformità mal-mudell ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti minimi dwar il-kontenut u l-objettivi għat-tali tipi ta' intervent f'ċerti setturi jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti fis-suq intern u jiġu evitati kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ugwali u inġusta. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw l-inklużjoni tagħhom fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jiżguraw il-konsistenza ma' interventi oħra fuq il-livell settorjali. It-tipi wiesgħa ta' intervent li jridu jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti għas-setturi tal-frott u l-ħxejjex, l-inbid, il-prodotti tal-apikultura, iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda u tal-ħops, kif ukoll għal setturi oħra fost is-setturi msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u s-setturi li jkopru l-prodotti li jridu jiġu elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament, li l-istabbiliment ta' interventi speċifiċi għalihom huwa meqjus li jħalli effetti ta' benefiċċju fuq il-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK, kollha jew xi wħud minnhom, ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, minħabba d-defiċit tal-Unjoni fuq il-proteini tal-pjanti u l-benefiċċji ambjentali li l-produzzjoni tagħhom iġġib magħha, jenħtieġ li l-legumi jiġu inklużi fost il-prodotti elenkati f'dak l-Anness filwaqt li tiġi rrispettata l-iskeda tad-WTO tal-UE dwar iż-żrieragħ żejtnin, u dawk il-benefiċċji jenħtieġ li jiġu promossi lill-bdiewa permezz, fost l-oħrajn, tas-servizz ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli.

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

(70) Il-pakketti finanzjarji nazzjonali jew limitazzjonijiet oħra fil-forma ta' limiti massimi huma meħtieġa sabiex tinżamm l-ispeċifiċità tal-interventi u tiffaċilita l-ipprogrammar tal-interventi għall-prodotti tal-apikultura, għall-inbid, għaż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, għall-ħops u għal setturi oħra li jridu jiġu definiti f'dan ir-Regolament. Madankollu, sabiex ma tiddgħajjifx il-kisba tal-objettivi tat-tipi ta' intervent fis-settur tal-frott u l-ħaxix, jenħtieġ li ma tkun tapplika l-ebda limitazzjoni finanzjarja f'konformità mal-approċċ attwali. Fejn l-Istati Membri jintroduċu appoġġ għal tipi ta' intervent f'setturi oħra fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, jenħtieġ li l-allokazzjoni finanzjarja korrispondenti titnaqqas mill-allokazzjonijiet għall-pagamenti diretti tal-Istat Membru kkonċernat sabiex tibqa' finanzjarjament newtrali. Meta Stat Membru jagħżel li ma jimplimentax l-interventi speċifiċi għas-settur tal-ħops jew għas-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, l-allokazzjoni relatati għal dak l-Istat Membru jenħtieġ li jkunu disponibbli bħala allokazzjonijiet addizzjonali għat-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti.

(71) Għall-interventi għall-iżvilupp rurali, il-prinċipji huma stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi biex l-Istati Membri japplikaw il-kriterji ta' għażla. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom diskrezzjoni wiesgħa biex jistipulaw kondizzjonijiet speċifiċi skont il-ħtiġijiet tagħhom. It-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali jinkludu pagamenti għall-impenji ta' ġestjoni ambjentali, marbuta mal-klima u impenji oħrajn ta' ġestjoni li l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw fit-territorji tagħhom kollha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu pagamenti lill-bdiewa u lill-ġestjonarji oħra tal-art li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ta' ġestjoni li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent inkluż il-kwalità u l-kwantità tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-ħamrija, il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema inkluż impenji volontarji f'Natura 2000 u appoġġ għad-diversità ġenetika. L-appoġġ skont il-pagamenti għall-impenji ta' ġestjoni jista' wkoll jingħata fil-forma ta' approċċi mmexxija lokalment, integrati jew kooperattivi u interventi bbażati fuq ir-riżultati.

(72) L-appoġġ għall-impenji ta’ ġestjoni jistgħu b'mod partikolari jinkludu premiums tal-biedja organika għall-konverżjoni ta' art f'art organika u għall-manutenzjoni tagħha. Jenħtieġ li l-Istati Membri, abbażi ta' analiżi fil-fond tagħhom tas-settur organiku u waqt li jqisu l-objettivi li beħsiebhom jiksbu fir-rigward tal-produzzjoni organika, iqisu l-biedja organika għall-impenji ta' ġestjoni skont il-bżonnijiet territorjali speċifiċi tagħhom, jallokaw l-appoġġ biex iżidu s-sehem tal-art agrikola ġestita skont skema ta' biedja organika u jiżguraw li l-baġits allokati jaqblu mat-tkabbir mistenni mill-produzzjoni organika. L-appoġġ għall-impenji ta' ġestjoni jista' jinkludi wkoll il-pagamenti għal tipi oħra ta' interventi li jappoġġaw sistemi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħall-agroekoloġija, l-agrikoltura ta' konservazzjoni u l-produzzjoni integrata; is-servizzi forestali ambjentali u klimatiċi u l-konservazzjoni tal-foresti; il-premiums għall-foresti u l-istabbiliment tas-sistemi tal-agroforestrija; it-trattament xieraq tal-annimali; Il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp ta' riżorsi ġenetiċi, b'mod partikolari permezz ta' metodi ta' tnissil tradizzjonali. Jenħtieġ li -Istati Membri jitħallew jiżviluppaw skemi oħra taħt dak it-tip ta' intervent abbażi tal-ħtiġijiet tagħhom. Jenħtieġ li dak it-tip ta' pagament ikopri biss l-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf li jirriżultaw mill-impenji li jmorru lil hinn mil-linja bażi tal-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni u fil-liġi nazzjonali, kif ukoll il-kundizzjonalità, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-impenji relatati ma' dak it-tip ta' intervent jistgħu jittieħdu għal perijodu annwali jew pluriennali prestabbilit u jmorru lil hinn minn seba' snin fejn dan ikun debitament ġustifikat.

(73) L-interventi tal-forestrija jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta’ Lulju 2021 intitolata “L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030” u, fejn xieraq, għat-twessigħ tal-użu tas-sistemi tal-agroforestrija. Jeħtieġ li jkunu bbażati fuq il-programmi nazzjonali u subnazzjonali tal-Istati Membri jew fuq strumenti ekwivalenti, li għandhom jibnu fuq l-impenji li joħorġu mir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u dawk magħmula mill-Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. L-interventi jenħtieġ li jkunu bbażati fuq pjanijiet ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti jew fuq strumenti ekwivalenti li debitament iqisu l-ħżin effettiv tal-karbonju u s-sekwestru mill-atmosfera waqt li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-bijodiversità u jistgħu jinkludu l-iżvilupp taż-żona tal-foresta u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż l-afforestazzjoni tal-art, il-prevenzjoni ta' nirien u l-ħolqien u r-riġenerazzjoni ta' sistemi tal-agroforestrija; il-protezzjoni, ir-restawr u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-adattament; l-investimenti biex jiġu garantiti u msaħħa l-konservazzjoni u reżiljenza tal-foresti, u l-provvista ta' servizzi dwar il-klima u l-ekosistema tal-foresti; u miżuri u investimenti għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli u tal-bijoekonomija.

(74) Sabiex jiġi żgurat introjtu ġust u settur agrikolu reżiljenti fit-territorju kollu tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jagħtu appoġġ lill-bdiewa f'żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona, fosthom żoni muntanjużi u gżejjer. Fir-rigward tal-pagamenti għaż-żoni b'restrizzjonijiet naturali jew b’restrizzjonijiet speċifiċi oħra, l-identifikazzjoni magħmula skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jenħtieġ li tibqa' tapplika.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

(75) Biex il-PAK tagħti valur miżjud imsaħħaħ tal-Unjoni fuq l-ambjent u ssaħħaħ is-sinerġiji tagħha mal-finanzjament tal-investimenti fin-natura u l-bijodiversità, jeħtieġ li jkun hemm miżura separata li l-mira tagħha tkun li l-benefiċjarji jiġu kkumpensati għall-iżvantaġġi relatati mal-implimentazzjoni ta' Natura 2000, stabbilita bid-Direttiva 92/43/KEE, u d-Direttiva/2000/60/KE. Għalhekk jenħtieġ li jibqa' jingħata l-appoġġ lill-bdiewa u lid-detenturi tal-foresti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżvantaġġi speċifiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE u sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti ta' Natura 2000. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-bdiewa biex jgħinhom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni tal-baċiri idrografiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE. L-appoġġ jenħtieġ li jkun marbut ma' rekwiżiti speċifiċi deskritti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-pagamenti lill-bdiewa ma jwasslux għal finanzjament doppju mal-ekoskemi waqt li jippermettu biżżejjed flessibbiltà fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK biex tiġi ffaċilitata l-komplementarjetà bejn interventi differenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali taż-żoni ta' Natura 2000 mill-Istati Membri fit-tfassil kumplessiv tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

(76) Jenħtieġ li l-objettivi tal-PAK jinkisbu wkoll permezz ta' appoġġ għall-investimenti, produttivi kif ukoll mhux produttivi, kemm fl-azjenda agrikola kif ukoll barra minnha. Investimenti bħal dawn jistgħu jikkonċernaw, fost l-oħrajn, l-infrastrutturi relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattament tal-agrikoltura u tal-forestrija għat-tibdil fil-klima, inkluż l-aċċess għall-art tal-azjendi agrikoli u tal-foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-prattiki agroforestali u l-provvista u l-iffrankar tal-enerġija u tal-ilma. Tista' tkopri wkoll investimenti fir-restawr ta' potenzjal agrikolu jew tal-forestrija wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi, inkluż nirien, maltemp, għargħar, pesti u mard. Sabiex tiġi żgurata aħjar il-konsistenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mal-objettivi tal-Unjoni, kif ukoll kondizzjonijiet ekwivalenti bejn l-Istati Membri, lista negattiva ta' suġġetti ta' investiment jenħtieġ li tkun inkluża f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-fondi disponibbli għall-investimenti bl-aħjar mod billi jallinjaw l-appoġġ għall-investimenti mar-regoli rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali.

(77) Il-bdiewa żgħażagħ b'mod partikolari għandhom bżonn li jimmodernizzaw l-azjendi agrikoli tagħhom sabiex jagħmluhom vijabbli fit-tul. Madankollu, huma ta' spiss jesperjenzaw dħul baxx matul l-ewwel snin ta' negozju. Għalhekk huwa importanti li l-Istati Membri jiffaċilitaw u jagħtu prijorità lill-interventi ta' investiment imwettqa minn bdiewa żgħażagħ. Għal dak il-għan, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu rati ogħla ta' appoġġ u kondizzjonijiet preferenzjali oħra għall-investimenti fl-azjendi tal-bdiewa żgħażagħ. Stat Membru jenħtieġ li jitħalla jżid l-appoġġ għall-investiment mogħti lill-azjendi agrikoli żgħar.

(78) Meta jipprovdu l-appoġġ għall-investiment, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu kont partikolari tal-objettiv trażversali tal-modernizzazzjoni tal-agrikoltura u taż-żoni rurali billi jitrawmu u jiġu kondiviżi l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u tiġi mħeġġa l-adozzjoni tagħhom. L-appoġġ għall-investiment fl-installazzjoni ta' teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali, bħall-investiment f'biedja ta' preċiżjoni, irħula intelliġenti, negozji rurali u infrastrutturi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, jenħtieġ li jiġi inkluż fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fid-deskrizzjoni tal-kontribut ta’ dawk il-pjanijiet għall-objettiv trasversali.

(79) Filwaqt li jitqies l-objettiv tal-Unjoni għal status tajjeb għall-korpi tal-ilma u l-bżonn li l-investimenti jkunu konformi ma' dak l-objettiv, huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli fir-rigward tal-appoġġ għall-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastrutturi tal-irrigazzjoni sabiex l-użu tal-ilma fl-agrikoltura ma jipperikolax dak l-objettiv.

(80) Billi hemm bżonn li tiġi indirizzata d-diskrepanza tal-investiment fis-settur agrikolu tal-Unjoni u sabiex jitjieb l-aċċess għall-finanzi għall-gruppi prijoritarji, b’mod partikolari għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda bi profili ta' riskju ogħla, jenħtieġ li jitħeġġu l-użu tal-garanzija tal-UE taħt InvestEU u taħlita ta' għotjiet u strumenti finanzjarji flimkien. Peress li l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha jvarja b'mod konsiderevoli bħala riżultat tad-differenza f'termini tal-aċċess għall-finanzi, l-iżvilupp tas-settur bankarju, il-preżenza ta' kapital ta' riskju, il-familjarità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-firxa potenzjali ta' benefiċjarji, jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistabbilixxu miri xierqa, benefiċjarji u kondizzjonijiet preferenzjali, u regoli ta' eliġibbiltà oħra possibbli.

(81) Il-bdiewa żgħażagħ, il-bdiewa ġodda u parteċipanti ġodda oħra għad għandhom quddiemhom ostakli sinifikanti rigward l-aċċess għall-art, prezzijiet għolja jew l-aċċess għall-kreditu. In-negozji tagħhom huma aktar mhedda mill-volatilità tal-prezzijiet kemm għall-inputs kif ukoll għall-prodotti u l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' taħriġ fil-ħiliet intraprenditorjali, il-prevenzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju huma għoljin. Għalhekk huwa essenzjali li jitkompla l-appoġġ għall-istabbiliment ta' negozji u ta' azjendi agrikoli ġodda. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jistabbilixxu kondizzjonijiet preferenzjali għal strumenti finanzjarji għal bdiewa żgħażagħ, bdiewa ġodda u parteċipanti ġodda oħra. L-ammont massimu tal-għajnuna għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u negozji ġodda rurali jenħtieġ li jiżdied sa EUR 100 000, li jista' jiġi aċċessat wkoll permezz ta' forma ta' appoġġ bi strument finanzjarju jew flimkien miegħu.

(82) Billi hemm bżonn li jiġu żgurati għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju, l-appoġġ lill-bdiewa biex jimmaniġġaw il-produzzjoni tagħhom u r-riskji għall-introjtu jenħtieġ li jinżamm u jitwessa' skont il-FAEŻR. B'mod speċifiku, il-premiums tal-assigurazzjoni u l-fondi mutwi, inkluż l-għodda għall-istabbilizzazzjoni tal-introjtu, jenħtieġ li jibqgħu possibbli, iżda l-appoġġ jenħtieġ li jkun disponibbli wkoll għal għodod oħra ta' ġestjoni tar-riskju. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tat-tipi kollha ta' għodda għall-ġestjoni tar-riskju jenħtieġ li jkopri r-riskji tal-produzzjoni jew tal-introjtu, kif ukoll ikunu jistgħu jiġu applikati għas-setturi agrikoli jew iż-żoni territorjali fejn meħtieġ. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw simplifikazzjonijiet proċedurali, bħad-dipendenza fuq indiċi għall-kalkolu tal-produzzjoni u tal-introjtu tal-bdiewa, waqt li jiġi żgurat livell ta' rispons tal-għodod li jkun xieraq għall-prestazzjoni individwali tal-bdiewa u jiġi evitat il-kumpens żejjed għat-telf.

(83) Jenħtieġ li l-appoġġ jippermetti l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni bejn mill-inqas żewġ entitajiet bil-għan li jintlaħqu l-objettivi tal-PAK. Jenħtieġ li jkun possibbli li tali appoġġ jinkludi l-aspetti kollha ta' kooperazzjoni bħal din, bħall-istabbiliment ta' skemi ta' kwalità u ta' attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni għal skemi ta' kwalità; azzjoni ambjentali u klimatika kollettiva; il-promozzjoni ta' katina ta' provvista qasira u swieq lokali; proġetti pilota; il-proġetti tal-grupp operazzjonali fi ħdan il-proġetti ta' żvilupp lokali tal-EIP, l-irħula intelliġenti, il-klabbs tax-xerrejja u l-assoċjazzjonijiet għall-użu kollettiv tal-makkinarju agrikolu; sħubijiet tal-azjendi agrikoli; pjanijiet tal-ġestjoni tal-foresti; networks u raggruppamenti; biedja soċjali; agrikultura appoġġata mill-komunità; azzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' LEADER; u l-istabbiliment ta' gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi, kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni li jitqiesu meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi tal-PAK.

(84) Huwa importanti li tiġi appoġġata t-tħejjija ta' ċertu tip ta' kooperazzjoni, b'mod partikolari għall-gruppi operazzjonali tal-EIP, gruppi ta' LEADER, u l-istrateġiji tal-irħula intelliġenti.

(85) Il-komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" ssemmi l-iskambju tal-għarfien u l-enfasi fuq l-innovazzjoni bħala objettiv trasversali għall-PAK il-ġdida. Il-PAK jenħtieġ li tkompli tappoġġa il-mudell ta' innovazzjoni interattiva, li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-atturi biex isir l-aħjar użu ta' għarfien komplementari bil-ħsieb ta' tixrid ta' soluzzjonijiet lesti għall-prattika. Is-servizzi ta' konsulenza tal-azjendi agrikoli jenħtieġ li jissaħħu fi ħdan l-AKIS. Il-Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni dwar kif il-konsulenti, ir-riċerkaturi u n-network nazzjonali tal-PAK ser jaħdmu flimkien. Kull Stat Membru jew reġjun, skont kif xieraq, sabiex tissaħħaħ l-AKIS tiegħu u f'konformità mal-approċċ strateġiku tal-AKIS tiegħu jenħtieġ li jkun jista' jiffinanzja għadd ta' azzjonijiet immirati lejn l-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni, kif ukoll jiffaċilita l-iżvilupp mill-bdiewa ta' strateġiji fil-livell tal-azjenda agrikola biex iżidu r-reżiljenza tal-azjenda agrikola tagħhom, billi jintużaw it-tipi ta' intervent żviluppati f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi strateġija għall-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali u għall-użu ta' dawk it-teknoloġiji biex juri kif id-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali ser tingħata spinta.

(86) Jenħtieġ li l-FAEG ikompli jiffinanzja t-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti u t-tipi ta' intervent f'ċerti setturi, filwaqt li l-FAEŻR jenħtieġ li jkompli jiffinanzja t-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali. Jenħtieġ li r-regoli għall-ġestjoni finanzjarji tal-PAK jiġu stabbiliti separatament għaż-żewġ fondi u għall-attivitajiet appoġġati minn kull wieħed minnhom, filwaqt li jitqies li l-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid jagħti aktar flessibbiltà u sussidjarjetà biex l-Istati Membri jilħqu l-objettivi tagħhom. It-tipi ta' intervent skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopru l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027.

(87) L-appoġġ għall-pagamenti diretti skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jingħata fil-limitu tal-allokazzjonijiet nazzjonali li jridu jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk l-allokazzjonijiet nazzjonali jenħtieġ li jirriflettu kontinwazzjoni tal-bidliet fejn l-allokazzjonijiet lill-Istati Membri bl-aktar livell baxx ta' appoġġ għal kull ettaru jiżdiedu b'mod gradwali biex jagħlqu 50 % tad-diskrepanza lejn 90 % tal-medja tal-Unjoni. Sabiex jitqies il-mekkaniżmu tat-tnaqqis tal-pagamenti u l-użu tal-prodott tiegħu fl-Istat Membru, l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi totali kull sena fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jaqbeż l-allokazzjoni nazzjonali.

(88) Sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-fondi tal-FAEŻR, jenħtieġ li tiġi stabbilita rata ta' kontribuzzjoni unika għall-appoġġ mill-FAEŻR b'rabta man-nefqa pubblika fl-Istati Membri. Sabiex jitqiesu l-importanza partikolari jew in-natura ta' ċerti tipi ta' operazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rati ta' kontribuzzjoni speċifiċi b'rabta magħhom. Sabiex jiġu mitigati r-restrizzjonijiet speċifiċi li jirriżultaw mil-livell ta' żvilupp, mid-distanza jew l-insularità tagħhom, jenħtieġ li tiġi stabbilita rata ta' kontribuzzjoni xierqa tal-FAEŻR għar-reġjuni inqas żviluppati, għar-reġjuni ultraperiferiċi, u għall-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew, u għar-reġjuni ta’ tranżizzjoni.

(89) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi għall-kategorizzazzjoni tar-reġjuni u ż-żoni fil-livell tal-Unjoni għall-appoġġ mill-FAEŻR. Għal dak il-għan, l-identifikazzjoni tar-reġjuni u ż-żoni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. L-aħħar klassifikazzjonijiet u data jenħtieġ li jintużaw biex jiġi żgurat appoġġ adegwat, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati reġjuni li waqgħu lura u d-disparitajiet interreġjonali fi Stat Membru.

(90) Jenħtieġ li l-FAEŻR ma jipprovdix appoġġ għall-investimenti li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Għalhekk huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti għadd ta' regoli ta' esklużjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-FAEŻR ma jiffinanzjax l-investimenti fl-irrigazzjoni li ma jikkontribwux lejn il-kisba, jew il-preservazzjoni tal-istatus tajjeb tal-korp tal-ilma jew korpi tal-ilma assoċjati, u jenħtieġ li ma jiffinanzjax l-investimenti fl-afforestazzjoni li mhumiex konsistenti mal-objettivi ambjentali u marbuta mal-klima f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

(91) Għall-fini li jiġi żgurat finanzjament xieraq għal ċerti prijoritajiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-allokazzjonijiet finanzjarji minimi u massimi għal dawn il-prijoritajiet. L-Istati Membri jenħtieġ li b'mod partikolari jirriżervaw mill-inqas ammont li jikkorrispondi għal 3 % tal-pakkett tal-pagamenti diretti annwali tagħhom qabel kwalunkwe trasferiment għal interventi mmirati lejn it-tiġdid ġenerazzjonali. Interventi bħal dawn jistgħu jinkludu appoġġ imtejjeb għall-introjtu u appoġġ għall-istabbiliment. Meta titqies l-importanza tal-appoġġ għall-investiment għall-bdiewa żgħażagħ biex l-azjendi agrikoli tagħhom isiru vijabbli fit-tul u biex is-settur isir aktar attraenti, sehem min-nefqa għall-interventi ta' investiment b'rata ogħla ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ jenħtieġ li jgħodd ukoll għall-ammont minimu li għandu jiġi riżervat għall-kontribuzzjoni għall-kisba tal-objettiv speċifiku li jiġu attirati u sostnuti l-bdiewa żgħażagħ u bdiewa ġodda u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju sostenibbli fiż-żoni rurali.

(92) Bil-għan li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed finanzjament disponibbli skont il-PAK biex jitwettqu l-objettivi marbuta mal-ambjent, il-klima u t-trattament xieraq tal-annimali f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni, ċertu sehem kemm tal-appoġġ mill-FAEŻR, inkluż l-investimenti, kif ukoll tal-pagamenti diretti jenħtieġ li jkun riżervat għal dawk l-għanijiet. Billi l-iskemi għall-klima, għall-ambjent u għat-trattament xieraq tal-annimali huma introdotti għall-ewwel darba taħt il-pagamenti diretti, jenħtieġ li jingħataw ċerti flessibbiltajiet f'termini ta' ppjanar u implimentazzjoni, b'mod partikolari fl-ewwel sentejn, biex l-Istati Membri u l-bdiewa jkunu jistgħu jiksbu esperjenza u jiżguraw implimentazzjoni bla xkiel u b'suċċess, filwaqt li jitqies ukoll il-livell tal-ambizzjonijiet marbuta mal-ambjent u l-klima skont il-FAEŻR. Bil-ħsieb li tiġi rispettata l-ambizzjoni ġenerali marbuta mal-ambjent u l-klima, din il-flessibbiltà jenħtieġ li tingħata qafas u tkun soġġetta għal kumpens f'ċerti limiti.

(93) L-approċċ LEADER għall-iżvilupp lokali ta prova tal-effettività tiegħu fil-promozzjoni tal-iżvilupp ta' żoni rurali billi qies b'mod sħiħ il-ħtiġijiet multisettorjali għal żvilupp rurali endoġenu permezz tal-approċċ tiegħu minn isfel għal fuq. Għaldaqstant jenħtieġ li LEADER jitkompla fil-futur u l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tibqa' obbligatorja b'allokazzjoni minima skont il-FAEŻR.

(94) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-PAK jenħtieġ li tikkontribwixxi lejn l-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi u lejn il-kisba ta' mira ġenerali fejn 30 % tan-nefqiet tal-baġit tal-Unjoni b'appoġġ għall-objettivi marbuta mal-klima. L-azzjonijiet skont il-PAK huma mistennija li jikkontribwixxu għal 40 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-PAK għall-kisba tal-objettivi marbuta mal-klima. L-azzjonijiet rilevanti jenħtieġ li jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, u jerġgħu jiġu vvalutati fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti.

(95) Fejn l-ammonti unitarji ma jkunux ibbażati fuq spejjeż reali jew introjtu mitluf, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-livell xieraq ta' appoġġ ibbażat fuq il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom. L-ammont unitarju xieraq jista' jkun firxa ta' ammonti unitarji xierqa minflok ammont unitarju wieħed uniformi jew medju. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu wkoll, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, ammont unitarju massimu jew minimu ġustifikat għal ċerti interventi mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet relatati mal-livell ta' pagamenti għall-interventi rilevanti.

(96) It-trasferiment tar-responsabbiltà lill-Istati Membri għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u għall-kisba tal-miri jmur id f'id ma' żieda fil-flessibbiltà biex jiġi stabbilit il-mod kif jintużaw flimkien it-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti, it-tipi ta' intervent f'ċertu setturi u t-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali. Dan jenħtieġ li jiġi appoġġat b'ċerta flessibbiltà biex jiġu aġġustati l-allokazzjonijiet nazzjonali rilevanti tal-fondi. Meta l-istima tal-Istati Membri għall-pakkett allokat minn qabel tkun baxxa wisq biex ikun hemm post għall-miżuri kollha maħsuba, ċertu livell ta' flessibbiltà huwa għalhekk ġustifikat, filwaqt li jiġu evitati fluttwazzjonijiet konsiderevoli fil-livell tal-appoġġ għall-introjtu dirett annwali kontra l-ammonti disponibbli għall-interventi pluriennali skont il-FAEŻR.

(97) Sabiex jissaħħaħ il-valur miżjud tal-Unjoni u biex jiġi ppreservat suq intern agrikolu li jiffunzjona, kif ukoll biex jinkisbu l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jieħdux deċiżjonijiet skont dan ir-Regolament b'mod iżolat iżda fil-qafas ta' proċess strutturat li jenħtieġ li jimmaterjalizza fi Pjan Strateġiku tal-PAK. Jenħtieġ li r-regoli minn fuq għal isfel tal-Unjoni jistabbilixxu l-objettivi speċifiċi tal-PAK fl-Unjoni kollha, it-tipi ta' intervent ewlenin, il-qafas ta' prestazzjoni u l-istruttura ta' governanza. Distribuzzjoni tal-kompiti bħal din għandha l-għan li tiżgura korrispondenza sħiħa bejn ir-riżorsi finanzjarji investiti u r-riżultati miksuba.

(98) Sabiex tiġi żgurata natura strateġika ċara ta' dawn il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, u biex jiġu ffaċilitati r-rabtiet ma' politiki oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari ma' miri nazzjonali stabbiliti fit-tul li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew mill-ftehimiet internazzjonali bħal dawk relatati mat-tibdil fil-klima, mal-foresti, mal-bijodiversità u mal-ilma, huwa xieraq li jenħtieġ li jkun hemm Pjan Strateġiku tal-PAK wieħed għal kull Stat Membru, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali u istituzzjonali tiegħu. Il-Pjan Strateġiku tal-PAK jista', fejn xieraq, jinkludi interventi reġjonalizzati.

(99) Fil-proċess ta' żvilupp tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri janalizzaw is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, jistabbilixxu miri marbuta mal-kisba tal-objettivi tal-PAK u jfasslu l-interventi li jippermettu l-ilħuq ta' dawk il-miri, filwaqt li jiġu adattati għall-kuntesti nazzjonali u reġjonali speċifiċi, inkluż dawk tar-reġjuni ultraperiferiċi. Proċess bħal dan jenħtieġ li jippromwovi aktar sussidjarjetà f'qafas komuni tal-Unjoni, filwaqt li l-konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u l-objettivi tal-PAK jenħtieġ li jiġu żgurati. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar l-istruttura u l-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

(100) Sabiex jiġi żgurat li l-istabbiliment tal-miri mill-Istati Membri u li t-tfassil tal-interventi huwa xieraq u li jagħti l-akbar kontribut għall-kisba tal-objettivi tal-PAK, huwa meħtieġ li l-istrateġija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tiġi bbażata fuq analiżi minn qabel tal-kuntesti lokali u valutazzjoni tal-ħtiġijiet b'rabta mal-objettivi tal-PAK. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jistgħu jirriflettu b'mod adegwat il-bidliet fil-kondizzjonijiet, fl-istrutturi (kemm interni kif ukoll esterni) u fis-sitwazzjonijiet tas-suq tal-Istati Membri u li jistgħu, għalhekk, ikunu aġġustati maż-żmien biex jirriflettu dan it-tibdil.

(101) Jenħtieġ li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ikollhom l-għan li jiżguraw koerenza msaħħa fost il-bosta għodod tal-PAK, peress li dawn jenħtieġ li jkopru t-tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti, it-tipi ta’ intervent f’ċertu setturi u t-tipi ta’ intervent għall-iżvilupp rurali. Jenħtieġ ukoll li jiżguraw u juru l-allinjament u l-adegwatezza tal-għażliet li jkunu għamlu l-Istati Membri għall-prijoritajiet u l-objettivi tal-Unjoni. F'dik il-perspettiva, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jinkludu ħarsa ġenerali u spjegazzjoni tal-għodod li jiżguraw distribuzzjoni aktar ġusta u appoġġ għall-introjtu b'miri aktar effettiva u effiċjenti. Għalhekk huwa xieraq li jkun fihom strateġija ta' intervent orjentata lejn ir-riżultati u strutturata fuq l-objettivi speċifiċi tal-PAK, inkluż miri kwantifikati b'rabta ma' dawk l-objettivi. Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ tagħhom fuq bażi annwali, huwa xieraq li dawk il-miri jkunu bbażati fuq l-indikaturi tar-riżultat.

(102) Jenħtieġ li din l-istrateġija ta’ intervent tenfasizza l-komplementarjetà kemm bejn l-għodod tal-PAK kif ukoll mal-politiki l-oħra tal-Unjoni. B'mod partikolari, kull Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jqis il-leġiżlazzjonijiet rilevanti dwar l-ambjent u l-klima, u jenħtieġ li jiġu deskritti l-pjanijiet nazzjonali li jirriżultaw minn dik il-leġiżlazzjoni bħala parti mill-analiżi tas-sitwazzjoni attwali ("analiżi SWOT"). Huwa xieraq li jiġu elenkati l-atti leġiżlattivi li jenħtieġ li jiġu msemmija b'mod speċifiku fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

(103) Minħabba li jenħtieġ li tingħata flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-għażla li parti mit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom tiġi ddelegata fil-livell reġjonali abbażi ta' qafas nazzjonali, sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni fost ir-reġjuni fl-indirizzar ta' sfidi madwar in-nazzjon kollu, huwa xieraq li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jipprovdu deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali.

(104) Peress li jenħtieġ li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jippermettu lill-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà tagħha għall-ġestjoni tal-baġit tal-Unjoni u tipprovdi lill-Istati Membri b'ċertezza legali dwar ċerti elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, huwa xieraq li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ikun fihom deskrizzjoni speċifika tal-interventi individwali, inkluż il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà, l-allokazzjonijiet baġitarji, l-outputs ippjanati u l-kostijiet ta' unità. Huwa meħtieġ pjan finanzjarju biex jagħti ħarsa ġenerali dwar l-aspetti baġitarji kollha u għal kull intervent, flimkien ma' pjan tal-miri.

(105) Sabiex jiġu żgurati l-bidu immedjat u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, l-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-eżistenza ta' kondizzjonijiet ta' qafas amministrattiv sod. Għalhekk jenħtieġ li kull Pjan Strateġiku tal-PAK jinkludi l-identifikazzjoni tal-istrutturi ta' governanza u ta' koordinazzjoni kollha tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż is-sistemi ta' kontrolli u ta' penali, u l-istruttura ta' monitoraġġ u ta' rappurtar.

(106) Meta titqies l-importanza tal-objettiv speċifiku li jiġu mmodernizzati l-agrikoltura u ż-żoni rurali, u minħabba n-natura trasversali tiegħu, huwa xieraq li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jinkludu deskrizzjoni dedikata tal-kontribut li dawk il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ser jagħti lill-kisba ta’ dak l-objettiv, inkluż il-kontribut tiegħu għat-tranżizzjoni diġitali.

(107) Fid-dawl tat-tħassib relatat mal-piż amministrattiv taħt ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li s-simplifikazzjoni tkun ukoll soġġetta għal attenzjoni speċifika fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

(108) Minħabba li mhuwiex xieraq li l-Kummissjoni tapprova informazzjoni li tista' titqies bħala informazzjoni ta’ sfond jew storika jew li tkun taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, jenħtieġ li ċerta informazzjoni tingħata bħala Annessi għall-Pjan Strateġiku tal-PAK.

(109) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Inter istituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[1], il-fondi tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu vvalutati abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati regolamentazzjoni żejda u piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Dawk ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-fondi fuq il-post.

(110) L-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK mill-Kummissjoni hija pass kruċjali biex jiġi żgurat li l-politika hija implimentata skont l-objettivi komuni. Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Istati Membri gwida xierqa dwar il-preżentazzjoni ta' loġiki ta' intervent koerenti u ambizzjużi.

(111) Huwa meħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà tal-ipprogrammar u r-reviżjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

---

1 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(112) Jenħtieġ li awtorità ta' ġestjoni nazzjonali tkun responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK u jenħtieġ li tkun l-ewwel punt ta' kuntatt għall-Kummissjoni. Madankollu, fejn elementi marbuta mal-politika tal-iżvilupp rurali jiġu trattati fuq bażi reġjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jkunu jistgħu jiddelegaw parti mill-kompiti tagħhom filwaqt li jżommu r-responsabbiltà għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni filwaqt li jiżguraw il-koerenza u l-konsistenza tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-koordinazzjoni bejn l-awtorità ta' ġestjoni nazzjonali u l-awtoritajiet ta’ ġestjoni reġjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li, fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f’konformità mar-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (UE) 2021/...[+].

(113) Ir-responsabbiltà għall-monitoraġġ tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li tinqasam bejn l-awtorità ta' ġestjoni nazzjonali u kumitat ta' monitoraġġ nazzjonali stabbilit għal dak il-għan. Jenħtieġ li l-kumitat ta' monitoraġġ nazzjonali jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-effettività tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Għal dak il-għan, jenħtieġ li r-responsabbiltajiet tiegħu jiġu speċifikati. Fejn il-Pjan Strateġiku tal-PAK ikun fih elementi li huma stabbiliti mir-reġjuni, jenħtieġ li l-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati jkunu jistgħu jistabbilixxu u jiffurmaw kumitati ta' monitoraġġ reġjonali. F'dak il-każ, ir-regoli dwar il-koordinazzjoni mal-kumitat ta’ monitoraġġ nazzjonali jenħtieġ li jiġu ċċarati.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

(114) Jenħtieġ li l-FAEŻR, permezz ta' assistenza teknika u fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jappoġġa l-azzjonijiet relatati mat-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/...+. Tista' tingħata wkoll assistenza teknika, fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, biex jitwettqu l-kompiti meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-appoġġ fir-rigward tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Żieda fl-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri hija disponibbli biss għall-Istati Membri li l-allokazzjoni tal-FAEŻR tagħhom mhijiex ogħla minn EUR 1,1 biljun. L-appoġġ tal-FAEŻR għall-assistenza teknika jenħtieġ li jqis iż-żieda fil-bini tal-kapaċità amministrattiva fir-rigward tas-sistemi l-ġodda ta' governanza u kontroll fl-Istati Membri.

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

(115) F'kuntest fejn l-Istati Membri ser ikollhom ħafna aktar flessibbiltà u sussidjarjetà fit-tfassil tal-interventi biex jiksbu objettivi komuni, in-networks huma għodda ewlenija għat-tmexxija u l-orjentazzjoni tal-politika u biex jippromwovu l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-bini tal-kapaċità għall-Istati Membri u atturi oħra. L-ambitu tal-attivitajiet ta' networking ser jiġi estiż mill-iżvilupp rurali biex jinkludi ż-żewġ pilastri tal-PAK. Network wieħed tal-PAK fil-livell tal-Unjoni għandu jiżgura koordinazzjoni aħjar bejn l-attivitajiet tan-networking fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali u dak reġjonali. In-networks Ewropej u nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jieħdu post in-Network Ewropew attwali għall-Iżvilupp Rurali u n-Network u n-Network EIP-AGRI fil-livell tal-Unjoni, u n-networks rurali nazzjonali, rispettivament. In-network Ewropew tal-PAK jenħtieġ li jikkontribwixxi kemm jista' jkun għall-attivitajiet tan-networks nazzjonali tal-PAK. In-networks jenħtieġ li jipprovdu pjattaforma għall-promozzjoni ta' aktar skambju tal-għarfien sabiex titjieb l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u jinqabdu r-riżultati u l-valur miżjud tal-politika fil-livell tal-Unjoni, inkluż il-politika ta' Orizzont Ewropa u l-proġetti tagħha b'atturi diversi. Fl-istess perspettiva tat-titjib tal-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni, l-EIP megħjun min-networks Ewropej u nazzjonali tal-PAK jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-mudell ta' innovazzjoni interattiv skont il-metodoloġija deskritta f'dan ir-Regolament.

(116) Kull Pjan Strateġiku tal-PAK jenħtieġ li jkun soġġett għal monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni u tal-progress lejn il-miri stabbiliti. Tali qafas ta' prestazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK jenħtieġ li jiġi stabbilit bl-iskop li jintwera l-progress u jiġu vvalutati l-impatt u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-politika.

(117) L-orjentazzjoni lejn ir-riżultati li jġib miegħu l-mudell ta' implimentazzjoni teħtieġ qafas ta' prestazzjoni b'saħħtu, b'mod partikolari billi l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ġenerali wiesgħa għal politiki oħra ġestiti b'mod konġunt. Politika bbażata fuq il-prestazzjoni timplika valutazzjoni annwali u pluriennali abbażi ta' outputs magħżula, indikaturi tar-riżultat u tal-impatt, kif definit fil-qafas ta' prestazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jingħażel sett limitat u mmirat ta' indikaturi b'mod li jirrifletti kemm jista' jkun jekk l-intervent appoġġat jikkontribwix għall-kisba tal-objettivi ppjanati. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-indikaturi marbuta mal-objettivi speċifiċi marbuta mal-ambjent u l-klima jkopru interventi li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-impenji li jirriżultaw mill-atti leġiżlattivi tal-Unjoni rilevanti.

(118) Bħala parti mill-qafas ta' prestazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jirrappurtaw il-progress li sar lill-Kummissjoni kull sena. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri hija l-bażi li fuqha jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi fil-perijodu kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, bl-użu ta' sett ewlieni ta' indikaturi għal dak l-iskop.

(119) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi fis-seħħ sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'każ li l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tiddevja b'mod sinifikanti mill-miri stabbiliti. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li l-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri li jippreżentaw pjanijiet ta' azzjoni fil-każ ta' prestazzjoni insuffiċjenti sinifikanti u mhux ġustifikata. Dan jista' jwassal għal sospensjonijiet u, fl-aħħar, tnaqqis tal-fondi tal-Unjoni jekk ir-riżultati ppjanati ma jinkisbux.

(120) Skont il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri, waqt li fejn rilevanti jiżguraw l-involviment tar-reġjuni fit-tfassil tal-pjan ta' valutazzjoni u fil-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-interventi reġjonali tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, ikunu responsabbli għall-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ li tkun responsabbli għas-sinteżi fil-livell tal-Unjoni tal-evalwazzjonijiet ex ante tal-Istati Membri u għat-twettiq tal-evalwazzjonijiet interim u ex post fil-livell tal-Unjoni.

(121) Sabiex tiżgura evalwazzjoni komprensiva u sinifikattiva tal-PAK fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddependi fuq l-indikaturi tal-kuntest u tal-impatt. Dawk l-indikaturi jenħtieġ li jkunu bbażati primarjament fuq sorsi ta' data stabbiliti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkooperaw biex jiżguraw u jtejbu aktar ir-robustezza tad-data meħtieġa għall-indikaturi tal-kuntest u tal-impatt.

(122) Meta tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-konsistenza u l-kontribut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti għall-leġiżlazzjoni u l-impenji ambjentali u tal-klima u, b'mod partikolari, għall-miri tal-Unjoni għall-2030 li jinsabu fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bl-isem "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" ("Strateġija mill-Għalqa sal-Platt") u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bl-isem "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" ("Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità").

(123) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa juru, permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, ambizzjoni ġenerali akbar meta mqabbla mal-passat fir-rigward tal-objettivi speċifiċi tal-PAK marbuta mal-ambjent u l-klima. Jenħtieġ li ambizzjoni bħal din titqies li tikkonsisti minn firxa ta' elementi relatati ma’, fost l-oħrajn, l-indikaturi tal-impatt, il-miri li jridu jintlaħqu skont l-indikaturi tar-riżultat, it-tfassil tal-interventi, l-implimentazzjoni maħsuba tas-sistema ta' kundizzjonalità, u l-ippjanar finanzjarju. Jenħtieġ li fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jintalbu jispjegaw kif qed juru l-ambizzjoni ġenerali akbar meħtieġa, b'referenza għad-diversi elementi rilevanti. Dik l-ispjegazzjoni jenħtieġ li tinkludi kontributi nazzjonali biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-2030 li jinsabu fl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità.

(124) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji rapport fil-qosor dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri biex tivvaluta l-isforz konġunt u l-ambizzjoni kollettiva tal-Istati Membri li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi tal-PAK fil-bidu tal-perijodu ta' implimentazzjoni, filwaqt li tqis il-miri tal-Unjoni għall-2030 li jinsabu fl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità.

(125) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tivvaluta t-tħaddim mill-Istati Membri tal-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid u l-kontributi magħduda flimkien tal-interventi stipulati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri biex jintlaħqu l-impenji tal-Unjoni marbuta mal-ambjent u l-klima, partikolarment dawk li jirriżultaw mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

(126) Jenħtieġ li l-Artikoli 107, 108 u 109 TFUE japplikaw għall-appoġġ tat-tipi ta’ intervent skont dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur agrikolu, dawk id-dispożizzjonijiet tat-TFUE jenħtieġ li ma japplikawx għat-tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti u t-tipi ta’ intervent għall-iżvilupp rurali li jikkonċernaw l-operazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE u li jitwettqu skont dan ir-Regolament u f'konformità miegħu, jew għal pagamenti magħmula mill-Istati Membri maħsuba biex jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali għat-tipi ta’ intervent għall-iżvilupp rurali li għalihom jingħata l-appoġġ tal-Unjoni u li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE.

(127) Sabiex jiġi evitat tnaqqis f'daqqa u sostanzjali fl-appoġġ f’ċerti setturi fl-Istati Membri li jkunu taw għajnuna nazzjonali tranżitorja fil-perijodu 2015-2022, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jitħallew jagħtu din l-għajnuna skont ċerti kondizzjonijiet u limitazzjonijiet. Meta titqies in-natura tranżitorja ta' dik l-għajnuna, huwa xieraq li titkompla l-eliminazzjoni gradwali tagħha billi jitnaqqsu gradwalment, fuq bażi annwali, il-pakketti finanzjarji speċifiċi għas-settur għal dik l-għajnuna.

(128) Id-data personali miġbura għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi pproċessata b'mod li huwa kompatibbli ma' dawk il-finijiet. Jenħtieġ li din ssir anonima meta tiġi pproċessata għall-finijiet ta' monitoraġġ jew evalwazzjoni, u tkun protetta skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Is-suġġetti tad-data jenħtieġ li jiġu infurmati dwar tali pproċessar u dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tad-data.

(129) Huma meħtieġa notifiki mill-Istati Membri biex jiġi applikat dan ir-Regolament, u għall-monitoraġġ, l-analiżi u l-ġestjoni tal-intitolamenti finanzjarji.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

2 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(130) Sabiex ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati jew emendati, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Inter istituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(131) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jiġu protetti d-drittijiet tal-bdiewa u jiġu ggarantiti kondizzjonijiet ekwivalenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti u l-indikaturi komuni, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament tal-indikaturi komuni relatati mal-output, ir-riżultat, l-impatt u l-kuntest biex jiġu indirizzati problemi tekniċi mal-implimentazzjoni tagħhom; u regoli fir-rigward tal-proporzjon tal-istandard 1 tal-KAAT.

(132) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jiġu protetti d-drittijiet tal-bdiewa u jiġi ggarantit funzjonament bla xkiel, koerenti u effiċjenti tat-tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli li jagħmlu l-għoti ta' pagamenti soġġett għall-użu ta' żerriegħa ċertifikata ta' ċerti varjetajiet ta' qanneb u l-proċedura għad-determinazzjoni tal-varjetajiet ta' qanneb u l-verifika tal-kontenut ta' tetraidrokannabinol tagħhom; ir-regoli li jistabbilixxu bażi armonizzata għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-pagamenti fil-qafas tal-limiti massimi u digressività; il-miżuri biex jiġi evitat li l-benefiċjarji tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu jbatu minn żbilanċi strutturali tas-suq f'settur, inkluż id-deċiżjoni li t-tali appoġġ jista' jkompli jitħallas sal-2027 abbażi tal-unitajiet ta' produzzjoni li għalihom ingħata f'perijodu referenzjarju fil-passat; ir-regoli u l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' art u ta' varjetajiet għall-finijiet ta' pagamenti speċifiċi għall-għelejjel tal-qoton u r-regoli dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' dak il-pagament u dwar ir-rekwiżiti ta’ eliġibbiltà u prattiċi agronomiċi relatati magħhom; ir-regoli fir-rigward tal-kriterji għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali u regoli li jirregolaw il-konsegwenzi fejn l-organizzazzjoni approvata interprofessjonali ma tissodisfax dawn il-kriterji u l-obbligi tal-produtturi.

(133) Sabiex jiġi żgurat li tipi ta’ intervent f'ċerti setturi jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-PAK u jsaħħu s-sinerġiji ma' strumenti oħra tal-PAK u sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti għas-suq intern u tiġi evitata l-kompetizzjoni mhux ugwali u inġusta, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' ċerti atti delegati tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' regoli għall-funzjonament tajjeb ta' tipi ta’ intervent f’ċertu setturi, tat-tip ta' nefqa li trid tiġi koperta u l-ispejjeż partikolari tal-amministrazzjoni u tal-persunal, tal-bażi għall-kalkolu tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni, inkluż il-perijodi ta' referenza u l-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata u tal-grad tal-organizzazzjoni tal-produtturi f'ċerti reġjuni, u tal-livell massimu tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għal ċerti interventi mmirati lejn il-prevenzjoni tal-kriżijiet fis-suq u lejn il-ġestjoni tar-riskju f'ċerti setturi; regoli għall-istabbiliment ta' limitu massimu għan-nefqa fuq it-tħawwil mill-ġdid tas-siġar tal-frott, siġar taż-żebbuġ jew tal-vinji; regoli li skonthom il-produtturi għandhom jirtiraw il-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, u dwar l-eċċezzjonijiet għal dak l-obbligu sabiex jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali u regoli għaċ-ċertifikazzjoni volontarja tad-distillaturi, u regoli għall-forma differenti ta' appoġġ u l-perijodu minimu ta' żmien li jistgħu jdumu l-investimenti appoġġati f'ċerti setturi kif ukoll dwar tal-finanzjament imħallat għal xi interventi fis-settur tal-inbid. B'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv u effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni għall-interventi fis-settur tal-apikultura, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċerti atti tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' rekwiżiti addizzjonali dwar l-obbligu ta' notifika u l-istabbiliment ta' kontribut minimu tal-Unjoni għan-nefqa biex jiġu implimentati dawk it-tipi ta’ intervent.

(134) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex jiġi garantit li l-interventi għall-iżvilupp rurali jiksbu l-objettivi tagħhom, is-setgħa tal-adozzjoni ta' ċerti atti jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-appoġġ għall-impenji ta’ ġestjoni rigward riżorsi ġenetiċi u t-trattament xieraq tal-annimali u għall-iskemi ta' kwalità.

(135) Sabiex jittieħed kont ta’ tibdil futur fl-allokazzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri jew biex jiġu indirizzati l-problemi esperjenzati mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati ċertu atti tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għat-tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti, li jimmodifikaw il-ponderazzjonijiet applikati għall-appoġġ abbażi tal-kontribuzzjoni ta’ dan għall-kisba tal-objettivi marbuta mat-tibdil tal-klima, u tar-regoli dwar il-kontenut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

(136) Sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-arranġamenti previsti fir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, is-setgħa tal-adozzjoni ta' ċerti atti jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-miżuri għall-protezzjoni ta' kwalunkwe dritt miksub u l-aspettattivi leġittimi tal-bdiewa.

(137) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta jew diskriminazzjoni bejn il-bdiewa, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu ddelegati lill-Kummissjoni rigward l-iffissar ta' żoni ta' referenza għall-appoġġ għaż-żrieragħ żejtnin, ir-regoli għall-awtorizzazzjoni tal-art u l-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel tal-qoton u n-notifiki relatati, il-kalkolu tat-tnaqqis meta l-erja eliġibbli tal-qoton taqbeż l-erja bażi, l-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-elementi li jridu jiġu inklużi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, il-kondizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni u r-reklamar relatati mal-possibbiltajiet offruti mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li jistabbilixxu l-istruttura organizzattiva u l-operat tan-network Ewropew tal-PAK, ir-regoli relatati mal-qafas ta' prestazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni, ir-regoli għall-preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni, ir-regoli dwar l-informazzjoni li trid tintbagħat mill-Istati Membri għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni mill-Kummissjoni u r-regoli dwar il-ħtiġijiet tad-data u s-sinerġiji bejn is-sorsi potenzjali tad-data, u r-regoli għall-operat ta’ sistema għall-iskambju sigur tad-data ta’ interess komuni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(138) Minħabba l-fatt li l-indikaturi diġà huma stabbiliti fl-Anness I għall-fini tal-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar annwali dwar il-prestazzjoni, l-adozzjoni ta' indikaturi oħra għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jenħtieġ li tiġi ppreżentata għal skrutinju addizzjonali mill-Istati Membri. Bl-istess mod, l-informazzjoni addizzjonali li l-Istati Membri huma rikjesti jipprovdu lill-Kummissjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jenħtieġ li tkun soġġetta għal opinjoni pożittiva tal-Kumitat tal-Politika Agrikola Komuni. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni ma titħalliex tistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri biex jipprovdu indikaturi u informazzjoni addizzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-PAK għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jekk il-Kumitat tal-Politika Agrikola Komuni ma jsibx maġġoranza kwalifikata favur jew kontra l-proposta tal-Kummissjoni u għalhekk ma jkun jista' jesprimi l-ebda opinjoni.

(139) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti ta’ implimentazzjoni mingħajr ma tapplika r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li japprova l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-emendi għalih.

(140) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mas-soluzzjoni ta' problemi speċifiċi filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tas-sistema tal-pagamenti diretti fil-każ ta' ċirkostanzi straordinarji, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jirrikjedu hekk. Barra minn hekk, sabiex jissolvew il-problemi urġenti f'xi wieħed jew aktar mill-Istati Membri filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tas-sistema ta' pagamenti diretti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih meta, f'każijiet debitament iġġustifikati, ċirkostanzi eċċezzjonali jaffettwaw l-għoti ta' appoġġ u jipperikolaw l-implimentazzjoni effettiva tal-pagamenti skont l-iskemi ta' appoġġ elenkati f'dan ir-Regolament.

(141) Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] jenħtieġ li jibqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ħlief fejn uħud mid-dispożizzjonijiet tagħhom ma jissemmewx b'mod espliċitu.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).

(142) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba d-differenzi bejn iż-żoni rurali diversi u r-riżorsi finanzjarji limitati tal-Istati Membri, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni permezz tal-garanzija pluriennali ta' finanzjament mill-Unjoni u permezz ta' konċentrazzjoni fuq prijoritajiet identifikati b'mod ċar, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(143) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 jitħassru.

(144) Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti u bħala kwistjoni ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I
# SUĠĠETT U KAMP TA' APPLIKAZZJONI, DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

*Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar:

(a) l-objettivi ġenerali u speċifiċi li jridu jintlaħqu permezz tal-appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) skont il-politika agrikola komuni (PAK) kif ukoll l-indikaturi relatati;

(b) it-tipi ta’ intervent u r-rekwiżiti komuni biex l-Istati Membri jilħqu dawk l-objettivi kif ukoll l-arranġamenti finanzjarji relatati;

(c) il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri u li jistabbilixxu l-miri, jispeċifikaw il-kondizzjonijiet tal-interventi u jallokaw ir-riżorsi finanzjarji, f'konformità mal-objettivi speċifiċi u l-ħtiġijiet identifikati;

(d) il-koordinazzjoni u l-governanza kif ukoll il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni.

2. Dan ir-Regolament japplika għall-appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat mill-FAEG u mill-FAEŻR għall-interventi speċifikati fi Pjan Strateġiku tal-PAK imfassal minn Stat Membru u approvat mill-Kummissjoni, li jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027 ("il-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK").

*Artikolu 2*

*Dispożizzjonijiet applikabbli*

1. Ir-Regolament (UE) 2021/...[+] u d-dispożizzjonijiet adottati skont dak ir-Regolament japplikaw għall-appoġġ ipprovdut skont dan ir-Regolament.

2. L-Artikolu 19, il-Kapitolu II tat-Titolu III bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 28, l-ewwel subparagrafu, punt (c), u l-Artikoli 46 u 48 tar-Regolament (UE) 2021/1060 japplikaw għall-appoġġ iffinanzjat mill-FAEŻR skont dan ir-Regolament.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

*Artikolu 3*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus ġuridiku mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu bil-liġi nazzjonali, li l-azjenda tagħhom tkun fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u li jeżerċitaw attività agrikola kif determinata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament;

(2) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għall-attivitajiet agrikoli u taħt il-ġestjoni ta' bidwi li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru;

(3) "intervent" tfisser strument ta' appoġġ b'sett ta' kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà speċifikat minn Stat Membru fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu abbażi tat-tip ta' intervent previst f'dan ir-Regolament;

(4) "operazzjoni" tfisser:

(a) proġett, kuntratt, azzjoni jew grupp ta' proġetti jew azzjonijiet magħżula skont il-Pjan Strateġiku tal-PAK ikkonċernat;

(b) fil-kuntest ta' strumenti finanzjarji, in-nefqa pubblika totali eliġibbli mogħtija għal strument finanzjarju u l-appoġġ finanzjarju sussegwenti pprovdut lir-riċevituri finali minn dak l-istrument finanzjarju;

(5) "nefqa pubblika" tfisser kwalunkwe kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' operazzjonijiet li s-sors tagħhom huwa l-baġit ta' awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali jew lokali, il-baġit tal-Unjoni disponibbli għall-FAEG u l-FAEŻR, il-baġit ta' korpi rregolati bil-liġi pubblika jew il-baġit ta' assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi rregolati bil-liġi pubblika;

(6) "stadji importanti" tfisser il-valuri intermedji stabbiliti minn qabel, iffissati mill-Istati Membri fil-qafas tal-istrateġiji tal-intervent tagħhom imsemmija fl-Artikolu 107(1), punt (b), għal sena finanzjarja speċifika li jridu jintlaħqu f'punt speċifiku ta' żmien matul il-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK biex jiġi żgurat progress f'waqtu b'rabta mal-indikaturi tar-riżultat;

(7) "miri" tfisser il-valuri stabbiliti minn qabel, iffissati mill-Istati Membri fil-qafas tal-istrateġiji tal-intervent tagħhom imsemmija fl-Artikolu 107(1), punt (b) li jridu jintlaħqu fi tmiem il-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'rabta mal-indikaturi tar-riżultat;

(8) “reġjuni ultraperiferiċi” tfisser ir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 TFUE;

(9) "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni flimkien mal-fluss tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u li jipproduċu l-għarfien għall-qasam tal-agrikoltura u oqsma interrelatati (Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli);

(10) “il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew” tfisser il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew kif definit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013;

(11) "fond mutwu" tfisser skema akkreditata minn Stat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu biex il-bdiewa affiljati jassiguraw lilhom infushom, li permezz tiegħu jsiru pagamenti ta' kumpens lill-bdiewa affiljati li jesperjenzaw telf ekonomiku;

(12) “reġjuni inqas żviluppati” tfisser reġjuni inqas żviluppati skont it-tifsira tal-Artikolu 108(2), l-ewwel subparagrafu, punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(13) "benefiċjarju" fir-rigward tat-tipi ta’ intervent għall-iżvilupp rurali msemmi fl-Artikolu 69 tfisser:

(a) korp irregolat bil-liġi pubblika jew privata, entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha, persuna fiżika jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għall-bidu tal-operazzjonijiet jew kemm għall-bidu kif ukoll għall-implimentazzjoni tagħhom;

(b) fil-kuntest tal-iskemi tal-għajnuna mill-Istat, l-intrapriża li tirċievi l-għajnuna;

(c) fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, il-korp li jimplimenta l-fond tal-azjenda jew, fejn ma jkun hemm l-ebda struttura tal-fondi fl-azjenda, il-korp li jimplimenta l-fond speċifiku jew, fejn l-awtorità ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 123 (l-“awtorità ta’ ġestjoni”) tamministra l-istrument finanzjarju, l-awtorità ta' ġestjoni;

(14) "rata ta' appoġġ" tfisser ir-rata tan-nefqa pubblika għal operazzjoni; fil-kuntest ta' strumenti finanzjarji tirreferi għall-ekwivalenti tal-għotja gross tal-appoġġ kif definit fl-Artikolu 2, punt (20), tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014[1];

(15) “LEADER” tfisser żvilupp lokali mmexxi mill-komunità msemmi fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/1060;

---

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1).

(16) "korp intermedjarju" tfisser kwalunkwe korp irregolat bil-liġi pubblika jew privata, inkluż korpi reġjonali jew lokali, korpi għall-iżvilupp reġjonali jew organizzazzjonijiet mhux governattivi, li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità ta' ġestjoni nazzjonali jew reġjonali, jew li jwettaq kompiti f'isem tali awtorità;

(17) "sena finanzjarja" tfisser sena finanzjarja agrikola f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2021/...[+].

*Artikolu 4*

*Definizzjonijiet u kondizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK*

1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jipprevedu d-definizzjonijiet għal "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", "bidwi attiv", "bidwi żagħżugħ" u "bidwi ġdid", kif ukoll il-kondizzjonijiet rilevanti f'konformità ma' dan l-Artikolu:

2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tippermetti l-kontribut għall-provvista ta' beni privati u pubbliċi permezz ta' waħda minn dawn li ġejjin jew mit-tnejn li huma:

   (a) il-produzzjoni tal-prodotti agrikoli li tinkludi azzjonijiet bħat-trobbija tal-bhejjem jew il-kultivazzjoni inkluż dik tal-għadajjar, fejn prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I għat-TFUE bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsajġar b'newba qasira;

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 2018/0217 (COD)).

(b) iż-żamma taż-żona agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, mingħajr azzjoni ta' tħejjija li tmur lil hinn mill-użu ta' metodi u l-makkinarju agrikoli tas-soltu.

3. "Żona agrikola" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tinkludi raba' li jinħadem, l-għelejjel permanenti u l-bwar permanenti, inkluż meta jiffurmaw sistemi tal-agroforestrija f'dik iż-żona. It-termini "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" għandhom jiġu speċifikati aktar mill-Istati Membri fil-qafas li ġej:

(a) "raba' li jinħadem" għandu jkun art ikkultivata għall-produzzjoni tal-għelejjel jew iż-żoni disponibbli għall-produzzjoni tal-għelejjel iżda li jinsabu mistrieħa; barra minn hekk, għandu, għaż-żmien kemm idum l-impenn, ikun raba' kkultivat għall-produzzjoni tal-għelejjel jew żoni disponibbli għall-produzzjoni tal-għelejjel iżda li tħallew mistrieħa li kienu twarrbu skont l-Artikolu 31 jew l-Artikolu 70 jew l-istandard 8 tal-KAAT elenkat fl-Anness III għal dan ir-Regolament, jew mal-Artikoli 22, 23 jew 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999[1], jew mal-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005[2], jew mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3];

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

(b) "għelejjel permanenti" għandhom ikunu għelejjel li ma jitnewbux ħlief bwar permanenti u mergħat permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew aktar, u li jagħtu prodott b'mod ripetut, inkluż l-imxietel u l-imsajġar b'newba qasira;

(c) "bur permanenti u mergħa permanenti" (flimkien imsejħa "bwar permanenti") għandhom ikunu art li tkun użata għat-tkabbir tal-ħaxix jew ta' foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (li jżarra') jew ikkultivat (miżrugħa) u li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-azjenda għal ħames snin jew aktar u, fejn l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, ikunu art li għal ħames snin jew aktar ma tkunx inħartet, jew ma tkunx inħadmet, jew ma tkunx inżergħet mill-ġdid b'tipi differenti ta' ħaxix jew b'foraġġ erbaċew ieħor. Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal arbuxxelli jew siġar, tajbin għar-ragħa u, fejn l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal arbuxxelli jew siġar li jipproduċu għalf tal-bhejjem, sakemm il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jqisu it-tipi ta' art li ġejjin bħala bur permanenti:

(i) art li hija miksija bi kwalunkwe speċi minn dawk imsemmija f'dan il-punt u li tifforma parti minn prattiki lokali stabbiliti, fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor tradizzjonalment mhumiex predominanti fiż-żoni tar-ragħa jew ma jinstabux fihom;

(ii) art miksija bi kwalunkwe speċi minn dawk imsemmija f'dan il-punt, fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor mhumiex predominanti fiż-żoni tar-ragħa jew ma jinstabux fihom.

4. Għall-fini tat-tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti, "ettaru eliġibbli" għandu jiġi determinat b'tali mod li jkun ikopri żoni li huma għad-dispożizzjoni tal-bidwi u li jikkonsisti minn:

(a) kwalunkwe żona agrikola tal-azjenda li, matul is-sena li għaliha qed jintalab appoġġ, tintuża għal attività agrikola jew, meta ż-żona tintuża wkoll għall-attivitajiet mhux agrikoli, tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli; fejn ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ambjentali, ta' bijodiversità u marbuta mal-klima, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ettari eliġibbli jinkludu wkoll ċerti żoni użati għal attivitajiet agrikoli kull sentejn biss;

(b) kwalunkwe żona tal-azjenda li hija:

(i) miksija b'karatteristiċi tal-pajsaġġ soġġetti għall-obbligu li jinżammu skont l-istandard 8 tal-KAAT elenkat fl-Anness III;

(ii) użata biex jinkiseb is-sehem minimu ta' raba' li jinħadem iddedikat għal żoni u elementi mhux produttivi, inkluż raba' mistrieħ, skont l-istandard 8 tal-KAAT elenkat fl-Anness III; jew

(iii) għaż-żmien kemm idum l-impenn rilevanti tal-bidwi, stabbilita jew miżmuma bħala riżultat ta' ekoskema msemmija fl-Artikolu 31.

Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, ‘ettaru eliġibbli’ jista' jkun fih karatteristiċi oħra tal-pajsaġġ, sakemm dawn ma jkunux predominanti u ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola minħabba d-daqs taż-żona li jokkupaw fuq il-biċċa raba’. Fl-implimentazzjoni ta' dak il-prinċipju, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw id-daqs massimu tal-parti mill-biċċa raba' li tkun miksija b'dawk il-karatteristiċi l-oħra tal-pajsaġġ.

Fir-rigward tal-bwar permanenti b'elementi ineliġibbli mferrxa, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw koeffiċjenti ta' tnaqqis fissi biex tiġi ddeterminata l-erja meqjusa eliġibbli;

(c) kwalunkwe żona tal-azjenda li tat dritt għall-pagamenti skont it-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, Subtaqsima 2, ta' dan ir-Regolament jew skont l-iskema ta' pagament bażiku jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja stabbilita fit-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, u li mhijiex "ettaru eliġibbli" kif iddeterminat mill-Istati Membri abbażi tal-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu:

(i) bħala riżultat tal-applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, 2009/147/KE jew 2000/60/KE għal dik l-erja;

(ii) bħala riżultat ta' interventi bbażati fuq l-erja stipulati f'dan ir-Regolament koperti mis-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(1) tar-Regolament (UE) 2021/...+ li tippermetti l-produzzjoni ta' prodotti mhux elenkati fl-Anness I TFUE skont l-iskemi ta' kultivazzjoni tal-għadajjar, jew skont skemi nazzjonali għall-bijodiversità jew għat-tnaqqis tal-gassijiet serra li l-kondizzjonijiet tagħhom jikkonformaw ma' dawk l-interventi bbażati fuq l-erja, dment li dawk l-interventi u l-iskemi nazzjonali jikkontribwixxu għall-kisba ta’ objettiv speċifiku wieħed jew aktar stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f), ta' dan ir-Regolament;

(iii) għaż-żmien kemm idum impenn ta' afforestazzjoni mill-bidwi, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jew l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew l-Artikolu 70 jew l-Artikolu 73 ta' dan ir-Regolament, jew skont skema nazzjonali li l-kondizzjonijiet tagħha jkunu konformi mal-Artikolu 43(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew l-Artikolu 70 jew l-Artikolu 73 ta' dan ir-Regolament;

(iv) għaż-żmien kemm idum impenn mill-bidwi li jirriżulta fis-serħan taż-żona, skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew l-Artikolu 70 ta' dan ir-Regolament.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

Iż-żoni użati għall-produzzjoni tal-qanneb għandhom ikunu ettari eliġibbli biss jekk il-varjetajiet użati jkollhom kontenut ta' tetraidrokannabinol ta' mhux aktar minn 0,3 %.

5. "Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jiġi żgurat li l-appoġġ jingħata biss lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lill-gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, involuti f'minn tal-anqas livell minimu ta' attività agrikola, filwaqt li bdiewa pluriattivi jew part-time ma jiġux neċessarjament preklużi mill-għoti ta' appoġġ.

Meta jiddeterminaw min għandu jkun "bidwi attiv", l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, bħal testijiet tal-introjtu, inputs ta' xogħol fl-azjenda agrikola, l-għanijiet tal-kumpannija u l-inklużjoni tal-attivitajiet agrikoli tagħhom fir-reġistri nazzjonali jew reġjonali. Tali kriterji jistgħu jiġu introdotti f'forma waħda jew aktar magħżula mill-Istati Membri, inkluż permezz ta' lista negattiva li tiskwalifika bidwi milli jitqies bħala bidwi attiv. Jekk Stat Membru jikkunsidra bħala "bdiewa attivi" dawk il-bdiewa li ma rċevewx pagamenti diretti li qabżu ċertu ammont għas-sena preċedenti, dan l-ammont m'għandux ikun ogħla minn EUR 5 000.

6. "Bidwi żagħżugħ" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi:

(a) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena;

(b) il-kondizzjonijiet biex wieħed ikun "il-kap tal-azjenda";

(c) it-taħriġ jew il-ħiliet xierqa meħtieġa, kif iddeterminati mill-Istati Membri.

7. "Bidwi ġdid" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jirreferi għal bidwi li mhux bidwi żagħżugħ u li huwa "l-kap tal-azjenda" għall-ewwel darba. L-Istati Membri għandhom jinkludu aktar rekwiżiti oġġettivi u nondiskriminatorji rigward it-taħriġ u l-ħiliet xierqa.

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 152 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli li jagħmlu l-għoti ta' pagamenti soġġett għall-użu ta' żrieragħ iċċertifikati ta' ċerti varjetajiet ta' qanneb u tal-proċedura għad-determinazzjoni tal-varjetajiet tal-qanneb, kif ukoll il-verifika tal-kontenut tagħhom ta' tetraidrokannabinol imsemmi fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, biex tiġi ppreservata s-saħħa pubblika.

# TITOLU II
# OBJETTIVI U INDIKATURI

*Artikolu 5*

*Objettivi ġenerali*

F'konformità mal-objettivi tal-PAK li jinsabu fl-Artikolu 39 TFUE, mal-objettiv li jinżamm il-funzjonament tas-suq intern u kondizzjonijiet ekwivalenti bejn il-bdiewa fl-Unjoni u mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-appoġġ mill-FAEG u mill-FAEŻR għandu jkollu l-għan li jtejjeb aktar l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali li ġejjin fl-isfera ekonomika, ambjentali u dik soċjali, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli:

(a) li jitrawwem settur agrikolu intelliġenti, kompetittiv, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel fit-tul;

(b) li jappoġġa u jsaħħaħ il-ħarsien tal-ambjent, inkluż il-bijodiversità, u l-azzjoni klimatika u li jingħata kontribut biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni marbuta mal-ambjent u l-klima, inkluż l-impenji meħuda skont it-Trattat ta' Pariġi;

(c) li tissaħħaħ in-nisġa soċjo-ekonomika taż-żoni rurali.

*Artikolu 6*

*Objettivi speċifiċi*

1. Il-kisba tal-objettivi ġenerali għandha tiġi segwita permezz tal-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) l-appoġġ tal-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tas-settur agrikolu fl-Unjoni kollha sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-ikel fit-tul u d-diversità agrikola kif ukoll tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni;

(b) it-tisħiħ tal-orjentazzjoni lejn is-suq u tiżdied il-kompetittività tal-azjendi agrikoli kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul, inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni;

(c) it-titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur;

(d) il-kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, billi fost l-oħrajn jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jissaħħaħ is-sekwestru tal-karbonju, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli;

(e) it-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, fosthom bit-tnaqqis tad-dipendenza fuq is-sustanzi kimiċi;

(f) il-kontribuzzjoni għall-waqfien u t-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità, it-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u l-preservazzjoni tal-ħabitats u l-pajsaġġi;

(g) il-bdiewa żgħażagħ u bdiewa ġodda jiġu mħajra u jingħataw appoġġ u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju f'żoni rurali;

(h) il-promozzjoni tal-impjiegi, it-tkabbir, ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-biedja, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija ċirkolari u l-forestrija sostenibbli;

(i) it-titjib tar-rispons tal-agrikoltura tal-Unjoni għad-domanda soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur u nutrittiv ta' kwalità għolja prodott b'mod sostenibbli, it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, kif ukoll it-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi.

2. L-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkomplementati mill-objettiv trażversali tal-modernizzazzjoni tal-oqsma agrikoli u rurali u interkonnessi miegħu billi jitrawmu u jiġu kondiviżi l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u billi jitħeġġeġ l-użu tagħhom mill-bdiewa, permezz ta' aċċess aħjar għar-riċerka, l-innovazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u t-taħriġ.

3. Filwaqt li jaħdmu lejn l-objettivi speċifiċi stipulati fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex inaqqsu l-piż amministrattiv u jiżguraw is-simplifikazzjoni fl-implementazzjoni tal-PAK.

*Artikolu 7*

*Indikaturi*

1. Il-kisba tal-objettivi msemmija fl-Artikoli 5 u fl-Artikolu 6(1) u (2) għandha tiġi vvalutata abbażi ta' indikaturi komuni relatati mal-output, mar-riżultat, mal-impatt u mal-kuntest kif stipulat fl-Anness I. Dawk l-indikaturi komuni għandhom jinkludu:

   (a) l-indikaturi tal-output relatati mal-output imwettaq tal-interventi appoġġati;

   (b) indikaturi tar-riżultat relatati mal-objettivi speċifiċi kkonċernati msemmija fl-Artikolu 6(1) u (2), u li jintużaw għall-istabbiliment ta' stadji importanti kwantifikati u miri fir-rigward ta' dawk l-objettivi speċifiċi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u għall-valutazzjoni tal-progress lejn dawk il-miri; l-indikaturi tar-riżultat marbuta mal-objettivi marbuta mal-ambjent u l-klima jistgħu jkopru interventi li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-impenji li jirriżultaw mill-atti leġiżlattivi tal-Unjoni elenkati fl-Anness XIII;

   (c) l-indikaturi tal-impatt relatati mal-objettivi stipulati fl-Artikoli 5 u fl-Artikolu 6(1) u (2) u li jintużaw fil-kuntest tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u fil-kuntest tal-PAK;

   (d) l-indikaturi tal-kuntest imsemmija fl-Artikolu 115(2) u elenkati fl-Anness I.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 152 li jemendaw l-Anness I sabiex tadatta l-indikaturi komuni tal-output, tar-riżultat, tal-impatt u tal-kuntest. Dak l-atti delegati għandhom ikunu limitati strettament biex jiġu indirizzati problemi tekniċi esperjenzati mill-Istati Membri fir-rigward tal-applikazzjoni ta’ dawk l-indikaturi.

# TITOLU III
# REKWIŻITI KOMUNI
# U TIPI TA’ INTERVENT

## KAPITOLU I
## REKWIŻITI KOMUNI

### TAQSIMA 1
### PRINĊIPJI ĠENERALI

*Artikolu 8*

*Approċċ strateġiku*

L-Istati Membri għandhom isegwu l-objettivi stabbiliti fit-Titolu II billi jispeċifikaw l-interventi abbażi tat-tipi ta’ intervent stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' dan it-Titolu skont il-valutazzjoni tagħhom tal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti komuni stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 9*

*Prinċipji ġenerali*

L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u l-istandards tal-KAAT imsemmija fl-Artikolu 13 f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi u l-istandards tal-KAAT imsemmija fl-Artikolu 13 ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, li jkunu kompatibbli mal-funzjonament tajjeb tas-suq intern u ma joħolqux distorsjoni tal-kompetizzjoni.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-qafas legali li jirregola l-għoti tal-appoġġ mill-Unjoni lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK kif approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 118 u 119 ta' dan ir-Regolament u l-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2021/...+. Huma għandhom jimplimentaw dawk il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK kif approvati mill-Kummissjoni.

*Artikolu 10*

*Appoġġ domestiku tad-WTO*

L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi abbażi tat-tipi ta’ intervent elenkati fl-Anness II għal dan ir-Regolament, inkluż id-definizzjonijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4, b'tali mod li jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 2018/0217 (COD)).

B'mod partikolari, l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà, l-appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà, l-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u l-iskemi għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali għandhom jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-paragrafi fl-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness II għal dan ir-Regolament għal dawk l-interventi. Għal interventi oħra, il-paragrafi fl-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikultura indikati fl-Anness II għal dan ir-Regolament huma indikattivi u dawk l-interventi jistgħu minflok jikkonformaw ma’ paragrafu differenti tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikultura jekk dak ikun speċifikat u spjegat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

*Artikolu 11*

*Implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil dwar iż-żrieragħ żejtnin*

1. Meta l-Istati Membri jipprevedu interventi bbażati fuq l-erja, għajr dawk li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura, inkluż l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu skont it-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Subtaqsima 1, ta’ dan ir-Regolament, u meta dawk l-interventi jikkonċernaw iż-żrieragħ żejtnin kollha jew xi wħud minnhom imsemmija fl-Anness għall-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar iż-żrieragħ żejtnin skont il-GATT, it-total tal-erja tal-appoġġ abbażi tal-outputs ippjanati inklużi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri kkonċernati ma għandux jaqbeż l-erja massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha għall-iskop li tkun żgurata l-konformità mal-impenji internazzjonali tagħha.

2. Sa ... [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu erja ta' appoġġ ta' referenza indikattiva għal kull Stat Membru, ikkalkulata abbażi tas-sehem ta' kull Stat Membru mill-medja tal-erja ta' kultivazzjoni fl-Unjoni matul is-snin 2016 sa 2020. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

3. Kull Stat Membru li għandu l-intenzjoni li jagħti l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandu jindika l-outputs ippjanati korrispondenti f'termini ta' ettari fil-proposta tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu msemmi fl-Artikolu 118(1).

Jekk, wara n-notifika tal-outputs ippjanati kollha mill-Istati Membri, l-erja massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu tinqabeż, il-Kummissjoni għandha tikkalkula, għal kull Stat Membru li jkun innotifika eċċess meta mqabbel mal-erja ta' referenza koeffiċjent ta' tnaqqis li jkun proporzjonat mal-eċċess tal-outputs ippjanati tiegħu sabiex l-erja massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha tinżamm. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jkun infurmat dwar dak il-koeffiċjent tat-tnaqqis fl-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Pjan Strateġiku tal-PAK skont l-Artikolu 118(3). Il-koeffiċjent tat-tnaqqis għal kull Stat Membru għandu jiġi stabbilit fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 118(6) li permezz tagħha l-Kummissjoni tapprova l-Pjan Strateġiku tal-PAK.

L-Istati Membri ma għandhomx jemendaw l-erja ta' appoġġ tagħhom fuq inizjattiva tagħhom stess wara d-data msemmija fl-Artikolu 118(1).

4. Jekk Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jżid l-outputs ippjanati tiegħu msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu kif stipulat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu approvat mill-Kummissjoni, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-outputs ippjanati riveduti permezz ta' talba għall-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu skont l-Artikolu 119 qabel l-1 ta' Jannar tas-sena ta' qabel is-sena tat-talba kkonċernata.

5. Fejn xieraq, sabiex jiġi evitat li tinqabeż l-erja massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi koeffiċjenti ta' tnaqqis, jew tirrevedi l-koeffiċjenti tat-tnaqqis eżistenti fejn tali koeffiċjenti kienu stabbiliti skont il-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu, għall-Istati Membri kollha li jaqbżu l-erja ta' appoġġ ta’ referenza tagħhom fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar il-koeffiċjenti tat-tnaqqis sal-31 ta’ Jannar tas-sena ta' qabel is-sena tat-talba kkonċernata.

Kull Stat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba korrispondenti għall-emendar għall-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu bil-koeffiċjent tat-tnaqqis imsemmi fit-tieni subparagrafu sal-31 ta’ Marzu tas-sena ta' qabel is-sena tat-talba kkonċernata. Il-koeffiċjent tat-tnaqqis għal dak l-Istat Membru għandu jiġi stabbilit fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 119(10) li permezz tagħha l-Kummissjoni tapprova l-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

6. Fir-rigward taż-żrieragħ żejtnin ikkonċernati mill-Memorandum ta' Qbil imsemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom, fir-rapporti tal-prestazzjoni annwali imsemmija fl-Artikolu 134, jinfurmaw lill-Kummissjoni bit-total ta' ettari li għalihom ikun realment tħallas l-appoġġ.

7. L-Istati Membri għandhom jeskludu l-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-ġirasol użata għall-ħlewwiet minn kull intervent ibbażat fuq l-erja msemmi fil-paragrafu 1.

## TAQSIMA 2

## KONDIZZJONALITÀ

*Artikolu 12*

*Prinċipju u kamp ta' applikazzjoni*

1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema ta' kondizzjonalità, li skontha l-bdiewa u benefiċjarji oħra li jkunu qed jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II jew il-pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 huma soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jikkonformawx mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont il-liġi tal-Unjoni u l-istandards tal-KAAT stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, kif elenkati fl-Anness III, fir-rigward tal-oqsma speċifiċi li ġejjin:

(a) il-klima u l-ambjent, inkluż l-ilma, il-ħamrija u l-bijodiversità tal-ekosistemi;

(b) is-saħħa pubblika u s-saħħa tal-pjanti;

(c) it-trattament xieraq tal-annimali.

2. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jinkludu regoli dwar sistema effettiva u proporzjonata ta' penali amministrattivi. Dawk ir-regoli għandhom jikkonformaw b'mod partikolari mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, Kapitolu IV, tar-Regolament (UE) 2021/...[+].

3. L-atti legali msemmija fl-Anness III b'rabta mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni għandhom japplikaw fil-verżjoni li tkun applikabbli u, fil-każ tad-Direttivi, kif implimentati mill-Istati Membri.

4. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "rekwiżit statutorju ta' ġestjoni" tfisser kull rekwiżit statutorju individwali ta' ġestjoni skont il-liġi tal-Unjoni elenkat fl-Anness III f'att legali speċifiku, li jvarja fis-sustanza minn kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-istess att.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 2018/0217 (COD)).

*Artikolu 13*

*Obbligi tal-Istati Membri relatati mal-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni agrikoli kollha, inkluż art li ma tkunx għadha tintuża għal finijiet ta' produzzjoni, jinżammu f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, standards minimi għal bdiewa u benefiċjarji oħra għal kull standard tal-KAAT elenkat fl-Anness III f'konformità mal-għan ewlieni ta' dawk l-istandards kif imsemmi f'dak l-Anness. Fl-istabbiliment tal-istandards tagħhom, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont, fejn rilevanti, tal-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni kkonċernati inkluż il-kondizzjoni tal-ħamrija u tal-klima, is-sistemi eżistenti tal-biedja, il-prattiki tal-biedja, id-daqs tal-azjenda agrikola u l-istrutturi tagħha, l-użu tal-art, u l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi.

2. Fir-rigward tal-objettivi ewlenin stabbiliti fl-Anness III, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu standards addizzjonali ma' dawk stabbiliti f'dak l-Anness rigward dawk l-objettivi ewlenin. Tali standards addizzjonali għandhom ikunu nondiskriminatorji u proporzjonati u għandhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet identifikati.

   L-Istati Membri ma għandhomx jistabbilixxu standards minimi għal objettivi ewlenin għajr l-objettivi ewlenin stabbiliti fl-Anness III.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 152 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli li jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti fir-rigward tal-proporzjon tal-istandard 1 tal-KAAT.

## TAQSIMA 3

## KONDIZZJONALITÀ SOĊJALI

*Artikolu 14*

*Prinċipju u kamp ta' applikazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Jannar 2025, il-bdiewa u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II jew il-pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 għandhom ikunu soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jikkonformawx mar-rekwiżiti relatati mal-kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.

2. Meta jinkludu sistema ta' penali amministrattivi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom, f’konformità mad-dispożizzjonijiet istituzzjonali tagħhom, jikkonsultaw mas-sħab soċjali nazzjonali rilevanti li jirrappreżentaw lit-tmexxija u lill-ħaddiema fis-settur agrikolu u għandhom jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija tagħhom, kif ukoll id-dritt tagħhom li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi. Dik is-sistema ta’ penali amministrattivi ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi tas-sħab soċjali meta jkunu f'konformità mal-oqfsa nazzjonali legali u ta' negozjar kollettiv, responsabbli għall-implimentazzjoni jew l-infurzar tal-atti legali msemmija fl-Anness IV.

3. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jinkludu regoli dwar sistema effikaċi u proporzjonata ta' penali amministrattivi. Dawk ir-regoli għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fit-Titolu IV, Kapitolu V, tar-Regolament (UE) 2021/...+.

4. L-atti legali msemmija fl-Anness IV li fihom dispożizzjonijiet li għandhom ikunu koperti mis-sistema ta' penali amministrattivi imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw fil-verżjoni li hija applikabbli, u kif implimentata mill-Istati Membri.

## TAQSIMA 4

## SERVIZZI TA' KONSULENZA GĦALL-AZJENDI AGRIKOLI

*Artikolu 15*

*Servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli*

1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema għall-provvista ta' servizzi biex il-bdiewa u benefiċjarji oħra tal-appoġġ tal-PAK jingħataw pariri dwar il-ġestjoni tal-art u l-ġestjoni tal-azjenda agrikola ("servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli"). L-Istati Membri jistgħu jkomplu jibnu fuq sistemi eżistenti.

2. Is-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli għandhom ikopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali, filwaqt li jqisu l-prattiki eżistenti tal-biedja, u jwasslu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata permezz tar-riċerka u ta' proġetti tal-innovazzjoni, inkluż fir-rigward tal-provvista ta' beni pubbliċi.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 2018/0217 (COD)).

Permezz tas-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli, għandha tiġi offruta assistenza xierqa matul iċ-ċiklu tal-iżvilupp tal-azjenda agrikola, inkluż dwar l-istabbiliment għall-ewwel darba, il-konverżjoni tal-mudelli tal-produzzjoni lejn id-domanda tal-konsumatur, il-prattiki innovattivi, it-tekniki agrikoli għar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, fosthom l-agroforestrija u l-agroekoloġija, it-titjib fit-trattament xieraq tal-annimali, u fejn meħtieġ l-istandards tas-sikurezza u l-appoġġ soċjali.

Is-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli għandhom jiġu integrati fis-servizzi interrelatati ta' konsulenti għall-azjendi agrikoli, riċerkaturi, organizzazzjonijiet tal-bdiewa u partijiet ikkonċernati oħra li jiffurmaw l-AKIS.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parir mogħti jkun imparzjali u li l-konsulenti jkunu kwalifikati tajjeb, imħarrġa kif xieraq u ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess.

4. Is-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli għandhom jiġu adattati għad-diversi tipi ta' produzzjoni u ta' azjendi agrikoli u għandhom ikopru mill-inqas dan li ġej:

(a) ir-rekwiżiti, il-kondizzjonijiet u l-impenji ta' ġestjoni kollha li japplikaw għall-bdiewa u għall-benefiċjarji l-oħra stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż ir-rekwiżiti u l-istandards skont il-kondizzjonalità u l-kondizzjonijiet għall-interventi, kif ukoll informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji u l-pjanijiet ta' negozju stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(b) ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva 2000/60/KE, l-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], id-Direttiva 2009/128/KE, id-Direttiva 2009/147/KE, ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5];

(c) il-prattiki tal-azjendi agrikoli li jipprevjenu l-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi kif jinsab fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2017 intitolata "Pjan ta' Azzjoni Ewropew 'Saħħa Waħda' kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (AMR)";

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

2 Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

3 Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

4 Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

5 Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

(d) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju;

(e) l-appoġġ għall-innovazzjoni, b'mod partikolari għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-proġetti tal-gruppi operazzjonali tal-EIP imsemmija fl-Artikolu 127(3);

(f) l-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali kif imsemmi fl-Artikolu 114, punt (b);

(g) il-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti, inkluż l-użu sa mhux aktar tard mill-2024, tal-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti, li hija kwalunkwe applikazzjoni diġitali li tal-inqas tipprovdi:

  (i) bilanċ tan-nutrijenti ewlenin fl-iskala tal-għelieqi;

  (ii) ir-rekwiżiti legali dwar in-nutrijenti;

  (iii) data dwar il-ħamrija, ibbażata fuq informazzjoni u analiżi disponibbli;

  (iv) data mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK) rilevanti għall-ġestjoni tan-nutrijenti;

(h) il-kondizzjonijiet tal-impjieg, l-obbligi tal-impjegaturi, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-appoġġ soċjali fil-komunitajiet tal-biedja.

# KAPITOLU II
# TIPI TA’ INTERVENT
# FIL-FORMA TA' PAGAMENTI DIRETTI

## TAQSIMA 1
## TIPI TA’ INTERVENT, TNAQQIS U REKWIŻITI MINIMI

*Artikolu 16*

*Tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti*

1. It-tipi ta’ intervent skont dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti diretti diżakkoppjati u akkoppjati.

2. Il-pagamenti diretti diżakkoppjati għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà;

(b) l-appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà;

(c) l-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ;

(d) l-iskemi għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali.

3. Il-pagamenti diretti akkoppjati għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu;

(b) il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton.

*Artikolu 17*

*Limiti massimi u digressività tal-pagamenti*

1. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà li għandu jingħata lil bidwi għal sena kalendarja speċifika. L-Istati Membri li jagħżlu li jintroduċu limiti massimi għandhom inaqqsu b'100 % l-ammont li jaqbeż EUR 100 000.

2. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-ammont tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà li għandu jingħata lil bidwi għal sena kalendarja speċifika li jaqbeż EUR 60 000 sa massimu ta' 85 %.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu segmenti addizzjonali ikbar minn EUR 60 000 u jispeċifikaw il-perċentwali ta' tnaqqis għal dawk is-segmenti addizzjonali. Huma għandhom jiżguraw li t-tnaqqis għal kull segment ikun daqs jew ogħla mis-segment preċedenti.

3. Qabel ma japplikaw il-paragrafu 1 jew 2, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu mill-ammont tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà li għandu jingħata lil bidwi f'sena kalendarja speċifika:

(a) is-salarji kollha marbuta ma' attività agrikola ddikjarata mill-bidwi, inkluż it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali relatati mal-impjiegi;

(b) l-ispiża ekwivalenti ta' xogħol regolari u mhux imħallas marbut ma' attività agrikola pprattikata minn persuni li jaħdmu fl-azjenda agrikola kkonċernata li ma jirċevux salarju, jew li jirċievu inqas rimunerazzjoni mill-ammont normalment imħallas għas-servizzi mogħtija, iżda jiġu ppremjati permezz tar-riżultat ekonomiku tan-negozju agrikolu;

(c) l-element tal-ispiża ta' xogħol tal-ispejjeż kontraenti marbuta ma' attività agrikola ddikjarata mill-bidwi.

Biex jikkalkulaw l-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu, punt (a), l-Istati Membri għandhom jużaw l-ispejjeż tas-salarji effettivament imġarrba mill-bidwi. F'każijiet debitament ġustifikati, il-bdiewa jistgħu jitolbu li jużaw spejjeż standard li jridu jiġu ddeterminati mill-Istat Membru kkonċernat skont metodu li jrid jiġi speċifikat aktar fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu, abbażi tal-medja tas-salarji standard marbuta ma' attività agrikola fil-livell nazzjonali jew reġjonali mmultiplikata bl-għadd ta' unitajiet tax-xogħol annwali ddikjarati mill-bidwi kkonċernat.

Sabiex jikkalkulaw l-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu, punt (b), l-Istati Membri għandhom jużaw spejjeż standard li jridu jiġu ddeterminati mill-Istat Membru kkonċernat skont metodu li jrid jiġi speċifikat aktar fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu, abbażi tal-medja tas-salarji standard marbuta ma' attività agrikola fil-livell nazzjonali jew reġjonali mmultiplikata bl-għadd ta' unitajiet tax-xogħol ddikjarati mill-bidwi kkonċernat.

4. Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw it-tnaqqis imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 fil-livell tal-membri ta' dawk il-persuni jew gruppi ġuridiċi fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi komparabbli għal dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap ta' azjenda, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u tat-tassazzjoni, bil-kondizzjoni li huma jkunu kkontribwew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.

5. L-istima tal-prodott tat-tnaqqis tal-pagamenti għandha tintuża primarjament biex tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà, jekk ikun stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK rilevanti, u wara għall-finanzjament ta' interventi oħra li jappartjenu għall-pagamenti diretti diżakkoppjati.

   L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw il-prodott kollu jew parti minnu biex jiffinanzjaw it-tipi ta' intervent skont il-FAEŻR kif speċifikat fil-Kapitolu IV permezz ta' trasferiment. Trasferiment lill-FAEŻR bħal dan għandu jkun parti mit-tabelli finanzjarji tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u jista' jiġi rieżaminat fl-2025 skont l-Artikolu 103. Dan ma għandux ikun soġġett għal-limiti massimi għat-trasferimenti ta' fondi mill-FAEG għall-FAEŻR stabbiliti skont dak l-Artikolu.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 152 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli li jistabbilixxu bażi armonizzata għall-kalkolu tat-tnaqqis tal-pagamenti stabbilit fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu biex jipprovdu regoli dettaljati għad-distribuzzjoni ta' fondi lil bdiewa.

*Artikolu 18*

*Rekwiżiti minimi*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu erja minima u mhux jagħtu pagamenti diretti lill-bdiewa attivi li l-erja eliġibbli tal-azjenda tagħhom li għaliha qed jintalbu l-pagamenti diretti tkun inqas minn dik l-erja minima.

   Alternattivament, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ammont minimu ta' pagamenti diretti li jistgħu jitħallsu lil bidwi.

2. Fejn Stat Membru jkun iddeċieda li jistabbilixxi erja minima skont il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, għandu madankollu jistabbilixxi l-ammont minimu skont il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, għal dawk il-bdiewa li jkunu jirċievu appoġġ marbut mal-annimali li għandu jitħallas għal kull annimal fil-forma ta' pagamenti diretti u li jkollhom anqas ettari minn dik l-erja minima.

   Meta jistabbilixxu l-erja minima jew l-ammont minimu, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jiżguraw li l-pagamenti diretti jingħata biss lil bdiewa attivi jekk:

   (a) il-ġestjoni tal-pagamenti korrispondenti ma tikkawżax piż amministrattiv eċċessiv, u

   (b) l-ammonti korrispondenti jagħtu kontribut effettiv għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) li għalihom jikkontribwixxu l-pagamenti diretti diżakkoppjati.

3. Il-Greċja tista' tiddeċiedi li ma tapplikax dan l-Artikolu għall-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

*Artikolu 19*

*Kontribuzzjoni għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju*

B'deroga mill-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 2021/...+, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jassenja sa 3 % tal-pagamenti diretti li jridu jitħallsu lil bidwi għall-kontribuzzjoni tal-bidwi għall-għodda tal-ġestjoni tar-riskju.

L-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħmlu użu minn din id-dispożizzjoni għandhom japplikawha għall-bdiewa kollha li jirċievu pagamenti diretti f'sena partikolari.

## TAQSIMA 2

## PAGAMENTI DIRETTI DIŻAKKOPPJATI

### SUBTAQSIMA 1

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 20*

*Rekwiżiti ġenerali għall-għoti ta' pagamenti diretti diżakkoppjati*

L-Istati Membri għandhom jagħtu pagamenti diretti diżakkoppjati lill-bdiewa attivi skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

## SUBTAQSIMA 2

## L-APPOĠĠ BAŻIKU GĦALL-INTROJTU GĦAS-SOSTENIBBILTÀ

*Artikolu 21*

*Regoli ġenerali*

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà ("appoġġ bażiku għall-introjtu") bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu appoġġ bażiku għall-introjtu fil-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 23 sa 27, l-appoġġ għall-introjtu bażiku għandu jingħata għal kull ettaru eliġibbli ddikjarat minn bidwi attiv.

*Artikolu 22*

*Ammont ta' appoġġ għal kull ettaru*

1. Sakemm l-Istati Membri ma jiddeċidux li jagħtu l-appoġġ bażiku għall-introjtu abbażi ta' intitolamenti għal pagament kif imsemmi fl-Artikolu 23, l-appoġġ għandu jitħallas bħala ammont uniformi għal kull ettaru.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddistingwu l-ammont tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għal kull ettaru fost il-gruppi ta' territorji differenti li jiffaċċjaw kondizzjonijiet soċjo-ekonomiċi jew agronomiċi simili, inkluż il-forom tradizzjonali ta' agrikoltura kif determinat mill-Istati Membri, bħar-ragħa alpin tradizzjonali fil-miftuħ. F'konformità mal-Artikolu 109(2), punt (d), l-ammont tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għal kull ettaru jista' jitnaqqas, b'kont meħud tal-appoġġ skont interventi oħra fil-Pjan Strateġiku tal-PAK kkonċernat.

*Artikolu 23*

*Intitolamenti għall-pagament*

1. L-Istati Membri li jkunu applikaw l-iskema ta' pagament bażiku kif stabbilit fit-Titolu III, Kapitolu I, Taqsima 1, tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-appoġġ bażiku għall-introjtu abbażi ta' intitolamenti għal pagament skont l-Artikoli 24 sa 27 ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-Istati Membri li jkunu applikaw l-iskema ta' pagament bażiku kif stabbilit fit-Titolu III, Kapitolu I, Taqsima 1, tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, jiddeċiedu li ma jibqgħux jagħtu l-appoġġ bażiku għall-introjtu abbażi ta' intitolamenti għal pagament, l-intitolamenti għal pagament allokati skont dak ir-Regolament għandhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti għas-sena li minnha għandha tapplika d-deċiżjoni.

*Artikolu 24*

*Valur tal-intitolamenti għal pagament u l-konverġenza*

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-valur ta' unità għall-intitolamenti għal pagament qabel il-konverġenza skont dan l-Artikolu billi jaġġustaw il-valur tal-intitolamenti għal pagament b'mod proporzjonali għall-valur tagħhom kif stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għas-sena tat-talba 2022 u l-pagament relatat għall-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent previsti fit-Titolu III, Kapitolu III, ta' dak ir-Regolament għas-sena tat-talba 2022.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddistingwu l-valur tal-intitolamenti għal pagament skont l-Artikolu 22(2).

3. Kull Stat Membru għandu, sa mhux aktar tard mis-sena tat-talba 2026, jistabbilixxi l-livell massimu tal-valur tal-intitolamenti għal pagament individwali għall-Istat Membru jew għal kull grupp ta' territorji msemmija fl-Artikolu 22(2).

4. Fejn il-valur tal-intitolamenti għal pagament kif iddeterminat skont il-paragrafu 1 ma jkunx uniformi fi Stat Membru jew fi grupp ta' territorji msemmija fl-Artikolu 22(2), l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura konverġenza tal-valur tal-intitolamenti għal pagament lejn valur ta' unità uniformi sa mhux aktar tard mis-sena tat-talba 2026.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, kull Stat Membru għandu jiżgura li, sa mhux aktar tard mis-sena tat-talba 2026, l-intitolamenti għal pagament kollha jkollhom valur ta' mill-inqas 85 % tal-ammont unitarju medju ppjanat imsemmi fl-Artikolu 102(1) għall-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sena tat-talba 2026, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu għall-Istat Membru jew għall-grupp ta' territorji msemmija fl-Artikolu 22(2).

6. L-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw iż-żidiet fil-valur tal-intitolamenti għal pagament meħtieġa biex jikkonformaw mal-paragrafi 4 u 5 ta’ dan l-Artikolu billi jużaw kwalunkwe ammont possibbli li jsir disponibbli permezz tal-applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu, u, fejn meħtieġ, billi jnaqqsu d-differenza bejn il-valur ta' unità tal-intitolamenti għal pagament determinat skont il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu u l-ammont unitarju ppjanat imsemmi fl-Artikolu 102(1), għall-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sena tat-talba 2026, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għall-Istat Membru jew għall-grupp ta' territorji msemmija fl-Artikolu 22(2).

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw it-tnaqqis lill-intitolamenti għal pagament kollha jew parti minnhom b'valur determinat skont il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu li jaqbeż l-ammont unitarju ppjanat imsemmi fl-Artikolu 102(1), għall-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sena tat-talba 2026, kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għall-Istat Membru jew għall-grupp ta' territorji msemmija fl- Artikolu 22(2).

7. It-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Mingħajr preġudizzju għall-valur minimu stabbilit skont il-paragrafu 5, it-tali kriterji jistgħu jinkludu l-iffissar ta' tnaqqis massimu li ma jistax ikun aktar baxx minn 30 %.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aġġustament tal-valuri tal-intitolamenti għall-pagament skont il-paragrafi 3 sa 7 jibda mis-sena 2023.

*Artikolu 25*

*Attivazzjoni tal-intitolamenti għal pagament*

1. L-Istati Membri li ddeċidew li jagħtu appoġġ abbażi tal-intitolamenti għal pagament għandhom jagħtu appoġġ bażiku għall-introjtu lill-bdiewa attivi li jkollhom intitolamenti għal pagament li jkunu proprjetà tagħhom jew imwellija lilhom hekk kif jiġu attivati dawk l-intitolamenti għal pagament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-fini tal-attivazzjoni tal-intitolamenti għal pagament, il-bdiewa attivi jiddikjaraw l-ettari eliġibbli li jakkumpanjaw kwalunkwe intitolament ta' pagament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intitolamenti għal pagament, inkluż fil-każ ta' wirt proprju jew antiċipat, ikunu attivati biss fl-Istat Membru jew fil-grupp ta' territorji msemmija fl-Artikolu 22(2) fejn kienu allokati.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intitolamenti għal pagament attivati jagħtu dritt għal pagament abbażi tal-ammont stabbilit hemmhekk.

*Artikolu 26*

*Riżervi għall-intitolamenti għal pagament*

1. Kull Stat Membru li jiddeċiedi li jagħti l-appoġġ bażiku għall-introjtu abbażi tal-intitolamenti għal pagament għandu jamministra riżerva nazzjonali.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta Stat Membru jiddeċiedi li jiddistingwi l-appoġġ bażiku għall-introjtu skont l-Artikolu 22(2), huwa jista' jiddeċiedi li jkollu riżerva għal kull grupp ta' territorji msemmija f'dak l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intitolamenti għal pagament mir-riżerva jiġu allokati lill-bdiewa attivi biss.

4. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżerva tagħhom bħala prijorità biex jallokaw l-intitolamenti għal pagament lill-bdiewa li ġejjin:

   (a) bdiewa żgħażagħ li jkunu għadhom kif stabbilew azjenda għall-ewwel darba;

   (b) bdiewa ġodda.

5. Stat Membru għandu jalloka intitolamenti għal pagament lil, jew iżid il-valur tal-intitolamenti għal pagament eżistenti tal-bdiewa attivi li huma intitolati permezz ta' deċiżjoni finali tal-qorti jew permezz ta' att amministrattiv finali tal-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Huwa għandu jiżgura li dawk il-bdiewa attivi jirċievu l-għadd u l-valur tal-intitolamenti għal pagament stabbiliti f'dik id-deċiżjoni jew l-att f'data li trid tiġi stabbilita minn dak l-Istat Membru.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżerva timtela mill-ġdid minn tnaqqis lineari tal-valur tal-intitolamenti għal pagament kollha meta r-riżerva ma tkunx biżżejjed biex tkopri l-allokazzjoni tal-intitolamenti għal pagament skont il-paragrafi 4 u 5.

7. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli addizzjonali għall-użu tar-riżerva, inkluż kategoriji addizzjonali ta' bdiewa li għandhom jingħataw mir-riżerva dment li l-gruppi ta' prijorità msemmija fil-paragrafi 4 u 5 jkunu ngħataw, u għall-każijiet li jattivaw il-mili mill-ġdid tar-riżerva. Fejn ir-riżerva timtela mill-ġdid permezz ta' tnaqqis lineari tal-valur tal-intitolamenti għal pagament, tali tnaqqis lineari għandu japplika għall-intitolamenti għal pagament kollha fil-livell nazzjonali jew, fejn l-Istati Membri japplikaw id-deroga prevista fil-paragrafu 2, fil-livell tal-grupp ta' territorji rilevanti msemmija fl-Artikolu 22(2).

8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-valur tal-intitolamenti għal pagament ġodda allokati mir-riżerva għall-valur medju nazzjonali tal-intitolamenti għal pagament fis-sena tal-allokazzjoni jew għall-valur medju tal-intitolamenti għal pagament għal kull grupp ta' territorji msemmija fl-Artikolu 22(2) fis-sena ta' allokazzjoni.

9. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-valur tal-intitolamenti għal pagament eżistenti sal-valur medju nazzjonali fis-sena tal-allokazzjoni jew sal-valur medju għal kull grupp ta' territorji msemmija fl-Artikolu 22(2).

*Artikolu 27*

*Trasferimenti ta' intitolamenti għal pagament*

1. Ħlief fil-każ ta' trasferiment permezz ta' wirt proprju jew antiċipat, l-intitolamenti għal pagament għandhom jiġu trasferiti biss lill-bidwi attiv stabbilit fl-istess Stat Membru.

2. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jiddistingwu l-appoġġ bażiku għall-introjtu skont l-Artikolu 22(2), l-intitolamenti għal pagament għandhom jiġu trasferiti biss fi ħdan il-grupp ta' territorji fejn ġew allokati.

*Artikolu 28*

*Pagamenti għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira*

L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagament lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, kif determinat mill-Istati Membri, permezz ta' somma f'daqqa jew permezz ta' ammonti kull ettaru li jissostitwixxu l-pagamenti diretti taħt din it-Taqsima u t-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent korrispondenti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK bħala wieħed fakultattiv għall-bdiewa.

Il-pagament annwali għal kull bidwi ma għandux jaqbeż EUR 1 250.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu somom f'daqqa jew ammonti differenti għal kull ettaru skont il-limiti massimi tal-erja differenti.

## SUBTAQSIMA 3

## APPOĠĠ KOMPLEMENTARI GĦALL-INTROJTU

*Artikolu 29*

*Appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà*

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà ("appoġġ ridistributtiv għall-introjtu") bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

   B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jew mill-Artikolu 98, l-Istati Membri jistgħu jindirizzaw il-ħtieġa għal ridistribuzzjoni tal-appoġġ għall-introjtu bi strumenti u interventi oħra ffinanzjati mill-FAEG li jsegwu l-objettiv ta' distribuzzjoni aktar ġusta u b'appoġġ għall-introjtu aktar effettiv u effiċjenti fil-miri tiegħu, dment li jkunu jistgħu juru fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li tali ħtieġa hija suffiċjentement indirizzata.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-ridistribuzzjoni tal-pagamenti diretti minn azjendi kbar għal dawk iżgħar jew ta' daqs medju billi jipprevedu appoġġ ridistributtiv għall-introjtu fil-forma ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli lill-bdiewa li huma intitolati għal pagament skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu msemmi fl-Artikolu 21.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-livell nazzjonali jew reġjonali, li jista’ jkun il-livell tal-gruppi ta' territorji msemmija fl-Artikolu 22(2), ammont għal kull ettaru jew ammonti differenti għal firxiet differenti ta' ettari, kif ukoll l-għadd massimu ta' ettari għal kull bidwi li għalih għandu jitħallas l-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu.

4. L-ammont għal kull ettaru ppjanat għal sena tat-talba partikolari ma għandux jaqbeż l-ammont medju nazzjonali tal-pagamenti diretti għal kull ettaru għal dik is-sena tat-talba.

5. L-ammont medju nazzjonali tal-pagamenti diretti għal kull ettaru huwa definit bħala l-proporzjon tal-limitu massimu nazzjonali għall-pagamenti diretti għal sena tat-talba partikolari stabbiliti fl-Anness V u t-total tal-outputs ippjanati għall-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sena tat-talba partikolari, espress fl-għadd ta' ettari.

6. Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-għadd massimu ta' ettari msemmija fil-paragrafu 3 fil-livell tal-membri ta' dawk il-persuni jew gruppi ġuridiċi fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi komparabbli ma' dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap ta' azjenda, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u fiskali tagħhom, dment li huma jkunu kkontribwew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.

Fil-każ ta' bdiewa li huma parti minn grupp ta' entitajiet ġuridiċi affiljati, kif iddeterminat mill-Istati Membri, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-għadd massimu ta' ettari msemmija fil-paragrafu 3 fil-livell ta' dak il-grupp taħt kondizzjonijiet li għandhom jiġu ddeterminati minnhom.

*Artikolu 30*

*Appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ*

1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ iddeterminat skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(6) bil-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

2. Bħala parti mill-obbligi tagħhom biex jattiraw bdiewa żgħażagħ f'konformità mal-objettiv li jinsab fl-Artikolu 6(1), punt (g), u biex skont l-Artikolu 95, jiddedikaw għal dan l-objettiv ammont li mill-anqas ikun kif jinsab fl-Anness XII, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ li jistabbilixxu l-azjenda tagħhom għall-ewwel darba u li huma intitolati għal pagament skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu msemmi fl-Artikolu 21.

   L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-appoġġ skont dan l-Artikolu lil bdiewa li jkunu rċevew appoġġ skont l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għall-bqija tal-perijodu msemmi fil-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu.

3. L-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ għandu jibqa' jingħata għal żmien massimu ta' ħames snin, li jibda mill-ewwel sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-pagament għall-bdiewa żgħażagħ, u soġġett għall-kondizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati mill-qafas legali tal-PAK applikabbli għall-perijodu wara l-2027 meta ż-żmien ta' ħames snin idum aktar mill-2027. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma tinħoloq l-ebda aspettattiva legali tal-benefiċjarji għall-perijodu wara l-2027.

Dak l-appoġġ għandu jieħu l-forma jew ta' pagament diżakkoppjat annwali għal kull ettaru eliġibbli jew ta' pagament ta' somma f'daqqa għal kull bidwi żagħżugħ.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-appoġġ skont dan l-Artikolu biss għal għadd massimu ta' ettari għal kull bidwi żagħżugħ.

4. Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi bħal grupp ta' bdiewa, organizzazzjonijiet tal-produtturi jew kooperattivi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-għadd massimu ta' ettari msemmi fil-paragrafu 3 fil-livell tal-membri ta' dawk il-persuni jew gruppi ġuridiċi:

(a) li jikkonformaw mad-definizzjoni u l-kondizzjonijiet għal "bidwi żagħżugħ" iddeterminat skont l-Artikolu 4(6); u

(b) fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-membri individwali jassumu d-drittijiet u l-obbligi paragunabbli ma' dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap tal-azjenda, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u fiskali tagħhom, dment li jkunu kkontribwew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.

## SUBTAQSIMA 4

## SKEMI GĦALL-KLIMA, L-AMBJENT
## U T-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI

*Artikolu 31*

*Skemi għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, u jipprevedu appoġġ, għall-iskemi volontarji għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali ("ekoskemi") bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw, skont dan l-Artikolu, lill-bdiewa jew lill-gruppi ta' bdiewa attivi li jieħdu impenji li josservaw prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista tal-prattiki ta' benefiċċju għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi msemmija fil-paragrafu 2. Dawk il-prattiki għandhom jitfasslu biex jissodisfaw wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f) u, fir-rigward tat-titjib fit-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, fl-Artikolu 6(1), punt (i).

4. Kull ekoskema għandha fil-prinċipju tkopri mill-inqas tnejn mill-oqsma ta' azzjoni li ġejjin għall-klima, l-ambjent, it-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi:

(a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-prattiki agrikoli, kif ukoll iż-żamma tal-ħażniet eżistenti tal-karbonju u t-titjib tas-sekwestru tal-karbonju;

(b) l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż azzjonijiet biex tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel u d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal reżistenza aqwa għall-mard u t-tibdil fil-klima;

(c) il-protezzjoni jew it-titjib tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma;

(d) il-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-ħamrija, ir-restawr tal-ħamrija, it-titjib tal-fertilità tal-ħamrija u tal-ġestjoni tan-nutrijenti u l-bijota tal-ħamrija;

(e) il-protezzjoni tal-bijodiversità, il-konservazzjoni jew ir-restawr ta' ħabitats jew speċijiet, inkluż iż-żamma u l-ħolqien ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ jew żoni mhux produttivi;

(f) azzjonijiet għal użu sostenibbli u mnaqqas tal-pestiċidi, b'mod partikolari pestiċidi li jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;

(g) azzjonijiet biex jitjieb it-trattament xieraq tal-annimali jew biex tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antimikrobiċi.

5. Skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jipprevedu biss pagamenti li jkopru l-impenji li:

(a) imorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-istandards tal-KAAT stabbiliti fil-Kapitolu I, Taqsima 2;

(b) imorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-liġi nazzjonali u mil-liġi tal-Unjoni;

(c) imorru lil hinn mill-kondizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola skont l-Artikolu 4(2), punt (b);

(d) huma differenti mill-impenji li fir-rigward tagħhom jingħataw il-pagamenti skont l-Artikolu 70.

Għall-impenji msemmija fl-ewwel subparagrafu, punt (b), fejn il-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti ġodda li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda.

6. F'konformità mal-paragrafu 5, l-Istati Membri, għad-deskrizzjoni tal-impenji li jridu jiġu ssodisfati mill-benefiċjarju tal-ekoskemi msemmija f'dan l-Artikolu, jistgħu jibnu fuq ir-rekwiżiti u l-istandards, wieħed jew aktar, stabbiliti skont il-Kapitolu I, Taqsima 2, dment li l-obbligi tal-ekoskemi jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-istandards minimi għall-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art stabbiliti mill-Istati Membri skont il-Kapitolu I, Taqsima 2.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 87(1) tar-Regolament (UE) 2021/...[+], bdiewa attivi jew gruppi ta' bdiewa attivi li jipparteċipaw f'ekoskemi stabbiliti skont l-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu bħala konformi mar-rekwiżiti u l-istandards rilevanti msemmija fl-Anness III, dment li jissodisfaw l-impenji skont l-ekoskema kkonċernata.

L-Istati Membri li jistabbilixxu ekoskemi skont l-ewwel subparagrafu jistgħu ta' dan il-paragrafu jiżguraw li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħhom ma jidduplikawx il-kontrolli fejn l-istess rekwiżiti u standards japplikaw kemm skont dawk l-ekoskemi kif ukoll skont l-obbligi stabbiliti fl-Anness III.

7. L-appoġġ għal ekoskema partikolari għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għall-ettari eliġibbli kollha koperti mill-impenji. Il-pagamenti għandhom jingħataw jew:

(a) bħala pagamenti addizzjonali għall-appoġġ għall-introjtu bażiku kif jinsab fis-Subtaqsima 2; jew

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 2018/0217 (COD)).

(b) bħala pagamenti li jikkumpensaw lil bdiewa attivi jew gruppi ta' bdiewa attivi għall-ispejjeż addizzjonali u għall-introjtu mitluf, kollha jew parti minnhom b'riżultat tal-impenji meħuda, li għandhom jiġu kkalkolati skont l-Artikolu 82 u b'kont meħud tal-miri għall-ekoskemi; dawk il-pagamenti jistgħu jkopru ukoll l-ispejjeż tat-tranżazzjoni.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-pagamenti mogħtija skont il-punt (b) tiegħu għal impenji dwar it-trattament xieraq tal-annimali, impenji li jiġġieldu r-reżistenza għall-antimikrobiċi u, jekk debitament ġustifikati, impenji għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima jistgħu wkoll jieħdu l-forma ta' pagament annwali għall-unitajiet ta' bhejjem.

8. L-Istati Membri għandhom juru kif il-prattiki agrikoli mwettqa skont l-ekoskemi jwieġbu għall-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 108 u kif dawn jikkontribwixxu għall-arkitettura ambjentali u dik marbuta mal-klima msemmija fl-Artikolu 109(2), punt (a), u għat-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi. Huma għandhom jużaw sistema ta' klassifikazzjoni jew ta' punteġġ jew kwalunkwe metodoloġija xierqa oħra biex jiżguraw l-effettività u l-effiċjenza tal-ekoskemi biex jintlaħqu l-miri stabbiliti. Meta jistabbilixxu l-livell ta' pagamenti għal impenji differenti skont l-ekoskemi skont il-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu, punt (a) ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom iqisu l-livell ta' sostenibbiltà u ambizzjoni ta' kull ekoskema, abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk ibbażati fuq l-Artikolu 70.

## TAQSIMA 3

## PAGAMENTI DIRETTI AKKOPPJATI

### SUBTAQSIMA 1

### APPOĠĠ AKKOPPJAT GĦALL-INTROJTU

*Artikolu 32*

*Regoli ġenerali*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ akkoppjat għall-introjtu lill-bdiewa attivi bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

2. L-interventi tal-Istati Membri għandhom jgħinu lis-setturi u lill-produzzjonijiet appoġġati jew it-tipi speċifiċi ta' biedja tagħhom elenkati fl-Artikolu 33 biex jindirizzaw id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom billi jtejbu l-kompetittività, is-sostenibbiltà jew il-kwalità. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa juru d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom fir-rigward tal-għelejjel li fihom il-proteini.

3. L-appoġġ akkoppjat għall-introjtu għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru jew għal kull annimal.

*Artikolu 33*

*Kamp ta' applikazzjoni*

L-appoġġ akkoppjat għall-introjtu jista' biss jingħata lis-setturi u lill-produzzjonijiet li ġejjin jew lil tipi speċifiċi ta' biedja fihom fejn dawn ikunu importanti għal raġunijiet soċjo-ekonomiċi jew ambjentali:

(a) ċereali;

(b) żrieragħ żejtnin minbarra żerriegħa tal-ġirasol użata għall-ħlewwiet kif stabbilit fl-Artikolu 11(7);

(c) għelejjel li fihom il-proteini, inkluż legumi u taħlita ta' legumi u ħaxix sakemm il-legumi jibqgħu predominanti fit-taħlita,

(d) kittien;

(e) qanneb;

(f) ross;

(g) ġewż;

(h) patata tal-lamtu;

(i) ħalib u prodotti tal-ħalib;

(j) żrieragħ;

(k) laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż;

(l) ċanga u vitella;

(m) żejt taż-żebbuġa u żebbuġ tal-mejda;

(n) dud tal-ħarir;

(o) għalf niexef;

(p) ħops;

(q) pitravi zokkrija, kannamiela u għeruq taċ-ċikwejra;

(r) frott u ħxejjex;

(s) msajġar b'newba qasira.

*Artikolu 34*

*Eliġibbiltà*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ akkoppjat għall-introjtu fil-forma ta' pagament għal kull ettaru biss għaż-żoni li jkunu ddeterminaw bħala ettari eliġibbli.

2. Fejn l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu jikkonċerna l-annimali bovini jew in-nagħaġ u l-mogħoż, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bħala kondizzjonijiet għall-eliġibbiltà għall-appoġġ ir-rekwiżiti li l-annimali jiġu identifikati u rreġistrati skont il-Parti IV, it-Titolu I, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) 2016/429. Madankollu, mingħajr preġudizzju għal kondizzjonijiet tal-eliġibbiltà applikabbli oħra, l-annimali bovini jew in-nagħaġ u l-mogħoż għandhom jitqiesu li huma eliġibbli għall-appoġġ sakemm ir-rekwiżiti ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni jkunu ġew issodisfati sa ċertu data fis-sena tat-talba kkonċernata li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri.

*Artikolu 35*

*Setgħat delegati fil-każ ta' żbilanċi strutturali tas-suq f'settur*

F'konformità mal-Artikolu 152, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'miżuri li jevitaw it-tbatija għall-benefiċjarji tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu minn żbilanċi strutturali tas-suq f'settur. Dawk l-atti delegati jistgħu jippermettu lill-Istati Membru jiddeċiedu li l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu jista' jkompli jitħallas sal-2027 abbażi tal-unitajiet tal-produzzjoni li għalihom ingħata tali appoġġ f'perijodu ta' referenza fl-imgħoddi.

## SUBTAQSIMA 2

## PAGAMENT SPEĊIFIKU GĦALL-GĦELEJJEL GĦALL-QOTON

*Artikolu 36*

*Kamp ta' applikazzjoni*

Il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja u l-Portugall għandhom jagħtu pagament speċifiku għall-għelejjel tal-qoton lill-bdiewa attivi li jipproduċu l-qoton skont il-kodiċi 5201 00 tan-NM bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima.

*Artikolu 37*

*Regoli ġenerali*

1. Il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton għandu jingħata għal kull ettaru ta' żona eliġibbli ta' qoton. Iż-żona għandha tkun eliġibbli biss jekk tkun tinsab fuq art agrikola awtorizzata mill-Istat Membru għall-produzzjoni tal-qoton, miżrugħa b'varjetajiet awtorizzati mill-Istat Membru u l-qoton effettivament miġbur minnha f'kondizzjonijiet normali ta' tkabbir.

2. Il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton għandu jitħallas għal qoton ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli.

3. Il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja u l-Portugall għandhom jawtorizzaw l-art u l-varjetajiet imsemmija fil-paragrafu 1 skont kwalunkwe regola u kondizzjoni adottata skont il-paragrafu 5.

4. Għall-interventi koperti minn din is-Subtaqsima:

   (a) l-eliġibbiltà tan-nefqa mġarrba għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-Artikolu 37, punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 2021/...[+];

   (b) għall-finijiet tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 2021/...[+], l-opinjoni li għandha tingħata mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandha tkopri l-punti (a), (b) u (d) tiegħu, kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 152 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli u kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-art u tal-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-art u tal-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u dwar in-notifiki għall-produtturi relatati ma' din l-awtorizzazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

*Artikolu 38*

*Żoni bażi, rendimenti fissi u ammonti ta' referenza*

1. Iż-żoni bażi nazzjonali li ġejjin huma stabbiliti:

– Bulgarija: 3 342 ha,

– Greċja: 250 000 ha,

– Spanja: 48 000 ha,

– Portugall: 360 ha.

2. Ir-rendimenti fissi għall-perijodi ta' referenza li ġejjin huma stabbiliti:

– Bulgarija: 1,2 tunnellata/ha,

– Greċja: 3,2 tunnellata/ha,

– Spanja: 3,5 tunnellata/ha,

– Portugall: 2,2 tunnellata/ha.

3. L-ammont tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għal kull ettaru ta' żona eliġibbli għandu jkun ikkalkulat billi r-rendimenti stabbiliti fil-paragrafu 2 jiġu mmultiplikati bl-ammonti ta' referenza li ġejjin:

– Bulgarija: EUR 636,13,

– Greċja: EUR 229,37,

– Spanja: EUR 354,73,

– Portugall: EUR 223,32.

4. Jekk iż-żona eliġibbli għall-qoton fi Stat Membru partikolari u f'sena partikolari taqbeż iż-żona bażi stabbilita fil-paragrafu 1, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 għal dak l-Istat Membru għandu jitnaqqas proporzjonalment mar-rendiment żejjed taż-żona bażi.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 152 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton, dwar ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà u dwar il-prattiki agronomiċi.

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar il-kalkolu tat-tnaqqis previst fil-paragrafu 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

*Artikolu 39*

*Organizzazzjonijiet interprofessjonali approvati*

1. Għall-fini ta' din is-Subtaqsima, "organizzazzjoni interprofessjonali approvata" tfisser entità ġuridika magħmula minn bdiewa li jipproduċu l-qoton u mill-inqas ħallieġ wieħed, li jwettqu attivitajiet bħal:

   (a) jgħinu biex ikun ikkoordinat aħjar il-mod ta' kif il-qoton jitqiegħed fis-suq, b'mod partikolari permezz ta' studji ta' riċerka u stħarriġ tas-suq;

   (b) ifasslu forom standard ta' kuntratti kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni;

   (c) jorjentaw il-produzzjoni lejn prodotti li jkunu adattati aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq u għad-domanda tal-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità u l-protezzjoni tal-konsumaturi;

   (d) jaġġornaw il-metodi u l-mezzi biex titjieb il-kwalità tal-prodott;

   (e) jiżviluppaw strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni għall-promozzjoni tal-qoton permezz ta' skemi ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità.

2. L-Istat Membru tal-istabbiliment tal-ħallieġa għandu japprova organizzazzjonijiet interprofessjonali li jissodisfaw kwalunkwe kriterju stabbilit skont il-paragrafu 3.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 152 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar:

   (a) il-kriterji għall-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali;

   (b) l-obbligi għall-produtturi;

(c) il-konsegwenzi fejn l-organizzazzjoni interprofessjonali approvata ma tissodisfax il-kriterji msemmija fil-punt (a).

*Artikolu 40*

*Għoti tal-pagament*

1. Il-bdiewa għandhom jingħataw il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton għall-ettari li huma eliġibbli kif stabbilit fl-Artikolu 38.

2. Fil-każ ta' bdiewa li jkunu membri ta' organizzazzjoni interprofessjonali approvata, il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton għall-ettari li huma eliġibbli fl-erja bażi stabbilita fl-Artikolu 38(1) għandu jiżdied b'ammont ta' EUR 2.

*Artikolu 41*

*Derogi*

1. L-Artikoli 101 u 102 u t-Titolu VII, bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu III tiegħu, ma għandhomx japplikaw għall-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton stabbilit f'din is-Subtaqsima.

2. Il-pagament speċifiku għall-qoton ma għandu jiġi inkluż fl-ebda waħda mit-taqsimiet tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikoli 108 sa 114, ħlief fir-rigward tal-Artikolu 112(2), punt (a), relatat mal-pjan finanzjarju.

3. L-Artikolu 55(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi tar-Regolament (UE) 2021/...[+] ma għandhomx japplikaw għall-interventi msemmija f'din is-Subtaqsima.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

# KAPITOLU III
# TIPI TA’ INTERVENT F'ĊERTI SETTURI

## TAQSIMA 1
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 42*

*Kamp ta' applikazzjoni*

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi r-regoli li jikkonċernaw it-tipi ta’ intervent:

(a) fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), punt (i), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(b) fis-settur tal-prodotti tal-apikultura, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), punt (v),tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (is-“settur tal-apikultura”);

(c) fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), punt (l), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(d) fis-settur tal-ħops, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(e) fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), punt (g), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(f) fis-setturi l-oħra stipulati fl-Artikolu 1(2), punti (a) sa (h), (k), (m), (o) sa (t) u (w), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u setturi li jkopru prodotti elenkati fl-Anness VI għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 43*

*Tipi ta' intervent obbligatorji u fakultattivi*

1. It-tipi ta' intervent fis-settur tal-frott u l-ħxejjex imsemmija fl-Artikolu 42, punt (a), għandhom ikunu obbligatorji għall-Istati Membri b'organizzazzjonijiet tal-produtturi f'dak is-settur rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

   Meta Stat Membru mingħajr organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex fil-mument tal-preżentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu jirrikonoxxi organizzazzjoni tal-produtturi f'dak is-settur skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 matul il-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, dak l-Istat Membru għandu jressaq talba għall-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu skont l-Artikolu 119 sabiex jinkludi interventi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex.

2. It-tipi ta' intervent fis-settur tal-apikultura msemmija fl-Artikolu 42, punt (b), għandhom ikunu obbligatorji għal kull Stat Membru.

3. It-tipi ta' intervent fis-settur tal-inbid imsemmija fl-Artikolu 42, punt (c), għandhom ikunu obbligatorji għall-Istati Membri elenkati fl-Anness VII.

4. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplimentaw it-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 42, punti (d), (e) u (f).

5. Il-Ġermanja tista’ timplimenta t-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 42, punt (f), fis-settur tal-ħops, biss jekk hija tiddeċiedi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħha li ma timplimentax it-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 42, punt (d).

6. Il-Greċja, Franza u l-Italja jistgħu jimplimentaw it-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 42, punt (f) fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, biss jekk dawn jiddeċiedu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li ma jimplimentawx it-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 42, punt (e).

*Artikolu 44*

*Forom ta' appoġġ*

1. Fis-setturi msemmija fl-Artikolu 42, l-appoġġ jista' jieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

(a) rimborż ta' spejjeż eliġibbli realment imġarrba minn benefiċjarju;

(b) kostijiet ta' unità;

(c) somom f'daqqa;

(d) finanzjament b'rata fissa.

2. L-ammonti għall-forom ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1, punti (b), (c) u (d), għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) metodu ta' kalkolu ġust, ekwitabbli u verifikabbli bbażat fuq:

(i) data statistika, informazzjoni oġġettiva oħra jew ġudizzju espert;

(ii) data storika vverifikata tal-benefiċjarji; jew

(iii) l-applikazzjoni tal-prattiki kontabilistiċi normali tal-ispejjeż tal-benefiċjarji;

(b) abbozzi ta' baġits stabbiliti skont il-każ u maqbula ex ante mill-korp li jagħżel l-operazzjoni fil-każ ta’ interventi fis-settur tal-inbid u tal-apikultura jew mill-korp li japprova l-programmi operazzjonali msemmija fl-Artikolu 50 fil-każ ta’ interventi fis-setturi l-oħra eliġibbli;

(c) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni tal-kostijiet ta' unità, tas-somom f'daqqa u tar-rati fissi korrispondenti applikabbli fil-politiki tal-Unjoni għal tip simili ta' intervent;

(d) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta' kostijiet ta' unità, somom f'daqqa u rati fissi korrispondenti applikati skont skemi ta' appoġġ iffinanzjati għal kollox mill-Istat Membru għal tip ta' intervent simili.

*Artikolu 45*

*Setgħat delegati għal rekwiżiti addizzjonali għal tipi ta' intervent*

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 152 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'rekwiżiti addizzjonali minbarra dawk stabbiliti f'dan il-Kapitolu fir-rigward:

(a) tal-iżgurar tat-tipi ta' intervent stabbiliti f'dan il-Kapitolu, b'mod partikolari billi jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern;

(b) tat-tip ta' nefqa koperta mill-interventi inklużi f'dan il-Kapitolu, inkluż, b'deroga mill-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 2021/...[+], l-eliġibbiltà tal-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew ta' benefiċjarji oħra meta jimplimentaw dawk l-interventi;

(c) tal-bażi għall-kalkolu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni msemmija f'dan il-Kapitolu, inkluż il-perijodi ta' referenza u l-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, u għall-kalkolu tal-grad tal-organizzazzjoni tal-produtturi għall-fini tal-assistenza finanzjarja nazzjonali msemmija fl-Artikolu 53;

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

(d) tal-livell massimu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għat-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 47(2), punti (a), (c), (f), (g), (h) u (i) u għat-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punti (c), (d) u (l), inkluż ir-rati tal-imballaġġ u tat-trasport għall-prodotti rtirati għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas u għall-ispejjeż tal-ipproċessar qabel ma jitwasslu għal dak il-għan;

(e) tar-regoli għall-iffissar ta' limitu massimu għan-nefqa u għall-kejl tal-erja eliġibbli għall-fini tat-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 47(2), punt (d), u fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (a);

(f) tar-regoli li permezz tagħhom il-produtturi jkollhom jirtiraw il-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, tar-regoli dwar l-eċċezzjonijiet għal dak l-obbligu sabiex ikun evitat piż amministrattiv addizzjonali, u tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni volontarja tad-distillaturi;

(g) tal-kondizzjonijiet li għandhom jiġu applikati għall-użu ta' forom ta' appoġġ elenkati fl-Artikolu 44(1).

(h) tar-regoli dwar ir-rekwiżit ta' durabbiltà minima għal investimenti produttivi u mhux produttivi appoġġati minn interventi inklużi f'dan il-Kapitolu;

(i) tar-regoli dwar il-kombinament ta' finanzjament għal investimenti skont l-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b), u għall-promozzjoni skont l-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (k).

*Artikolu 46*

*Objettivi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, is-settur tal-ħops, is-settur taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda u fis-setturi l-oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f)*

L-objettivi fis-setturi msemmija fl-Artikolu 42, punti (a), (d), (e) u (f), għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-ippjanar u l-organizzazzjoni tal-produzzjoni, l-aġġustament tal-produzzjoni għad-domanda, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità u l-kwantità, l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni u r-redditi fuq l-investiment, u l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi li jinsabu fl-Artikolu 6(1), punti (a), (b), (c) u (i);

(b) il-konċentrazzjoni tal-provvista u l-introduzzjoni fis-suq tal-prodotti, inkluż permezz tal-kummerċjalizzazzjoni diretta; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi li jinsabu fl-Artikolu 6(1), punti (a), (b) u (c);

(c) it-titjib tal-kompetittività fuq terminu medju u twil, b'mod partikolari permezz tal-modernizzazzjoni; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1), punt (c);

(d) ir-riċerka f'metodi ta' produzzjoni sostenibbli u l-iżvilupp tagħhom, inkluż ir-reżiljenza għall-pesti, ir-reżistenza għall-mard tal-annimali u l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prattiki innovattivi u t-tekniki ta' produzzjoni li jagħtu spinta lill-kompetittività ekonomika u jsaħħu l-iżviluppi tas-suq; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi li jinsabu fl-Artikolu 6(1), punti (a), (b), (c) u (i);

(e) il-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta':

(i) metodi u tekniki tal-produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent;

(ii) prattiki ta' produzzjoni reżiljenti għall-pesti u għall-mard;

(iii) standards tas-saħħa u trattament xieraq tal-annimali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali;

(iv) it-tnaqqis tal-iskart u l-użu u l-ġestjoni tajbin għall-ambjent tal-prodotti sekondarji, inkluż l-użu mill-ġdid u l-valorizzazzjoni tagħhom;

(v) il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-bijodiversità, u użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ilma, il-ħamrija u l-arja.

Dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi li jinsabu fl-Artikolu 6(1), punti (e), (f) u (i);

(f) il-kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, kif jinsab fl-Artikolu 6(1), punt (d);

(g) l-ispinta fil-valur kummerċjali u l-kwalità tal-prodotti, inkluż it-titjib tal-kwalità tal-prodotti u l-iżvilupp ta' prodotti b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta jew koperti minn skemi tal-kwalità tal-Unjoni jew nazzjonali rikonoxxuti mill-Istati Membri; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettiv speċifiku li jinsab fl-Artikolu 6(1), punt (b);

(h) il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi li jinsabu fl-Artikolu 6(1), punti (b), (c) u (i);

(i) iż-żieda fil-konsum tal-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħxejjex, fil-forma friska jew ipproċessata; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku li jinsab fl-Artikolu 6(1), punt (i);

(j) il-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-ġestjoni tar-riskju, immirati biex jevitaw u jindirizzaw disturbi fis- swieq tas-setturi rilevanti; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi li jinsabu fl-Artikolu 6(1), punti (a), (b) u (c);

(k) it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-impjieg u l-infurzar tal-obbligi tal-impjegaturi kif ukoll tar-rekwiżiti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'konformità mad-Direttivi 89/391/KEE, 2009/104/KE u (UE) 2019/1152.

*Artikolu 47*

*Tipi ta' intervent fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, is-settur tal-ħops, is-settur taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda u fis- setturi l-oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f)*

1. Għal kull objettiv magħżul minn fost dawk imsemmija fl-Artikolu 46, punti (a) sa (i) u (k), l-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għandhom jagħżlu wieħed jew aktar mit-tipi ta' intervent li ġejjin fis-setturi msemmija fl-Artikolu 42, punti (a), (d), (e) u (f):

(a) Investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, riċerka u metodi ta' produzzjoni sperimentali u innovattivi u azzjonijiet oħra, f'oqsma bħal:

(i) Il-konservazzjoni tal-ħamrija, inkluż it-tisħiħ tal-karbonju fil-ħamrija u l-istruttura tal-ħamrija, u t-tnaqqis tal-kontaminanti;

(ii) it-titjib tal-użu u l-ġestjoni għaqlija tal-ilma, inkluż l-iffrankar tal-ilma, il-konservazzjoni tal-ilma u d-drenaġġ;

(iii) il-prevenzjoni tal-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u l-promozzjoni tal-iżvilupp u l-użu ta' varjetajiet, razez u prattiki ta' ġestjoni adattati għall-kondizzjonijiet klimatiċi li jinbidlu;

(iv) iż-żieda fl-iffrankar tal-enerġija, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-użu ta' enerġija rinnovabbli;

(v) l-imballaġġ ekoloġiku biss fil-qasam tar-riċerka u l-produzzjoni sperimentali;

(vi) il-bijosigurtà, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali;

(vii) it-tnaqqis fl-emissjonijiet u fl-iskart, it-titjib fl-użu tal-prodotti sekondarji, inkluż l-użu mill-ġdid u l-valorizzazzjoni tagħhom, u l-ġestjoni tal-iskart;

(viii) it-titjib fir-reżiljenza kontra l-pesti u t-tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi, inkluż l-implimentazzjoni ta' tekniki tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti;

(ix) it-titjib fir-reżiljenza kontra l-mard tal-annimali u t-tnaqqis tal-użu ta' mediċini veterinarji inkluż l-antibijotiċi;

(x) il-ħolqien u ż-żamma tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità;

(xi) it-titjib tal-kwalità tal-prodotti;

(xii) it-titjib tar-riżorsi ġenetiċi;

(xiii) it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-impjieg u l-infurzar tal-obbligi tal-impjegaturi kif ukoll tar-rekwiżiti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'konformità mad-Direttivi 89/391/KEE, 2009/104/KE u (UE) 2019/1152;

(b) servizzi ta' konsulenza u assistenza teknika, b'mod partikolari dwar tekniki sostenibbli għall-kontroll ta' pesti u mard, l-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għas-saħħa tal-annimali, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, il-kondizzjonijiet tal-impjieg, l-obbligi tal-impjegatur u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

(c) it-taħriġ, inkluż l-ikkowċjar u l-iskambju tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari dwar tekniki sostenibbli għall-kontroll ta' pesti u mard, l-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għas-saħħa tal-annimali, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, kif ukoll l-użu ta' pjattaformi organizzati ta' negozjar u swieq għan-negozju ta' prodotti bażiċi fuq il-post u suq tal-futuri;

(d) il-produzzjoni organika jew integrata;

(e) azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u tal-ħżin tal-prodotti;

(f) il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni inkluż azzjonijiet u attivitajiet immirati b'mod partikolari lejn is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni u l-importanza tad-dieti tajbin għas-saħħa, u lejn id-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq;

(g) l-implimentazzjoni ta' skemi tal-Unjoni u dawk nazzjonali ta' kwalità;

(h) l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' traċċabbiltà u ċertifikazzjoni, b'mod partikolari l-monitoraġġ tal-kwalità tal-prodotti mibjugħa lill-konsumaturi finali;

(i) l-azzjonijiet għall-mitigazzjoni u għall-adattament tat-tibdil fil-klima.

2. Fir-rigward tal-objettiv imsemmi fl-Artikolu 46, punt (j), fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jagħżlu tip ta' intervent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-setturi msemmija fl-Artikolu 42, punti (a), (d), (e) u (f):

(a) l-istabbiliment, il-mili u l-mili mill-ġdid tal-fondi mutwi mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u mill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew skont l-Artikolu 67(7) ta' dan ir-Regolament;

(b) l-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li jagħmlu l-ġestjoni tal-volumi kkummerċjalizzati aktar effiċjenti inkluż għall-ħżin kollettiv;

(c) il-ħżin kollettiv tal-prodotti magħmula mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew mill-membri tagħha, inkluż fejn meħtieġ l-ipproċessar kollettiv biex ikun iffaċilitat dan il-ħżin;

(d) it-tħawwil mill-ġdid ta' siġar tal-frott jew taż-żebbuġ f'imsaġar fejn dak ikun meħtieġ wara li s-siġar ikollhom jinqalgħu għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima;

(e) ripopolazzjoni tal-bhejjem wara qtil obbligatorju għal raġunijiet ta' saħħa jew minħabba telf li jirrizulta minn diżastri naturali;

(f) l-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni ħielsa jew għal destinazzjonijiet oħra, inkluż fejn meħtieġ l-ipproċessar biex jitħaffef tali rtirar;

(g) il-ħsad bikri, li jikkonsisti mit-total tal-ġbir f'żona partikolari ta' prodotti mhux misjura u mhux kummerċjabbli li ma tkunx saritilhom ħsara qabel il-ħsad bikri, kemm għal raġunijiet klimatiċi, mard jew raġunijiet oħra;

(h) in-nuqqas ta' ħsad, li jikkonsisti fi tmiem iċ-ċiklu ta' produzzjoni attwali fiż-żona kkonċernata fejn il-prodott ikun żviluppat sew u jkun ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli, eskluż il-qerda ta' prodotti minħabba avveniment klimatiku jew mard;

(i) l-assigurazzjoni fuq il-prodott miġbur u fuq l-produzzjoni li tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-introjti tal-produtturi meta jkun hemm telf bħala konsegwenza ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, mard jew infestazzjonijiet mill-pesti filwaqt li tiżgura li l-benefiċjarji jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' prevenzjoni tar-riskju;

(j) l-ikkowċjar lill-organizzazzjonijiet oħra tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew skont l-Artikolu 67(7) ta' dan ir-Regolament, jew lil produtturi individwali;

(k) l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Unjoni biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi;

(l) azzjonijiet ta' komunikazzjoni li għandhom l-għan li jqajmu kuxjenza u jinfurmaw lill-konsumaturi.

*Artikolu 48*

*Ippjanar, rappurtar u approvazzjoni tal-prestazzjoni fil-livell tal-programm operazzjonali*

L-Artikolu 7(1), punt (a), l-Artikolu 102, l-Artikolu 111, punti (g) u (h), l-Artikolu 112(3), punt (b), u l-Artikolu 134 għandhom japplikaw għat-tipi ta' intervent fis-setturi msemmija fl-Artikolu 42, punti (a), (d), (e) u (f), fil-livell tal-programmi operazzjonali, minflok fil-livell ta' intervent. L-ippjanar, ir-rappurtar u l-approvazzjoni tal-prestazzjoni għal dawk it-tipi ta' intervent għandhom jitwettqu wkoll fil-livell tal-programmi operazzjonali.

## TAQSIMA 2

## SETTUR TAL-FROTT U L-ĦXEJJEX

*Artikolu 49*

*Objettivi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex*

L-Istati Membri għandhom isegwu wieħed jew aktar mill-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 42, punt (a). L-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46, punti (g), (h), (i) u (k), għandhom ikopru l-prodotti kemm jekk f'forma friska kif ukoll jekk ipproċessata, filwaqt li l-objettivi li jinsabu fil-punti l-oħra ta' dak l-Artikolu għandhom ikopru biss prodotti f'forma friska.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi jikkorrispondu mat-tipi ta' intervent magħżula skont l-Artikolu 47.

*Artikolu 50*

*Programmi operazzjonali*

1. L-objettivi msemmija fl-Artikolu 46 u l-interventi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex stipulati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għandhom ikunu implimentati permezz ta' programmi operazzjonali approvati tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew it-tnejn, bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-programmi operazzjonali għandhom idumu minn tal-anqas tliet snin u mhux aktar minn seba' snin.

3. Il-programmi operazzjonali għandhom mill-anqas jilħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, punti (b), (e) u (f).

4. Għal kull objettiv magħżul, il-programmi operazzjonali għandhom jiddeskrivu l-interventi magħżula minn fost dawk stabbiliti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

5. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom jippreżentaw programmi operazzjonali lill-Istati Membri għall-approvazzjoni u, jekk jiġu approvati, għandhom jimplimentawhom.

6. Il-programmi operazzjonali tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi ma għandhomx ikopru l-istess interventi bħal dawk tal-programmi operazzjonali tal-organizzazzjonijiet membri. L-Istati Membri għandhom iqisu l-programmi operazzjonali tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi flimkien mal-programmi operazzjonali tal-organizzazzjonijiet membri.

Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-interventi skont il-programmi operazzjonali ta' assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jiġu ffinanzjati fl-intier tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 51(1), punt (b), mill-kontribuzzjonijiet tal-organizzazzjonijiet membri ta' dik l-assoċjazzjoni u li tali finanzjament jingħabar mill-fondi operazzjonali ta' dawk l-organizzazzjonijiet membri;

(b) l-interventi u s-sehem finanzjarju korrispondenti tagħhom ikunu identifikati fil-programm operazzjonali ta' kull organizzazzjoni membru;

(c) ma jkun hemm ebda duplikazzjoni tal-finanzjament.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għal kull programm operazzjonali:

(a) mill-inqas 15 % tan-nefqa tkopri l-interventi marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, punti (e) u (f);

(b) il-programm operazzjonali jinkludi tliet azzjonijiet jew aktar marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, punti (e) u (f);

(c) mill-inqas 2 % tan-nefqa tkopri l-interventi marbuta mal-objettiv imsemmi fl-Artikolu 46, punt (d); u

(d) in-nefqa għall-interventi fit-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 47(2), punti (f), (g) u (h), ma taqbiżx terz tan-nefqa totali.

Fejn mill-inqas 80 % tal-membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi jkunu soġġetti għal impenji identiċi, wieħed jew aktar, agroambjentali-klimatiċi jew tal-biedja organika previsti fil-Kapitolu IV, kull wieħed minn dawn l-impenji għandu jgħodd bħala azzjoni għall-minimu ta' tlieta msemmija fl-ewwel subparagrafu, punt (b).

8. Fil-programmi operazzjonali jista' jkun hemm l-azzjonijiet proposti biex jiżguraw li l-ħaddiema fis-settur igawdu minn kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u sikuri.

*Artikolu 51*

*Fondi operazzjonali*

1. Kull organizzazzjoni tal-produtturi fis-settur tal-frott u tal-ħxejjex jew l-assoċjazzjoni ta' tali organizzazzjonijiet ta' produtturi tista' tistabbilixxi fond operazzjonali. Il-fond għandu jkun iffinanzjat permezz ta':

(a) kontribuzzjonijiet finanzjarji minn:

(i) membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi jew tal-organizzazzjoni tal-produtturi stess jew it-tnejn; jew

(ii) l-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi permezz tal-membri ta' dik l-assoċjazzjoni;

(b) l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni, li tista' tingħata lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew lill-assoċjazzjonijiet tagħhom meta dawk l-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet jippreżentaw programm operazzjonali.

2. Il-fondi operazzjonali għandhom jintużaw biss biex jiffinanzjaw il-programmi operazzjonali li jkunu ġew approvati mill-Istati Membri.

*Artikolu 52*

*Assistenza finanzjarja mill-Unjoni għas-settur tal-frott u l-ħxejjex*

1. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għandha tkun ugwali għall-ammont tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 51(1), punt (a), attwalment imħallsa u limitata għal 50 % tan-nefqa reali mġarrba.

2. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għandha tkun limitata għal:

(a) 4,1 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi;

(b) 4,5 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi;

(c) 5 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi tranżnazzjonali jew assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tranżnazzjonali.

Dawk il-limiti jistgħu jiżdiedu b'0,5 punt perċentwali dment li l-ammont li jaqbeż il-perċentwal rilevanti stabbilit fl-ewwel subparagrafu jintuża biss għal interventi wieħed jew aktar li jkunu marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, punti (d), (e), (f), (h), (i) u (j). Fil-każ tal-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, inkluż l-assoċjazzjonijiet tranżnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, dawk l-interventi jistgħu jiġu implimentati mill-assoċjazzjoni f'isem il-membri tagħha.

3. Fuq talba ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew ta' assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal 60 % f'każ ta' programm operazzjonali jew parti minn programm operazzjonali jekk mill-anqas tapplika waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-organizzazzjonijiet tal-produtturi transnazzjonali jimplimentaw fi żewġ Stati Membri jew f'aktar l-interventi marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, punti (b), (e) u (f);

(b) organizzazzjoni tal-produttur jew assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, waħda jew aktar, ikunu impenjati f'interventi mħaddma fuq bażi interprofessjonali;

(c) il-programm operazzjonali jkun ikopri biss appoġġ speċifiku għall-produzzjoni ta' prodotti organiċi koperti mir-Regolament (UE) 2018/848;

(d) l-organizzazzjoni tal-produtturi jew l-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 timplimenta programm operazzjonali għall-ewwel darba;

(e) l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jikkummerċjalizzaw inqas minn 20 % tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex fi Stat Membru;

(f) l-organizzazzjoni tal-produtturi topera f'wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi;

(g) il-programm operazzjonali jinkludi l-interventi marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, punti (d), (e), (f), (i) u (j);

(h) il-programm operazzjonali jkun implimentat għall-ewwel darba minn organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta li tkun ir-riżultat ta' fużjoni bejn żewġ organizzazzjonijiet rikonoxxuti, jew aktar, tal-produtturi.

4. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal 80 % għan-nefqa marbuta mal-objettiv imsemmi fl-Artikolu 46, punt (d), jekk dik in-nefqa tkopri mill-inqas 5 % tan-nefqa skont il-programm operazzjonali.

5. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal 80 % għan-nefqa marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, punti (e) u (f), jekk dik in-nefqa tkopri mill-inqas 20 % tan-nefqa skont il-programm operazzjonali.

6. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal 100 % fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-irtirar mis-suq tal-frott u l-ħxejjex li ma jaqbżux il-5 % tal-volum tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi u li jitneħħew permezz ta':

(i) distribuzzjoni b'xejn lill-organizzazzjonijiet u lill-fondazzjonijiet tal-karità, approvati f'dan is-sens mill-Istati Membri, għall-użu fl-attivitajiet tagħhom biex jassistu persuni li d-dritt tagħhom għall-assistenza pubblika huwa rikonoxxut fil-liġi nazzjonali, b'mod partikolari peress li ma għandhomx il-mezzi meħtieġa għas-sussistenza;

(ii) distribuzzjoni b'xejn lill-istituzzjonijiet penali, lill-iskejjel u lill-istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi, lill-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u lill-kampijiet tal-btajjel tat-tfal kif ukoll lill-isptarijiet u lid-djar tal-anzjani nnominati mill-Istati Membri, li għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-kwantitajiet imqassmin b'dan il-mod ikunu addizzjonali għall-kwantitajiet li normalment jinxtraw mit-tali stabbilimenti;

(b) l-azzjonijiet relatati mal-ikkowċjar ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi oħra rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, sakemm dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jkunu minn reġjuni tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 53(2) ta' dan ir-Regolament, jew ta' produtturi individwali.

*Artikolu 53*

*Assistenza finanzjarja nazzjonali*

1. Fir-reġjuni tal-Istati Membri fejn il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ikun taħt il-medja tal-Unjoni b'mod sinifikanti, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-organizzazzjonijiet ta-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 assistenza finanzjarja nazzjonali li ma taqbiżx 80 % tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 51(1), punt (a) ta' dan ir-Regolament u sa mhux aktar minn 10 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kwalunkwe tali organizzazzjoni tal-produtturi. L-assistenza finanzjarja nazzjonali għandha tkun addizzjonali għall-fond operazzjonali.

2. Il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi f'reġjun ta' Stat Membru għandu jitqies li huwa sinifikament taħt il-medja tal-Unjoni fejn il-livell medju ta' organizzazzjoni kien inqas minn 20 % għal tliet snin konsekuttivi qabel l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali. Il-livell ta' organizzazzjoni għandu jiġi kkalkolat bħala l-valur tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex li nkiseb fir-reġjun ikkonċernat u kkummerċjalizzat mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u mill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, diviż bil-valur totali tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex li nkiseb f'dak ir-reġjun.

3. L-Istati Membri li jagħtu assistenza finanzjarja nazzjonali skont il-paragrafu 1 għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-reġjuni li jissodisfaw il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 u dwar l-assistenza finanzjarja nazzjonali mogħtija lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi f'dawk ir-reġjuni.

## TAQSIMA 3
## SETTUR TAL-APIKULTURA

*Artikolu 54*

*Objettivi fis-settur tal-apikultura*

L-Istati Membri għandhom isegwu mill-inqas wieħed mill-objettivi speċifiċi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 6(1) fis-settur tal-apikultura.

*Artikolu 55*

*Tipi ta' intervent fis-settur tal-apikultura u assistenza finanzjarja mill-Unjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għal kull objettiv speċifiku magħżul stabbilit fl-Artikolu 6(1) wieħed jew aktar mit-tipi ta' intervent li ġejjin fis-settur tal-apikultura:

   (a) servizzi ta' konsulenza, assistenza teknika, taħriġ, informazzjoni u skambju tal-aħjar prattiki, inkluż permezz ta' networking, għal dawk li jrabbu n-naħal u l-organizzazzjonijiet ta' dawk li jrabbu n-naħal;

   (b) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, kif ukoll azzjonijiet oħra, fosthom għal:

      (i) il-ġlieda kontra l-invażuri tal-kaxxi tan-naħal u l-mard fihom, partikolarment il-varroażi;

      (ii) il-prevenzjoni tal-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u l-promozzjoni tal-iżvilupp u l-użu ta' prattiki ta' ġestjoni adattati għall-kondizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu;

      (iii) ir-ripopolazzjoni tal-kaxxi tan-naħal fl-Unjoni, inkluż it-trobbija tan-naħal;

      (iv) ir-razzjonalizzazzjoni tat-transumanza;

   (c) azzjonijiet li jappoġġaw il-laboratorji għall-analiżi tal-prodotti tal-apikultura, it-telf tan-naħal jew it-tnaqqis fil-produttività, u sustanzi potenzjalment tossiċi għan-naħal;

(d) azzjonijiet biex jiġi ppreservat jew jiżdied l-għadd eżistenti ta' kaxxi tan-naħal fl-Unjoni, inkluż it-tnissil tan-naħal;

(e) il-kooperazzjoni ma' korpi speċjalizzati għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka fil-qasam tat-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-apikultura;

(f) il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni inkluż azzjonijiet ta' monitoraġġ tas-suq u attivitajiet immirati b'mod partikolari lejn is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar il-kwalità tal-prodotti tal-apikultura;

(g) azzjonijiet għat-titjib tal-kwalità tal-prodotti.

2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tagħhom tal-objettivi speċifiċi u t-tipi ta’ intervent. Fi ħdan it-tipi ta’ intervent magħżula, huma għandhom jispeċifikaw l-interventi.

3. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-finanzjament ipprovdut minnhom għat-tipi ta’ intervent magħżula fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu mill-inqas l-istess ammont ta’ finanzjament bħall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni li jużaw abbażi tal-Artikolu 88(2) għall-appoġġ tat-tipi ta’ intervent imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

5. L-assistenza finanzjarja totali pprovduta mill-Unjoni u l-Istati Membri ma għandhiex taqbeż in-nefqa mġarrba mill-benefiċjarju.

6. Meta jfasslu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw mar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-qasam tat-trobbija tan-naħal.

7. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-għadd ta' kaxxi tan-naħal fit-territorju tagħhom.

*Artikolu 56*

*Setgħat delegati addizzjonali għat-tipi ta' intervent fis-settur tal-apikultura*

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 152 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'rekwiżiti addizzjonali għal dawk stabbiliti f'din it-Taqsima rigward:

(a) l-obbligu tal-Istati Membri li kull sena jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-għadd ta' kaxxi tan-naħal fit-territorju tagħhom stabbilit fl-Artikolu 55(7);

(b) definizzjoni ta' kaxxa tan-naħal u l-metodi għall-kalkolu tal-għadd ta' kaxxi tan-naħal;

(c) il-kontribuzzjoni minima tal-Unjoni għan-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tat-tipi ta' intervent u l-interventi msemmija fl-Artikolu 55.

## TAQSIMA 4

## SETTUR TAL-INBID

*Artikolu 57*

*Objettivi fis-settur tal-inbid*

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) għandu jkollhom objettiv wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin fis-settur tal-inbid:

(a) it-titjib tas-sostenibbiltà ekonomika u l-kompetittività tal-produtturi tal-inbid tal-Unjoni; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi li jinsabu fl-Artikolu 6(1), punti (a), (b), (c) u (h);

(b) il-kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u għat-titjib fis-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur tal-inbid tal-Unjoni, billi fost l-oħrajn jingħata appoġġ lil dawk li jkabbru d-dwieli għall-inbid biex inaqqsu l-użu tal-mezzi ta' produzzjoni u jimplimentaw metodi u prattiki ta' kultivazzjoni li jkunu aktar sostenibbli għall-ambjent; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi li jinsab fl-Artikolu 6(1), punti (d) sa (f) u (i);

(c) it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-impjieg u l-infurzar tal-obbligi tal-impjegaturi kif ukoll tar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'konformità mad-Direttivi 89/391/KEE, 2009/104/KE u (UE) 2019/1152;

(d) it-titjib tal-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-inbid tal-Unjoni u l-adattament tagħhom għad-domandi tas-suq, kif ukoll iż-żieda tal-kompetittività tagħhom fit-tul fil-produzzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tad-dwieli, inkluż l-iffrankar fl-enerġija, l-effiċjenza fl-enerġija globali u l-proċessi sostenibbli; dawk l-objettivi huma relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (a) sa (e), (g) u (h);

(e) il-kontribut għar-restawr tal-bilanċ tal-provvista u d-domanda fis-suq tal-inbid tal-Unjoni sabiex jiġu evitati l-kriżijiet fis-suq; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1), punt (a);

(f) il-kontribut għas-salvagwardja tal-introjti tal-produtturi tal-Unjoni meta jġarrbu telf bħala konsegwenza ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, mard jew infestazzjonijiet ta' pesti; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1), punt (a);

(g) iż-żieda tal-kummerċjabbiltà u l-kompetittività tal-prodotti tad-dwieli tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji innovattivi, u ż-żieda tal-valur fi kwalunkwe stadju tal-katina ta' provvista; dak l-objettiv jista' jinkludi t-trasferiment tal-għarfien u huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (a), (b), (c), (e) u (i);

(h) is-sostenn għall-użu tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid għal skopijiet industrijali u tal-enerġija sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-inbid tal-Unjoni filwaqt li jitħares l-ambjent; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d) u (e);

(i) il-kontribut għas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar il-konsum responsabbli tal-inbid u dwar l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni għall-inbid; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (b) u (i);

(j) it-titjib tal-kompetittività tal-prodotti tad-dwieli tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, inkluż il-ftuħ u d-diversifikazzjoni tas-swieq tal-inbid; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (b) u (h);

(k) il-kontribut għaż-żieda tar-reżiljenza tal-produtturi kontra ċ-ċaqliq ekonomiku; dak l-objettiv huwa relatat mal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1), punt (a).

*Artikolu 58*

*Tipi ta' intervent fis-settur tal-inbid*

1. Għal kull objettiv magħżul minn fost dawk stabbiliti fl-Artikolu 57, l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) għandhom jagħżlu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom wieħed jew aktar mit-tipi ta' intervent li ġejjin:

   (a) ir-ristrutturar u l-konverżjoni ta' vinji, li huwa proċess li jikkonsisti minn wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

      (i) il-konverżjonijiet varjetali, anke permezz ta' tilqim, biex fost affarijiet oħra titjieb il-kwalità jew is-sostenibbiltà ambjentali, għal raġunijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima jew għal żieda fid-diversità ġenetika;

      (ii) ir-rilokazzjoni ta' vinji;

(iii) it-taħwil mill-ġdid ta' vinji fejn meħtieġ b'segwitu ta' qlugħ tad-dwieli obbligatorju għal raġunijiet ta' saħħa jew raġunijiet fitosanitarji fuq istruzzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru;

(iv) titjib tat-tekniki tal-ġestjoni tal-vinji, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' sistemi avvanzati ta' produzzjoni sostenibbli inkluż it-tnaqqis fl-użu ta' pestiċidi, iżda bl-esklużjoni tas-sostituzzjoni normali ta' vinji, li jikkonsisti mit-tħawwil mill-ġdid tal-istess varjetà ta' għenba bl-istess sistema ta' tkabbir tad-dwieli, meta d-dwieli jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom;

(b) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli f'sistemi agrikoli ta' vinikultura, minbarra operazzjonijiet rilevanti għat-tip ta' intervent previst fil-punt (a), fil-faċilitajiet tal-ipproċessar u fl-infrastruttura għall-fabbriki tal-inbid, kif ukoll fl-istrutturi u l-għodod ta' kummerċjalizzazzjoni;

(c) il-qtugħ bikri, li jfisser il-qerda jew it-tneħħija totali ta' għenieqed tal-għeneb waqt li jkunu għadhom fl-istadju immatur tagħhom, u b'hekk jitnaqqas ir-rendiment taż-żona rilevanti għal żero, u eskluż in-nuqqas ta' qtugħ, jiġifieri li l-għeneb kummerċjali jitħallew fuq il-pjanti fi tmiem iċ-ċiklu normali ta' produzzjoni;

(d) l-assigurazzjoni fuq il-prodott miġbur kontra telf fl-introjtu li jirriżulta minn avvenimenti klimatiċi avversi assimilati ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, ħsara kkawżata mill-annimali, mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet mill-pesti;

(e) investimenti tanġibbli u intanġibbli fl-innovazzjoni li jikkonsistu fl-iżvilupp ta' prodotti innovattivi, inkluż prodotti mill-produzzjoni tal-inbid u prodotti sekondarji tagħha, proċessi u teknoloġiji innovattivi għall-produzzjoni tal-prodotti tal-inbid u d-diġitalizzazzjoni ta’ dawk il-proċessi u t-teknoloġiji, kif ukoll investimenti oħra li jżidu l-valur fi kwalunkwe stadju tal-katina tal-provvista, inkluż għall-iskambju tal-għarfien u l-kontribut għall-adattament għat-tibdil fil-klima;

(f) servizzi ta' konsulenza, b'mod partikolari dwar il-kondizzjonijiet tal-impjieg, l-obbligi tal-impjegaturi u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(g) id-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji mill-produzzjoni tal-inbid imwettqa skont ir-restrizzjonijiet stabbiliti fil-Parti II, Taqsima D, tal-Anness VIII għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(h) azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-inbejjed tal-Unjoni mwettqa fl-Istati Membri li jinkoraġġixxu l-konsum responsabbli tal-inbid jew li jippromwovu l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni li jkopru d-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi;

(i) azzjonijiet meħuda minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti mill-Istati Membri fis-settur tal-inbid skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li għandhom l-għan li jtejbu r-reputazzjoni tal-vinji tal-Unjoni billi jippromwovu t-turiżmu tal-inbid fir-reġjuni tal-produzzjoni;

(j) azzjonijiet meħuda minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti mill-Istati Membri fis-settur tal-inbid skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 bil-għan li jittejjeb l-għarfien tas-suq;

(k) il-promozzjoni u l-komunikazzjoni mwettqa f'pajjiżi terzi, li tikkonsisti f'waħda jew aktar mill-azzjonijiet u l-attivitajiet li ġejjin immirati lejn it-titjib tal-kompetittività tas-settur tal-inbid, u l-ftuħ, id-diversifikazzjoni jew il-konsolidazzjoni tas-swieq:

(i) azzjonijiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, promozzjoni jew reklamar, b'mod partikolari li jenfasizzaw l-istandards għoljin tal-prodotti tal-Unjoni, b'mod speċjali f'termini ta' kwalità, sikurezza tal-ikel jew l-ambjent;

(ii) parteċipazzjoni f'avvenimenti, fieri jew wirjiet ta' importanza internazzjonali;

(iii) kampanji ta' informazzjoni, b'mod partikolari dwar l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni li jkopru d-denominazzjonijiet ta' oriġini, l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-produzzjoni organika;

(iv) studji ta' swieq ġodda jew eżistenti li huma meħtieġa għall-espansjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq disponibbli;

(v) studji sabiex jiġu evalwati r-riżultati tal-operazzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni;

(vi) it-tħejjija ta' fajls tekniċi, inkluż testijiet u valutazzjonijiet tal-laboratorji, dwar il-prattiki enoloġiċi, ir-regoli fitosanitarji u tal-iġjene, kif ukoll rekwiżiti oħra ta' pajjiżi terzi għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-inbid, biex ikun hemm aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi jew jiġu evitati r-restrizzjonijiet għal dan l-aċċess;

(l) assistenza temporanja u digressiva biex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi għall-istabbiliment ta' fondi mutwi;

(m) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li għandhom l-għan li jtejbu s-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-inbid billi:

(i) itejbu l-użu u l-ġestjoni tal-ilma;

(ii) jikkonvertu l-produzzjoni għal waħda organika;

(iii) jintroduċu tekniki integrati ta' produzzjoni;

(iv) jinxtara tagħmir għall-preċiżjoni jew metodi ta' produzzjoni diġitalizzati;

(v) jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tal-ħamrija u t-titjib tas-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija;

(vi) joħolqu jew iħarsu ħabitats li jiffavorixxu l-bijodiversità jew iż-żamma tal-pajsaġġ, inkluż il-konservazzjoni tal-karatteristiċi storiċi; jew

(vii) inaqqsu l-produzzjoni tal-iskart u t-titjib tal-immaniġġjar tal-iskart.

L-ewwel subparagrafu, punt (k), għandu japplika biss għal inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta jew għal inbejjed b'indikazzjoni tal-varjetà ta' għeneb tal-inbid. L-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mmirati lejn il-konsolidazzjoni tas-swieq disponibbli għandhom ikunu limitati għal tul massimu ta' tliet snin, li ma jistax jiġi estiż, u għandhom jikkonċernaw biss l-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni li jkopru d-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) għandhom jissostanzjaw l-għażla tagħhom tal-objettivi u tat-tipi ta' intervent fis-settur tal-inbid. Fit-tipi ta' intervent magħżula, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw l-interventi.

L-Istati Membri li għażlu t-tipi ta' intervent previsti fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, punt (k) ta' dan l-Artikolu għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-azzjonijiet u l-attivitajiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-tul ta' żmien massimu tagħhom.

3. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu V, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) għandhom jagħtu skeda ta' implimentazzjoni għat-tipi ta' intervent magħżula, l-interventi u tabella finanzjarja ġenerali li turi r-riżorsi li jridu jintużaw u l-allokazzjoni prevista tar-riżorsi bejn it-tipi ta' intervent magħżula u bejn l-interventi skont l-allokazzjoni finanzjarji stabbiliti fl-Anness VII.

*Artikolu 59*

*Assistenza finanzjarja mill-Unjoni għas-settur tal-inbid*

1. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (a), ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ispejjeż reali għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji, jew il-75 % tal-ispejjeż reali tar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji fir-reġjuni inqas żviluppati.

Madankollu dik l-assistenza finanzjarja tista', għal art wieqfa u art imtarrġa f'żoni fejn l-inklinazzjoni tkun akbar minn 40 %, tasal sa 60 % tal-ispejjeż reali tar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji, jew sa 80 % tal-ispejjeż reali tar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji f'reġjuni inqas żviluppati.

L-assistenza tista' tieħu biss il-forma ta' kumpens għall-produtturi għat-telf fid-dħul minħabba l-implimentazzjoni tal-intervent u kontribuzzjoni għall-ispejjeż tar-ristrutturar u l-konverżjoni. Il-kumpens għall-produtturi għat-telf fid-dħul minħabba l-implimentazzjoni tal-intervent jista' jkopri sa 100 % tat-telf rilevanti u jieħu waħda mill-forom li ġejjin:

(a) il-permess li dwieli qodma u ġodda jikkoeżistu għal perijodu massimu li ma għandux jaqbeż it-tliet snin;

(b) kumpens finanzjarju għal perijodu massimu li ma għandux jaqbeż it-tliet snin.

2. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b), ma għandhiex taqbeż:

(a) 50 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni anqas żviluppati;

(b) 40 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni għajr ir-reġjuni inqas żviluppati;

(c) 75 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;

(d) 65 % tal-ispejjeż ta' investimenti eliġibbli fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata biss lill-intrapriżi mikro, żgħar u medji skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[1]. Madankollu, tista' tingħata lill-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

Għall-intrapriżi mhux koperti mill-Artikolu 2(1) tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE b'anqas minn 750 impjegat jew bi dħul annwali ta' anqas minn EUR 200 miljun, il-livelli massimi tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitnaqqsu bin-nofs.

L-ebda assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandha tingħata lill-intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata "Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-impriżi f'diffikultà"[2].

3. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-qtugħ bikri tal-għeneb imsemmi fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (c), ma għandhiex taqbeż il-50 % tas-somma tal-ispejjeż diretti tal-qerda jew tat-tneħħija tal-għenieqed tal-għeneb u t-telf tad-dħul relatat mat-tali qerda jew tneħħija.

4. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-interventi msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punti (i), (j) u (m), ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ispejjeż diretti jew eliġibbli.

---

[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 fir-rigward tad-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

[2] ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.

5. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-assigurazzjoni fuq il-prodott miġbur imsemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (d), ma għandhiex taqbeż:

(a) 80 % tal-ispiża tal-premiums tal-assigurazzjoni mħallsa mill-produtturi għall-assigurazzjoni kontra t-telf li jirriżulta minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastri naturali;

(b) 50 % tal-ispiża tal-premiums tal-assigurazzjoni mħallsa mill-produtturi għall-assigurazzjoni kontra:

(i) telf imsemmi fil-punt (a) u kontra telf ikkawżat minn avvenimenti klimatiċi avversi oħra;

(ii) telf ikkawżat minn annimali, mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet tal-pesti.

L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-assigurazzjoni fuq il-prodott miġbur tista' tingħata jekk il-pagamenti tal-assigurazzjoni inkwistjoni ma jikkumpensawx lill-produtturi għal aktar minn 100 % tat-telf tal-introjtu li jkunu ġarrbu, filwaqt li jittieħed kont ta' kwalunkwe kumpens li l-produtturi jkunu setgħu kisbu minn skemi oħra ta' appoġġ relatati mar-riskju assigurat. Il-kuntratti tal-assigurazzjoni għandhom jeħtieġu li l-benefiċjarji jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' prevenzjoni tar-riskju.

6. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (e), ma għandhiex taqbeż:

(a) 50 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni anqas żviluppati;

(b) 40 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni għajr ir-reġjuni inqas żviluppati;

(c) 80 % tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;

(d) 65 % tal-ispejjeż ta' investimenti eliġibbli fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima tagħha stabbilita fl-ewwel subparagrafu, għandha tingħata biss lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE; madankollu, tista' tingħata lill-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew.

Għall-intrapriżi mhux koperti mill-Artikolu 2(1) tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, b'anqas minn 750 impjegat jew bi dħul annwali ta' anqas minn EUR 200 miljun, il-livelli massimi tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu għandu jitnaqqas bin-nofs.

7. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u għall-promozzjoni msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punti (h) u (k), ma għandhiex taqbeż il-50 % tan-nefqa eliġibbli.

Barra minn hekk, l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) jistgħu jagħtu pagamenti nazzjonali sa 30 % tan-nefqa eliġibbli, iżda l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni u l-pagamenti tal-Istati Membri flimkien ma għandhomx jaqbżu 80 % tan-nefqa eliġibbli.

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jiffissaw l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji mill-produzzjoni tal-inbid imsemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (g), skont ir-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 60(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

*Artikolu 60*

*Regoli speċifiċi dwar l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għas-settur tal-inbid*

1. L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) għandhom jiżguraw li l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-assigurazzjoni fuq il-prodott miġbur ma tikkawżax distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-assigurazzjoni.

2. L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) għandhom jistabbilixxu sistema bbażata fuq kriterji oġġettivi biex jiġi żgurat li l-qtugħ bikri tal-għeneb ma jwassalx għal kumpens ta' produtturi individwali li jkun aktar mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 59(3).

3. L-ammont tal-assistenza mill-Unjoni għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid imsemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (g), għandu jkun stabbilit għal kull % tal-volum u għal kull ettolitru ta' alkoħol prodott. L-ebda assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandha titħallas għall-volum ta' alkoħol li jkun hemm fil-prodotti sekondarji li jkunu ser jiġu ddistillati li jkun aktar minn 10 % relattivament mal-volum ta' alkoħol li jkun hemm fl-inbid prodott.

   L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) għandhom jiżguraw li l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji mill-produzzjoni tal-inbid titħallas lid-distillaturi li jipproċessaw il-prodotti sekondarji mill-produzzjoni tal-inbid ikkonsenjati għall-finijiet tad-distillazzjoni f'alkoħol mhux raffinat li jkollu saħħa alkoħolika ta' mill-inqas 92 % skont il-volum.

   L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għandha tinkludi somma f'daqqa biex tikkumpensa għall-ispejjeż tal-ġbir tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid. Dak l-ammont għandu jiġi ttrasferit mid-distillatur għall-produttur f'każijiet fejn dan tal-aħħar jerfa' l-ispejjeż rilevanti.

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) għandhom jiżguraw li l-alkoħol li jirriżulta mid-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid li għalih tkun ingħatat assistenza finanzjarja mill-Unjoni jintuża esklużivament għal skopijiet industrijali jew ta' enerġija li ma jikkawżawx distorsjoni tal-kompetizzjoni.

4. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 88(1) għandhom jiżguraw li mill-anqas 5 % tan-nefqa tkun allokata minn qabel u li mill-anqas azzjoni waħda tiġi adottata biex jintlaħqu l-objettivi favur il-protezzjoni tal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistemi u l-proċessi tal-produzzjoni, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur tal-inbid tal-Unjoni, l-iffrankar tal-enerġija u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika globali fis-settur tal-inbid, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 57, punti (b), (d) u (h).

## TAQSIMA 5

## IS-SETTUR TAL-ĦOPS

*Artikolu 61*

*Objettivi u tipi ta' intervent fis-settur tal-ħops*

1. Il-Ġermanja għandu jkollha fis-settur tal-ħops objettiv wieħed jew aktar mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 46, punti (a) sa (h), (j) u (k).

2. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħha, il-Ġermanja għandha tagħżel wieħed jew aktar mit-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 47 biex twettaq l-objettivi magħżula kif stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Fit-tipi ta’ intervent magħżula, il-Ġermanja għandha tispeċifika l-interventi. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħha, hija għandha tissostanzja l-għażla tal-objettivi, tat-tipi ta’ intervent u l-interventi biex tissodisfa dawk l-objettivi.

3. L-interventi speċifikati mill-Ġermanja għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi operazzjonali approvati tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew tal-assoċjazzjonijiet tagħhom rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

4. Il-programmi operazzjonali msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 50(2), (4), (5), (6) u (8).

5. Il-Ġermanja għandha tiżgura li l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni pprovduta lil kull organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi skont dan l-Artikolu għat-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 47(2), punti (f), (g) u (h), ma taqbiżx, bħala medja fuq tliet snin konsekuttivi, terz tat-total tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni li jkunu rċevew għall-programm operazzjonali rispettiv tagħhom matul l-istess perijodu.

*Artikolu 62*

*Assistenza finanzjarja mill-Unjoni*

1. Fl-allokazzjoni finanzjarja stabbilita fl-Artikolu 88(3), il-Ġermanja għandha talloka l-assistenza finanzjarja massima mill-Unjoni lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew lill-assoċjazzjonijiet tagħhom li jimplimentaw il-programmi operazzjonali msemmija fl-Artikolu 61(3) b'mod proporzjonali għall-għadd ettari kkultivati bil-ħops irrappreżentati minn kull organizzazzjoni tal-produtturi.

2. Fl-ammonti massimi allokati lil kull organizzazzjoni tal-produtturi jew għal kull assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi skont il-paragrafu 1, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-programmi operazzjonali msemmija fl-Artikolu 61 għandha tkun limitata għal 50 % tan-nefqa reali mġarrba għat-tipi ta’ intervent imsemmija f'dak l-Artikolu. Il-parti li jifdal tan-nefqa għandha tiġġarrab mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew mill-assoċjazzjoni li tibbenefika mill-assistenza finanzjarja mill-Unjoni.

   L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għandha titħallas lill-fondi operazzjonali stabbiliti mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew mill-assoċjazzjonijiet tagħhom rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jimplimentaw il-programmi operazzjonali. Għal dan il-fini, għandu japplika mutatis mutandis l-Artikolu 51 ta' dan ir-Regolament.

3. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 2 għandu jiżdied għal 100 %:

   (a) għat-tipi ta’ intervent marbuta ma’ wieħed jew aktar mill-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, punti (d), (e), (f) u (h);

(b) għall-interventi ta' ħżin kollettiv, servizzi ta' konsulenza, assistenza teknika, taħriġ u skambju tal-aħjar prattiki marbuta ma' objettiv wieħed jew maż-żewġ objettivi msemmija fl-Artikolu 46, punti (a) u (j).

## TAQSIMA 6

## IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA U TAŻ-ŻEBBUĠ TAL-MEJDA

*Artikolu 63*

*Objettivi fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda*

Il-Greċja, Franza u l-Italja għandu jkollhom fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, objettiv wieħed jew aktar mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 46, punti (a) sa (h), (j) u (k).

*Artikolu 64*

*Tipi ta' intervent fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda*

1. Sabiex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 63, il-Greċja, Franza u l-Italja għandhom fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jagħżlu wieħed jew aktar mit-tipi ta' intervent imsemmija fl-Artikolu 47. Fi ħdan it-tipi ta' intervent magħżula, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw l-interventi.

2. L-interventi speċifikati mill-Greċja, Franza u l-Italja għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi operazzjonali approvati tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Għal dan il-fini, l-Artikolu 50(2), (4), (5), (6) u (8) u l-Artikolu 51 ta' dan ir-Regolament għandu japplika mutatis mutandis, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 65(3).

*Artikolu 65*

*Assistenza finanzjarja mill-Unjoni*

1. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-ispejjeż eliġibbli ma għandhiex taqbeż:

(a) 75 % tan-nefqa reali mġarrba għall-interventi marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, punti (a) sa (f), (h) u (k);

(b) 75 % tan-nefqa reali mġarrba għall-investimenti ta' assi fissi u 50 % għal interventi oħra marbuta mal-objettiv imsemmi fl-Artikolu 46, punt (g);

(c) 50 % tan-nefqa reali mġarrba għall-interventi marbuta mal-objettiv imsemmi fl-Artikolu 46, punt (j);

(d) 75 % tan-nefqa reali mġarrba għat-tipi ta' intervent imsemmija fl-Artikolu 47(1), punti (f) u (h), fejn il-programm operazzjonali huwa implimentat f'mill-anqas tliet pajjiżi terzi jew Stati Membri mhux produtturi permezz ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi minn mill-anqas żewġ Stati Membri produtturi, jew 50 % meta dik il-kondizzjoni ma tiġix issodisfata.

2. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għandha tkun limitata għal 30 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata minn kull organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fl-2023 u l-2024, 15 % fl-2025 u l-2026 u 10 % mill-2027 'il quddiem.

3. Il-Greċja, Franza u l-Italja jistgħu jipprovdu finanzjament komplementari tal-fondi operazzjonali msemmija fl-Artikolu 51 sa 50 % tal-ispejjeż mhux koperti mill-assistenza finanzjarja mill-Unjoni.

4. Il-Greċja, Franza u l-Italja għandhom jiżguraw li n-nefqa fuq it-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 47(2), punti (f), (g) u (h), ma jaqbiżx terz tan-nefqa totali taħt kull programm operazzjonali kif stabbilit fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

## TAQSIMA 7
## SETTURI OĦRA

*Artikolu 66*
*Objettivi f'setturi oħra*

Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jagħżlu dawk is-setturi msemmija fl-Artikolu 42, punt (f), li fihom jimplimentaw it-tipi ta’ intervent stabbiliti fl-Artikolu 47. Għal kull settur li l-Istati Membri jagħżlu, huma għandu jaħdmu biex jiksbu objettiv wieħed, jew aktar, mill-objettivi kif jinsabu fl-Artikolu 46, punti (a) sa (h), (j) u (k). L-Istati Membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tagħhom ta' setturi u objettivi.

*Artikolu 67*

*Tipi ta' intervent f' setturi oħra*

1. Għal kull settur magħżul f'konformità mal-Artikolu 66, l-Istati Membri għandhom jagħżlu wieħed jew aktar mit-tipi ta' intervent imsemmija fl-Artikolu 47 biex jiġu implimentati permezz ta' programmi operazzjonali mfassla minn:

   (a) organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu; jew

   (b) kooperattivi, kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni bejn il-produtturi li jkunu magħmula fuq l-inizjattiva tal-produtturi u kkontrollati minnhom, li ġew identifikati mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru bħala gruppi ta' produtturi, għal perijodu tranżizzjonali sa erba' snin mill-bidu ta' programm operazzjonali approvat li jintemm mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kriterji biex gruppi jiġu identifikati bħala gruppi ta' produtturi u għandhom jiddeterminaw l-attivitajiet u l-objettivi tal-gruppi ta' produtturi msemmija fil-paragrafu 1, punt (b), bil-għan li dawk il-gruppi ta' produtturi jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-rikonoxximent bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi skont l-Artikoli 152 sa 154 jew 161 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-gruppi tal-produtturi msemmija fil-paragrafu 1, punt (b), minbarra l-programm operazzjonali, għandhom ifasslu u jippreżentaw pjan ta' rikonoxximent bil-għan li fil-perijodu tranżizzjonali msemmi f'dak il-punt, jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 152 sa 154 jew 161 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu għar-rikonoxximent bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi.

Il-pjan ta' rikonoxximent għandu jistabbilixxi l-attivitajiet u l-miri biex jiżgura l-progress lejn il-kisba ta' rikonoxximent bħal dan.

L-appoġġ mogħti lil grupp tal-produtturi li mhuwiex rikonoxxut bħala organizzazzjoni tal-produtturi sa tmiem il-perijodu tranżizzjonali għandu jkun soġġett għal irkupru.

4. L-Istati Membri għandhom jissostanzjaw l-għażla tagħhom ta' tipi ta’ intervent imsemmija fil-paragrafu 1.

L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw it-tipi ta’ intervent previsti f'din it-Taqsima għall-prodotti elenkati fl-Anness VI għandhom jispeċifikaw, għal kull settur li jagħżlu, il-lista ta' prodotti koperti minn dak is-settur.

5. It-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikolu 47(2), punti (c) u (f) sa (i), ma għandhomx japplikaw għall-qoton, iż-żerriegħa tal-lift u tal-kolza, iż-żerriegħa tal-ġirasol u l-fażola tas-sojja inklużi fl-Anness VI.

6. Il-programmi operazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 50(2), (4), (5), (6) u (8).

7. L-Istati Membri li jagħżlu li jimplimentaw it-tipi ta' intervent imsemmija fl-Artikolu 42, punt (f), fis-settur tal-qoton għandhom jirrikonoxxu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi f'dak is-settur u l-assoċjazzjonijiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi f'konformità mar-rekwiżiti u bl-użu tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 152(1) u fl-Artikoli 153 sa 156 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Il-gruppi tal-produtturi tal-qoton u l-federazzjonijiet ta' tali gruppi tal-produtturi rikonoxxuti mill-Istati Membri f'konformità mal-Protokoll Nru 4 tal-Att ta' Adeżjoni tal-1979 tar-Repubblika Ellenika qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għall-finijiet ta' din it-Taqsima, jitqiesu li huma organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, rispettivament.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-nefqa fuq it-tipi ta' intervent imsemmija fl-Artikolu 47(2), punti (f), (g) u (h) ma jaqbiżx terz tan-nefqa totali taħt kull programm operazzjonali kif stabbilit fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

*Artikolu 68*

*Assistenza finanzjarja mill-Unjoni*

1. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għandha tkun limitata għal 50 % tan-nefqa reali mġarrba għat-tipi ta' intervent imsemmija fl-Artikolu 67. Il-benefiċjarji għandhom jagħmlu tajjeb għall-parti tan-nefqa li jifdal.

L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għandha titħallas lill-fondi operazzjonali stabbiliti mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew mill-assoċjazzjonijiet tagħhom rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew skont l-Artikolu 67(7) ta' dan ir-Regolament jew mill-gruppi tal-produtturi msemmija fl-Artikolu 67(1), punt (b) ta' dan ir-Regolament. Għal dan l-għan, għandhom japplikaw mutatis mutandis l-Artikolu 51 u l-Artikolu 52(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal 60 % għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew skont l-Artikolu 67(7) ta' dan ir-Regolament għall-ewwel ħames snin wara s-sena tar-rikonoxximent.

3. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għandha tkun limitata għal 6 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta':

(a) kull organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi msemmija fl-Artikolu 67(1), punt (a); jew

(b) Kull grupp ta' produtturi msemmi fl- Artikolu 67(1), punt (b).

# KAPITOLU IV
# TIPI TA’ INTERVENT GĦALL-IŻVILUPP RURALI

## TAQSIMA 1
## TIPI TA’ INTERVENT

*Artikolu 69*

*Tipi ta’ intervent għall-iżvilupp rurali*

It-tipi ta’ intervent skont dan il-Kapitolu għandhom jikkonsistu f'pagamenti jew f'appoġġ fir-rigward ta':

(a) impenji ta’ ġestjoni ambjentali, marbuta mal-klima u impenji oħrajn ta’ ġestjoni;

(b) restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħra tar-reġjun;

(c) żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji;

(d) investimenti, inkluż investimenti fl-irrigazzjoni;

(e) l-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ u ta’ bdiewa ġodda u l-bidu tan-negozji rurali;

(f) għodod għall-ġestjoni tar-riskju;

(g) kooperazzjoni;

(h) skambju tal-għarfien u tixrid tal-informazzjoni.

*Artikolu 70*

*Impenji ta' ġestjoni ambjentali, marbuta mal-klima u impenji oħrajn ta' ġestjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jinkludu impenji agroambjentali klimatiċi fost l-interventi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jistgħu jinkludu fihom impenji oħra ta' ġestjoni. Il-pagamenti għal dawk l-impenji għandhom jingħataw skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu pagamenti biss lill-bdiewa jew benefiċjarji oħra li, fuq bażi volontarja, jieħdu impenji ta' ġestjoni meqjusa ta' benefiċċju għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).

3. Skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jipprevedu pagamenti biss għal impenji li:

   (a) imorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-istandards tal-KAAT stabbiliti fil-Kapitolu I, Taqsima 2;

   (b) imorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew għat-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-liġi nazzjonali u mil-liġi tal-Unjoni; dak ir-rekwiżit ma japplikax għal impenji marbuta mas-sistemi tal-agroforestrija u ż-żamma taż-żoni msaġġra;

   (c) imorru lil hinn mill-kondizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola skont l-Artikolu 4(2);

(d) huma differenti mill-impenji li fir-rigward tagħhom jingħataw il-pagamenti skont l-Artikolu 31.

Għall-impenji msemmija fl-ewwel subparagrafu, punt (b), fejn il-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti ġodda li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda.

4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-pagamenti li għadhom isiru abbażi tal-ispejjeż addizzjonali mġarrba u l-introjtu mitluf minħabba l-impenji meħuda, b'kont meħud tal-miri stabbiliti. Dawk il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena u jistgħu jkopru wkoll l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Fil-każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ bħala pagament ta' darba għal kull unità.

5. L-Istati Membri jistgħu jippromwovu u jappoġġaw l-iskemi kollettivi u l-iskemi ta' pagament bbażati fuq ir-riżultati sabiex iħeġġu lill-bdiewa jew lil benefiċjarji oħra jwettqu titjib sinifikanti fil-kwalità tal-ambjent fuq skala akbar jew b'mod li jista' jitkejjel.

6. L-impenji għandhom jittieħdu għal perijodu ta' minn ħames sa seba' snin.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom jiddeterminaw:

(a) perijodu itwal għal tipi ta' impenji partikolari, inkluż billi tiġi prevista l-estensjoni annwali tagħhom wara t-terminazzjoni tal-perijodu inizjali, fejn tali perijodu itwal ikun neċessarju jinkisbu jew jinżammu ċerti benefiċċji ambjentali jew għat-trattament xieraq tal-annimal;

(b) perijodu iqsar ta' mill-anqas sena għal impenji għat-trattament xieraq tal-annimali, għal impenji għall-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi, għall-konverżjoni għall-biedja organika, għal impenji ġodda li jittieħdu eżatt wara l-impenn imwettaq fil-perijodu inizjali jew f'każijiet oħra debitament ġustifikati.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi prevista klawżola ta' reviżjoni għal operazzjonijiet implimentati skont it-tip ta' intervent imsemmi f'dan l-Artikolu sabiex jiġi żgurat l-aġġustament tagħhom bħala konsegwenza ta' emendi għall-istandards obbligatorji, ir-rekwiżiti jew l-obbligi rilevanti msemmija fil-paragrafu 3 li l-impenji għandhom imorru lil hinn minnhom jew li tiġi żgurata l-konformità mal-ewwel subparagrafu, punt (d), ta' dak il-paragrafu. Jekk tali aġġustament ma jiġix aċċettat mill-benefiċjarju, l-impenn għandu jiskadi u ma jkun meħtieġ ebda rimborż tal-pagamenti taħt dan l-Artikolu fir-rigward tal-perijodu li matulu l-impenn kien effettiv.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li tiġi prevista klawżola ta' reviżjoni għal operazzjonijiet implimentati skont it-tip ta' intervent imsemmija f'dan l-Artikolu li jestendu lil hinn mill-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK sabiex jippermettu l-aġġustament tagħhom fil-qafas legali applikabbli fil-perijodu sussegwenti.

8. Meta l-appoġġ skont dan l-Artikolu jingħata għall-impenji agroambjentali-klimatiċi jew għall-impenji għall-konverżjoni jew għaż-żamma tal-prattiki u l-metodi tal-biedja organika kif stipulat fir-Regolament (UE) 2018/848, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pagament għal kull ettaru. Għal impenji oħra, l-Istati Membri jistgħu japplikaw unitajiet oħra minflok ettari. F'każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu bħala somma f'daqqa.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jwettqu operazzjonijiet f'dan it-tip ta' intervent ikollhom aċċess għall-għarfien u l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jimplimentaw tali operazzjonijiet, u li, sabiex jiġu megħjuna l-bdiewa li jieħdu l-impenn li jibdlu s-sistemi ta' produzzjoni tagħhom, taħriġ xieraq ikun disponibbli għal dawk li jeħtiġuh, kif ukoll aċċess għal għarfien espert.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk ibbażati fuq l-Artikolu 31.

*Artikolu 71*

*Restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikati aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1) u (2).

2. Il-pagamenti skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw lil bdiewa attivi fir-rigward taż-żoni indikati skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

3. L-Istati Membri jistgħu jwettqu eżerċizzju ta' rfinar f'konformità mal-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 32(3), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti skont dan l-Artikolu biss sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona kkonċernata.

5. L-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf kif imsemmi fil-paragrafu 4 għandhom jiġu kkalkulati fir-rigward tar-restrizzjonijiet naturali jew ir-restrizzjonijiet speċifiċi għaż-żona, b'kuntrast ma' żoni li mhumiex affettwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona.

6. Il-pagamenti skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru taż-żona agrikola.

*Artikolu 72*

*Żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti għall-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona imposti minn rekwiżiti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43/KEE, 2009/147/KE jew 2000/60/KE bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikati aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).

2. Il-pagamenti skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw lill-bdiewa, lis-sidien tal-foresti u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom kif ukoll lil ġestjonarji oħra tal-art.

3. Meta jiddeterminaw iż-żoni bi żvantaġġi l-Istati Membri jistgħu jinkludu waħda jew aktar miż-żoni li ġejjin:

   (a) żoni agrikoli u forestali tan-Natura 2000 identifikati skont id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE;

   (b) żoni ta' protezzjoni tan-natura delimitati oħra b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-biedja jew għall-forestrija li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE, dment li dawn iż-żoni ma jaqbżux 5 % taż-żoni deżinjati tan-Natura 2000 koperti mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK;

   (c) żoni agrikoli inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġar tal-baċir tax-xmara skont id-Direttiva 2000/60/KE.

4. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu pagamenti skont dan l-Artikolu sabiex jikkumpensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għall-introjtu mitluf relatati mal-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona kkonċernata, inkluż l-ispejjeż tat-tranżazzjoni.

5. L-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf kif imsemmi fil-paragrafu 4 għandhom jiġu kkalkolati:

(a) fir-rigward tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-istandards rilevanti tal-KAAT stabbiliti skont il-Kapitolu I, Taqsima 2, ta' dan it-Titolu kif ukoll il-kondizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament;

(b) fir-rigward tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mid-Direttiva 2000/60/KE, b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti, għajr għar-RSĠ 1 elenkati fl-Anness III għal dan ir-Regolament, u mill-istandards tal-KAAT stabbiliti fil-Kapitolu I, Taqsima 2, ta' dan it-Titolu kif ukoll il-kondizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament.

6. Il-pagamenti skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru.

*Artikolu 73*

*Investimenti*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-investimenti bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu lil dawk l-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli li jikkontribwixxu għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 6(1) u (2).

   Fir-rigward ta' azjendi li huma akbar minn ċertu daqs, li għandu jiġi ffissat mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-appoġġ għas-settur tal-forestrija għandu jkun bil-kondizzjoni tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni rilevanti minn pjan għall-ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti f'konformità mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif definit fil-Linji Gwida Ġenerali għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa, adottati fit-Tieni Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa li sar f'Helsinki fis-16 u s-17 ta' Ġunju 1993.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' investimenti u kategoriji ta' nefqa mhux eliġibbli, inkluż mill-inqas dawn li ġejjin:

   (a) ix-xiri ta' drittijiet għall-produzzjoni agrikola;

   (b) ix-xiri ta' intitolamenti għal pagament;

(c) ix-xiri ta' art għal ammont li jaqbeż 10 % tan-nefqa eliġibbli totali għall-operazzjoni kkonċernata, bl-eċċezzjoni tax-xiri ta' art għall-konservazzjoni ambjentali u għall-preservazzjoni ta' ħamrija b'livell għoli ta' karbonju jew art mixtrija minn bdiewa żgħażagħ permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji; fil-każ ta' strumenti finanzjarji, dak il-limitu massimu għandu japplika għan-nefqa pubblika eliġibbli mħallsa lir-riċevitur finali jew, fil-każ tal-garanziji, għall-ammont tas-self sottostanti;

(d) ix-xiri ta' annimali, u x-xiri ta' pjanti annwali u t-tħawwil tagħhom, għal skop ieħor għajr:

(i) ir-restawr tal-potenzjal agrikolu jew forestali wara diżastru naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avveniment katastrofiku;

(ii) il-protezzjoni tal-bhejjem minn predaturi kbar jew bhejjem li jintużaw fil-forestrija minflok ma jintuża makkinarju;

(iii) it-trobbija ta' razez fil-periklu kif definit fl-Artikolu 2, punt (24), tar-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] skont l-impenji msemmija fl-Artikolu 70; jew

---

1 Ir-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tnissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil, ħnieżer tat-tnissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 652/2014, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE u 90/425/KEE u jħassar ċerti atti fil-qasam tat-tnissil tal-annimali ("ir-Regolament dwar it-Tnissil tal-Annimali") (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66).

(iv) il-preservazzjoni ta' varjetajiet ta' pjanti taħt theddida ta' erożjoni ġenetika skont l-impenji msemmija fl-Artikolu 70;

(e) ir-rata tal-imgħax fuq id-dejn, ħlief fir-rigward ta' għotjiet mogħtija fil-forma ta' sussidju għar-rata tal-imgħax jew sussidju għat-tariffa ta' garanzija;

(f) investimenti f'infrastruttura fuq skala kbira, kif iddeterminat mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, li mhix parti mill-istrateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ħlief għall-broadband u għal azzjonijiet preventivi kontra l-għargħar jew biex jipproteġu l-kosta mmirati biex inaqqsu l-konsegwenzi ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi probabbli;

(g) l-investimenti fl-afforestazzjoni li ma jkunux konsistenti mal-objettivi marbuta mal-ambjent u l-klima f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif żviluppati fil-Linji Gwida Pan-Ewropej għall-Afforestazzjoni u għar-Riforestazzjoni.

L-ewwel subparagrafu, punti (a), (b), (d) u (f), ma għandhomx japplikaw fejn jiġi provdut appoġġ permezz ta' strumenti finanzjarji.

4. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għal rata waħda jew aktar li ma jaqbżux 65 % tal-ispejjeż eliġibbli.

Ir-rati massimi tal-appoġġ jistgħu jiżdiedu:

(a) sa 80 % għall-investimenti li ġejjin:

(i) investimenti marbuta ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f), u fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, fl-Artikolu 6(1), punt (i);

(ii) investimenti minn bdiewa żgħażagħ li jissodisfaw il-kondizzjonijiet previsti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom f'konformità mal-Artikolu 4(6);

(iii) investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew;

(b) sa 85 % għall-investimenti ta' azjendi agrikoli żgħar, kif iddeterminat mill-Istati Membri;

(c) sa 100 % għall-investimenti li ġejjin:

(i) l-afforestazzjoni, l-istabbiliment u r-riġenerazzjoni ta' sistemi tal-agroforestrija, il-konsolidazzjoni tal-art fil-forestrija u investimenti mhux produttivi marbuta ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f), inkluż investimenti mhux produttivi mmirati lejn il-protezzjoni tal-bhejjem u l-għelejjel kontra ħsara kkawżata minn annimali selvaġġi;

(ii) l-investimenti fis-servizzi bażiċi f'żoni rurali u l-infrastruttura fl-agrikoltura u l-forestrija, kif iddeterminat mill-Istati Membri;

(iii) investimenti fir-restawr ta' potenzjal agrikolu jew tal-forestrija wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi u investimenti f'azzjonijiet preventivi xierqa, kif ukoll investimenti fiż-żamma tas-saħħa tal-foresti;

(iv) l-investimenti mhux produttivi appoġġati permezz ta' strateġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u proġetti tal-gruppi operazzjonali tal-EIP kif imsemmi fl-Artikolu 127(3) ta' dan ir-Regolament.

5. Meta l-liġi tal-Unjoni tirriżulta fl-impożizzjoni ta' rekwiżiti ġodda fuq il-bdiewa, jista' jingħata appoġġ biex l-investimenti jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti għal mhux aktar minn 24-il xahar mid-data meta jsiru obbligatorji għall-azjenda.

*Artikolu 74*

*Investimenti fl-irrigazzjoni*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal investimenti fl-irrigazzjoni f'żoni ta' irrigazzjoni ġodda u eżistenti, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 73 f'dan l-Artikolu.

2. L-investimenti fl-irrigazzjoni għandhom jiġu appoġġati biss fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun bagħat lill-kummissjoni pjan ta' ġestjoni tal-baċir ta' xmara, kif previst fid-Direttiva 2000/60/KE għaż-żona kollha li fiha ser isir l-investiment, kif ukoll għal kwalunkwe żona oħra fejn l-ambjent tagħha jista' jiġi affettwat mill-investiment. Il-miżuri li jidħlu fis-seħħ skont il-pjan ta' ġestjoni tal-baċir ta' xmara skont l-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva u li jkunu ta' rilevanza għas-settur agrikolu għandhom ikunu speċifikati fil-programm rilevanti ta' miżuri.

3. Fil-post għandu jkun hemm arloġġi tal-ilma li jippermettu l-kejl tal-użu tal-ilma fil-livell tal-investiment appoġġat jew għandhom jitqiegħdu fil-post bħala parti mill-investiment.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal investiment f'titjib għal installazzjoni ta' irrigazzjoni jew element ta' infrastruttura ta' irrigazzjoni eżistenti biss jekk:

(a) jiġi vvalutat ex ante bħala li joffri ffrankar potenzjali tal-ilma li jirrifletti l-parametri tekniċi tal-installazzjoni jew l-infrastruttura eżistenti;

(b) fejn l-investiment jaffettwa korpi tal-ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ li l-istatus tagħhom ġie identifikat bħala inqas minn tajjeb fil-pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara rilevanti għal raġunijiet relatati mal-kwantità tal-ilma, għandu jinkiseb tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma li jikkontribwixxi għall-kisba ta' status tajjeb ta' dawk il-korpi tal-ilma, kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/60/KE.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu perċentwali għall-iffrankar potenzjali tal-ilma u għat-tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma bħala kondizzjoni ta' eliġibbiltà fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-Artikolu 111, punt (d). Dan l-iffrankar tal-ilma għandu jirrifletti l-ħtiġijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara li jirriżultaw mid-Direttiva 2000/60/KE elenkati fl-Anness XIII għal dan ir-Regolament.

Ebda waħda mill-kondizzjonijiet f’dan il-paragrafu ma għandha tapplika għal investiment f'installazzjoni eżistenti li taffettwa biss l-effiċjenza enerġetika jew għal investiment fil-ħolqien ta' ġiebja jew għal investiment fl-użu ta' ilma reklamat li ma jaffettwax massa ta' ilma ta' taħt l-art jew ta' ilma tal-wiċċ.

5. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal investimenti fl-użu tal-ilma reklamat bħala provvista alternattiva tal-ilma biss jekk il-forniment u l-użu ta' tali ilma jkunu konformi mar-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal investiment li jirriżulta f'żieda netta taż-żona ta' raba' saqwi li taffettwa korp partikolari ta' ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ biss jekk:

(a) l-istatus tal-korp ta' ilma ma jkunx ġie identifikat bħala anqas minn tajjeb fil-pjan ta' ġestjoni rilevanti tal-baċir ta' xmara għal raġunijiet marbutin mal-kwantità tal-ilma; u

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32).

(b) analiżi tal-impatt ambjentali turi li mhux ser ikun hemm impatt ambjentali negattiv sinifikanti mill-investiment; dik analiżi tal-impatt ambjentali għandha titwettaq jew tkun approvata mill-awtorità kompetenti u tista' wkoll tirreferi għal gruppi ta' azjendi.

7. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal investiment fil-ħolqien jew l-espansjoni ta' ġibjun għall-fini ta' irrigazzjoni biss dment dan ma jwassalx għal impatt ambjentali negattiv sinifikanti.

8. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għal rata waħda jew aktar li ma taqbiżx:

(a) 80 % tal-ispejjeż eliġibbli għal investimenti tal-irrigazzjoni f'azjendi agrikoli li jsiru skont il-paragrafu 4;

(b) 100 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-investimenti f'infrastruttura fl-agrikoltura mhux fl-azjendi agrikoli li għandhom jintużaw għall-irrigazzjoni;

(c) 65 % tal-ispejjeż eliġibbli għal investimenti oħra tal-irrigazzjoni f'azjendi agrikoli.

*Artikolu 75*

*L-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u ta' bdiewa ġodda u l-bidu tan-negozji rurali*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-istabbiliment tal-bdiewa żgħażagħ u l-bidu tan-negozji rurali, inkluż l-istabbiliment ta' bdiewa ġodda, bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-għan li jikkontribwixxu għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).

2. L-Istati Membri jistgħu biss jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu biex jgħinu:

(a) l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ li jissodisfaw il-kondizzjonijiet previsti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom f'konformità mal-Artikolu 4(6);

(b) il-bidu ta' negozji rurali marbuta mal-agrikoltura jew il-forestrija inkluż l-istabbiliment ta' bdiewa ġodda, jew id-diversifikazzjoni tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi agrikoli f'attivitajiet mhux agrikoli;

(c) il-bidu tan-negozju ta' attivitajiet mhux agrikoli fiż-żoni rurali relatati mal-istrateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-preżentazzjoni u l-kontenut ta' pjan tan-negozju li l-benefiċjarji jridu jipprovdu biex jirċievu l-appoġġ skont dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ fil-forma ta' somom f'daqqa jew strumenti finanzjarji jew taħlita tat-tnejn. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 100 000 u jista' jkun differenzjat skont kriterji oġġettivi.

*Artikolu 76*

*Għodod għall-ġestjoni tar-riskju*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

2. Appoġġ taħt dan l-Artikolu jista' jingħata biex jippromwovu l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju, li jgħinu lill-bdiewa attivi jiġġestixxu r-riskji tal-produzzjoni u tal-introjtu marbuta mal-attività agrikola tagħhom li jmorru lil hinn mill-kontroll tagħhom u li jikkontribwixxu għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).

3. L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom, jagħtu appoġġ għal tipi differenti ta' strumenti ta' ġestjoni tar-riskju, inkluż għodod għall-istabbilizzazzjoni tal-introjtu, u b'mod partikolari:

(a) kontribuzzjonijiet finanzjarji bħala premiums għal skemi ta' assigurazzjoni;

(b) kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-fondi mutwi, inkluż għall-ispiża amministrattiva għall-istabbiliment.

4. Meta jipprovdu l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà li ġejjin:

(a) it-tipi u l-kopertura tal-għodod għall-ġestjoni tar-riskju eliġibbli;

(b) il-metodoloġija għall-kalkolu tat-telf u l-fatturi ta' attivazzjoni għall-kumpens;

(c) ir-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi mutwi u, fejn rilevanti, għodod eliġibbli oħra għall-ġestjoni tar-riskju.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss biex jiġi kopert it-telf li jmur lil hinn minn limitu ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perijodu preċedenti ta' tliet snin, jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perijodu preċedenti ta' ħames snin eskluż l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa. L-għodod tal-ġestjoni tar-riskju tal-produzzjoni settorjali għandhom jikkalkulaw it-telf fil-livell tal-azjenda jew fil-livell tal-attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ fil-forma ta' finanzjament tal-kapital operatorju awtonomu taħt l-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 80(3) għall-kumpens tat-telf imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu lil bdiewa li ma jipparteċipawx f'għodda għall-ġestjoni tar-riskju.

6. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għal rata waħda jew aktar li ma taqbiżx is-70 % tal-ispejjeż eliġibbli.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 19.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed li jirriżulta meta l-interventi skont dan l-Artikolu jingħaqdu ma' skemi għall-ġestjoni tar-riskju pubbliċi jew privati oħra.

*Artikolu 77*

*Kooperazzjoni*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-kooperazzjoni bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex:

   (a) iħejju u jimplimentaw il-proġetti tal-gruppi operazzjonali tal-EIP imsemmija fl-Artikolu 127(3);

   (b) iħejju u jimplimentaw LEADER;

   (c) jippromwovu u jappoġġaw skemi ta' kwalità rikonoxxuti mill-Unjoni jew mill-Istati Membri u l-użu tagħhom mill-bdiewa;

   (d) jappoġġaw gruppi tal-produtturi, organizzazzjonijiet tal-produtturi jew organizzazzjonijiet interprofessjonali;

   (e) iħejju u jimplimentaw strateġiji tal-irħula intelliġenti, kif determinat mill-Istati Membri;

   (f) jappoġġaw forom oħra ta' kooperazzjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu biss biex jippromwovu forom ġodda ta' kooperazzjoni, inkluż dawk eżistenti jekk tinbeda attività ġdida. Dik il-kooperazzjoni għandha tinvolvi mill-anqas żewġ atturi u għandha tikkontribwixxi biex jinkiseb wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).

3. Skont dan l-Artikolu l-Istati Membri jistgħu jkopru l-ispejjeż relatati mal-aspetti kollha tal-kooperazzjoni.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-appoġġ bħala ammont globali skont dan l-Artikolu li jkopri l-ispejjeż tal-kooperazzjoni u l-ispejjeż tal-operazzjonijiet implimentati, jew jistgħu jkopru biss l-ispejjeż tal-kooperazzjoni u jużaw il-fondi minn tipi oħra ta' intervent għall-iżvilupp rurali, jew minn strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni biex ikopru l-ispejjeż tal-operazzjonijiet implimentati.

Fejn l-appoġġ jitħallas bħala ammont globali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjoni implimentata tikkonforma mar-regoli u r-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 70 sa 76 u 78.

Fil-każ ta' LEADER, b'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu:

(a) appoġġ għall-ispejjeż kollha eliġibbli għal appoġġ preparatorju skont l-Artikolu 34(1), punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u għall-implimentazzjoni ta' strateġiji magħżula skont il-punti (b) u (c) ta' dak il-paragrafu għandu jingħata biss bħala ammont globali skont dan l-Artikolu; u

(b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet implimentati li jikkonsistu f'investimenti jikkonformaw mar-regoli u r-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni skont it-tip ta' intervent għall-investimenti stabbiliti fl-Artikolu 73 ta' dan ir-Regolament.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jappoġġaw skont dan l-Artikolu l-kooperazzjoni li tinvolvi biss il-korpi ta' riċerka.

6. Fil-każ ta' kooperazzjoni fil-kuntest tas-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli, b'mod partikolari għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-livell ta' azjenda, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ biss lill-bdiewa li jkunu, jew li ser ikunu sa tmiem l-operazzjoni, laħqu l-età tal-pensjoni ddeterminata mill-Istat Membru f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu.

7. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għal massimu ta' seba' snin. Dik il-kondizzjoni ma għandhiex tapplika għal LEADER u f'każijiet debitament ġustifikati għall-azzjonijiet kollettivi marbuta mal-ambjent u l-klima neċessarji biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f).

8. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-appoġġ għal:

(a) azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għal skemi ta' kwalità għal rata waħda jew aktar li ma taqbiżx 70 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(b) l-istabbiliment ta' gruppi ta' produtturi, organizzazzjonijiet tal-produtturi jew organizzazzjonijiet interprofessjonali sa 10 % tal-produzzjoni annwali kummerċjalizzata tal-grupp jew tal-organizzazzjoni b'massimu ta' EUR 100 000 fis-sena; dak l-appoġġ għandu jkun digressiv u limitat għall-ewwel ħames snin wara r-rikonoxximent.

*Artikolu 78*

*Skambju tal-għarfien u tixrid tal-informazzjoni*

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-iskambju tal-għarfien u tixrid tal-informazzjoni bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif spjegat aktar fid-dettall fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2) filwaqt li jqiegħdu fil-mira speċifikament il-protezzjoni tan-natura, l-ambjent u l-klima, inkluż l-edukazzjoni ambjentali u l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u l-iżvilupp tan-negozji u l-komunitajiet rurali.

2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu jista' jkopri l-ispejjeż ta' azzjoni rilevanti għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, it-taħriġ u l-konsultazzjoni u forom oħra ta' skambju ta' għarfien u t-tixrid tal-informazzjoni, inkluż permezz tat-tfassil u l-aġġornament ta' pjanijiet u studji bl-għan tal-iskambju tal-għarfien u t-tixrid tal-informazzjoni. Tali azzjonijiet għandhom jikkontribwixxu għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).

3. L-appoġġ għal servizzi ta' konsulenza għandu jingħata biss għal servizzi ta' konsulenza li jikkonformaw mal-Artikolu 15(3).

4. Għall-istabbiliment ta' servizzi ta' konsulenza, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ fil-forma ta' ammont fiss sa massimu ta' EUR 200 000. Huma għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata għal żmien limitat.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet appoġġati taħt dan it-tip ta' intervent jkunu bbażati fuq id-deskrizzjoni tal-AKIS prevista fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-Artikolu 114, punt (a)(i) u jkunu konsistenti magħha.

## TAQSIMA 2

## ELEMENTI LI JAPPLIKAW GĦAL DIVERSI TIPI TA' INTERVENT

*Artikolu 79*

*Għażla tal-operazzjonijiet*

1. Wara konsultazzjoni mal-kumitat ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 124 ("il-kumitat ta' monitoraġġ"), l-awtorità ta' ġestjoni nazzjonali, l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali fejn rilevanti, jew korpi intermedji deżinjati għandhom jistabbilixxu l-kriterji tal-għażla għall-interventi marbuta mat-tipi ta' intervent li ġejjin: l-investimenti, l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u ta' bdiewa ġodda u l-bidu ta' negozji rurali, il-kooperazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u t-tixrid tal-informazzjoni. Dawk il-kriterji tal-għażla għandu jkollhom l-għan li jiżguraw it-trattament ugwali tal-applikanti, l-użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u l-immirar tal-appoġġ skont il-fini tal-interventi.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-kriterji tal-għażla għall-interventi ta' investiment li jimmiraw b'mod ċar għal finijiet ambjentali jew li jitwettqu b'rabta mal-attivitajiet ta' restawr.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, jista' jiġi stabbilit metodu ta' għażla differenti f'każijiet debitament ġustifikati wara konsultazzjoni mal-kumitat ta' monitoraġġ.

2. Ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet ta' ġestjoni jew tal-korpi intermedji deżinjati stabbiliti fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-gruppi ta' azzjoni lokali msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fejn l-appoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-kriterji tal-għażla msemmija fil-paragrafu 1 għall-operazzjonijiet li jkunu rċevew ċertifikazzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza skont Orizzont 2020, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], taħt Orizzont Ewropa jew taħt il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], bil-kondizzjoni li dak l-operazzjonijiet ikunu konsistenti mal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

5. Operazzjoni sħiħa jew parti minnha tista' tiġi implimentata barra mill-Istat Membru kkonċernat, inkluż barra mill-Unjoni, sakemm dik l-operazzjoni tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE. (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

*Artikolu 80*

*Regoli speċifiċi għall-istrumenti finanzjarji*

1. L-appoġġ fil-forma ta' strumenti finanzjarji msemmi fl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jista' jingħata skont it-tipi ta' intervent imsemmija fl-Artikoli 73 sa 78 ta' dan ir-Regolament.

2. Fejn jingħata appoġġ fil-forma ta' strumenti finanzjarji, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' "strument finanzjarju", "prodott finanzjarju", "riċevitur finali", "fond ta' parteċipazzjoni", "fond speċifiku", "effett ta' ingranaġġ", "proporzjon multiplikatur", "kostijiet ta' ġestjoni" u "tariffi ta' ġestjoni" kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u d-dispożizzjonijiet tat-Titolu V, Kapitolu II, Taqsima II, ta' dak ir-Regolament.

   Barra minn hekk, għandhom japplikaw il-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu.

3. Skont l-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-kapital operatorju, inkluż il-kapital operatorju awtonomu, jista' jkun nefqa eliġibbli skont l-Artikoli 73, 74, 76, 77 u 78 ta' dan ir-Regolament, jekk huwa jikkontribwixxi għall-kisba ta' mill-inqas objettiv speċifiku wieħed rilevanti għall-intervent kkonċernat. L-appoġġ għall-finanzjament tal-kapital operatorju awtonomu skont kwalunkwe wieħed minn dawk l-Artikoli jista' jiġi pprovdut mingħajr ma jkun soġġett għar-rekwiżit li r-riċevitur finali jirċievi appoġġ għal nefqa oħra skont l-istess Artikolu.

Għall-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE, l-ammont totali ta' appoġġ għall-kapital operatorju pprovdut lil riċevitur finali ma għandux jaqbeż għotja grossa ekwivalenti ta' EUR 200 000 fuq kwalunkwe perijodu ta' tliet snin fiskali.

4. B'deroga mill-Artikoli 73, 74, 76, 77 u 78, ir-rati ta' appoġġ stabbiliti f'dawk l-Artikoli ma għandhomx japplikaw għall-finanzjament tal-kapital operatorju awtonomu.

5. In-nefqa eliġibbli ta' strument finanzjarju għandha tkun l-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli mħallsa minbarra l-finanzjament nazzjonali addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 115(5), jew, fil-każ ta' garanziji, imwarrab għal kuntratti ta' garanzija, mill-istrument finanzjarju fil-perijodu ta' eliġibbiltà. Dak l-ammont għandu jikkorrispondi għal:

(a) il-pagamenti lir-riċevituri finali fil-każ ta' self, investimenti ta' ekwità u ta' kważi ekwità;

(b) ir-riżorsi mwarrba għal kuntratti ta' garanzija, kemm jekk pendenti kif ukoll jekk ikunu diġà mmaturaw, sabiex jiġu onorati sejħiet possibbli ta' garanzija għat-telf, ikkalkulat abbażi ta' proporzjon multiplikatur stabbilit għas-self ġdid żburżat sottostanti rispettiv jew investimenti ta' ekwità fir-riċevituri finali;

(c) il-pagamenti lir-riċevituri finali jew għall-benefiċċju tagħhom meta l-istrumenti finanzjarji jiġu kkombinati ma' kontribuzzjonijiet oħra tal-Unjoni f'operazzjoni ta' strument finanzjarju uniku skont l-Artikolu 58(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(d) il-pagamenti tat-tariffi ta' ġestjoni u r-rimborż tal-ispejjeż ta' ġestjoni mġarrba mill-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju.

Meta strument finanzjarju jiġi implimentat matul perijodi ta' programmazzjoni konsekuttivi, jista' jingħata appoġġ lil riċevituri finali jew għall-benefiċċju tagħhom, inkluż spejjeż u tariffi ta' ġestjoni, ibbażati fuq ftehimiet li jkunu saru skont il-perijodu ta' programmazzjoni preċedenti, dment li tali appoġġ ikun konformi mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-perijodu ta' programmazzjoni sussegwenti. F'każijiet bħal dawn, l-eliġibbiltà tan-nefqa ppreżentata fid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli tal-perijodu ta' programmazzjoni kkonċernat.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, punt (b), jekk l-entità li tibbenefika mill-garanziji ma tkunx żborżat l-ammont ippjanat ta' self ġdid, ta' investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità lir-riċevituri finali skont il-proporzjon multiplikatur, in-nefqa eliġibbli għandha titnaqqas proporzjonalment. Il-proporzjon multiplikatur jista' jiġi rivedut meta dan ikun ġustifikat minn bidliet sussegwenti fil-kondizzjonijiet tas-suq. Tali reviżjoni ma għandux ikollha effett retroattiv.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, punt (d), ta' dan il-paragrafu, it-tariffi ta' ġestjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-prestazzjoni. Meta l-korpi li jimplimentaw fond ta' parteċipazzjoni jintgħażlu permezz ta' għoti dirett ta' kuntratt skont l-Artikolu 59(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-ammont tal-ispejjeż u t-tariffi ta' ġestjoni mħallsa lil dawk il-korpi li jista' jiġi ddikjarat bħala nefqa eliġibbli għandu jkun soġġett għal limitu massimu ta' 5 % tal-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli żborżata lir-riċevituri finali f'self jew imwarrba għal kuntratti ta' garanzija u sa 7 % tal-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli lir-riċevituri finali f'investimenti ta' ekwità u kważi ekwità.

Meta l-korpi li jimplimentaw fond speċifiku jintgħażlu permezz ta' għoti dirett ta' kuntratt skont l-Artikolu 59(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-ammont tal-ispejjeż u t-tariffi ta' ġestjoni mħallsa lil dawk il-korpi li jista' jiġi ddikjarat bħala nefqa eliġibbli għandu jkun soġġett għal limitu massimu ta' 7 % tal-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli żborżata lir-riċevituri finali f'self jew imwarrba għal kuntratti ta' garanzija u sa 15 % tal-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli lir-riċevituri finali f'investimenti ta' ekwità u kważi ekwità.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, punt (d), fejn il-korpi li jimplimentaw fond ta' parteċipazzjoni jew fondi speċifiċi jintgħażlu permezz ta' offerta kompetittiva f'konformità mal-liġi applikabbli, l-ammont tal-ispejjeż u t-tariffi ta' ġestjoni għandu jiġi stabbilit fil-ftehim ta' finanzjament u għandu jirrifletti r-riżultat tal-offerta kompetittiva.

Meta t-tariffi ta' arranġamenti, jew kwalunkwe parti minnhom, ikunu imposti fuq ir-riċevituri finali, ma għandhomx jiġu ddikjarati bħala nefqa eliġibbli.

*Artikolu 81*

*L-użu tal-FAEŻR mogħti permezz ta' InvestEU*

1. L-Istati Membri jistgħu jallokaw, fil-proposta għal Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 118 jew fit-talba għall-emendar ta’ Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 119, ammont sa 3 % tal-allokazzjoni totali inizjali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK li għandu jiġi kkontribwit lil InvestEU, u mogħti permezz tal-garanzija tal-UE u ċ-Ċentru ta' Konsulenza ta' InvestEU. Il-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jkun fih ġustifikazzjoni għall-użu ta' InvestEU u l-kontribut tiegħu għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2) u magħżula skont il-Pjan Strateġiku tal-PAK.

   L-ammont ikkontribwit għal InvestEU għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/523.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont totali kontribwit għal kull sena. Fil-każ ta’ talba għall-emendar ta' Pjan Strateġiku tal-PAK, dawk l-ammonti għandhom jikkonċernaw biss snin futuri.

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jintuża għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE skont il-kompartiment tal-Istat Membru u għaċ-Ċentru ta' Konsulenza ta' InvestEU, mal-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni msemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2021/523. L-impenji baġitarji tal-Unjoni fir-rigward ta' kull ftehim ta' kontribuzzjoni jistgħu jsiru mill-Kummissjoni f'pagamenti parzjali annwali matul il-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2027.

4. Meta ftehim ta' kontribuzzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2021/523 għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu allokat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ma jkunx ġie konkluż fi żmien erba’ xhur wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tapprova dak il-Pjan Strateġiku tal-PAK f’konformità mal-Artikolu 118 ta' dan ir-Regolament, l-ammont korrispondenti għandu jiġi riallokat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK wara l-approvazzjoni ta’ talba għall-emendar mill-Istat Membru ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 119 ta' dan ir-Regolament.

Ftehim ta' kontribuzzjoni għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu allokat f’talba għall-emendar ta' Pjan Strateġiku tal-PAK ippreżentata f’konformità mal-Artikolu 119 ta' dan ir-Regolament għandu jiġi konkluż simultanjament mal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tapprova dak l-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

5. Meta ftehim ta' garanzija, kif imsemmi fl-Artikolu 10(4), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/523 ma jkunx ġie konkluż fi żmien disa' xhur mill-approvazzjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni, il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jiġi terminat jew jittawwal permezz ta' ftehim reċiproku.

Meta l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru f'InvestEU titwaqqaf, l-ammonti kkonċernati mħallsa fil-fond ta' proviżjonament komuni bħala proviżjonament għandhom jiġu rkuprati bħala dħul assenjat intern skont l-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju u l-Istat Membru għandu jressaq talba għall-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu biex juża l-ammonti rkuprati u l-ammonti allokati għal snin kalendarji futuri f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

It-terminazzjoni jew l-emendar tal-ftehim ta' kontribuzzjoni għandhom jiġu konklużi simultanjament mal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emendar rilevanti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-aktar tard sal-31 ta' Diċembru 2026.

6. Meta ftehim ta' garanzija, kif stabbilit fl-Artikolu 10(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/523 ma jkunx ġie implimentat kif xieraq fil-perijodu maqbul fil-ftehim ta' kontribuzzjoni, iżda mhux aktar minn erba' snin mill-firma tal-ftehim ta' garanzija, il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jiġi emendat. L-Istat Membru jista' jitlob li l-ammonti kkontribwiti għall-garanzija tal-UE skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u impenjati fil-ftehim ta' garanzija iżda li ma jkoprux self sottostanti, investimenti ta' ekwità jew strumenti oħra li jġorru riskju jiġu ttrattati skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

7. Ir-riżorsi ġġenerati mill-garanzija tal-UE jew li jistgħu jkunu attribwiti għall-ammonti kkontribwiti għaliha għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 10(5), punt (a), tar-Regolament (EU) 2021/523 u għandhom jintużaw għall-appoġġ skont l-istess objettiv jew objettivi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fil-forma ta' strumenti finanzjarji jew garanziji baġitarji.

8. Il-limitu ta' żmien tad-diżimpenn awtomatiku kif previst fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/...[+] għall-ammonti li jridu jintużaw mill-ġdid fi Pjan Strateġiku tal-PAK skont il-paragrafi 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu għandu jibda fis-sena li fiha jsiru l-impenji baġitarji korrispondenti.

*Artikolu 82*

*Adegwatezza u preċiżjoni tal-kalkolu tal-pagamenti*

Meta jsiru pagamenti abbażi tal-ispejjeż addizzjonali u tal-introjtu mitluf skont l-Artikoli 70, 71 u 72, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkoli rilevanti jkunu adegwati u preċiżi u jiġu stabbiliti minn qabel abbażi ta' metodu ta' kalkolu ġust, ekwitabbli u verifikabbli. Għal dak l-għan, korpi li jkunu funzjonalment indipendenti mill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u li jkollhom l-għarfien espert xieraq għandhom iwettqu l-kalkoli jew jikkonfermaw l-adegwatezza u l-preċiżjoni tal-kalkoli.

*Artikolu 83*

*Forom ta' għotjiet*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 70, 71, 72 u 75, l-għotjiet skont dan il-Kapitoli jistgħu jieħdu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

   (a) ir-rimborż ta' spejjeż eliġibbli realment imġarrba minn benefiċjarju;

   (b) il-kostijiet ta' unità;

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

(c) is-somom f'daqqa;

(d) il-finanzjament b'rata fissa.

2. L-ammonti għall-forom ta' għotjiet imsemmija fil-paragrafu 1, punti (b), (c) u (d), għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) metodu ta' kalkolu ġust, ekwitabbli u verifikabbli bbażat fuq:

(i) data statistika, informazzjoni oġġettiva oħra jew ġudizzju espert;

(ii) data storika vverifikata tal-benefiċjarji individwali; jew

(iii) l-applikazzjoni tal-prattiki kontabilistiċi normali tal-ispejjeż tal-benefiċjarji individwali;

(b) abbozzi ta' baġits stabbiliti skont il-każ u maqbula ex ante mill-korp li jagħżel l-operazzjoni;

(c) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni tal-kostijiet ta' unità, tas-somom f'daqqa u tar-rati fissi korrispondenti applikabbli fil-politiki tal-Unjoni għal tip simili ta' operazzjoni;

(d) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta' kostijiet ta' unità, somom f'daqqa u rati fissi korrispondenti applikati skont skemi għall-għotjiet iffinanzjati għal kollox mill-Istat Membru għal tip simili ta' operazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-benefiċjarji għotjiet taħt il-kondizzjonijiet li jkunu jistgħu jitħallsu lura kompletament jew parzjalment kif speċifikat fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ u f'konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ħlasijiet lura mill-benefiċjarju għandhom isiru skont il-kondizzjonijiet miftiehma mill-awtorità ta' ġestjoni u l-benefiċjarju;

(b) l-Istati Membri għandhom jużaw mill-ġdid ir-riżorsi mħallsa lura mill-benefiċjarju għall-istess objettiv speċifiku tal-Pjan Strateġiku tal-PAK sal-31 ta' Diċembru 2029 jew fil-forma ta' għotjiet taħt kondizzjonijiet, fil-forma ta' strument finanzjarju jew f'forma oħra ta' appoġġ; l-ammonti mħallsa lura u l-informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid tagħhom għandhom jiġu inklużi fl-aħħar rapport annwali tal-prestazzjoni;

(c) l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-riżorsi jinżammu f'kontijiet separati jew taħt kodiċijiet xierqa ta' kontabbiltà;

(d) ir-riżorsi tal-Unjoni mħallsa lura mill-benefiċjarji fi kwalunkwe ħin iżda li ma jintużawx mill-ġdid sal-31 ta' Diċembru 2029, għandhom jitħallsu lura lill-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/...[+].

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

*Artikolu 84*

*Setgħat delegati għal rekwiżiti addizzjonali għat-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 152 biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'rekwiżiti addizzjonali għal dawk stipulati f'dan il-Kapitolu dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ għat-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali:

(a) impenji ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 70 li jikkonċernaw ir-riżorsi ġenetiċi u t-trattament xieraq tal-annimali;

(b) skemi ta' kwalità msemmija fl-Artikolu 77 fir-rigward tal-ispeċifiċità tal-prodott finali, l-aċċess għall-iskema, il-verifika ta' speċifikazzjonijiet vinkolanti tal-prodott, it-trasparenza tal-iskema u t-traċċabbiltà tal-prodotti, kif ukoll ir-rikonoxximent mill-Istati Membri ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji.

# TITOLU IV

# DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

*Artikolu 85*

*Nefqa tal-FAEG u tal-FAEŻR*

1. Il-FAEG għandu jiffinanzja t-tipi ta' intervent relatati ma':

   (a) pagamenti diretti stabbiliti fl-Artikolu 16;

   (b) interventi f'ċerti setturi stabbiliti fit-Titolu III, Kapitolu III.

2. Il-FAEŻR għandu jiffinanzja t-tipi ta’ intervent imsemmija fit-Titolu III, Kapitolu IV, u l-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 94.

*Artikolu 86*

*Eliġibbiltà tan-nefqa*

1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli:

(a) għal kontribuzzjoni mill-FAEG mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sena tal-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK mill-Kummissjoni;

(b) għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR mid-data tal-preżentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, iżda mhux qabel l-1 ta' Jannar 2023.

2. In-nefqa li ssir eliġibbli bħala riżultat tal-emendar ta’ Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEG wara l-approvazzjoni ta’ dik l-emenda mill-Kummissjoni u mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda stabbilita mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 119(8).

3. In-nefqa li ssir eliġibbli bħala riżultat tal-emendar ta' Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR mid-data tal-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tat-talba għall-emendar, jew mid-data ta' notifika tal-modifika msemmija fl-Artikolu 119(9).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u mill-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu, il-Pjan Strateġiku tal-PAK jista' jipprevedi li, fil-każijiet ta' miżuri ta' emerġenza minħabba diżastri naturali, avvenimenti katastrofiċi jew avvenimenti klimatiċi avversi jew bidla sinifikanti u f'daqqa fil-kondizzjonijiet soċjo-ekonomiċi tal-Istat Membru jew tar-reġjun, l-eliġibbiltà tan-nefqa ffinanzjata mill-FAEŻR relatata mal-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tista' tibda mid-data li fiha jkun seħħ l-avveniment.

4. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR jekk din tkun iġġarrbet minn benefiċjarju u tkun tħallset sal-31 ta' Diċembru 2029. Barra minn hekk, in-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR biss jekk l-għajnuna rilevanti fil-fatt titħallas mill-aġenzija tal-pagamenti sal-31 ta' Diċembru 2029.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-data tal-bidu tal-eliġibbiltà tal-ispejjeż imġarrba mill-benefiċjarju. Id-data tal-bidu m'għandhiex tkun qabel l-1 ta' Jannar 2023.

L-operazzjonijiet ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ meta jkunu tlestew fiżikament jew meta l-implimentazzjoni tagħhom tkun tlestiet kollha qabel ma titressaq l-applikazzjoni għall-appoġġ lill-awtorità ta' ġestjoni, irrispettivament minn jekk ikunux saru l-pagamenti relatati kollha.

Madankollu, l-operazzjonijiet relatati mal-kultivazzjoni bikrija ta' popolamenti ta' nebbieta u l-kultivazzjoni ta' popolamenti għadhom żgħar f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti u li jindirizzaw wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f), kif definiti mill-Istat Membru, jistgħu jkunu eliġibbli għall-appoġġ anki jekk ikunu tlestew fiżikament qabel ma tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-appoġġ lill-awtorità ta' ġestjoni.

5. Kontribuzzjonijiet in natura u spejjeż ta' deprezzament jistgħu jkunu eliġibbli għal appoġġ skont il-FAEŻR, soġġett għal kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

*Artikolu 87*

*Allokazzjonijiet finanzjarji għat-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/...+, l-ammont totali għat-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti li jista' jingħata fi Stat Membru skont it-Titolu III, Kapitolu II, ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' sena kalendarja ma għandux jaqbeż l-allokazzjoni finanzjarja ta' dak l-Istat Membru stabbilita fl-Anness V.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/...+, l-ammont massimu li jista' jingħata fi Stat Membru, f'sena kalendarja, skont it-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Subtaqsima 2 ta' dan ir-Regolament u qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, ma għandux jaqbeż l-allokazzjoni finanzjarja ta' dak l-Istat Membru stabbilita fl-Anness VIII.

Għall-iskop tal-Artikoli 96, 97 u 98, l-allokazzjoni finanzjarja ta' Stat Membru stabbilita fl-Anness V wara t-tnaqqis tal-ammonti stabbiliti fl-Anness VIII u qabel kwalunkwe trasferiment skont l-Artikolu 17 hija stabbilita fl-Anness IX.

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 152 li jemendaw l-allokazzjonijiet tal-Istati Membri stabbiliti fl-Annessi V u IX biex jitqiesu l-iżviluppi relatati mal-ammont massimu totali tal-pagamenti diretti li jistgħu jingħataw, inkluż it-trasferimenti msemmija fl-Artikoli 17 u 103, it-trasferimenti tal-allokazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 88(5) u kwalunkwe tnaqqis meħtieġ biex jiġu ffinanzjati t-tipi ta' intervent f'setturi oħra msemmija fl-Artikolu 88(6).

Madankollu, l-adattament tal-Anness IX ma għandu jqis l-ebda trasferiment f'konformità mal-Artikolu 17.

3. L-ammont tal-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għal kull intervent imsemmi fl-Artikolu 101 għat-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti stabbiliti fl-Artikolu 16 li jrid jingħata fi Stat Membru fir-rigward ta' sena kalendarja jista' jaqbeż l-allokazzjoni ta' dak l-Istati Membru stabbilita fl-Anness V sal-istima tal-ammont tat-tnaqqis tal-pagamenti inkluża fil-Pjan Strateġiku tal-PAK skont l-Artikolu 112(3), punt (a), it-tieni subparagrafu.

*Artikolu 88*

*Allokazzjonijiet finanzjarji għal ċerti tipi ta' intervent f'ċerti setturi*

1. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għat-tipi ta' intervent fis-settur tal-inbid hija allokata lill-Istati Membri kif stabbilit fl-Anness VII.

2. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għat-tipi ta' intervent fis-settur tal-apikultura hija allokata lill-Istati Membri kif stabbilit fl-Anness X.

3. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għat-tipi ta’ intervent fis-settur tal-ħops allokata lill-Ġermanja għandha tkun EUR 2 188 000 għal kull sena finanzjarja.

4. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għat-tipi ta' intervent fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, għal kull sena finanzjarja, hija allokata kif ġej:

(a) EUR 10 666 000 għall-Greċja;

(b) EUR 554 000 għal Franza; u

(c) EUR 34 590 000 għall-Italja.

5. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li jittrasferixxu l-allokazzjonijiet finanzjarji totali msemmija fil-paragrafi 3 u 4 fl-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti. Dik id-deċiżjoni ma tistax tiġi riveduta.

L-allokazzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri trasferiti fl-allokazzjonijiet għall-pagamenti diretti ma għandhomx jibqgħu disponibbli għat-tipi ta’ intervent imsemmija fil-paragrafi 3 u 4.

6. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw sa 3 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, fejn rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għat-tipi ta’ intervent f'setturi oħra msemmija fit-Titolu III, Kapitolu III, Taqsima 7.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-perċentwal imsemmi fl-ewwel subparagrafu sa 5 %. F'dak il-każ, l-ammont li jikkorrispondi għal dik iż-żieda għandu jitnaqqas mill-massimu stabbilit fl-Artikolu 96(1), (2) jew (5) u ma għandux ikun aktar disponibbli għall-allokazzjoni ta' interventi ta' appoġġ akkoppjat għall-introjtu msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Subtaqsima 1.

L-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwal tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għal pagamenti diretti msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu u użati għal tipi ta' intervent f'setturi oħra għal sena finanzjarja partikolari għandu jitqies li huwa allokazzjoni tal-Istati Membri għal kull sena finanzjarja għal tipi ta' intervent f'setturi oħra.

7. Fl-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrevedu d-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għall-emendar tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula skont l-Artikolu 119.

8. L-ammonti stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK approvat li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafi 6 u 7 għandhom ikunu vinkolanti fl-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 89*

*Allokazzjonijiet finanzjarji għat-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali*

1. L-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għat-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali skont dan ir-Regolament għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun EUR 60 544 439 600 fil-prezzijiet attwali f'konformità mal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093.

2. 0,25 % tar-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ddedikati lill-finanzjament tal-attivitajiet tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/...+, inkluż in-Network Ewropew għall-Politika Agrikola Komuni msemmi fl-Artikolu 126(2) ta' dan ir-Regolament u l-EIP imsemmija fl-Artikolu 127 ta' dan ir-Regolament. Dawk l-attivitajiet jistgħu jirrigwardaw perijodi ta' programmazzjoni preċedenti u perijodi sussegwenti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

3. Id-diżaggregazzjoni annwali skont l-Istat Membru tal-ammonti imsemmija fil-paragrafu 1, wara t-tnaqqis tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 2, tinsab fl-Anness XI.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 152 li jemenda l-Anness XI sabiex tirrevedi d-diżaggregazzjoni annwali għal kull Stat Membru biex jitqiesu l-iżviluppi rilevanti, inkluż it-trasferimenti msemmija fl-Artikoli 17 u 103, sabiex tagħmel aġġustamenti tekniċi mingħajr ma jinbidlu l-allokazzjonijiet globali, jew biex titqies kwalunkwe bidla oħra prevista minn att leġiżlattiv wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 90*

*Kontribuzzjoni mill-FAEŻR*

Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tapprova Pjan Strateġiku tal-PAK skont l-Artikolu 118(6) għandha tistabbilixxi l-kontribuzzjoni massima mill-FAEŻR għall-pjan. Il-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-ammont tan-nefqa pubblika eliġibbli bl-esklużjoni tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 115(5).

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

*Artikolu 91*

*Rati tal-kontribuzzjoni mill-FAEŻR*

1. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jistabbilixxu fil-livell reġjonali jew nazzjonali rata ta' kontribuzzjoni unika mill-FAEŻR applikabbli għall-interventi kollha.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, ir-rata massima tal-kontribuzzjoni mill-FAEŻR għandha tkun:

   (a) 85 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni anqas żviluppati;

   (b) 80 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew;

   (c) 60 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni fi tranżizzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 108(2), l-ewwel subparagrafu, punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/1060;

   (d) 43 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħra.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, ir-rata ta' kontribuzzjoni massima mill-FAEŻR, jekk ir-rata fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont il-paragrafu 2 hija inqas, għandha tkun:

   (a) 65 % tan-nefqa pubblika eliġibbli għal pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona skont l-Artikolu 71;

(b) 80 % tan-nefqa pubblika eliġibbli għall-pagamenti skont l-Artikolu 70, għall-pagamenti skont l-Artikolu 72, għall-appoġġ għall-investimenti mhux produttivi msemmija fl-Artikolu 73, għall-appoġġ għall-proġetti tal-gruppi operazzjonali tal-EIP skont l-Artikolu 77(1), punt (a), u għal LEADER skont l-Artikolu 77(1), punt (b);

(c) 100 % tan-nefqa pubblika eliġibbli għall-operazzjonijiet li qed jirċievu finanzjament minn fondi trasferiti lill-FAEŻR skont l-Artikoli 17 u 103.

4. Ir-rata minima tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għandha tkun ta' 20 % tan-nefqa pubblika eliġibbli.

5. In-nefqa pubblika eliġibbli msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 għandha teskludi l-finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5).

*Artikolu 92*

*Allokazzjonijiet finanzjarji minimi għal LEADER*

1. Mill-inqas 5 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness XI għandha tkun riżervata lil LEADER.

2. Għall-perijodu kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, in-nefqa totali tal-FAEŻR għall-iżvilupp rurali għajr għal LEADER kif stabbilit fil-pjan finanzjarju skont l-Artikolu 112(2), punt (a), ma għandhiex taqbeż 95 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK stabbilita fl-Anness XI. Dak il-limitu massimu finanzjarju, ladarba jiġi approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 118 jew l-Artikolu 119 għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.

*Artikolu 93*

*Allokazzjonijiet finanzjarji minimi għal interventi li jindirizzaw objettivi speċifiċi marbuta mal-ambjent u l-klima*

1. Mill-inqas 35 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness XI għandha tkun riżervata għall-interventi li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f) u, fir-rigward it-trattament xieraq tal-annimali, l-Artikolu 6(1), punt (i).

2. Għall-fini tad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni lejn il-perċentwal mogħti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinkludu n-nefqa għall-interventi li ġejjin:

(a) 100 % għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 70;

(b) 50 % għar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona msemmija fl-Artikolu 71;

(c) 100 % għall-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona msemmija fl-Artikolu 72;

(d) 100 % għall-investimenti skont l-Artikoli 73 u 74 marbuta ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f) u, fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, fl-Artikolu 6(1), punt (i).

3. Għall-perijodu kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, in-nefqa totali tal-FAEŻR għall-iżvilupp rurali għajr għall-interventi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kif stabbilit fil-pjan finanzjarju skont l-Artikolu 112(2), punt (a), ma għandhiex taqbeż 65 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness XI. Dak il-limitu massimu finanzjarju, ladarba approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 118 jew l-Artikolu 119, għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.

4. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għan-nefqa għar-reġjuni ultraperiferiċi.

*Artikolu 94*

*Allokazzjonijiet finanzjarji massimi għal assistenza teknika*

1. Massimu ta' 4 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness XI jista' jintuża biex jiffinanzja l-azzjonijiet tal-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 125.

Il-kontribuzzjoni mill-FAEŻR tista' tiżdied sa 6 % għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK meta l-ammont totali ta' appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali jkun sa EUR 1,1 biljun.

2. L-assistenza teknika għandha tiġi rimborżata bħala rata fissa skont l-Artikolu 125(1), punt (e), tar-Regolament Finanzjarju fil-qafas tal-pagamenti interim skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/...[+]. Dik ir-rata fissa għandha tirrappreżenta l-perċentwal stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għall-assistenza teknika tan-nefqa totali ddikjarata.

*Artikolu 95*

*Allokazzjonijiet finanzjarji minimi għall-appoġġ għal bdiewa żgħażagħ*

1. Għal kull Stat Membru l-ammont minimu stabbilit fl-Anness XII għandu jkun riżervat biex jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1), punt (g). Abbażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' punti qawwija, dgħufijiet, opportunitajiet u theddid ("l-analiżi SWOT") u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati, l-ammont għandu jintuża għat-tipi ta' intervent li ġejjin, jew għal wieħed minnhom jew għat-tnejn li huma:

(a) l-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ stipulat fl-Artikolu 30;

(b) l-istabbiliment tal-bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikolu 75(2), punt (a).

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 2018/0217 (COD)).

2. Minbarra t-tipi ta' intervent imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-ammont minimu msemmi f'dak il-paragrafu għal interventi ta' investiment għal bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikolu 73, dment li tiġi applikata rata ogħla ta' appoġġ f'konformità mal-Artikolu 73(4), it-tieni subparagrafu, punt (a)(ii). Meta tintuża dik il-possibbiltà, massimu ta' 50 % tan-nefqa għall-investimenti msemmija fl-ewwel sentenza għandha tinqata' mill-ammont minimu li għandu jiġi riżervat.

3. Għal kull sena kalendarja, in-nefqa totali għat-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti minbarra l-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ, stabbilita fl-Artikolu 30 ma għandhiex taqbeż l-allokazzjoni finanzjarja għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja rilevanti kif stabbilit fl-Anness V, imnaqqsa mill-parti tal-Anness XII riżervata taħt l-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ għas-sena kalendarja rilevanti, kif stabbilit mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom skont l-Artikolu 112(2), punt (a), u approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 118 jew l-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.

4. Għall-perijodu kollu tal-pjan tal-PAK, in-nefqa totali tal-FAEŻR għall-iżvilupp rurali għajr dik għall-istabbiliment tal-bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikolu 75(2), punt (a), ma għandhiex taqbeż il-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness XI, imnaqqsa mill-parti tal-Anness XII riżervata għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ imsemmi fl-Artikolu 75(2), punt (a), għall-perijodu kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, kif stabbilit mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom skont l-Artikolu 112(2), punt (a), u approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 118 jew l-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.

5. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża l-possibbiltà prevista fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, is-sehem tan-nefqa għal interventi ta' investiment għal bdiewa żgħażagħ b'rata ta' appoġġ ogħla f'konformità mal-Artikolu 73(4), it-tieni subparagrafu, punt (a)(ii), li ma jaqbiżx 50 % kif stabbilit minn dak l-Istat Membru fil-pjan finanzjarju tiegħu f'konformità mal-Artikolu 112(2), punt (a), u approvat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 118 jew l-Artikolu 119, għandu jingħadd għall-istabbiliment tal-limitu massimu finanzjarju msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 96*

*Allokazzjonijiet finanzjarji massimi għal appoġġ akkoppjat għall-introjtu*

1. L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-intervent tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Subtaqsima 1, għandha tkun limitata għal massimu ta' 13 % tal-ammonti stabbiliti fl-Anness IX.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri li, skont l-Artikolu 53(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, użaw aktar minn 13 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom stabbilit fl-Anness II għal dak ir-Regolament għall-iskop ta' appoġġ akkoppjat volontarju, jistgħu jiddeċiedu li jużaw aktar minn 13 % tal-ammont stabbilit fl-Anness IX għal dan ir-Regolament għall-iskop tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu. Il-perċentwal li jirriżulta ma għandux jaqbeż il-perċentwal approvat mill-Kummissjoni għall-appoġġ akkoppjat volontarju fir-rigward tas-sena tat-talba 2018.

3. Il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi miżjud b'massimu ta' żewġ punti perċentwali, dment li l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwali li jaqbeż it-13 % jiġi allokat għall-appoġġ għall-għelejjel li fihom il-proteini skont it-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Subtaqsima 1.

4. L-ammont inkluż fil-Pjan Strateġiku tal-PAK approvat li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3 ma jistax jinqabeż.

5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw sa EUR 3 miljuni kull sena għall-finanzjament tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu.

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/...[+], l-ammont massimu li jista' jingħata fi Stat Membru qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament skont it-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Subtaqsima 1, ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' sena kalendarja ma għandux jaqbeż l-ammonti ffissati fil-Pjan Strateġiku tal-PAK skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 97*

*Allokazzjonijiet finanzjarji minimi għall-ekoskemi*

1. Mill-inqas 25 % tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għandhom ikunu riżervati għal kull sena kalendarja mill-2023 sal-2027 għall-ekoskemi msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, Subtaqsima 4.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

2. Meta l-ammont tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR riżervat minn Stat Membru għall-interventi f'konformità mal-Artikoli 70, 72, 73 u 74, sa fejn dawk l-interventi jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f) u, fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, fl-Artikolu 6(1), punt (i), jaqbeż it-30 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR kif stabbilit fl-Anness XI għall-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu s-somma tal-ammonti li għandhom jiġu riżervati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. It-tnaqqis totali ma għandux ikun ogħla mill-ammont li bih jinqabeż il-perċentwal imsemmi fl-ewwel sentenza.

3. It-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 2 ma jistax iwassal għal tnaqqis tal-ammont annwali li għandu jiġi riżervat għall-ekoskemi għall-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK skont il-paragrafu 1 b'aktar minn 50 %.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-ammont annwali li għandu jiġi riżervat skont il-paragrafu 1 b'mhux aktar minn 75 % jekk l-ammont totali ppjanat għall-interventi skont l-Artikolu 70 matul il-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jammonta għal aktar minn 150 % tas-somma tal-ammonti li għandhom jiġu riżervati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu qabel l-applikazzjoni tal-paragrafu 2.

5. L-Istati Membri jistgħu, fis-snin kalendarji 2023 u 2024, f'konformità mal-Artikolu 101(3), jużaw ammonti riżervati f'konformità ma' dan l-Artikolu għall-ekoskemi biex jiffinanzjaw f'dik is-sena interventi oħra msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, dment li l-possibbiltajiet kollha biex jintużaw il-fondi għall-ekoskemi jkunu ġew eżawriti,

(a) sa limitu massimu li jikkorrispondi għal 5 % tal-ammonti stabbiliti fl-Anness IX għas-sena kalendarja kkonċernata;

(b) 'il fuq minn limitu massimu li jikkorrispondi għal 5 % tal-ammonti stabbilit fl-Anness IX għas-sena kalendarja kkonċernata, dment li l-kondizzjonijiet tal-paragrafu 6 jiġu ssodisfati.

6. Meta japplikaw il-paragrafu 5, punt (b), l-Istati Membri għandhom jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-Artikolu 119 sabiex:

(a) iżidu l-ammonti riżervati skont dan l-Artikolu għall-ekoskemi għas-snin li jifdal tal-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'ammont mill-inqas ekwivalenti għall-ammont użat għall-finanzjament ta' interventi oħra msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, skont il-paragrafu 5, punt (b), ta’ dan l-Artikolu; jew

(b) iżidu l-ammonti riżervati għall-interventi skont l-Artikoli 70, 72, 73 u 74, sa fejn dawk l-interventi jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f) u, fir-rigward it-trattament xieraq tal-annimali, l-Artikolu 6(1), punt (i), b'ammont mill-inqas ekwivalenti għall-ammont użat għall-finanzjament ta' interventi oħra msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, skont il-paragrafu 5, punt (b), ta’ dan l-Artikolu. Ammonti addizzjonali riżervati għal interventi skont l-Artikoli 70, 72, 73 u 74 skont dan il-paragrafu, ma għandhomx jitqiesu jekk Stat Membru juża l-opzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.

7. Jekk Stat Membru, meta japplika l-paragrafu 5, punt (a), juża għall-perijodu totali 2023 sa 2024 ammont li jaqbeż 2,5 % tas-somma tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għas-snin 2023 u 2024 biex jiffinanzja interventi oħra msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, huwa għandu jikkumpensa għall-ammonti li jaqbżu 2,5 % tas-somma tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għas-snin 2023 u 2024 u użati għall-finanzjament f'dawk is-snin ta' interventi oħra msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, billi jemenda l-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu skont l-Artikolu 119 sabiex:

(a) iżid l-ammonti riżervati skont dan l-Artikolu għall-ekoskemi għas-snin li jifdal tal-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'ammont mill-inqas ekwivalenti għall-ammonti li jaqbżu 2,5 % tas-somma tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għas-snin 2023 u 2024; jew

(b) iżid l-ammonti riżervati għall-interventi skont l-Artikoli 70, 72, 73 u 74, sa fejn dawk l-interventi jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f) u, fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, fl-Artikolu 6(1), punt (i), b'ammont mill-inqas ekwivalenti għall-ammont li jaqbeż 2,5 % tas-somma tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għas-snin 2023 u 2024. Ammonti addizzjonali riżervati għal interventi skont l-Artikoli 70, 72, 73 u 74 skont dan il-paragrafu ma għandhomx jitqiesu jekk Stat Membru juża l-opzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.

8. L-Istati Membri jistgħu, fis-snin kalendarji 2025 u 2026, f'konformità mal-Artikolu 101(3), jużaw ammont sa limitu li jikkorrispondi għal 2 % tal-ammonti stabbiliti fl-Anness IX għas-sena kalendarja kkonċernata, u riżervati f'konformità ma' dan l-Artikolu għall-ekoskemi biex jiffinanzjaw f'dik is-sena interventi oħra msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, dment li l-possibbiltajiet kollha biex jintużaw il-fondi għall-ekoskemi jkunu ġew eżawriti u l-kondizzjonijiet tal-paragrafu 9 huma ssodisfati.

9. Meta japplikaw il-paragrafu 8, l-Istati Membri għandhom jemendaw il-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom skont l-Artikolu 119 sabiex:

(a) iżidu l-ammonti riżervati skont dan l-Artikolu għall-ekoskemi għas-snin li jifdal tal-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'ammont mill-inqas ekwivalenti għall-ammont użat għall-ammont użat għall-finanzjament ta' interventi oħra msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, skont il-paragrafu 8; jew

(b) iżidu l-ammonti riżervati għall-interventi skont l-Artikoli 70, 72, 73 u 74, sa fejn dawk l-interventi jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f) u, fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, l-Artikolu 6(1), punt (i), b'ammont mill-inqas ekwivalenti għall-ammont użat għall-finanzjament ta' interventi oħra msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu. Ammonti addizzjonali riżervati għal interventi skont l-Artikoli 70, 72, 73 u 74 skont dan il-paragrafu ma għandhomx jitqiesu jekk Stat Membru juża l-opzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

10. Għal kull sena kalendarja mis-sena kalendarja 2025, in-nefqa totali għat-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti minbarra l-ekoskemi ma għandhiex taqbeż l-allokazzjoni finanzjarja għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja rilevanti kif stipulat fl-Anness V, imnaqqsa b'ammont li jikkorrispondi għal 23 % tal-ammont fl-Anness IX, riżervat għall-ekoskemi skont dan il-paragrafu għas-snin kalendarji 2025 u l-2026, u li tikkorrispondi għal 25 % tal-ammont fl-Anness IX, riżervat għall-ekoskemi skont dan il-paragrafu għas-sena kalendarja 2027, fejn rilevanti kkoreġut mill-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafi 2, 3, 4, 6, 7 u 9 ta' dan l-Artikolu, u kif stabbilit mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom skont l-Artikolu 112(2), punt (a), u approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 118 jew l-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.

11. Jekk l-Istati Membri japplikaw il-paragrafi 2, 3, 4, 6, 7 u 9 ta' dan l-Artikolu għall-perijodu kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, in-nefqa totali tal-FAEŻR għall-iżvilupp rurali minbarra l-ammonti riżervati għall-interventi f'konformità mal-Artikoli 70, 72, 73 u 74, sakemm dawk l-interventi jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f) u, fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, fl-Artikolu 6(1), punt (i), ma għandhomx jaqbżu t-total tal-kontribuzzjoni tal-FEAŻR għall-iżvilupp rurali għall-perijodu kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Anness XI, imnaqqsa mill-ammonti riżervati għall-interventi f'konformità mal-Artikoli 70, 72, 73 u 74, sakemm dawk l-interventi jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f) u, fir-rigward it-trattament xieraq tal-annimali, fl-Artikolu 6(1), punt (i), wara l-applikazzjoni tal-paragrafi 2, 6, 7 u 9 ta' dan l-Artikolu, kif stabbilit mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom skont l-Artikolu 112(2), punt (a), u approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 118 jew l-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.

*Artikolu 98*

*Allokazzjonijiet finanzjarji minimi għall-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu*

1. Mill-inqas 10 % tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għandhom jiġu riżervati annwalment għall-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu msemmi fl-Artikolu 29.

2. Għal kull sena kalendarja, in-nefqa totali għat-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti minbarra l-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu ma għandhiex taqbeż l-allokazzjoni finanzjarja għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja rilevanti kif stabbilit fl-Anness V, imnaqqsa b'ammont li jikkorrispondi għal 10 % tal-allokazzjoni finanzjarja għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja rilevanti kif stabbilit fl-Anness IX, fejn rilevanti kkoreġut wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 29(1), it-tieni subparagrafu, kif stabbilit mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom skont l-Artikolu 112(2), punt (a), u approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 118 jew l-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.

*Artikolu 99*

*Kontribuzzjoni volontarja mill-allokazzjoni mill-FAEŻR*

*għal azzjonijiet taħt LIFE u Erasmus+*

Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw ċertu sehem tal-allokazzjoni mill-FAEŻR bħala ingranaġġ għall-appoġġ u biex itejbu l-Proġetti Strateġiċi tan-Natura integrati li jkunu ta' benefiċċju għall-komunitajiet ta' bdiewa kif previst skont ir-Regolament (UE) 2021/783 u biex jiffinanzjaw azzjonijiet fir-rigward tal-mobbiltà għat-tagħlim tranżnazzjonali tal-persuni fil-qasam tal-iżvilupp agrikolu u rurali b'attenzjoni fuq il-bdiewa żgħażagħ, u n-nisa fiż-żoni rurali, skont ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill1.

*Artikolu 100*

*It-traċċar tan-nefqa marbuta mal-klima*

1. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-kontribut tal-politika għall-kisba tal-objettivi tat-tibdil fil-klima bl-użu ta' metodoloġija sempliċi u komuni.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2013, p. 1).

2. L-istima tal-kontribut lejn il-kisba tal-mira tan-nefqa għandha ssir permezz tal-applikazzjoni ta' ponderazzjonijiet speċifiċi differenzjati fuq il-bażi ta' jekk l-appoġġ jagħmilx kontribut sinifikanti jew moderat lejn il-kisba tal-objettivi relatati mat-tibdil fil-klima. Dawk il-ponderazzjonijiet għandhom ikunu kif ġej:

(a) 40 % għan-nefqa skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu u l-appoġġ komplementari għall-introjtu msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, Subtaqsimiet 2 u 3;

(b) 100 % għan-nefqa skont l-ekoskemi msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, Subtaqsima 4;

(c) 100 % għan-nefqa għall-interventi msemmija fl-Artikolu 93(1), għajr dawk imsemmija fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu;

(d) 40 % għan-nefqa għar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona msemmija fl-Artikolu 71.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati wara l-31 ta' Diċembru 2025 f'konformità mal-Artikolu 152 li jemenda l-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu biex timmodifika l-ponderazzjonijiet imsemmija fih fejn tali modifika tkun iġġustifikata għal traċċar aktar preċiż tan-nefqa fuq l-objettivi marbuta mal-ambjent u l-klima.

*Artikolu 101*

*Allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi*

1. Fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistipulaw allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal kull intervent u għal kull sena. Din l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva għandha tirrappreżenta l-livell mistenni ta' pagamenti skont il-Pjan Strateġiku tal-PAK għall-intervent fis-sena finanzjarja rilevanti, minbarra l-pagamenti mistennija abbażi ta' finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għat-tipi ta' intervent fis-setturi msemmija fl-Artikolu 42, punti (a), (d), (e) u (f), l-Istati Membri għandhom jistipulaw, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal kull settur u għal kull sena, li tirrappreżenta l-livell mistenni ta' pagamenti għall-interventi f'dak is-settur għal kull sena finanzjarja, minbarra pagamenti mistenni abbażi tal-assistenza finanzjarja nazzjonali msemmija fl-Artikolu 53.

3. L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi stipulati mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jipprevjenu lil dawk l-Istati Membri milli jużaw fondi minn dawk l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi bħala fondi għal interventi oħra mingħajr ma jemendaw il-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom skont l-Artikolu 119, soġġett għall-konformità ma’ dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikoli 87, 88, 89, 90, 92 sa 98 u 102 tiegħu, u mar-Regolament (UE) 2021/...[+], u b'mod partikolari mal-Artikolu 32(6), punt (b), tiegħu, kif ukoll mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti huma użati għal interventi oħra fil-forma ta' pagamenti diretti;

(b) l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-interventi għall-iżvilupp rurali huma użati għal interventi oħra għall-iżvilupp rurali;

(c) l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-interventi fis-settur tal-apikultura u fis-settur tal-inbid jintużaw biss għal interventi oħra fl-istess settur;

(d) l-allokazzjonijiet finanzjarji għal interventi f'setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f), huma użati għal interventi f'setturi oħra msemmija f’dak il-punt stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK u tali użu ma jaffettwax programmi operazzjonali approvati.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, punt (a), l-Istati Membri li ddeċidew li jagħtu l-appoġġ bażiku għall-introjtu abbażi tal-intitolamenti għall-pagament skont l-Artikolu 23 jistgħu jżidu jew inaqqsu b'mod lineari l-ammonti li jridu jitħallsu abbażi tal-valur tal-intitolamenti attivati fis-sena kalendarja, fil-limiti tal-ammonti unitarji minimi u massimi ppjanati stabbiliti għall-interventi skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu skont l-Artikolu 102(2).

*Artikolu 102*

*Ammonti unitarji ppjanati u outputs ippjanati*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ammont unitarju wieħed jew iktar għall-kull intervent inkluż fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. L-ammont unitarju ppjanat jista' jkun uniformi jew medju, kif iddeterminat mill-Istati Membri. L-"ammont unitarju uniformi ppjanat" huwa l-valur li mistenni jiġi mħallas għal kull output relatat. L-"ammont unitarju medju ppjanat" huwa l-valur medju tal-ammonti unitarji differenti li mistennija jitħallsu għall-outputs relatati.

Għal interventi koperti mis-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/...+, ammonti unitarji uniformi għandhom jiġu stabbiliti, ħlief fejn l-ammonti unitarji uniformi mhumiex possibbli jew xierqa minħabba t-tfassil jew l-ambitu tal-intervent. F'tali każijiet, għandhom jiġu stabbiliti l-ammonti unitarji medji.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

2. Għal tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ammonti unitarji ppjanati massimi jew minimi jew it-tnejn li huma għal kull ammont unitarju ppjanat għal kull intervent.

L-"ammont unitarju massimu ppjanat" u l-"ammont unitarju minimu ppjanat" huma l-ammonti unitarji massimi u minimi li huma mistennija jiġu mħallsa għall-outputs relatati.

Meta jiġu stabbiliti l-ammonti unitarji ppjanati massimi jew minimi, jew it-tnejn li huma, l-Istati Membri jistgħu jiġġustifikaw dawk il-valuri bil-flessibbiltà meħtieġa għar-riallokazzjoni biex jiġu evitati fondi mhux użati.

L-ammont unitarju miksub imsemmi fl-Artikolu 134(5), l-ewwel subparagrafu, punt (c), jista' biss ikun inqas mill-ammont unitarju ppjanat jew l-ammont unitarju minimu ppjanat meta tali ammont jiġi stabbilit, sabiex jiġi evitat eċċess tal-allokazzjonijiet finanzjarji għat-tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 87(1).

3. Għat-tipi ta’ intervent għall-iżvilupp rurali, meta jiġu użati l-ammonti unitarji medji ppjanati, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ammont unitarju medju ppjanat massimu.

L-"ammont unitarju medju ppjanat massimu" huwa l-ammont massimu li medjament huwa mistenni li jitħallas għall-outputs relatati.

4. Fejn ammonti unitarji differenti huma stabbiliti għal intervent, il-paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw għal kull ammont unitarju rilevanti ta' dak l-intervent.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-outputs ippjanati annwali għal kull intervent kwantifikat għal kull ammont unitarju uniformi jew medju ppjanat. Fi ħdan intervent, l-outputs ippjanati annwali jistgħu jiġu pprovduti f'livell aggregat għall-ammonti unitarji kollha jew għal grupp ta' ammonti unitarji.

*Artikolu 103*

*Flessibbiltà bejn l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti u l-allokazzjonijiet mill-FAEŻR*

1. Bħala parti mill-proposta tiegħu għall-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 118(1), Stat Membru jista’ jiddeċiedi li jittrasferixxi:

   (a) sa 25 % tal-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tiegħu stabbilita fl-Anness V, fejn rilevanti wara tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII għas-snin kalendarji 2023 sal-2026, lill-allokazzjoni tiegħu għall-FAEŻR fis-snin finanzjarji 2024 sa 2027; jew

   (b) sa 25 % tal-allokazzjoni għall-FAEŻR tiegħu fis-snin finanzjarji 2024 sal-2027 lill-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tiegħu stabbilita fl-Anness V għas-snin kalendarji 2023 sal-2026.

2. Il-perċentwal ta' trasferiment mill-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tal-Istat Membru lill-allokazzjoni tiegħu għall-FAEŻR imsemmi fil-paragrafu 1, punt (a), jista' jiżdied bi:

   (a) sa 15-il punt perċentwali jekk l-Istat Membru juża ż-żieda korrispondenti għall-interventi ffinanzjati mill-FAEŻR li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f);

(b) sa 2 punti perċentwali jekk l-Istat Membru juża ż-żieda korrispondenti skont l-Artikolu 95(1), punt (b).

3. Il-perċentwal ta' trasferiment minn allokazzjoni ta' Stat Membru għall-FAEŻR għall-allokazzjoni tiegħu għal pagamenti diretti msemmija fil-paragrafu 1, punt (b), jista' jiżdied sa 30 % għall-Istati Membri b'pagamenti diretti għal kull ettaru inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni. Din il-kondizzjoni hija ssodisfata fil-każ tal-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja.

4. Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu l-perċentwal imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, li jista' jvarja skont is-sena kalendarja.

5. Fl-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 bħala parti minn talba għall-emendar tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 119.

# TITOLU V
# PJAN STRATEĠIKU TAL-PAK

## KAPITOLU I
## REKWIŻITI ĠENERALI

*Artikolu 104*

*Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont dan ir-Regolament biex jimplimentaw l-appoġġ mill-Unjoni ffinanzjat mill-FAEG u mill-FAEŻR għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).

2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi Pjan Strateġiku tal-PAK uniku għat-territorju kollu tiegħu, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali u istituzzjonali tiegħu.

Meta l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jiġu stabbiliti fil-livell reġjonali, l-Istat Membru għandu jiżgura l-koerenza u l-konsistenza mal-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK stabbilit fil-livell nazzjonali. L-elementi stabbiliti fil-livell reġjonali għandhom jiġu riflessi b'mod xieraq fit-taqsimiet rilevanti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK kif stabbilit fl-Artikolu 107.

3. Abbażi tal-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 115(2) u valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 108, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija tal-intervent kif imsemmi fl-Artikolu 109 li fiha għandhom jiġu stabbiliti miri kwantitattivi u stadji importanti għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2). Il-miri għandhom jiġu stabbiliti bl-użu ta' sett komuni ta' indikaturi tar-riżultat stabbilit fl-Anness I.

Sabiex jilħqu dawk il-miri, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-interventi bbażati fuq it-tipi ta' intervent stabbiliti fit-Titolu III.

4. Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027.

*Artikolu 105*

*Iżjed ambizzjoni fir-rigward tal-objettivi marbuta mal-ambjent u mal-klima*

1. Permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u b'mod partikolari permezz tal-elementi tal-istrateġija tal-interventi msemmija fl-Artikolu 109(2), punt (a), il-mira tal-Istati Membri għandha tkun li jagħtu kontribut ġenerali akbar għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f), b'paragun mal-kontribut ġenerali li jkun sar għall-kisba tal-objettiv stabbilit fl-Artikolu 110(2), l-ewwel subparagrafu, punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 permezz tal-appoġġ skont il-FAEG u l-FAEŻR fil-perijodu mill-2014 sal-2020.

2. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jispjegaw, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, kif biħsiebhom iwettqu l-kontribut globali akbar stabbilit fil-paragrafu 1. Dik l-ispjegazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni rilevanti, bħall-elementi msemmija fl-Artikolu 107(1), punti (a) sa (f), u fl-Artikolu 107(2), punt (b), kif ukoll it-titjib mistenni meta mqabbel mal-indikaturi tal-impatt rilevanti stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 106*

*Rekwiżiti proċedurali*

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK abbażi ta' proċeduri trasparenti, fejn applikabbli f'kollaborazzjoni mar-reġjuni tagħhom, skont il-qafas istituzzjonali u legali tagħhom.

2. Il-korp tal-Istat Membru responsabbli għat-tfassil tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jiżgura li:

(a) fejn applikabbli, l-awtoritajiet rilevanti fil-livell reġjonali jkunu involuti b'mod effettiv fit-tħejjija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK; u

(b) l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti għall-ambjent u l-klima jkunu involuti b'mod effettiv fit-tħejjija tal-aspetti marbuta mal-ambjent u l-klima tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

3. Kull Stat Membru għandu jorganizza sħubija mal-awtoritajiet kompetenti reġjonali u lokali. Is-sħubija għandha tinkludi mill-inqas is-sħab li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet rilevanti fil-livell reġjonali u dak lokali, kif ukoll awtoritajiet pubbliċi oħra, inkluż l-awtoritajiet kompetenti għal kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi;

(b) sħab ekonomiċi u soċjali, inkluż rappreżentanti tas-settur agrikolu;

(c) korpi rilevanti li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili u fejn rilevanti l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jinvolvu b'mod effettiv lil dawk is-sħab fit-tħejjija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u għandhom jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż fir-rigward tal-istandards minimi msemmija fl-Artikolu 13, fejn xieraq.

4. L-Istati Membri, inkluż fejn applikabbli r-reġjuni tagħhom, u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw biex jiżguraw koordinazzjoni effettiva fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, filwaqt li jqisu l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ġestjoni kondiviża.

5. L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sħubija għandhom jitwettqu skont l-att delegat adottat abbażi tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

# KAPITOLU II
# KONTENUT TAL-PJAN STRATEĠIKU TAL-PAK

*Artikolu 107*

*Kontenut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK*

1. Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jinkludi taqsimiet dwar dan li ġej:

(a) il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet;

(b) l-istrateġija tal-interventi;

(c) l-elementi komuni għal diversi interventi;

(d) il-pagamenti diretti, l-interventi f'ċerti setturi u interventi għall-iżvilupp rurali speċifikati fl-istrateġija;

(e) pjanijiet tal-miri u pjanijiet finanzjarji;

(f) is-sistema ta' governanza u ta' koordinazzjoni;

(g) l-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK;

(h) fejn l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jiġu stabbiliti fil-livell reġjonali, deskrizzjoni qasira dwar l-istruttura nazzjonali u reġjonali tal-Istat Membru, u b'mod partikolari liema elementi huma stabbiliti fil-livell nazzjonali u reġjonali.

2. Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jinkludi l-Annessi li ġejjin:

(a) l-Anness I dwar l-evalwazzjoni ex ante u l-valutazzjoni ambjentali strateġika (VAS) imsemmija fid-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(b) l-Anness II dwar l-analiżi SWOT;

(c) l-Anness III dwar il-konsultazzjoni tas-sħab;

(d) fejn rilevanti, l-Anness IV dwar il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton;

(e) l-Anness V dwar il-finanzjament nazzjonali addizzjonali pprovdut fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(f) fejn rilevanti, l-Anness VI dwar l-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali.

3. Ir-regoli dettaljati dwar il-kontenut tat-taqsimiet u l-annessi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 huma stabbiliti fl-Artikoli 108 sa 115.

---

1 Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

*Artikolu 108*

*Valutazzjoni tal-ħtiġijiet*

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 107(1), punt (a), għandha tinkludi dan li ġej:

(a) sommarju tal-analiżi SWOT kif imsemmi fl-Artikolu 115(2);

(b) identifikazzjoni tal-ħtiġijiet għal kull objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1) u (2) abbażi tal-evidenza mill-analiżi SWOT; il-ħtiġijiet kollha li jirriżultaw mill-analiżi SWOT għandhom jiġu deskritti, irrispettivament minn jekk humiex ser jiġu indirizzati permezz tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jew le;

(c) għall-objettiv speċifiku ta' appoġġ għall-introjtu vijabbli u r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli stabbilit fl-Artikolu 6(1), punt (a), valutazzjoni tal-ħtiġijiet fir-rigward ta' distribuzzjoni aktar ġusta u immirar aktar effettiv u effiċjenti tal-pagamenti diretti, fejn rilevanti b'kont meħud tal-istruttura tal-azjendi agrikoli tagħhom, u fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju;

(d) fejn rilevanti, analiżi tal-ħtiġijiet ta' żoni ġeografiċi speċifiċi, bħar-reġjuni ultraperiferiċi kif ukoll iż-żoni muntanjużi u l-gżejjer;

(e) prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet, inkluż ġustifikazzjoni tajba tal-għażliet li jkunu saru li jkopru jekk rilevanti r-raġunijiet għaliex ċerti ħtiġijiet identifikati mhumiex indirizzati jew huma indirizzati parzjalment fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f), il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għandha tqis il-pjanijiet ambjentali u klimatiċi nazzjonali li jirriżultaw mill-atti leġiżlattivi elenkati fl-Anness XIII.

L-Istati Membri għandhom jużaw għall-valutazzjoni tagħhom tal-ħtiġijiet data li hija reċenti u affidabbli u, fejn disponibbli, data diżaggregata skont il-ġeneru.

*Artikolu 109*

*L-istrateġija tal-interventi*

1. L-istrateġija tal-interventi msemmija fl-Artikolu 107(1), punt (b), għandha tistipula, għal kull objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 6(1) u (2) u indirizzat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK:

(a) miri u stadji importanti relatati għall-indikaturi tar-riżultat rilevanti użati mill-Istat Membru abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 108. Il-valur ta' dawk il-miri għandu jiġi ġġustifikat abbażi ta' dik il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet. Fir-rigward tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f), il-miri għandhom jiġu derivati mill-elementi tal-ispjegazzjoni mogħtija fil-paragrafu 2, punt (a), ta' dan l-Artikolu;

(b) l-interventi, fuq il-bażi tat-tipi ta' intervent stabbiliti fit-Titolu III, li għandhom jitfasslu biex jindirizzaw is-sitwazzjoni speċifika fiż-żona kkonċernata, skont loġika ta' intervent għaqlija, appoġġata mill-evalwazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 139, l-analiżi SWOT imsemmija fl-Artikolu 115(2) u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 108;

(c) l-elementi li juru kif l-interventi jippermettu l-ksib tal-miri u kif inhuma koerenti u kompatibbli b'mod reċiproku;

(d) l-elementi li juru li l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji lill-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK hija ġġustifikata u xierqa biex jinkisbu l-miri stabbiliti, u hija konsistenti mal-pjan finanzjarju msemmi fl-Artikolu 112.

2. L-istrateġija tal-interventi għandha turi l-konsistenza tal-istrateġija u l-komplementarjetà tal-interventi fl-objettivi speċifiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2) billi tipprovdi:

(a) ħarsa ġenerali lejn l-arkitettura ambjentali u klimatika tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li tiddeskrivi dan li ġej:

(i) għal kull standard tal-KAAT elenkat fl-Anness III, il-mod ta’ kif l-istandard tal-Unjoni huwa implimentat, inkluż l-elementi li ġejjin: sommarju tal-prattika fl-azjenda agrikola, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali, it-tipi ta' bdiewa u ta’ benefiċjarji oħra soġġetti għall-istandard, u fejn neċessarju deskrizzjoni tal-mod kif il-prattika tikkontribwixxi għall-ksib ta’ dak l-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT;

(ii) il-kontribut globali tal-kundizzjonalità għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f);

(iii) il-komplementarjetà bejn il-kondizzjonijiet bażi rilevanti, kif imsemmi fl-Artikolu 31(5) u l-Artikolu 70(3), il-kundizzjonalità u l-interventi differenti, inkluż l-appoġġ għall-biedja organika, li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e), u (f);

(iv) il-mod kif jinkiseb il-kontribut globali akbar stabbilit fl-Artikolu 105;

(v) kif l-arkitettura ambjentali u klimatika tal-Pjan Strateġiku tal-PAK hija maħsuba tikkontribwixxi għall-kisba tal-miri nazzjonali fit-tul, u tkun konsistenti magħhom, kif jinsabu fl-atti leġiżlattivi elenkati fl-Anness XIII jew li jirriżultaw minnhom;

(b) fir-rigward tal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1), punt (g), ħarsa ġenerali lejn l-interventi rilevanti u l-kondizzjonijiet speċifiċi għall-bdiewa żgħażagħ stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK bħal dawk speċifikati fl-Artikolu 26(4), punt (a), l-Artikoli 30, 73 u 75 u l-Artikolu 77(6). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-Artikolu 95 meta jippreżentaw il-pjan finanzjarju fir-rigward tat-tipi ta’ intervent imsemmija fl-Artikoli 30, 73 u 75. Il-ħarsa ġenerali għandha tispjega wkoll f'termini ġenerali l-interazzjoni mal-istrumenti nazzjonali bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali f'dan il-qasam;

(c) spjegazzjoni dwar kif l-interventi taħt l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu kif imsemmi fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Subtaqsima 1, huma konsistenti mad-Direttiva 2000/60/KE;

(d) fir-rigward tal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1), punt (a), ħarsa ġenerali lejn kif jiġi indirizzat l-għan ta' distribuzzjoni aktar ġusta u immirar aktar effettiv u effiċjenti tal-appoġġ għall-introjtu li għandu jingħata lill-bdiewa skont il-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż, fejn applikabbli, informazzjoni li tiġġustifika l-użu tad-deroga prevista fl-Artikolu 29(1), it-tieni subparagrafu. Dik il-ħarsa ġenerali għandha, fejn rilevanti, tindirizza wkoll il-konsistenza u l-komplementarjetà tat-territorjalizzazzjoni tal-appoġġ bażiku għall-introjtu msemmi fl-Artikolu 22(2) b'appoġġ taħt interventi oħra, b'mod partikolari l-pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona msemmija fl-Artikolu 71;

(e) ħarsa ġenerali lejn l-interventi relatati mas-settur, inkluż l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu msemmi fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Subtaqsima 1, u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu III, Kapitolu III, li tipprovdi ġustifikazzjoni għall-immirar tas-setturi kkonċernati, il-lista ta' interventi għal kull settur u l-komplementarjetà tagħhom;

(f) fejn rilevanti, spjegazzjoni ta' liema interventi huma maħsuba biex jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' approċċ koerenti u integrat għall-ġestjoni tar-riskju;

(g) fejn rilevanti, deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u reġjonali, inkluż id-distribuzzjoni tal-allokazzjonijiet finanzjarji għal kull intervent u għal kull fond;

(h) ħarsa ġenerali lejn kif il-Pjan Strateġiku tal-PAK jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv speċifiku tat-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi stabbilit fl-Artikolu 6(1), punt (i), inkluż il-kondizzjonijiet bażiċi u l-komplementarjetà bejn il-kundizzjonalità u l-interventi differenti;

(i) spjegazzjoni ta' kif l-interventi u l-elementi komuni għal diversi interventi jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji finali u jnaqqsu l-piż amministrattiv.

3. Meta l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jiġu stabbiliti fil-livell reġjonali, l-istrateġija tal-intervent għandha tiżgura l-koerenza u l-konsistenza ta' dawk l-elementi mal-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK stabbilit fil-livell nazzjonali.

*Artikolu 110*

*Elementi komuni għal diversi interventi*

It-taqsima dwar l-elementi komuni għal diversi interventi msemmija fl-Artikolu 107(1), punt (c), għandha tinkludi:

(a) id-definizzjonijiet u l-kondizzjonijiet previsti mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 4, kif ukoll ir-rekwiżiti minimi għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti skont l-Artikolu 18;

(b) deskrizzjoni tal-użu tal-"assistenza teknika" msemmija fl-Artikolu 94 u l-Artikolu 125 u deskrizzjoni tan-network nazzjonali tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 126;

(c) fir-rigward tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), id-definizzjoni ta' żoni rurali użata fil-Pjan Strateġiku tal-PAK kif iddeterminata mill-Istati Membri;

(d) informazzjoni oħra dwar l-implimentazzjoni, b'mod partikolari:

(i) deskrizzjoni qasira tal-istabbiliment tal-valur tal-intitolamenti għal pagamenti u tal-funzjonament tar-riżerva fejn applikabbli;

(ii) fejn rilevanti, l-użu tal-istima tal-prodott tat-tnaqqis tal-pagamenti diretti kif imsemmi fl-Artikolu 17;

(iii) id-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 17(4), l-Artikolu 29(6), u l-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament u tal-Artikolu 17(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/...[+];

(iv) fejn rilevanti, id-deċiżjoni u d-deskrizzjoni tal-elementi ewlenin tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 19;

(v) ħarsa ġenerali lejn il-koordinazzjoni, id-demarkazzjoni u l-komplementarjetajiet bejn il-FAEŻR u fondi oħra tal-Unjoni li huma attivi fiż-żoni rurali.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

*Artikolu 111*

*Interventi*

It-taqsima dwar kull intervent speċifikat fl-istrateġija msemmija fl-Artikolu 107(1), punt (d), inkluż l-interventi stabbiliti fil-livell reġjonali, għandha tinkludi:

(a) it-tip ta' intervent li fuqu huwa bbażat;

(b) il-kamp ta' applikazzjoni territorjali;

(c) id-disinn speċifiku jew ir-rekwiżiti ta' dak l-intervent li jiżguraw kontribut effettiv lill-kisba tal-objettiv speċifiku jew lill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2); għall-interventi marbuta mal-ambjent u l-klima, l-artikolazzjoni mar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità għandha turi li l-prattiki huma komplementari u li ma hemmx duplikazzjoni;

(d) il-kondizzjonijiet tal-eliġibbiltà;

(e) l-indikaturi tar-riżultat kif stabbiliti fl-Anness I li għalihom l-intervent għandu jikkontribwixxi direttament u b'mod sinifikanti.;

(f) għal kull intervent li huwa bbażat fuq it-tipi ta’ intervent elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, il-mod kif jirrispetta d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura kif speċifikat fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament u fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, u għal kull intervent li mhuwiex ibbażat fuq it-tipi ta’ intervent elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, jekk jirrispetta d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 6.5 jew l-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura, u jekk iva, kif;

(g) indikatur tal-output wieħed u l-outputs ippjanati annwali għall-intervent imsemmija fl-Artikolu 102(5);

(h) l-ammonti unitarji uniformi jew medji annwali ppjanati msemmija fl-Artikolu 102(1) u, fejn rilevanti, l-ammonti unitarji ppjanati massimi jew minimi msemmija fl-Artikolu 102(2) u (3);

(i) spjegazzjoni ta' kif l-ammonti msemmija fil-punt (h) ta’ dan il-paragrafu ġew stabbiliti;

(j) fejn applikabbli:

(i) il-forma u r-rata tal-appoġġ;

(ii) il-metodu biex jiġu kkalkulati l-ammonti unitarji ppjanati tal-appoġġ u ċ-ċertifikazzjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 82;

(k) l-allokazzjoni finanzjarja annwali għall-intervent imsemmija fl-Artikolu 101(1) jew, fil-każ tas-setturi msemmija fl-Artikolu 42, punti (a), (d), (e) u (f), l-allokazzjoni finanzjarja annwali għas-settur rilevanti msemmija fl-Artikolu 101(2), inkluż, fejn applikabbli, diżaggregazzjoni tal-ammonti ppjanati għall-għotjiet u l-ammonti ppjanati għall-istrumenti finanzjarji;

(l) indikazzjoni ta' jekk l-intervent huwiex barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE u huwiex soġġett għall-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat.

Il-punt (e) tal-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-interventi taħt it-tip ta’ intervent fis-settur tal-apikultura msemmi fl-Artikolu 55(1), punti (a) u (c) sa (g), interventi taħt it-tip ta’ intervent fis-settur tal-inbid imsemmi fl-Artikolu 58(1), punti (h) sa (k), u għall-azzjonijiet ta’ informazzjoni u ta’ promozzjoni għall-iskemi tal-kwalità skont it-tip ta’ intervent għall-kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 77.

*Artikolu 112*

*Pjanijiet tal-miri u pjanijiet finanzjarji*

1. Il-pjan tal-miri msemmi fl-Artikolu 107(1), punt (e), għandu jikkonsisti f'tabella rikapitulattiva li turi l-miri u l-istadji importanti msemmija fl-Artikolu 109(1), punt (a).

2. Il-pjan finanzjarju msemmi fl-Artikolu 107(1), punt (e), għandu jinkludi tabella ta' ħarsa ġenerali li tipprevedi:

(a) l-allokazzjonijiet tal-Istat Membru għat-tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 87(1), għat-tipi ta’ intervent fis-settur tal-inbid imsemmija fl-Artikolu 88(1), għat-tipi ta’ intervent fis-settur tal-apikultura msemmi fl-Artikolu 88(2) u għat-tipi ta’ intervent għall-iżvilupp rurali msemmi fl-Artikolu 89(3), bi speċifikazzjoni tal-ammonti annwali u ġenerali riservati mill-Istati Membri biex jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar l-allokazzjonijiet finanzjarji minimi stabbiliti fl-Artikoli 92 sa 98;

(b) it-trasferimenti tal-ammonti msemmija fil-punt (a) bejn it-tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti u t-tipi ta’ intervent għall-iżvilupp rurali skont l-Artikolu 103 u kwalunkwe tnaqqis tal-allokazzjonijiet tal-Istat Membru għat-tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ammonti għat-tipi ta’ intervent f'setturi oħra msemmija fit-Titolu III, Kapitolu III, Taqsima 7, skont l-Artikolu 88(6);

(c) l-allokazzjonijiet tal-Istat Membru għat-tipi ta’ intervent fis-settur tal-ħops imsemmija fl-Artikolu 88(3) u għat-tipi ta’ intervent fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda msemmija fl-Artikolu 88(4), u jekk dawk it-tipi ta’ intervent mhumiex implimentati, id-deċiżjoni li jiġu inklużi l-allokazzjonijiet korrispondenti fl-allokazzjoni tal-Istat Membru għall-pagamenti diretti skont l-Artikolu 88(5);

(d) fejn rilevanti, it-trasferiment tal-allokazzjonijiet tal-Istat Membru mill-FAEŻR għall-appoġġ skont InvestEU f'konformità mal-Artikolu 81 ta' dan ir-Regolament, skont ir-Regolament (UE) 2021/783 jew skont ir-Regolament (UE) 2021/817 f'konformità mal-Artikolu 99 ta' dan ir-Regolament;

(e) Fejn rilevanti, l-ammonti ppjanati għar-reġjuni ultraperiferiċi.

3. Minbarra l-paragrafu 2, pjan finanzjarju dettaljat għandu jipprevedi, għal kull sena finanzjarja u espress bħala tbassir tal-eżekuzzjoni tal-pagamenti tal-Istat Membru, it-tabelli li ġejjin konsistenti mal-Artikolu 111, punti (g) u (k):

(a) diżaggregazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-Istat Membru għat-tipi ta’ intervent fil-forma ta' pagamenti diretti wara t-trasferimenti kif speċifikat fil-paragrafu 2, punti (b) u (c), ibbażata fuq allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għal kull tip ta' intervent u għal kull intervent, filwaqt li jiġu speċifikati għal kull intervent l-outputs ippjanati, l-ammonti unitarji medji jew uniformi ppjanati msemmija fl-Artikolu 102(1) u, fejn rilevanti, l-ammonti unitarji ppjanati massimi jew minimi, jew it-tnejn, imsemmija fl-Artikolu 102(2). Fejn applikabbli, id-diżaggregazzjoni għandu jinkludi l-ammont tar-riżerva tal-intitolamenti għal pagament.

Għandha tiġi speċifikata l-istima tal-prodott totali tat-tnaqqis tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 17.

Filwaqt li jitqies l-użu tal-istima tal-prodott tat-tnaqqis tal-pagamenti msemmi fl-Artikolu 17 u l-Artikolu 87(3), dawk l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi, l-outputs ippjanati relatati u l-ammonti unitarji medji jew uniformi ppjanati korrispondenti għandhom jiġu stabbiliti qabel it-tnaqqis tal-pagamenti;

(b) diżaggregazzjoni tal-allokazzjonijiet għat-tipi ta’ intervent imsemmija fit-Titolu III, Kapitolu III, għal kull intervent u b'indikazzjoni tal-outputs ippjanati jew fil-każ tas-setturi msemmija fl-Artikolu 42, punti (a), (d), (e) u (f) l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal kull settur b’indikazzjoni tal-outputs ippjanati espressi bħala għadd ta’ programmi operazzjonali għal kull settur;

(c) diżaggregazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-Istat Membru għall-iżvilupp rurali wara t-trasferimenti lill-pagamenti diretti u minnhom kif speċifikat fil-punt (b), skont it-tip ta' intervent u skont l-intervent, inkluż it-totali għall-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, filwaqt li tiġi indikata ukoll ir-rata ta' kontribuzzjoni applikabbli tal-FAEŻR, diżaggregata għal kull intervent u għall kull tip ta' reġjun fejn applikabbli. Fil-każ ta' trasferiment ta' fondi mill-pagamenti diretti, għandhom ikunu speċifikati l-intervent(i) jew il-parti mill-intervent iffinanzjat mit-trasferiment. Dik it-tabella għandha tispeċifika wkoll l-outputs ippjanati għal kull intervent u l-ammonti unitarji medji jew uniformi ppjanati msemmija fl-Artikolu 102(1), kif ukoll, fejn rilevanti, l-ammonti unitarji medji massimi ppjanati kif imsemmija fl-Artikolu 102(3). Fejn applikabbli, it-tabella għandha tinkludi wkoll diżaggregazzjoni tal-għotjiet u l-ammonti ppjanati għall-istrumenti finanzjarji. Għandhom jiġu speċifikati wkoll l-ammonti għall-assistenza teknika.

*Artikolu 113*

*Sistemi ta' governanza u ta' koordinazzjoni*

It-taqsima dwar is-sistemi ta' governanza u ta' koordinazzjoni msemmija fl-Artikolu 107(1), punt (f), għandha tinkludi:

(a) l-identifikazzjoni tal-korpi ta' governanza kollha msemmija fit-Titolu II, Kapitolu II, tar-Regolament (UE) 2021/...[+] kif ukoll tal-awtorità ta' ġestjoni nazzjonali u, fejn rilevanti, l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali;

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

(b) l-identifikazzjoni u r-rwol tal-korpi intermedji msemmija fl-Artikolu 123(4) ta' dan ir-Regolament;

(c) informazzjoni dwar is-sistemi ta' kontroll u l-pieni msemmija fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) 2021/...+, li tinkludi:

(i) is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll imsemmija fit-Titolu IV, Kapitolu II, tar-Regolament (UE) 2021/...+;

(ii) is-sistema ta' kontroll u ta' penali għall-kundizzjonalità msemmija fit-Titolu IV, Kapitoli IV u V, tar-Regolament (UE) 2021/...+;

(iii) il-korpi ta' kontroll kompetenti responsabbli għall-verifiki;

(d) ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-monitoraġġ u tar-rappurtar.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

*Artikolu 114*

*Modernizzazzjoni*

It-taqsima dwar l-elementi li jiżguraw il-modernizzazzjoni tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 107(1), punt (g), għandha tenfasizza l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li jappoġġaw il-modernizzazzjoni tal-agrikoltura u ż-żoni rurali u tal-PAK, u għandha tinkludi b'mod partikolari:

(a) ħarsa ġenerali lejn kif il-Pjan Strateġiku tal-PAK ser jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv trażversali stabbiliti fl-Artikolu 6(2), b'mod partikolari permezz ta':

(i) deskrizzjoni tal-istruttura organizzazzjonali tal-AKIS;

(ii) deskrizzjoni ta' kif is-servizzi ta' konsulenza kif imsemmija fl-Artikolu 15, ir-riċerka u n-network tal-PAK nazzjonali msemmija fl-Artikolu 126 ser jikkooperaw biex jipprovdu konsulenza, flussi ta' għarfien u servizzi ta' innovazzjoni u kif l-azzjoni appoġġati taħt interventi skont l-Artikolu 78 jew interventi oħra rilevanti huma integrati fl-AKIS;

(b) deskrizzjoni tal-istrateġija għall-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali u għall-użu ta' dawk it-teknoloġiji għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

*Artikolu 115*

*Annessi*

1. L-Anness I għall-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 107(2), punt (a), għandu jinkludi sommarju tar-riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 139 u l-istima ambjentali strateġika msemmija fid-Direttiva 2001/42/KE u kif dawn ġew indirizzati jew ġustifikazzjoni ta' għaliex ma tqisux, u link għar-rapport sħiħ tal-evalwazzjoni ex ante u għar-rapport tal-istima ambjentali strateġika.

2. L-Anness II għall-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 107(2), punt (b), għandu jinkludi analiżi SWOT tas-sitwazzjoni attwali taż-żona koperta mill-Pjan Strateġiku tal-PAK.

   L-analiżi SWOT għandha tkun ibbażata fuq is-sitwazzjoni attwali taż-żona koperta mill-Pjan Strateġiku tal-PAK u għandha tinkludi, għal kull objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1) u (2), deskrizzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni attwali taż-żona koperta mill-Pjan Strateġiku tal-PAK, fuq il-bażi ta' indikaturi komuni tal-kuntest u informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva aġġornata oħra bħal pereżempju studji, rapporti ta' evalwazzjoni tal-imgħoddi, analiżi settorjali u tagħlimiet meħuda minn esperjenzi preċedenti.

   Fejn rilevanti, l-analiżi SWOT għandha tinkludi analiżi tal-aspetti territorjali, filwaqt li tenfasizza dawk it-territorji speċifikament fil-mira ta' interventi, u analiżi tal-aspetti settorjali, b'mod partikolari għal dawk is-setturi li huma soġġetti għal interventi speċifiċi jew programmi.

Barra minn hekk, dik id-deskrizzjoni għandha, b'mod partikolari, tenfasizza fir-rigward ta' kull objettiv ġenerali u speċifiku stabbilit fl-Artikolu 5 u l-Artikolu 6(1) u (2):

(a) il-punti qawwija identifikati fiż-żona tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(b) id-dgħufijiet identifikati fiż-żona tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(c) l-opportunitajiet identifikati fiż-żona tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(d) it-theddid identifikat fiż-żona tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e) u (f), l-analiżi SWOT għandha tirreferi għall-pjanijiet nazzjonali li jirriżultaw mill-atti leġiżlattivi elenkati fl-Anness XIII.

Għall-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 6(1), punt (g), l-analiżi SWOT għandha tinkludi analiżi qasira tal-aċċess għall-art, il-mobbiltà tal-art u r-ristrutturar tal-art, l-aċċess għal finanzjament u krediti u aċċess għall-għarfien u għall-pariri.

Għall-objettiv trażversali stabbilit fl-Artikolu 6(2), l-analiżi SWOT għandha tipprovdi wkoll informazzjoni rilevanti dwar il-funzjonament tal-AKIS u l-istrutturi relatati.

3. L-Anness III għall-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 107(2), punt (c), għandu jinkludi l-eżiti tal-konsultazzjoni tas-sħab, u b'mod partikolari tal-awtoritajiet rilevanti fil-livell reġjonali u lokali, u deskrizzjoni qasira ta' kif twettqet il-konsultazzjoni.

4. L-Anness IV tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 107(2), punt (d), għandu jipprovdi deskrizzjoni qasira tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u l-komplementarjetà tiegħu mal-interventi l-oħra tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

5. L-Anness V tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 107(2), punt (e), għandu jinkludi dan li ġej:

(a) deskrizzjoni qasira tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-interventi fl-iżvilupp rurali stabbiliti fit-Titolu III, Kapitolu IV, li huwa pprovdut fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż l-ammonti għal kull intervent u l-indikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament;

(b) spjegazzjoni tal-komplementarjetà mal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(c) indikazzjoni ta' jekk il-finanzjament nazzjonali addizzjonali huwiex barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE u huwiex soġġett għal valutazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat; u

(d) l-assistenza finanzjarja nazzjonali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex imsemmija fl-Artikolu 53.

6. L-Anness VI tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 107(2), punt (f), għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali:

(a) il-pakkett finanzjarju annwali speċifiku għas-settur għal kull settur li għalih tingħata għajnuna nazzjonali tranżizzjonali;

(b) fejn rilevanti, ir-rata unitarja massima ta' appoġġ għal kull sena tal-perijodu;

(c) fejn rilevanti, informazzjoni fir-rigward tal-perijodu referenzjarju modifikata f'konformità mal-Artikolu 147(2), it-tieni subparagrafu;

(d) deskrizzjoni qasira tal-komplementarjetà tal-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali mal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

*Artikolu 116*

*Setgħat delegati għall-kontenut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 152 sal-31 ta' Diċembru 2023 li jemendaw dan il-Kapitolu fir-rigward tal-kontenut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-Annessi għalih. Dawk l-atti delegati għandhom ikunu strettament limitati biex jiġu indirizzati problemi mġarrba mill-Istati Membri.

*Artikolu 117*

*Setgħat ta' implimentazzjoni għall-kontenut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK*

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-preżentazzjoni tal-elementi deskritti fl-Artikoli 108 sa 115 fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

# KAPITOLU III
# APPROVAZZJONI U EMENDA
# TAL-PJAN STRATEĠIKU TAL-PAK

*Artikolu 118*

*Approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK*

1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni proposta għal Pjan Strateġiku tal-PAK, bil-kontenut imsemmi fl-Artikolu 107, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2022.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan Strateġiku tal-PAK propost fir-rigward tal-kompletezza tiegħu, il-konsistenza u l-koerenza tiegħu mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni, ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati bis-saħħa tiegħu u mar-Regolament (UE) 2021/...[+], il-kontribut effettiv tiegħu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2) u l-impatt tiegħu fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u fuq il-livell ta' piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-adegwatezza tal-istrateġija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-objettivi speċifiċi korrispondenti, il-miri, l-interventi u l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġu ssodisfati l-objettivi speċifiċi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz tas-sett ta' interventi propost fuq il-bażi tal-analiżi SWOT u l-evalwazzjoni ex ante.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

3. Skont ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tindirizza osservazzjonijiet lill-Istati Membri fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-pjan propost.

4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-Pjan Strateġiku tal-PAK propost sakemm l-informazzjoni meħtieġa tkun ġiet ippreżentata u l-Pjan ikun kompatibbli mal-Artikolu 9 u mar-rekwiżiti l-oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2021/...[+] kif ukoll l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dawn. L-approvazzjoni għandha tkun ibbażata esklużivament fuq atti li huma legalment vinkolanti għall-Istati Membri.

5. L-approvazzjoni ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandha ssir sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru kkonċernat.

L-approvazzjoni ma għandhiex tkopri l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 113, punt (c), u fl-Annessi I sa IV tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 107(2), punti (a) sa (d).

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 2018/0217 (COD)).

F'każijiet debitament ġustifikati, Stat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tapprova Pjan Strateġiku tal-PAK li ma fihx l-elementi kollha. F'dak il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika l-partijiet tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li huma nieqsa u jipprovdi miri indikattivi u pjanijiet finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 112 għall-Pjan Strateġiku tal-PAK sħiħ sabiex juri l-konsistenza u l-koerenza ġenerali tal-Pjan. L-elementi nieqsa tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni f'emenda tal-pjan skont l-Artikolu 119 fi skeda ta' żmien li ma taqbiżx tliet xhur mid-data tal-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

6. Kull Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jiġi approvat mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' Kumitat imsemmija fl-Artikolu 153.

7. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandu jkollhom effetti legali biss wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.

*Artikolu 119*

*Emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK*

1. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni talbiet biex jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

2. It-talbiet għall-emendi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom ikunu debitament iġġustifikati u għandhom b'mod partikolari juru l-impatt mistenni tal-bidliet fil-pjan fuq il-kisba tal-objettivi speċifiċi, stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2). Għandhom ikunu akkumpanjati mill-pjan emendat inkluż l-annessi aġġornati kif xieraq.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konsistenza tal-emenda ma' dan ir-Regolament u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati bis-saħħa tiegħu kif ukoll mar-Regolament (UE) 2021/...+ u l-kontribut effettiv tiegħu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi.

4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emendar mitlub ta' Pjan Strateġiku tal-PAK propost dment l-informazzjoni meħtieġa tkun ġiet ippreżentata u l-pjan emendat ikun kompatibbli mal-Artikolu 9 u mar-rekwiżiti l-oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2021/...+, kif ukoll l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dawn.

5. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien 30 jum ta' xogħol mill-preżentazzjoni tat-talba għall-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa kollha.

6. L-approvazzjoni ta' talba għall-emendar ta' Pjan Strateġiku tal-PAK għandha ssir mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru kkonċernat.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

7. Talba għall-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tista' tiġi ppreżentata darba fis-sena kalendarja soġġett għal eċċezzjonijiet possibbli previsti f'dan ir-Regolament li jridu jiġu determinati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 122. Barra minn hekk, tul il-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK jistgħu jiġu ppreżentati tliet talbiet ulterjuri għall-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal talbiet għal emendi biex jiġu ppreżentati l-elementi neqsin f’konformità mal-Artikolu 118(5).

   Talba għall-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK relatata mal-Artikolu 17(5), l-Artikolu 88(7), l-Artikolu 103(5) jew l-Artikolu 120 ma għandhiex tgħodd għal-limitazzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu.

8. Emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK relatat mal-Artikolu 17(5), l-Artikolu 88(7) jew l-Artikolu 103(1) fir-rigward tal-FAEG għandu tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja wara s-sena tal-approvazzjoni tat-talba għall-emendar mill-Kummissjoni u wara l-emendar korrispondenti tal-allokazzjonijiet skont l-Artikolu 87(2).

   Emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK relatat mal-Artikolu 103(1) fir-rigward tal-FAEG għandha tidħol wara l-approvazzjoni tat-talba għall-emendar mill-Kummissjoni u wara l-emendar korrispondenti tal-allokazzjonijiet skont l-Artikolu 89(4).

Talba għall-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK relatata mal-FAEG, għajr l-emendi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għandha tidħol fis-seħħ minn data li tiġi ddeterminata mill-Istat Membru li tkun aktar tard mid-data tal-approvazzjoni tat-talba għal dak l-emendar mill-Kummissjoni. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu data jew dati differenti tad-dħul fis-seħħ għal elementi differenti tal-emenda. Meta jistabbilixxu din id-data, l-Istati Membri għandhom iqisu l-limiti ta' żmien għall-proċedura ta' approvazzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu u l-ħtieġa tal-bdiewa u ta' benefiċjarji oħra li jkollhom biżżejjed żmien biex iqisu l-emenda. Id-data ppjanata għandha tiġi indikata mill-Istat Membru flimkien mat-talba biex jiġi emendat il-Pjan Strateġiku tal-PAK u għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 10 ta’ dan l-Artikolu.

9. B'deroga mill-paragrafi 2 sa 8, 10 u 11 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jagħmlu u japplikaw modifiki għall-elementi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li jirrigwardaw l-interventi skont it-Titolu III, Kapitolu IV, inkluż il-kondizzjonijiet tal-eliġibbiltà ta' tali interventi, li ma jwasslux għal bidliet fil-miri msemmija fl-Artikolu 109(1), punt (a). Huma għandhom jinnotifikaw tali modifiki lill-Kummissjoni saż-żmien li jibdew japplikawhom u jinkluduhom fit-talba li jmiss għall-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

10. Kull emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jiġi approvat mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura ta' kumitat imsemmija fl-Artikolu 153.

11. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 86, l-emendi għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandu jkollhom effetti legali biss wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.

12. Il-korrezzjonijiet ta' natura klerikali jew ta’ żbalji ovvji jew ta’ natura purament editorjali li ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-politika u l-intervent ma għandhomx jitqiesu bħala talba għall-emendar skont dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'tali korrezzjonijiet.

*Artikolu 120*

*Rieżami tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK*

Meta ssir emenda għal kwalunkwe wieħed mill-atti leġiżlattivi elenkati fl-Anness XIII, kull Stat Membru għandu jivvaluta jekk il-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu jenħtieġx li jiġi emendat skont dan, b'mod partikolari l-ispjegazzjoni msemmija fl-Artikolu 109(2), punt (a)(v), u l-elementi ulterjuri tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija f'dik l-ispjegazzjoni. Kull Stat Membru għandu, fi żmien sitt xhur wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni tal-emenda fil-każ ta' Direttiva elenkata fl-Anness XIII jew fi żmien sitt xhur wara d-data tal-applikazzjoni tal-emenda fil-każ ta' Regolament elenkat fl-Anness XIII, jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tiegħu bi spjegazzjoni ta' akkumpanjament u, jekk ikun meħtieġ, jippreżenta talba biex jemenda l-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu skont l-Artikolu 119(2).

*Artikolu 121*

*Kalkolu tal-limiti taż-żmien għal azzjonijiet tal-Kummissjoni*

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, meta jiġi stabbilit limitu ta' żmien għal azzjoni tal-Kummissjoni, dak il-limitu ta' żmien għandu jibda meta l-informazzjoni kollha li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet adottati bis-saħħa tiegħu tkun ġiet ippreżentata.

Dan il-limitu ta' żmien m'għandux jinkludi:

(a) il-perijodu li jibda mid-data wara d-data li fiha l-Kummissjoni tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha jew talba għal dokumenti riveduti lill-Istat Membru u jintemm fid-data li fiha l-Istat Membru jwieġeb lill-Kummissjoni;

(b) għall-emendi relatati mal-Artikolu 17(5), l-Artikolu 88(7) u l-Artikolu 103(5), il-perijodu għall-adozzjoni tal-att delegat għall-emendar tal-allokazzjonijiet skont l-Artikolu 87(2).

*Artikolu 122*

*Setgħat delegati dwar l-emendar tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li, f'konformità mal-Artikolu 152, tadotta atti delegati li jissupplimentaw dan il-Kapitolu rigward:

(a) il-proċeduri u l-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tat-talbiet għall-emendar tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK;

(b) id-determinazzjoni ta' każijiet ulterjuri li għalihom ma jgħoddx l-għadd massimu ta' emendi msemmi fl-Artikolu 119(7).

# TITOLU VI
# KOORDINAZZJONI U GOVERNANZA

*Artikolu 123*

*Awtorità ta' ġestjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja awtorità ta' ġestjoni nazzjonali għall-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħha.

L-Istati Membri jistgħu, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali tagħhom, jiddeżinjaw awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali biex ikunu responsabbli għal uħud mill-kompiti, jew għall-kompiti kollha imsemmija fil-paragrafu 2.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll rilevanti tkun ġiet stabbilita b'tali mod li tiżgura allokazzjoni u separazzjoni ċari tal-funzjonijiet bejn l-awtorità ta' ġestjoni nazzjonali u, fejn rilevanti, awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali u korpi oħra. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli li jiżguraw li s-sistema taħdem b'mod effettiv tul il-perijodu kollha tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tkun responsabbli li tiġġestixxi u timplimenta l-Pjan Strateġiku tal-PAK b'mod effiċjenti, effettiv u korrett. B'mod partikolari għandha tiżgura li:

(a) ikun hemm sistema ta' informazzjoni elettronika kif imsemmija fl-Artikolu 130;

(b) il-bdiewa, benefiċjarji oħra u korpi oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-interventi:

(i) jiġu mgħarrfa dwar l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-għajnuna mogħtija, u jżommu sistema ta' kontabbiltà separata jew kodiċi ta' kontabbiltà xieraq għat-tranżazzjonijiet kollha marbuta ma' operazzjoni, fejn rilevanti;

(ii) ikunu konxji mir-rekwiżiti fir-rigward tal-provvista tad-data lill-awtorità ta' ġestjoni u r-reġistrazzjoni tal-outputs u r-riżultati;

(c) il-bdiewa u benefiċjarji oħra kkonċernati jiġu pprovduti, fejn xieraq permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi, b'informazzjoni ċara u preċiża dwar ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-istandards minimi tal-KAAT stabbiliti skont it-Titolu III, Kapitolu I, Taqsima 2, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonalità soċjali stabbiliti skont it-Titolu III, Kapitolu I, Taqsima 3, li għandhom jiġu applikati fil-livell tal-azjenda agrikola;

(d) l-evalwazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 139 tikkonforma mas-sistema ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ u li tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni;

(e) il-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 140(4) huwa fis-seħħ u li l-evalwazzjonijiet ex post imsemmija f'dak l-Artikolu twettqu fil-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jiġi żgurat li dawn l-evalwazzjonijiet jikkonformaw mas-sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni u li huma ppreżentati lill-kumitat ta' monitoraġġ u lill-Kummissjoni;

(f) il-kumitat ta' monitoraġġ jiġi provdut bl-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fid-dawl tal-objettivi u l-prijoritajiet speċifiċi tiegħu;

(g) jitfassal ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni, inkluż it-tabelli ta' monitoraġġ aggregati, u, wara li r-rapport ikun ġie ppreżentat lill-kumitat ta' monitoraġġ għall-opinjoni, jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 9(3), l-ewwel subparagrafu, punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/...[+];

(h) jittieħdu azzjonijiet ta' segwitu rilevanti fuq l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-rapporti tal-prestazzjoni annwali;

(i) l-aġenzija tal-pagamenti tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari dwar il-proċeduri operati u kwalunkwe kontroll imwettaq b'rabta mal-interventi magħżula għall-finanzjament, qabel ma jkunu awtorizzati l-pagamenti;

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

(j) il-benefiċjarji tal-interventi ffinanzjati mill-FAEŻR, għajr l-interventi relatati maż-żona u mal-annimali, jirrikonoxxu l-appoġġ finanzjarju riċevut, inkluż bl-użu xieraq tal-emblema tal-Unjoni skont ir-regoli stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 5;

(k) isir reklamar għall-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż permezz tan-network nazzjonali tal-PAK, billi jiġu infurmati:

(i) benefiċjarji potenzjali, organizzazzjonijiet professjonali, sħab ekonomiċi u soċjali, il-korpi involuti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi kkonċernati, inkluż organizzazzjonijiet ambjentali, bil-possibbiltajiet offruti mill-Pjan Strateġiku tal-PAK u r-regoli biex jinkiseb aċċess għall-finanzjament tal-Pjan Strateġiku tal-PAK; u

(ii) bdiewa, benefiċjarji oħra u l-pubbliku ġenerali dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-agrikoltura u għall-iżvilupp rurali permezz tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Għal appoġġ iffinanzjat mill-FAEG, kif xieraq, l-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-awtorità ta’ ġestjoni tuża l-għodda u l-istrutturi ta' viżibilità u komunikazzjoni użati mill-FAEŻR.

3. Fejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, huma responsabbli għall-kompiti msemmija fil-paragrafu 2, l-awtorità ta' ġestjoni nazzjonali għandha tiżgura koordinazzjoni xierqa bejn dawk l-awtoritajiet bil-ħsieb li jiġu ggarantiti l-koerenza u l-konsistenza tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

4. L-awtorità ta' ġestjoni nazzjonali jew, fejn rilevanti, l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali tista’ tiddelega kompiti lil korpi intermedji. F'dak il-każ, l-awtorità ta’ ġestjoni li tiddelega għandha żżomm responsabbiltà sħiħa għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni u tal-implimentazzjoni ta' dawk il-kompiti u tiżgura li jkun hemm fis-seħħ id-dispożizzjonijiet xierqa biex il-korp intermedju jkun jista' jikseb id-data u l-informazzjoni meħtieġa kollha għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-kompiti.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kondizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-informazzjoni, il-pubbliċità u r-rekwiżiti tal-viżibbiltà msemmija fil-paragrafu 2, punti (j) u (k). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

*Artikolu 124*
*Kumitat ta' monitoraġġ*

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi kumitat nazzjonali biex iwettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fi żmien tliet xhur mid-data ta' notifika lill-Istat Membru bid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tapprova Pjan Strateġiku tal-PAK.

Kull kumitat ta' monitoraġġ għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, li għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni ma' kumitati ta' monitoraġġ reġjonali meta jiġu stabbiliti skont il-paragrafu 5, dwar il-prevenzjoni tal-konflitti ta' interess u dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trasparenza.

Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrieżamina l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress tal-Pjan Strateġiku tal-PAK lejn il-kisba tal-miri tiegħu.

Kull Stat Membru għandu jippubblika r-regoli ta' proċedura u l-opinjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ.

2. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ u għandu jiżgura rappreżentanza bilanċjata tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi intermedjarji rilevanti u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmija fl-Artikolu 106(3).

Kull membru tal-kumitat ta' monitoraġġ għandu jkollu vot.

L-Istat Membru għandu jippubblika l-lista tal-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ online.

Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jieħdu sehem fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ b'funzjoni konsultattiva.

3. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina b'mod partikolari:

(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u fil-kisba tal-istadji importanti u tal-miri;

(b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet, inkluż il-progress lejn is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji finali;

(c) l-elementi tal-valutazzjoni ex ante elenkati fl-Artikolu 58(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u d-dokument ta' strateġija msemmi fl-Artikolu 59(1) ta' dak ir-Regolament;

(d) il-progress li jkun sar fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, is-sinteżi tal-evalwazzjonijiet u kwalunkwe segwitu mogħti lis-sejbiet;

(e) informazzjoni rilevanti relatata mal-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK ipprovduta min-network nazzjonali tal-PAK;

(f) l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà;

(g) il-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra, fejn rilevanti.

4. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar:

(a) il-metodoloġija u l-kriterji użati għall-għażla tal-operazzjonijiet;

(b) ir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni;

(c) il-pjan ta' evalwazzjoni u l-emendi tiegħu;

(d) kwalunkwe proposta mill-awtorità ta' ġestjoni għall-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

5. Fejn l-elementi huma stabbiliti fil-livell reġjonali, l-Istat Membru kkonċernat jista' jistabbilixxi kumitati ta' monitoraġġ reġjonali biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-elementi reġjonali u jipprovdu lill-kumitat ta' monitoraġġ nazzjonali b'informazzjoni f'dan ir-rigward. Dan l-Artikolu għandu japplika mutatis mutandis għal dawk il-kumitati ta' monitoraġġ reġjonali, fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-livell reġjonali.

*Artikolu 125*

*Assistenza teknika fuq l-inizjattiva ta' Stati Membri*

1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, il-FAEŻR jista' jappoġġa azzjonijiet li huma meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-appoġġ b'rabta mal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż l-istabbiliment u l-operat tan-networks nazzjonali tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 126(1). L-azzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu jistgħu jikkonċernaw perijodi ta' programmazzjoni preċedenti u perijodi sussegwenti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

2. L-azzjonijiet tal-awtorità tal-Fond Ewlieni skont Artikolu 31(4), (5) u (6) tar-Regolament (UE) 2021/1060 jistgħu jiġu appoġġati wkoll dment li LEADER jinvolvi appoġġ mill-FAEŻR.

3. L-assistenza teknika fuq l-inizjattiva ta' Stati Membri ma għandhiex tiffinanzja lill-korpi ta' ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2021/...[+].

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

*Artikolu 126*

*Networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK*

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi network nazzjonali għall-politika agrikola komuni ("network nazzjonali tal-PAK") għan-networking tal-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet, tal-konsulenti, tar-riċerkaturi u atturi oħra tal-innovazzjoni, u atturi oħra fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali l-aktar tard 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK mill-Kummissjoni. In-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jibnu fuq l-esperjenza u l-prattiki eżistenti tan-networking fl-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Network Ewropew għall-politika agrikola komuni ("network Ewropew tal-PAK") għan-networking tan-networks, l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell tal-Unjoni.

3. In-networking permezz tan-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK għandu jkollu l-objettivi li ġejjin:

   (a) iżid l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u, fejn rilevanti, fit-tfassil tagħhom;

   (b) jakkumpanja l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u fit-tranżizzjoni għal mudell ta' implimentazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni;

   (c) jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK;

(d) jikkontribwixxi għall-informazzjoni tal-benefiċjarji pubbliċi u potenzjali dwar il-PAK u l-opportunitajiet ta' finanzjament;

(e) irawwem l-innovazzjoni fl-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u jappoġġa t-tagħlim bejn il-pari u l-inklużjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha, u l-interazzjoni bejniethom, fil-proċess tal-iskambju tal-għarfien u tal-bini tal-għarfien;

(f) jikkontribwixxi għall-kapaċità u l-attivitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

(g) jikkontribwixxu għat-tixrid tar-riżultati tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

L-objettiv fl-ewwel subparagrafu, punt (d), għandu jiġi indirizzat b'mod partikolari permezz tan-networks nazzjonali tal-PAK.

4. Il-kompiti tan-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 3 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tal-informazzjoni dwar azzjonijiet u prattiki tajbin implimentati jew appoġġati skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK kif ukoll analiżi dwar żviluppi fl-agrikoltura u l-oqsma rurali rilevanti għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2);

(b) il-kontribut għall-bini tal-kapaċità għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u ta' atturi oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, inkluż fir-rigward tal-proċessi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

(c) il-ħolqien ta' pjattaformi, fora u avvenimenti biex jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' esperjenza bejn il-partijiet ikkonċernati u t-tagħlim bejn il-pari, inkluż fejn rilevanti l-iskambji man-networks f'pajjiżi terzi;

(d) il-ġbir tal-informazzjoni u l-iffaċilitar tat-tixrid tagħha kif ukoll in-networking tal-istrutturi u tal-proġetti ffinanzjati, bħall-gruppi ta' azzjoni lokali msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-gruppi operazzjonali tal-EIP imsemmija fl-Artikolu 127(3) ta' dan ir-Regolament u l-istrutturi u l-proġetti ekwivalenti;

(e) l-appoġġ għal proġetti ta' kooperazzjoni bejn il-gruppi operazzjonali tal-EIP imsemmija fl-Artikolu 127(3) ta' dan ir-Regolament, il-gruppi ta' azzjoni lokali msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jew strutturi simili għall-iżvilupp lokali, inkluż kooperazzjoni tranżnazzjonali;

(f) il-ħolqien ta' rabtiet ma' strateġiji jew networks oħra ffinanzjati mill-Unjoni;

(g) il-kontribut għall-iżvilupp ulterjuri tal-PAK u t-tħejjija ta' kwalunkwe perijodu sussegwenti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(h) fil-każ tan-networks nazzjonali tal-PAK, il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tan-network Ewropew tal-PAK u l-kontribut għalihom;

(i) fil-każ tan-network Ewropew tal-PAK, il-kooperazzjoni mal-attivitajiet tan-networks nazzjonali tal-PAK u l-kontribuzzjoni għalihom.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura organizzattiva u l-operat tan-network Ewropew tal-PAK. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

*Artikolu 127*

*Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli*

1. L-għan tal-Isħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (EIP) għandu jkun li jistimola l-innovazzjoni u jtejjeb l-iskambju tal-għarfien.

L-EIP għandha tappoġġa lill-AKIS, billi tikkollega l-politiki u l-istrumenti biex tħaffef l-innovazzjoni.

2. L-EIP għandha tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).

Hija għandha b'mod partikolari:

(a) toħloq valur miżjud billi torbot aħjar ir-riċerka u l-prattiki tal-biedja u billi tinkoraġġixxi l-użu aktar mifrux tal-miżuri ta' innovazzjoni disponibbli;

(b) tikkollega l-atturi u l-proġetti ta' innovazzjoni;

(c) tippromwovi t-traspożizzjoni aktar mgħaġġla u aktar mifruxa ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-prattika, inkluż l-iskambji bejn il-bdiewa; u

(d) tinforma lill-komunità xjentifika dwar il-ħtiġijiet ta' riċerka tal-prattika tal-biedja.

3. Il-gruppi operazzjonali tal-EIP, appoġġati bit-tip ta' intervent ta' kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 77, għandhom jiffurmaw parti mill-EIP. Kull grupp operazzjonali tal-EIP għandu jfassal pjan għal proġett innovattiv li għandu jiġi żviluppat jew implimentat. Il-proġett innovattiv għandu jkun ibbażat fuq il-mudell ta' innovazzjoni interattiva li, bħala prinċipji ewlenin, għandha:

(a) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi li jiffukaw fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa jew tal-forestiera filwaqt li jiġu indirizzati l-interazzjonijiet fil-katina tal-provvista kollha fejn ikun utli;

(b) it-tlaqqigħ ta' sħab b'għarfien komplementari bħal bdiewa, konsulenti, riċerkaturi, intrapriżi jew organizzazzjonijiet mhux governattivi, magħmul biex ikun l-aħjar mod biex jinkisbu l-objettivi tal-proġett; u

(c) it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ħolqien b'mod konġunt tul il-proġett kollu.

Il-gruppi operazzjonali tal-EIP jistgħu jaġixxu fil-livell tranżnazzjonali, inkluż fil-livell transkonfinali. L-innovazzjoni prevista tista' tkun ibbażata fuq prattiki ġodda, iżda wkoll dawk tradizzjonali f'kuntest ġeografiku jew ambjentali ġdid.

Il-gruppi operazzjonali tal-EIP għandhom iqassmu sommarju tal-pjanijiet tagħhom u tar-riżultati tal-proġetti tagħhom, b'mod partikolari permezz tan-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK.

# TITOLU VII
# MONITORAĠĠ, RAPPURTAR U EVALWAZZJONI

## KAPITOLU I
## QAFAS TA' PRESTAZZJONI

*Artikolu 128*

*Stabbiliment tal-qafas ta' prestazzjoni*

1. Għandu jiġi stabbilit qafas ta' prestazzjoni taħt ir-responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-qafas ta’ prestazzjoni għandu jippermetti rappurtar, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK waqt l-implimentazzjoni tiegħu.

2. Il-qafas ta' prestazzjoni għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

   (a) sett ta' indikaturi komuni tal-output, tar-riżultat, tal-impatt u tal-kuntest imsemmi fl-Artikolu 7 li ser jintuża bħala l-bażi għar-rappurtar tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tal-prestazzjoni annwali;

   (b) il-miri u l-istadji importanti annwali stabbiliti b'rabta mal-objettiv speċifiku rilevanti bl-użu tal-indikaturi rilevanti tar-riżultat;

(c) il-ġbir, il-ħżin u t-trażmissjoni tad-data;

(d) ir-rappurtar regolari dwar l-attivitajiet ta' prestazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni;

(e) l-evalwazzjonijiet ex ante, interim u ex post u l-attivitajiet ta' evalwazzjoni l-oħra kollha marbuta mal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

*Artikolu 129*

*Objettivi tal-qafas ta' prestazzjoni*

L-objettivi tal-qafas ta' prestazzjoni għandhom ikunu:

(a) il-valutazzjoni tal-impatt, tal-effettività, tal-effiċjenza, tar-rilevanza, tal-koerenza u tal-valur miżjud tal-Unjoni tal-PAK;

(b) il-monitoraġġ tal-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-miri tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK;

(c) il-valutazzjoni tal-impatt, tal-effettività, tal-effiċjenza, tar-rilevanza u tal-koerenza tal-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK;

(d) l-appoġġ tal-proċess ta' tagħlim komuni relatat mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

*Artikolu 130*

*Sistema Elettronika ta' Informazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' informazzjoni elettronika sigura, jew jużaw waħda eżistenti, li fiha għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni ewlenija dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li hija meħtieġa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettivi u l-miri stabbiliti, inkluż informazzjoni dwar kull benefiċjarju u operazzjoni.

*Artikolu 131*

*Għoti ta' informazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ bl-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-gruppi ta' azzjoni lokali msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-awtorità ta' ġestjoni, jew korpi oħra delegati biex iwettqu funzjonijiet f'isimha, għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti sorsi ta' data komprensiva, f'waqtha u affidabbli biex ikun jista' jsir segwitu effettiv tal-progress tal-politika lejn l-objettivi bl-użu tal-indikaturi tal-output, tar-riżultat u tal-impatt.

*Artikolu 132*

*Proċeduri ta' monitoraġġ*

L-awtorità ta' ġestjoni u l-kumitat ta' monitoraġġ għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-miri tal-Pjan Strateġiku tal-PAK abbażi tal-indikaturi tal-output u tar-riżultat.

*Artikolu 133*

*Setgħat ta' implimentazzjoni għall-qafas ta' prestazzjoni*

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-kontenut tal-qafas ta' prestazzjoni. Atti bħal dawn għandhom jinkludu indikaturi oħra minbarra dawk tal-Anness I li huma meħtieġa għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni xierqa tal-politika, il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi kif jinsabu fl-Anness I u barra minnu, u d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-garanzija tal-preċiżjoni u tal-affidabbiltà tad-data miġbura mill-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

# KAPITOLU II
# RAPPORTI ANNWALI DWAR IL-PRESTAZZJONI

*Artikolu 134*

*Rapporti annwali dwar il-prestazzjoni*

1. F'konformità mal-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2021/...+, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport annwali dwar il-prestazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-sena finanzjarja preċedenti.

2. L-aħħar rapport annwali dwar il-prestazzjoni, li għandu jiġi pprovdut f'konformità mal-Artikolu 9(3) u l-Artiklu 10 tar-Regolament (UE) 2021/...+, għandu jinkludi sommarju tal-evalwazzjonijiet imwettqa matul il-perijodu ta' implimentazzjoni.

3. Sabiex ikun ammissibbli, ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni għandu jkun fih l-informazzjoni kollha mitluba fil-paragrafi 4, 5, 7, 8, 9 u 10, u fejn rilevanti, il-paragrafu 6. Mingħajr preġudizzju għall-proċeduri ta' approvazzjoni annwali previsti fir-Regolament (UE) 2021/...+, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat fi żmien 15-il jum ta' xogħol mill-preżentazzjoni tar-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni jekk mhux ammissibbli, u jekk tonqos milli tagħmel dan, għandu jitqies bħala ammissibbli.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

4. Rapporti annwali dwar il-prestazzjoni għandhom jagħtu l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva prinċipali dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK b'referenza għad-data finanzjarja u għall-indikaturi tal-output u tar-riżultat, inkluż fil-livell reġjonali fejn rilevanti.

5. L-informazzjoni kwantitattiva msemmija fil-paragrafu 4 għandha tinkludi:

(a) l-outputs realizzati;

(b) in-nefqa ddikjarata fil-kontijiet annwali u rilevanti għall-outputs imsemmija fil-punt (a), qabel l-applikazzjoni ta' kwalunkwe piena jew tnaqqis ieħor, u għall-FAEŻR, titqies ir-riallokazzjoni ta' fondi kkanċellati jew irkuprati skont l-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2021/...[+];

(c) il-proporzjon bejn in-nefqa msemmija fil-punt (b) u l-outputs rilevanti msemmija fil-punt (a) ("ammont unitarju realizzat");

(d) ir-riżultati u d-distanza għall-istadji importanti korrispondenti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 109(1), punt (a).

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, punti (a), (b) u (c), għandha tiġi diżaggregata f'kull ammont unitarju kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mal-Artikolu 111, punt (h), għall-fini tal-approvazzjoni tal-prestazzjoni. Għall-indikaturi tal-output li huma mmarkati fl-Anness I kif użati biss għall-monitoraġġ, għandha tiġi inkluża biss l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, punt (a), ta' dan il-paragrafu.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

6. Għal intervent mhux kopert mis-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/...[+], l-Istati Membri jistgħu, minbarra l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jiddeċiedu li f'kull rapport annwali dwar il-prestazzjoni jipprovdu:

(a) jew l-ammonti unitarji medji għall-operazzjonijiet magħżula fis-sena finanzjarja preċedenti u l-għadd relatat ta' outputs u nefqa; jew

(b) il-proporzjon bejn in-nefqa pubblika totali bl-esklużjoni tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5), impenjat għal operazzjonijiet li għalihom saru pagamenti fis-sena finanzjarja preċedenti u l-outputs realizzati kif ukoll l-għadd relatat ta' outputs u nefqa.

Dik l-informazzjoni għandha tintuża mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-Artikoli 40 u 54 tar-Regolament (UE) 2021/...[+] għal kull waħda mis-snin meta jsiru l-pagamenti għall-operazzjonijiet relatati.

7. L-informazzjoni kwalitattiva msemmija fil-paragrafu 4 għandha tinkludi:

(a) sintesi tal-istat ta' implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fir-rigward tas-sena finanzjarja preċedenti;

(b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, b'mod partikolari fir-rigward tad-devjazzjonijiet mill-istadji importanti, fejn xieraq, bl-għoti tar-raġunijiet u, fejn rilevanti, b'deskrizzjoni tal-miżuri li ttieħdu.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

8. Għall-finijiet tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) 2021/...[+], l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li fl-informazzjoni kwalitattiva msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jinkludu wkoll:

(a) ġustifikazzjoni ta' kwalunkwe eċċess bejn l-ammont unitarju realizzat meta mqabbel mal-ammont unitarju ppjanat korrispondenti jew, fejn applikabbli, l-ammont unitarju massimu ppjanat imsemmi fl-Artikolu 102 ta' dan ir-Regolament; jew

(b) fejn Stat Membru jiddeċiedi li jagħmel użu minn waħda mill-possibbiltajiet previsti fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, ġustifikazzjoni ta' kwalunkwe eċċess tal-ammont unitarju realizzat meta mqabbel jew mal-ammont unitarju medju korrispondenti għall-operazzjonijiet magħżula jew mal-proporzjon bejn in-nefqa pubblika totali, bl-esklużjoni tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 115(5), impenjat għal operazzjonijiet li għalihom ikunu saru pagamenti fis-sena finanzjarja preċedenti u l-outputs relatati realizzati, skont l-għażla tal-Istat Membru.

9. Il-ġustifikazzjoni għandha tkun inkluża għall-fini tal-Artikolu 40(2) tar-Regolament (UE) 2021/...[+] fejn l-eċċess imsemmi fil-paragrafu 8, punt (a), ta' dan l-Artikolu, ikun ogħla minn 50 %.

Alternattivament, meta Stat Membru jiddeċiedi li juża l-possibbiltà prevista fil-paragrafu 6, il-ġustifikazzjoni għandha tkun inkluża biss meta l-eċċess imsemmi fil-paragrafu 8, punt (b), ikun ogħla minn 50 %.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

10. Għall-istrumenti finanzjarji, minbarra d-data li trid tiġi provduta skont il-paragrafu 4 għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar:

(a) in-nefqa eliġibbli għal kull tip ta' prodott finanzjarju;

(b) l-ammont tal-ispejjeż u tat-tariffi ta' ġestjoni ddikjarati bħala nefqa eliġibbli;

(c) l-ammont, għal kull tip ta' prodott finanzjarju, ta' riżorsi privati u pubbliċi mmobilizzati flimkien mal-FAEŻR;

(d) l-imgħax u qligħ ieħor iġġenerati permezz tal-appoġġ mill-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għall-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u r-riżorsi mogħtija lura li huma attribwiti għall-appoġġ mill-FAEŻR skont l-Artikolu 62 ta' dak ir-Regolament;

(e) il-valur totali ta' self, investimenti ta' ekwità jew kważi-ekwità f'riċevituri finali li kienu garantiti b'nefqa pubblika eliġibbli minbarra finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5) ta’ dan ir-Regolament u li fil-fatt ġew żborżati lir-riċevituri finali.

Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għall-istrumenti finanzjarji, l-informazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu għandha tiġi pprovduta fil-livell tar-riċevituri finali.

11. Għall-fini tal-eżami biennali tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 135, ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar il-finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5), punti (a) u (d). Dak il-finanzjament għandu jitqies għall-eżami biennali tal-prestazzjoni.

12. Ir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni, kif ukoll sommarju tal-kontenut tagħhom għaċ-ċittadini, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

13. Mingħajr preġudizzju għall-proċeduri ta' approvazzjoni annwali previsti fir-Regolament (UE) 2021/...+, il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet dwar ir-rapporti ta' prestazzjoni annwali ammissibbli fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tagħhom. Meta l-Kummissjoni ma tagħmilx osservazzjonijiet qabel jagħlaq dak iż-żmien, ir-rapporti għandhom jitqiesu li huma aċċettati. L-Artikolu 121 ta' dan ir-Regolament dwar il-kalkolu tal-limiti ta' żmien għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni għandu japplika mutatis mutandis.

14. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

*Artikolu 135*

*Eżami biennali tal-prestazzjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq eżami biennali tal-prestazzjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta fir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

2. Meta il-valur irrappurtat ta' indikatur tar-riżultat wieħed jew aktar skont l-Artikolu 134, li ntużaw mill-Istat Membru kkonċernat għall-eżami tal-prestazzjoni fil-Pjan Strateġiku tal-PAK skont l-Anness I jiżvela nuqqas ta' aktar minn 35 % mill-istadju importanti rispetti għas-sena finanzjarja 2024 u 25 % għas-sena finanzjarja 2026, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta ġustifikazzjoni għal din id-devjazzjoni. Wara l-valutazzjoni ta' dik il-ġustifikazzjoni, il-Kummissjoni tista', fejn meħtieġ, titlob lill-Istat Membru kkonċernat jippreżenta pjan ta' azzjoni skont l-Artikolu 41(1) tar-Regolament (UE) 2021/...+, b'deskrizzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju intenzjonati u ż-żmien li dawn mistennija jieħdu.

3. Fl-2026, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-informazzjoni pprovduta fir-rapporti dwar il-prestazzjoni għas-sena finanzjarja 2025. Meta l-valur ta' indikatur tar-riżultat wieħed jew aktar irrappurtat skont l-Artikolu 134 li jkun intuża mill-Istat Membru kkonċernat għall-analiżi tal-prestazzjoni fil-Pjan Strateġiku tal-PAK skont l-Anness I jiżvela nuqqas ta' aktar minn 35 % mill-istadju importanti kkonċernat għas-sena finanzjarja 2025, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat għal azzjonijiet ta' rimedju.

*Artikolu 136*

*Laqgħat annwali ta' rieżami*

1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jorganizzaw laqgħa ta' rieżami mal-Kummissjoni. Il-laqgħa ta’ rieżami għandha tkun ippreseduta b'mod konġunt jew mill-Kummissjoni u għandha ssir mhux qabel xahrejn wara l-preżentazzjoni tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni.

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

2. Il-laqgħa ta' rieżami għandu jkollha l-għan li teżamina l-prestazzjoni ta' kull pjan, inkluż il-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-miri stabbiliti u informazzjoni disponibbli dwar impatti rilevanti, kif ukoll kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni u l-azzjonijiet fl-imgħoddi u futuri li jridu jittieħdu biex jindirizzawhom.

## KAPITOLU III
## RAPPURTAR GĦALL-PAGAMENT SPEĊIFIKU GĦALL-GĦELEJJEL GĦALL-QOTON U L-GĦAJNUNA NAZZJONALI TRANŻIZZJONALI

*Artikolu 137*

*Rappurtar annwali*

Sal-15 ta' Frar 2025 u l-15 ta' Frar ta' kull sena sussegwenti sal-2030, l-Istati Membri li jagħtu l-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton stabbilit fit-Titoli III, Kapitolu II, Taqsima 3, Subtaqsima 2, għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja dwar l-implimentazzjoni ta’ dak il-pagament fis-sena finanzjarja preċedenti:

(a) l-għadd ta' benefiċjarji:

(b) l-ammont ta' pagament għal kull ettaru; u

(c) l-għadd ta' ettari mħallsa li għalih ingħata l-pagament.

*Artikolu 138*

*Rapportar annwali dwar l-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali*

Sal-15 ta' Frar 2025 u l-15 ta' Frar ta' kull sena sussegwenti sal-2030, l-Istati Membri li jagħtu l-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali stipulata fl-Artikolu 147 għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja dwar l-implimentazzjoni ta’ dik l-għajnuna fis-sena finanzjarja preċedenti għal kull settur rilevanti:

(a) l-għadd ta' benefiċjarji;

(b) l-ammont totali ta' għajnuna nazzjonali tranżizzjonali mogħtija; u

(c) l-għadd ta’ ettari, ta' annimali jew ta’ unitajiet oħra li għalihom ingħatat dik l-għajnuna.

# KAPITOLU IV

# EVALWAZZJONI TAL-PJAN STRATEĠIKU TAL-PAK

*Artikolu 139*

*Evalwazzjoni ex ante*

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet ex ante biex itejbu l-kwalità tat-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

2. L-evalwazzjoni ex ante għandha titwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità responsabbli għat-tħejjija tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

3. L-evalwazzjoni ex ante għandha tivvaluta:

(a) il-kontribut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK lill-kisba tal-objettivi speċifiċi kif jinsabu fl-Artikolu 6(1) u (2), filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet nazzjonali u reġjonali u l-potenzjal għall-iżvilupp kif ukoll it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-PAK f'perijodi ta' programmazzjoni preċedenti;

(b) il-koerenza interna tal-Pjan Strateġiku tal-PAK propost u r-relazzjoni tiegħu ma' strumenti rilevanti oħra;

(c) il-konsistenza tal-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji ma' dawk l-objettivi speċifiċi kif jinsabu fl-Artikolu 6(1) u (2) li huma indirizzati mill-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(d) kif l-outputs mistennija ser jikkontribwixxu għar-riżultati;

(e) jekk il-valuri fil-mira kwantifikati għar-riżultati u l-istadji importanti humiex xierqa u realistiċi, filwaqt li jitqies l-appoġġ previst mill-FAEG u mill-FAEŻR;

(f) miżuri ppjanati biex inaqqsu l-piż amministrattiv fuq il-bdiewa u benefiċjarji oħra;

(g) fejn rilevanti, ir-raġunament għall-użu tal-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-FAEŻR.

4. L-evalwazzjoni ex ante tista' tinkorpora fiha r-rekwiżiti għall-istima ambjentali strateġika stabbiliti fid-Direttiva 2001/42/KE filwaqt li tqis il-ħtiġijiet għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

*Artikolu 140*

*Evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK matul il-perijodu ta' implimentazzjoni u ex post*

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom matul l-implimentazzjoni u ex post biex itejbu l-kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-Unjoni u l-impatt tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom fir-rigward tal-kontribut tagħhom għall-kisba tal-objettivi ġenerali tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 5 u dawk l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2) li huma indirizzati mill-Pjan Strateġiku tal-PAK ikkonċernat. L-impatt globali tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jiġi vvalutat biss permezz tal-evalwazzjoni ex post.

2. L-Istati Membri għandhom jafdaw l-evalwazzjonijiet lil esperti funzjonalment indipendenti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li hemm fis-seħħ proċeduri biex tiġi prodotta u miġbura d-data meħtieġa għall-evalwazzjonijiet.

4. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjan ta' evalwazzjoni li jagħti indikazzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' evalwazzjoni maħsuba matul il-perijodu ta' implimentazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjan ta' evalwazzjoni lill-kumitat ta' monitoraġġ mhux aktar tard minn sena wara l-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

6. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tkun responsabbli għat-tlestija ta' evalwazzjoni komprensiva ex post tal-Pjan Strateġiku tal-PAK sal-31 ta' Diċembru 2031.

7. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu l-evalwazzjonijiet kollha għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

# KAPITOLU V

# VALUTAZZJONI TAL-PRESTAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

*Artikolu 141*

*Valutazzjoni tal-prestazzjoni u evalwazzjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjan ta' evalwazzjoni pluriennali tal-PAK li għandu jitwettaq taħt ir-responsabbiltà tagħha. Dak il-pjan ta' evalwazzjoni għandu jkopri wkoll il-miżuri skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport sommarju tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2023. Ir-rapport għandu jinkludi analiżi tal-isforz konġunt u l-ambizzjoni kollettiva tal-Istati Membri biex jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2), b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 6(1), punti (d), (e), (f) u (i).

3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tivvaluta l-operat tal-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid mill-Istati Membri u l-konsistenza u l-kontribuzzjoni flimkien tal-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri għall-kisba tal-impenji ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni. Meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri sabiex tiffaċilita t-twettiq ta' dawk l-impenji.

4. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u l-FAEŻR sal-31 ta' Diċembru 2026, filwaqt li tqis l-indikaturi li jinsabu fl-Anness I. Il-Kummissjoni tista' tagħmel użu mill-informazzjoni rilevanti kollha li tkun diġà disponibbli skont l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju.

5. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ex-post biex teżamina l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR.

6. Abbażi tal-evidenza pprovduta fl-evalwazzjonijiet tal-PAK, inkluż l-evalwazzjonijiet dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, kif ukoll sorsi rilevanti ta' informazzjoni oħra, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni interim, inkluż l-ewwel riżultati dwar il-prestazzjoni tal-PAK, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2027. It-tieni rapport li jinkludi valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-PAK għandu jiġi ppreżentat sal-31 ta' Diċembru 2031.

*Artikolu 142*

*Rappurtar ibbażat fuq sett ewlieni ta' indikaturi*

F'konformità mar-rekwiżit ta' rappurtar skont l-Artikolu 41(3), punt (h)(iii), tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu mkejla permezz tas-sett ewlieni ta' indikaturi li jinsab fl-Anness XIV għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 143*

*Dispożizzjonijiet Ġenerali*

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni disponibbli meħtieġa biex tippermettilha twettaq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 141.

2. Id-data meħtieġa għall-indikaturi tal-kuntest u tal-impatt għandha tiġi primarjament minn sorsi ta' data stabbiliti, bħan-Network tad-Data tal-Kontabbiltà Agrikola u l-Eurostat. Meta d-data għal dawk l-indikaturi ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta, il-lakuni għandhom jiġu indirizzati fil-kuntest tal-Programm Ewropew tal-Istatistika stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], in-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabbiltà Agrikola stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009[2], jew permezz ta' ftehimiet formali ma' fornituri oħra ta' data bħaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

3. Id-data mir-reġistri amministrattivi, bħas-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/...[+], is-sistema ta' identifikazzjoni għall-biċċiet raba' msemmija fl-Artikolu 68 ta' dak ir-Regolament, u r-reġistri tal-vinji u tal-annimali, għandhom jintużaw ukoll għal finijiet ta' statistika, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-istatistika fl-Istati Membri u mal-Eurostat.

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv mhux meħtieġ, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' data u s-sinerġiji bejn is-sorsi ta' data potenzjali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

# TITOLU VIII
# DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-KOMPETIZZJONI

*Artikolu 144*

*Regoli li japplikaw għall-intrapriżi*

Meta jingħata appoġġ skont it-Titolu III ta' dan ir-Regolament għal forom ta' kooperazzjoni bejn l-intrapriżi, dan għandu jingħata biss lil dawk il-forom ta' kooperazzjoni li jikkonformaw mar-regoli ta' kompetizzjoni kif japplikaw bis-saħħa tal-Artikoli 206 sa 210 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

*Artikolu 145*

*Għajnuna mill-Istat*

1. Għajr għal meta jkun previst mod ieħor f'dan it-Titolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 TFUE għandhom japplikaw għall-appoġġ skont dan ir-Regolament.

2. L-Artikoli 107, 108 u 109 TFUE m'għandhomx japplikaw għall-appoġġ mogħti mill-Istati Membri bis-saħħa u b'osservanza ta' dan ir-Regolament, jew għal finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 146 ta' dan ir-Regolament, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE.

*Artikolu 146*

*Finanzjament nazzjonali addizzjonali*

L-appoġġ mogħti mill-Istati Membri fir-rigward tal-operazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE li huwa maħsub biex jipprovdi finanzjament addizzjonali għall-interventi fl-żvilupp rurali stipulati fit-Titolu III, Kapitolu IV, ta' dan ir-Regolament li għalihom jingħata l-appoġġ tal-Unjoni fi kwalunkwe ħin matul il-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, jista' jsir biss jekk jikkonforma ma' dan ir-Regolament u jkun inkluż fl-Anness V tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK approvati mill-Kummissjoni.

L-Istati Membri ma għandhomx jipprovdu appoġġ għal interventi fis-setturi msemmija fit-Titolu III, Kapitolu III, ta' dan ir-Regolament ħlief fejn dan ikun previst b'mod espliċitu f'dak il-Kapitolu.

*Artikolu 147*

*Għajnuna nazzjonali tranżizzjonali*

1. L-Istati Membri li jkunu taw għajnuna nazzjonali tranżizzjonali fil-perijodu 2015-2022 skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jistgħu jkomplu jagħtu għajnuna nazzjonali tranżizzjonali lill-bdiewa.

2. Il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna nazzjonali tranżizzjonali għandhom ikunu identiċi għal dawk imsemmija fl-Artikolu 37(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fejn il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna nazzjonali tranżizzjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu relatati ma' perijodu ta' referenza, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimmodifikaw il-perijodu ta' referenza sa mhux aktar tard mis-sena 2018.

3. L-ammont totali tal-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali li jista' jingħata għal kull settur għandu jkun limitat għall-perċentwal li ġej tal-livell ta' pagamenti f'kull wieħed mill-pakketti finanzjarji speċifiċi għas-settur awtorizzat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 132(7) jew l-Artikolu 133a(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009[1] fl-2013:

– 50 % fl-2023,

– 45 % fl-2024,

– 40 % fl-2025,

– 35 % fl-2026,

– 30 % fl-2027.

Għal Ċipru, il-perċentwal għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-pakketti finanzjarji speċifiċi għas-settur kif jinsabu fl-Anness XVIIa għar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

---

1 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

# TITOLU IX
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

## KAPITOLU I
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 148*

*Miżuri għal riżoluzzjoni ta' problemi speċifiċi*

1. Sabiex jiġu riżolti problemi speċifiċi, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu kemm meħtieġa kif ukoll ġustifikabbli f'emerġenza. Tali atti ta' implimentazzjoni jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament iżda sal-punt u għal żmien strettament meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

2. Għal raġunijiet ta' urġenza imperattivi u debitament ġustifikati, u sabiex jiġu riżolti tali problemi speċifiċi kif imsemmi fil-paragrafu 1 filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fil-każ ta' ċirkostanzi straordinarji, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 153(3).

3. Il-miżuri adottati skont il-paragrafi 1 jew 2 għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perijodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar. Jekk wara dan il-perijodu l-problemi speċifiċi msemmija f'dawk il-paragrafi jippersistu, il-Kummissjoni, sabiex tistabbilixxi soluzzjoni permanenti, tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva xierqa.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe miżura adottata skont il-paragrafu 1 jew 2 fi żmien jumejn ta' xogħol mill-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 149*

*Applikazzjoni għar-reġjuni ultraperiferiċi u għall-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew*

1. It-Titolu III, Kapitolu II, ma japplikax għar-reġjuni ultraperiferiċi.

2. Għall-pagamenti diretti mogħtija fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013, japplikaw l-Artikolu 3, punti (1) u (2), l-Artikolu 4(2), (3) u (5), l-Artikolu 4(4), it-tieni subparagrafu, Titolu III, Kapitolu I, Taqsimiet 2 u 3, u t-Titolu IX ta' dan ir-Regolament. L-Artikolu 4(2), (3) u (5) u t-Titolu III, Kapitolu I, Taqsima 2, japplikaw mingħajr ebda obbligu relatat mal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

# KAPITOLU II
# SISTEMA TA' INFORMAZZJONI
# U PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

*Artikolu 150*

*Skambju ta' informazzjoni u dokumenti*

1. Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha tistabbilixxi sistema ta' informazzjoni li tippermetti l-iskambju sigur ta' data ta' interess komuni bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm sistema elettronika sigura xierqa li tirreġistra, iżżomm u tamministra informazzjoni ewlenija u tirrapporta dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-operazzjoni tas-sistema msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 153(2).

*Artikolu 151*

*L-ipproċessar u protezzjoni tad-data personali*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 98, 99 u 100 tar-Regolament (UE) 2021/...[+], l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiġbru d-data personali bil-għan li jwettqu l-obbligi rispettivi tagħhom ta' ġestjoni, kontroll, monitoraġġ u evalwazzjoni skont dan ir-Regolament, u b'mod partikolari, dawk stabbiliti fit-Titoli VI u VII, u ma għandhomx jipproċessaw dik id-data b'mod li hija inkompatibbli ma' dan l-iskop.

2. Meta d-data personali tiġi pproċessata għall-finijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni skont it-Titolu VII bl-użu tas-sistema elettronika sigura msemmija fl-Artikolu 150, din għandha tkun anonima.

3. Data personali, inkluż meta din hija pproċessata minn fornituri ta' servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli imsemmija fl-Artikolu 15, għandha tiġi pproċessata skont ir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725. B'mod partikolari, tali data ma għandiex tinħażen f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal żmien itwal milli meħtieġ għall-finijiet li għalihom tkun inġabret jew li għalihom tiġi pproċessata aktar, b'kont meħud tal-perijodi ta' żamma minimi stabbiliti fil-liġi applikabbli nazzjonali u fil-liġi tal-Unjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lis-suġġetti tad-data li d-data personali tagħhom tista' tiġi pproċessata minn korpi nazzjonali u tal-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 1 u li f'dan ir-rigward huma jgawdu mid-drittijiet ta' protezzjoni tad-data previsti fir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.

---

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

# KAPITOLU III

# ATTI DELEGATI U ATTI TA’ IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 152*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(8), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 13(3), l-Artikolu 17(6), l-Artikolu 35, l-Artikolu 37(5), l-Artikolu 38(5), l-Artikolu 39(3), l-Artikoli 45, 56 u 84, l-Artikolu 87(2), l-Artikolu 89(4), l-Artikolu 100(3) u l-Artikoli 116, 122 u 158 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' seba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 4(8), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 13(3), l-Artikolu 17(6), l-Artikolu 35, l-Artikolu 37(5), l-Artikolu 38(5), l-Artikolu 39(3), l-Artikoli 45, 56 u 84, l-Artikolu 87(2), l-Artikolu 89(4), l-Artikolu 100(3) u l-Artikoli 116, 122 u 158 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(8), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 13(3), l-Artikolu 17(6), l-Artikolu 35, l-Artikolu 37(5), l-Artikolu 38(5), l-Artikolu 39(3), l-Artikoli 45, 56 u 84, l-Artikolu 87(2), l-Artikolu 89(4), l-Artikolu 100(3) u l-Artikoli 116, 122 u 158 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 153*

*Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat imsejjaħ "Kumitat tal-Politika Agrikola Komuni". Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

   Fil-każ ta' atti msemmija fl-Artikolu 133 u l-Artikolu 143(4) ta' dan ir-Regolament, meta l-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

# KAPITOLU IV
# DISPOŻIZZJONIJIET
# TRANŻIZZJONALI U FINALI

*Artikolu 154*

*Tħassir*

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, soġġett għar-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], dan għandu jkompli japplika għall-implimentazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 sal-31 ta' Diċembru 2025. Dan għandu, taħt l-istess kondizzjonijiet, japplika għan-nefqa mġarrba mill-benefiċjarju u jitħallas mill-aġenzija tal-pagamenti fi ħdan il-qafas ta' dawk il-programmi għall-iżvilupp rurali sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u l-Anness III għalih għandhom ikomplu japplikaw fir-rigward tad-deżinjazzjoni taż-żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra. Ir-referenzi għall-programmi ta' żvilupp rurali għandhom jinqraw bħala referenzi għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1).

Sakemm jiġu stabbiliti in-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 126 ta' dan ir-Regolament, in-network Ewropew għall-iżvilupp rurali, in-network tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni u n-networks rurali nazzjonali msemmija fl-Artikoli 52, 53 u 54 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jistgħu jwettqu, flimkien mal-attivitajiet imsemmija f'dawk l-Artikoli, l-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 126 u 127 ta' dan ir-Regolament.

Meta n-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 126 ta' dan ir-Regolament jiġu stabbiliti, dawn jistgħu jwettqu sal-31 ta' Diċembru 2025, flimkien mal-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 126 u 127 ta' dan ir-Regolament, il-kompiti msemmija fl-Artikolu 52(3), l-Artikolu 53(3) u l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 relatati mal-implimentazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali skont dak ir-Regolament.

2. Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, dan għandu jkompli japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna marbuta mas-snin ta' talba li jibdew qabel l-1 ta' Jannar 2023.

3. Ir-referenzi magħmulin f'dan ir-Regolament għar-Regolamenti (KE) Nru 73/2009 u (UE) Nru 1307/2013 għandhom jinftiehmu bħala li qed isiru għal dawk ir-Regolamenti hekk kif kienu fis-seħħ qabel ir-revoka tagħhom.

*Artikolu 155*

*Eliġibbiltà ta' ċerti tipi ta' nefqa marbuta mal-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK*

1. In-nefqa relatata mal-impenji legali lill-benefiċjarji mġarrba skont il-miżuri msemmija fl-Artikoli 31 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jew fl-Artikolu 39 jew l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 li qed jirċievu appoġġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jistgħu jibqgħu eliġibbli għal kontribuzzjoni tal-FAEŻR fil-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) tali nefqa tkun prevista fil-Pjan Strateġiku tal-PAK rilevanti f'konformità ma' dan ir-Regolament u tikkonforma mar-Regolament (UE) 2021/...+;

(b) tapplika r-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR għall-intervent stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità ma' dan ir-Regolament biex tkopri dawk il-miżuri;

(c) is-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/...+ tapplika għall-impenji legali meħuda skont miżuri li jikkorrispondu għat-tipi ta' intervent bbażati fuq iż-żona u l-annimal elenkati fit-Titolu III, Kapitoli II u IV, ta' dan ir-Regolament u l-operazzjonijiet rilevanti jiġu identifikati b'mod ċar; u

(d) il-pagamenti għall-impenji legali msemmija fil-punt (c) isiru matul il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) 2021/....+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

2. In-nefqa relatata mal-impenji legali lill-benefiċjarji mġarrba skont il-miżuri msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 tista' tibqa' eliġibbli għal kontribuzzjoni tal-FAEŻR fil-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) tali nefqa hija notifikata lill-Kummissjoni bħala informazzjoni addizzjonali fil-parti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK dedikata lill-istrateġija tal-intervent, imsemmija fl-Artikolu 109, u billi tiġi indikata n-nefqa fil-pjan finanzjarju tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 112(2);

(b) hija konformi mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, li jkompli japplika għal tali nefqa f'konformità mal-Artikolu 104(1), it-tieni subparagrafu, punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/...+; u

(c) tapplika r-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK skont l-Artikolu 91(2), punt (d), ta' dan ir-Regolament.

3. In-nefqa relatata mal-impenji legali lill-benefiċjarji mġarrba skont il-miżuri pluriennali msemmija fl-Artikoli 22, 28, 29, 33 u 34 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tista' tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni tal-FAEŻR fil-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) tali nefqa tkun prevista fil-Pjan Strateġiku tal-PAK rilevanti f'konformità ma' dan ir-Regolament u tikkonforma mar-Regolament (UE) 2021/...+;

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

(b) tapplika r-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR għall-intervent stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità ma' dan ir-Regolament biex tkopri dawk il-miżuri msemmija;

(c) is-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/...+ tapplika għall-impenji legali meħuda skont miżuri li jikkorrispondu għat-tipi ta' intervent bbażati fuq iż-żona u l-annimal elenkati fit-Titolu III, Kapitoli II u IV, ta' dan ir-Regolament u l-operazzjonijiet rilevanti jiġu identifikati b'mod ċar; u

(d) il-pagamenti għall-impenji legali msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu jsiru matul il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) 2021/...+.

4. In-nefqa relatata ma' impenji legali lill-benefiċjarji mġarrba skont il-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 sa 18, l-Artikolu 19(1), punti (a) u (b), u l-Artikoli 20, 23 sa 27, 35, 38, 39 u 39a tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2020/2220 wara l-31 ta' Diċembru 2025 tista' tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR fil-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) tali nefqa tkun prevista fil-Pjan Strateġiku tal-PAK rilevanti f'konformità ma' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 73(3), l-ewwel subparagrafu, punt (f), tiegħu, u tikkonforma mar-Regolament (UE) 2021/...+;

(b) tapplika r-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR għall-intervent stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità ma' dan ir-Regolament biex tkopri dawk il-miżuri msemmija.

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

5. In-nefqa relatata mal-impenji legali lill-benefiċjarji mgħarrba skont il-miżuri pluriennali msemmija fl-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tista' tkun eliġibbli għal appoġġ mill-FAEG fil-perijodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) tali nefqa hija prevista fil-Pjan Strateġiku tal-PAK rilevanti f'konformità mal-Artikolu 31(7), l-ewwel subparagrafu, punt (b), ta' dan ir-Regolament u tikkonforma mar-Regolament (UE) 2021/...[+];

(b) is-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/...[+] tapplika għall-impenji legali meħuda skont miżuri li jikkorrispondu għall-ekoskemi msemmija fl-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament u l-operazzjonijiet rilevanti jiġu identifikati b'mod ċar;

(c) il-pagamenti għall-impenji legali msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu jsiru matul il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) 2021/....[+]

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)).

*Artikolu 156*

*Tranżizzjoni għall-allokazzjonijiet finanzjarji għal tipi ta' intervent f'ċerti setturi*

Mid-data li minnha Pjan Strateġiku tal-PAK għandu effetti legali f'konformità mal-Artikolu 118(7) ta' dan ir-Regolament, it-total tal-pagamenti li jsiru f'sena finanzjarja f'kull waħda mill-iskemi ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 29 sa 31 u l-Artikoli 39 sa 60 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u f'kull wieħed mit-tipi ta' intervent għal ċerti setturi msemmija fl-Artikolu 42, punti (b) sa (e), ta' dan ir-Regolament ma għandux jaqbeż l-allokazzjonijiet finanzjarji stabbiliti fl-Artikolu 88 ta' dan ir-Regolament għal kull sena finanzjarja għal kull wieħed minn dawk it-tipi ta' intervent.

*Artikolu 157*

*Eliġibbiltà tan-nefqa għal żvilupp lokali ffinanzjat minn diversi fondi u mmexxi mill-komunità*

B'deroga mill-Artikoli 86(1) u 118(7) ta' dan ir-Regolament, in-nefqa mġarrba skont l-Artikolu 31(2), punt (c), u l-Artikolu 31(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060 flimkien mal-Artikolu 77(1), punt (b), u l-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR mid-data tal-preżentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK dment li l-appoġġ jitħallas mill-aġenzija tal-pagamenti mill-1 ta' Jannar 2023. Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandu japplika fir-rigward ta' tali nefqa mid-data tal-preżentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK sal-31 ta' Diċembru 2022.

*Artikolu 158*

*Miżuri tranżizzjonali*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 152 li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'miżuri li jipproteġu kwalunkwe dritt miksub u kwalunkwe aspettattiva leġittima tal-benefiċjarji sal-limitu meħtieġ għat-tranżizzjoni mill-arranġamenti previsti fir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli tranżizzjonali għandhom b'mod partikolari jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li skont huma l-appoġġ approvat mill-Kummissjoni skont ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1308/2013 jista' jiġi integrat fl-appoġġ previst skont dan ir-Regolament, inkluż għal assistenza teknika u għall-evalwazzjonijiet ex post.

*Artikolu 159*

*Rieżami tal-Anness XIII*

Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista fl-Anness XIII abbażi tal-acquis tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u l-klima eżistenti f'dak iż-żmien u, fejn xieraq, tagħmel proposti leġiżlattivi biex iżżid atti leġiżlattivi addizzjonali ma' dik il-lista.

*Artikolu 160*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

<u>**ANNESS I**</u>

INDIKATURI TAL-IMPATT, TAR-RIŻULTAT,

TAL-OUTPUT U TAL-KUNTEST SKONT L-ARTIKOLU 7

| Valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-politika (pluriennali) - IMPATT<br>Objettivi u l-indikaturi tal-impatt korrispondenti[1] | | Analiżi tal-prestazzjoni - RIŻULTAT[2]<br>Abbażi biss tal-interventi appoġġati mill-PAK |
|---|---|---|
| Objettiv trażversali tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
| L-immodernizzar taż-żoni agrikoli u rurali billi jitrawmu u jiġu kondiviżi l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali u billi jitħeġġeġ l-użu tagħhom mill-bdiewa, permezz ta' aċċess imtejjeb għar-riċerka, l-innovazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u t-taħriġ | I.1 Kondiviżjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni: Sehem mill-baġit tal-PAK għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni | R.1 PR Titjib tal-prestazzjoni permezz tal-għarfien u l-innovazzjoni: Għadd ta' persuni li jibbenefikaw minn konsulenza, taħriġ, skambju ta' għarfien jew li jipparteċipaw fi gruppi operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) appoġġati mill-PAK sabiex isaħħu l-prestazzjoni sostenibbli ekonomika, soċjali, ambjentali, marbuta mal-klima u tal-effiċjenza tar-riżorsi |

[1] Il-parti l-kbira tal-indikaturi tal-impatt diġà huma miġbura b'mezzi oħra (l-istatistika Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, eċċ.) u jintużaw fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew tal-Għanijiet Sostenibbli għall-Iżvilupp. Il-frekwenza tal-ġbir tad-data mhijiex dejjem annwali u jista' jkun hemm dewmien ta' sentejn jew tlieta.

[2] Indikaturi tar-riżultat. Data notifikata kull sena mill-Istati Membri għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri li stabbilew fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. L-indikaturi tar-riżultat li huma obbligatorji għall-analiżi tal-prestazzjoni meta jintużaw mill-Istati Membri skont l-Artikolu 109(1), punt (a), huma mmarkati b'PR. Għall-analiżi tal-prestazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jużaw kwalunkwe indikatur tar-riżultat rilevanti ieħor stipulat f'dan l-Anness flimkien ma' dawk immarkati b'PR.

| Objettiv trażversali tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| | | R.2 Rabta bejn il-konsulenza u s-sistemi tal-għarfien: Għadd ta' konsulenti li jirċievu appoġġ li għandu jiġi integrat fi ħdan is-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AAKIS)<br><br>R.3 Diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura: Sehem ta' azjendi agrikoli li jibbenefikaw minn appoġġ għal teknoloġija agrikola diġitali permezz tal-PAK |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| Jingħata appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tas-settur agrikolu fl-Unjoni kollha sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-ikel u d-diversità agrikola fit-tul kif ukoll sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni | I.2 Tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu: Evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu meta mqabbel mal-ekonomija ġenerali<br><br>I.3 Tnaqqis tal-varjabbiltà tal-introjtu tal-azjendi agrikoli: Evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu<br><br>I.4 Appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli: Evoluzzjoni tal-livell tal-introjtu agrikolu skont it-tip ta' biedja (meta mqabbel mal-medja fl-agrikoltura)<br><br>I.5 Kontribut għall-bilanċ territorjali: Evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu f'żoni b'restrizzjonijiet naturali (imqabbel mal-medja) | R.4 Rabta tal-appoġġ għall-introjtu mal-istandards u l-prattika tajba: Sehem tal-erja agrikola użata (EAU) koperta mill-appoġġ għall-introjtu u soġġetta għall-kondizzjonalità<br><br>R.5 Ġestjoni tar-riskju: Sehem tal-azjendi agrikoli b'għodod għall-ġestjoni tar-riskji appoġġati mill-PAK<br><br>R.6$^{PR}$ Ridistribuzzjoni lil azjendi agrikoli iżgħar: Perċentwal ta' pagamenti diretti addizzjonali għal kull ettaru għall-azjendi agrikoli eliġibbli iżgħar mid-daqs medju tal-azjendi agrikoli (meta mqabbla mal-medja)<br><br>R.7 $^{PR}$ Tisħiħ tal-appoġġ għall-azjendi agrikoli f'żoni bi ħtiġijiet speċifiċi: Perċentwal tal-appoġġ addizzjonali għal kull ettaru f'żoni bi ħtiġijiet akbar (imqabbel mal-medja) |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-orjentazzjoni lejn is-suq u żieda fil-kompetittività tal-azjendi agrikoli kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul, inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni | I.6 Żieda fil-produttività tal-azjendi agrikoli: Produttività totali tal-fatturi fl-agrikoltura<br><br>I.7 Sfruttament tal-potenzjal tal-kummerċ agroalimentari: Importazzjoni u esportazzjoni agroalimentari | R.8 Mira lejn azjendi agrikoli f'setturi speċifiċi:<br>Sehem ta' azjendi agrikoli li jibbenefikaw minn appoġġ akkoppjat għall-introjtu biex jittejbu l-kompetittività, is-sostenibbiltà jew il-kwalità<br><br>R.9[PR] Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli: Sehem tal-azjendi agrikoli li jirċievu appoġġ għall-investiment biex jirristrutturaw u jimmodernizzaw, inkluż biex itejbu l-effiċjenza fir-riżorsi |
| It-titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur | I.8 Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari: Valur miżjud għall-produtturi primarji fil-katina alimentari | R.10 [PR] Organizzazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista: Sehem tal-azjendi agrikoli li jipparteċipaw fi Gruppi tal-produtturi, organizzazzjonijiet tal-produtturi, swieq lokali, ċirkwiti tal-katina tal-provvista qasira u skemi tal-kwalità appoġġati mill-PAK<br><br>R.11 Konċentrazzjoni tal-provvista: Sehem tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata minn Organizzazzjonijiet tal-produtturi jew gruppi ta' produtturi bi programmi operazzjonali f'ċerti setturi |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| Jingħata kontribut għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jissaħħaħ is-sekwestru tal-karbonju, kif ukoll għall-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli | I.9 Titjib tar-reżiljenza tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima: Indikatur tal-progress tar-reżiljenza tas-settur agrikolu<br>I.10 Kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: Emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura<br>I.11 Titjib tas-sekwestru tal-karbonju: Karbonju organiku fil-ħamrija f'art agrikola<br>I.12 Żieda tal-enerġija sostenibbli fl-agrikoltura: Produzzjoni sostenibbli ta' enerġija rinnovabbli mill-agrikoltura u l-forestrija | R.12 Adattament għat-tibdil fil-klima: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji appoġġati għat-titjib tal-adattament għat-tibdil fil-klima<br>R.13[PR] Tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tal-bhejjem: Sehem ta' unitajiet ta' bhejjem (LU) taħt l-impenji appoġġati biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u/jew l-ammonijaka, inkluż il-ġestjoni tad-demel<br>R.14[PR] Ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt l-impenji appoġġati biex jitnaqqsu l-emissjonijiet jew biex jinżammu jew jittejbu l-ħżin tal-karbonju (inkluż bwar permanenti, għelejjel permanenti b'kopertura veġetali permanenti, art agrikola f'art mistagħdra u torbiera) |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|---|
| | | | R.15 Enerġija rinnovabbli mill-agrikoltura, il-forestrija u minn sorsi rinnovabbli oħra: Investimenti appoġġati fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż dik b'bażi bijoloġika (f'MW)<br>R.16 Investimenti marbuta mal-klima: Is-sehem tal-azjendi agrikoli li jibbenefikaw mill-appoġġ ta' investiment tal-PAK li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jew ta' bijomaterjali<br>R.17$^{PR}$ Art forestali: Erja appoġġata għall-afforestazzjoni, l-agroforestrija u r-restawr, inkluż diżaggregazzjonijiet<br>R.18 Appoġġ għall-investiment għas-settur tal-foresti: Investiment totali biex tittejjeb il-prestazzjoni tas-settur tal-forestrija |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| It-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, inkluż billi titnaqqas id-dipendenza fuq is-sustanzi kimiċi | I.13 Tnaqqis tal-erożjoni tal-ħamrija: Perċentwal ta' art agrikola b'erożjoni moderata u gravi tal-ħamrija<br>I.14 Titjib tal-kwalità tal-arja: Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura<br>I.15 Titjib tal-kwalità tal-ilma: Bilanċ gross tan-nutrijenti fuq l-art agrikola<br>I.16 Tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti mal-ilma: Nitrati fl-ilma ta' taħt l-art - Il-perċentwal tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art b'konċentrazzjoni ta' nitrati ogħla minn 50 mg/l skont id-Direttiva 91/676/KEE<br>I.17 Tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma: Indiċi Aġġornat tal-Konsum tal-Ilma (WEI+)<br>I.18 Użu sostenibbli u mnaqqas tal-pestiċidi: Riskji, użu u impatti tal-pestiċidi | R.19$^{PR}$ Titjib u protezzjoni tal-ħamrija: Sehem ta' erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji appoġġati li huma ta' benefiċċju għall-ġestjoni tal-ħamrija biex tittejjeb il-kwalità tal-ħamrija u l-bijota (bħat-tnaqqis tal-ħdim tar-raba', il-kopertura tal-ħamrija b'għelejjel, in-newba tal-għelejjel inkluż b'għelejjel tal-legumi)<br>R.20$^{PR}$ Titjib tal-kwalità tal-arja: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) b'impenji appoġġati biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka<br>R.21$^{PR}$ Protezzjoni tal-kwalità tal-ilma: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji appoġġati għall-kwalità tal-korpi tal-ilma<br>R.22$^{PR}$ Ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji appoġġati relatati mal-ġestjoni mtejba tal-ħamrija |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| | | R.23PR Użu sostenibbli tal-ilma: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji appoġġati għat-titjib tal-bilanċ tal-ilma<br>R.24PR Użu sostenibbli u mnaqqas tal-pestiċidi: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji speċifiċi appoġġati li jwasslu għal użu sostenibbli tal-pestiċidi sabiex jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-pestiċidi bħat-telf tal-pestiċidi mal-ilma. |
| | | R.25 Prestazzjoni ambjentali fis-settur tal-bhejjem: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem (LU) b'impenji appoġġati biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali<br>R.26 Investimenti relatati mar-riżorsi naturali: Sehem ta' azjendi agrikoli li jibbenefikaw mill-appoġġ ta' investiment produttiv u mhux produttiv tal-PAK relatat mal-ħarsien tar-riżorsi naturali |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| | | R.27 Prestazzjoni marbuta mal-ambjent jew mal-klima permezz ta' investiment f'żoni rurali: Għadd ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali u l-kisba tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-għanijiet ta' adattament f'żoni rurali<br><br>R.28 Prestazzjoni marbuta mal-ambjent jew mal-klima permezz tal-għarfien u l-innovazzjoni: Għadd ta' persuni li jibbenefikaw minn pariri, taħriġ, skambju ta' għarfien, jew li jipparteċipaw fi gruppi operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) appoġġati mill-PAK relatati mal-prestazzjoni marbuta mal-ambjent jew mal-klima |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| Jingħata kontribut għall-waqfien u t-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità, it-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u l-preservazzjoni tal-ħabitats u l-pajsaġġi | I.19 Żieda fil-popolazzjonijiet tal-għasafar f'żoni agrikoli: Indiċi tal-Għasafar f'Żoni agrikoli<br>I.20 Titjib tal-protezzjoni tal-bijodiversità: Perċentwal ta' speċijiet u ħabitats ta' interess Komunitarju relatati mal-agrikoltura b'xejriet stabbli jew li qed jiżdiedu, b'diżaggregazzjoni tal-perċentwal għall-ispeċijiet ta' pollinaturi selvaġġi[1]<br>I.21 Titjib fil-provvediment tas-servizzi tal-ekosistema: Sehem tal-art agrikola koperta b'karatteristiċi tal-pajsaġġ<br>I.22 Żieda tal-agrobijodiversità fis-sistema tal-biedja: Diversità tal-għelejjel | R.29[PR] Żvilupp tal-agrikoltura organika: Sehem ta' erja agrikola utilizzata (EAU) appoġġata mill-PAK għall-biedja organika, bi qsim bejn il-manutenzjoni u l-konverżjoni<br>R.30[PR] Appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti: Sehem tal-art forestali b'impenji għall-appoġġ għall-ħarsien tal-foresti u l-ġestjoni tas-servizzi tal-ekosistema<br>R.31[PR] Preservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt l-impenji appoġġati li jappoġġaw il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità inkluż prattiki tal-biedja b'valur naturali għoli |

[1] Il-valutazzjoni tax-xejriet għall-pollinaturi għandha titwettaq bl-użu ta' miżuri rilevanti tal-Unjoni għall-indikaturi tal-pollinaturi, b'mod partikolari permezz ta' indikatur tal-pollinaturi u miżuri oħra adottati permezz tal-qafas ta' governanza tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-20 ta' Mejju 2020) abbażi tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2018).

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| | | R.32 Investimenti relatati mal-bijodiversità: Sehem tal-azjendi agrikoli li jibbenefikaw mill-appoġġ ta' investiment tal-PAK li jikkontribwixxi għall-bijodiversità<br>R.33 Titjib tal-ġestjoni ta' Natura 2000: Sehem mit-total taż-żona Natura 2000 taħt impenji appoġġati<br>R.34$^{PR}$ Preservazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ: Sehem ta' erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji appoġġati għall-ġestjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż ringieli ta' sġajriet u siġar<br>R.35 Preservazzjoni tal-kaxxi tan-naħal: Sehem ta' kaxxi tan-naħal appoġġati mill-PAK |
| Jiġu attirati u jingħata appoġġ lil bdiewa żgħażagħ u bdiewa oħra ġodda u faċilitazzjoni tal-iżvilupp tan-negozju f'żoni rurali | I.23 Jiġu attirati l-bdiewa żgħażagħ: Evoluzzjoni tal-għadd ta' managers ġodda tal-azjendi agrikoli u l-għadd ta' managers żgħażagħ ġodda ta' azjendi agrikoli, inkluż diżaggregazzjoni skont il-ġeneru | R.36$^{PR}$ Tiġdid ġenerazzjonali: Għadd ta' bdiewa żgħażagħ li jibbenefikaw minn stabbiliment b'appoġġ mill-PAK, inkluż diżaggregazzjoni skont il-ġeneru |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| Il-promozzjoni tal-impjiegi, it-tkabbir, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-biedja, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali f'żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli | I.24 Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali: Evoluzzjoni tar-rata tal-impjiegi fiż-żoni rurali, inkluż diżaggregazzjoni skont il-ġeneru<br><br>I.25 Kontribut għat-tkabbir f'żoni rurali: Evoluzzjoni tal-prodott domestiku gross (PDG) per capita fiż-żoni rurali<br><br>I.26 PAK iktar ġusta: Distribuzzjoni tal-appoġġ mill-PAK<br><br>I.27 Promozzjoni tal-inklużjoni rurali: Evoluzzjoni tal-indiċi tal-faqar fiż-żoni rurali | R.37 Tkabbir u impjiegi f'żoni rurali: Impjiegi ġodda appoġġati fi proġetti tal-PAK<br><br>R.38 Kopertura ta' LEADER: Sehem tal-popolazzjoni rurali koperta mill-istrateġiji ta' żvilupp lokali<br><br>R.39 Żvilupp tal-ekonomija rurali: Għadd ta' negozji rurali inkluż negozji fis-settur tal-bijoekonomija żviluppati permezz tal-appoġġ mill-PAK<br><br>R.40 Tranżizzjoni intelliġenti tal-ekonomija rurali: Għadd ta' strateġiji tal-irħula intelliġenti appoġġati<br><br>R.41[PR] Nikkollegaw l-Ewropa rurali: Sehem tal-popolazzjoni rurali li tibbenefika minn aċċess imtejjeb għas-servizzi u l-infrastruttura permezz ta' appoġġ tal-PAK<br><br>R.42 Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali: Għadd ta' persuni koperti minn proġetti appoġġati ta' inklużjoni soċjali |

| Objettivi speċifiċi tal-UE | Indikaturi tal-impatt | Indikaturi tar-riżultat |
|---|---|---|
| It-titjib tar-rispons tal-agrikoltura tal-UE għad-domanda tas-soċjetà għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur u nutrittiv prodott b'mod sostenibbli, it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, kif ukoll it-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi | I.28 Limitazzjoni tal-użu tal-antimikrobiċi f'annimali tal-irziezet: Bejgħ/użu tal-antimikrobiċi għall-annimali għall-konsum<br>I.29 Risposta għad-domanda tal-konsumaturi għal ikel ta' kwalità: Valur tal-produzzjoni skont l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni u ta’ produzzjoni organika | R.43$^{PR}$ Limitazzjoni tal-użu tal-antimikrobiċi: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem (LU) ikkonċernati minn azzjonijiet appoġġati biex jiġi limitat l-użu tal-antimikrobiċi (prevenzjoni/tnaqqis)<br>R.44$^{PR}$ Titjib tat-trattament xieraq tal-annimali: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem (LU) kopert minn azzjonijiet appoġġati għat-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali |

Approvazzjoni tal-prestazzjoni annwali – OUTPUT

Tipi ta' intervent u l-indikaturi tal-output tagħhom[1]

| Tipi ta' intervent | Indikaturi tal-output[2] |
|---|---|
| Kooperazzjoni (Artikolu 77) | O.1 Għadd ta' proġetti tal-grupp operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (SEI) |
| Skambju tal-għarfien u tixrid tal-informazzjoni (Artikolu 78) | O.2 Għadd ta' azzjonijiet jew unitajiet ta' konsulenza biex jipprovdu appoġġ għall-innovazzjoni għat-tħejjija jew l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-grupp operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) |
| Indikatur orizzontali | O.3[MO] Għadd ta' benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK |
| Appoġġ bażiku għall-introjtu (Artikolu 21) | O.4 Għadd ta' ettari li jibbenefikaw minn appoġġ bażiku għall-introjtu |
| Pagament għal bdiewa żgħar (Artikolu 28) | O.5 Għadd ta' benefiċjarji jew ettari li jibbenefikaw minn pagamenti għal bdiewa żgħar |
| Appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ (Artikolu 30) | O.6 Għadd ta' ettari li jibbenefikaw minn appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ |
| Appoġġ ridistributtiv għall-introjtu (Artikolu 29) | O.7 Għadd ta' ettari li jibbenefikaw minn appoġġ ridistributtiv għall-introjtu |
| Ekoskemi (Artikolu 31) | O.8 Għadd ta' ettari jew ta' unitajiet ta' bhejjem li jibbenefikaw minn ekoskemi |
| Għodod għall-ġestjoni tar-riskju (Artikolu 76) | O.9 Għadd ta' unitajiet koperti minn għodod appoġġati għall-ġestjoni tar-riskju tal-PAK |
| Appoġġ akkoppjat għall-introjtu (Artikolu 32) | O.10 Għadd ta' ettari li jibbenefikaw minn appoġġ akkoppjat għall-introjtu<br>O.11 Għadd ta' bhejjem li jibbenefikaw minn appoġġ akkoppjat għall-introjtu |

[1] Data notifikata kull sena għan-nefqa ddikjarata tagħhom.

[2] L-indikaturi tal-output użati biss għall-monitoraġġ huma mmarkati b'[MO].

| Tipi ta' intervent | Indikaturi tal-output[2] |
|---|---|
| Restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona (Artikolu 71) | O.12 Għadd ta' ettari li jibbenefikaw minn appoġġ għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona, inkluż diżaggregazzjoni skont it-tip ta' erja |
| Żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji (Artikolu 72) | O.13 Għadd ta' ettari li jibbenefikaw minn appoġġ skont Natura 2000 jew id-Direttiva 2000/60/KE |
| Impenji ta' ġestjoni ambjentali, marbuta mal-klima u impenji oħrajn ta' ġestjoni(Artikolu 70) | O.14 Għadd ta' ettari (eskluż il-forestrija) jew l-għadd ta' unitajiet oħra koperti minn impenji ambjentali jew marbuta mal-klima li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji |
| | O.15 Għadd ta' ettari (forestrija) koperti minn impenji ambjentali jew marbuta mal-klima li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji |
| | O.16 Għadd ta' ettari jew għadd ta' unitajiet oħra skont l-impenji ta' manutenzjoni għall-afforestazzjoni u l-agroforestrija |
| | O.17 Għadd ta' ettari jew l-għadd ta' unitajiet oħra li jibbenefikaw minn appoġġ għall-biedja organika |
| | O.18 Għadd ta' unitajiet ta' bhejjem (LU) li jibbenefikaw minn appoġġ għat-trattament xieraq tal-annimali, għas-saħħa jew għat-titjib tal-miżuri ta' bijosigurtà |
| | O.19 Għadd ta' operazzjonijiet jew unitajiet li jappoġġaw ir-riżorsi ġenetiċi |

| Tipi ta' intervent | Indikaturi tal-output[2] |
|---|---|
| Investimenti (Artikoli 73 u 74) | O.20 Għadd ta' operazzjonijiet jew unitajiet appoġġati b'investiment produttiv fl-azjendi agrikoli |
| | O.21 Għadd ta' operazzjonijiet jew unitajiet appoġġati b'investiment mhux produttivi fl-azjendi agrikoli |
| | O.22 Għadd ta' operazzjonijiet jew unitajiet appoġġati b'investiment fl-infrastruttura |
| | O.23 Għadd ta' operazzjonijiet jew unitajiet appoġġati b'investiment mhux produttiv mhux fl-azjendi agrikoli |
| | O.24 Għadd ta' operazzjonijiet jew unitajiet appoġġati b'investiment produttiv mhux fl-azjendi agrikoli |
| Stabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ, u bdiewa ġodda u bidu ta' negozji rurali (Artikolu 75) | O.25 Għadd ta' bdiewa żgħażagħ li jirċievu appoġġ għall-istabbiliment |
| | O.26: Għadd ta' bdiewa ġodda li jirċievu appoġġ għall-istabbiliment (minbarra bdiewa żgħażagħ irrappurtati taħt O.25) |
| | O.27 Għadd ta' negozji rurali li jirċievu appoġġ għal negozji ġodda |
| Kooperazzjoni (Artikolu 77) | O.28 Għadd ta' gruppi tal-produtturi u organizzazzjonijiet tal-produtturi appoġġati |
| | O.29 Għadd ta' benefiċjarji li jirċievu appoġġ biex jipparteċipaw fi skemi ta' kwalità uffiċjali |
| | O.30 Għadd ta' operazzjonijiet jew unitajiet appoġġati għal tiġdid ġenerazzjonali (minbarra l-appoġġ għall-istabbiliment) |
| | O.31 Għadd ta' strateġiji lokali appoġġati ta' żvilupp (LEADER) jew azzjonijiet preparatorji |
| | O.32 Għadd ta' operazzjonijiet jew unitajiet oħra ta' kooperazzjoni appoġġati (minbarra l-EIP irrappurtati taħt O.1) |

| Tipi ta' intervent | Indikaturi tal-output[2] |
|---|---|
| Skambju tal-għarfien u tixrid tal-informazzjoni (Artikolu 78) | O.33 Għadd ta' azzjonijiet jew unitajiet appoġġati ta' taħriġ, konsulenza u sensibilizzazzjoni |
| Indikatur orizzontali | O.34[MO] Għadd ta' ettari li jaqgħu taħt il-prattiki ambjentali (indikaturi sommarji dwar l-erja fiżika koperta mill-kondizzjonalità, ekoskemi, impenji fil-qasam tal-ġestjoni ambjentali u klimatika fl-agrikoltura u l-forestrija) |
| Tipi ta' intervent f'ċerti setturi (Artikolu 47) | O.35 Għadd ta' programmi operazzjonali appoġġati |
| Tipi ta' intervent fis-settur tal-inbid (Artikolu 58) | O.36 Għadd ta' azzjonijiet jew unitajiet appoġġati fis-settur tal-inbid |
| Tipi ta' intervent fis-settur tal-apikultura (Artikolu 55) | O.37 Għadd ta' azzjonijiet jew unitajiet għall-preservazzjoni jew t-titjib tat-trobbija tan-naħal |

INDIKATURI TAL-KUNTEST

| | Numru tal-Indikatur | Indikatur tal-kuntest |
|---|---|---|
| Popolazzjoni | C.01 | Popolazzjoni totali |
| | C.02 | Densità tal-popolazzjoni |
| | C.03 | Struttura tal-età tal-popolazzjoni |
| Żona totali | C.04 | Żona totali |
| | C.05 | Kopertura tal-art |
| Suq tax-xogħol | C.06 | Rata tal-impjiegi f'żoni rurali |
| | C.07 | Rata tal-qgħad f'żoni rurali |
| | C.08 | Impjiegi (skont is-settur, skont it-tip ta' reġjun, skont l-attività ekonomika) |
| Ekonomija | C.09 | PDG per capita |
| | C.10 | Rata tal-faqar |
| | C.11 | Valur gross miżjud skont is-settur, skont it-tip ta' reġjun, fl-agrikoltura u għall-produtturi primarji |
| Azjendi agrikoli u bdiewa | C.12 | Azjendi agrikoli |
| | C.13 | Forza tax-xogħol fl-azjendi agrikoli |
| | C.14 | Struttura tal-età tal-managers tal-azjendi agrikoli |
| | C.15 | Taħriġ fl-agrikoltura tal-managers tal-azjendi agrikoli |
| | C.16 | Managers ta' azjendi agrikoli ġodda u managers żgħażagħ ġodda ta' azjendi agrikoli |

| | Numru tal-Indikatur | Indikatur tal-kuntest |
|---|---|---|
| Art agrikola | C.17 | Erja agrikola utilizzata |
| | C.18 | Raba' saqwi |
| | C.19 | Biedja fiż-żoni tan-Natura 2000 |
| | C.20 | Żoni b'restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona |
| | C.21 | Art agrikola koperta b'karatteristiċi tal-pajsaġġ |
| | C.22 | Diversità tal-għelejjel |
| Bhejjem | C.23 | Unitajiet ta' bhejjem |
| | C.24 | Densità tal-bhejjem |
| Introjtu agrikolu u introjtu tal-azjendi agrikoli | C.25 | Introjtu minn fattur agrikolu |
| | C.26 | Tqabbil tal-introjtu agrikolu mal-kost tax-xogħol mhux agrikolu |
| | C.27 | Introjtu skont it-tip ta' biedja, skont ir-reġjun, skont id-daqs tal-azjenda agrikola, f'żoni b'restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona |
| | C.28 | Formazzjoni grossa tal-kapital fiss fl-agrikoltura |
| Produttività agrikola | C.29 | Produttività totali tal-fatturi fl-agrikoltura |
| | C.30 | Produttività tax-xogħol fl-agrikoltura, il-forestrija u l-industrija tal-ikel |
| Kummerċ agrikolu | C.31 | Importazzjonijiet u esportazzjonijiet agrikoli |
| Attivitajiet bi qligħ oħra | C.32 | Infrastruttura turistika |
| Prattiki tal-biedja | C.33 | Żona agrikola li taqa' taħt il-biedja organika |
| | C.34 | Intensità tal-biedja |
| | C.35 | Valur tal-produzzjoni skont l-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni u tal-produzzjoni organika |

| | Numru tal-Indikatur | Indikatur tal-kuntest |
|---|---|---|
| Bijodiversità | C.36 | Indiċi tal-Għasafar f'Żoni agrikoli |
| | C.37 | Perċentwali ta' speċijiet u ħabitats ta' interess Komunitarju marbuta mal-agrikoltura b'xejriet stabbli jew pożittivi |
| Ilma | C.38 | Użu tal-ilma fl-agrikoltura |
| | C.39 | Kwalità tal-ilma |
| | | Bilanċ gross tan-nutrijenti - nitroġenu |
| | | Bilanċ gross tan-nutrijenti - fosfru |
| | | Nitrati fl-ilma ta' taħt l-art |
| Ħamrija | C.40 | Karbonju organiku fil-ħamrija f'art agrikola |
| | C.41 | Erożjoni tal-ħamrija mill-ilma |
| Enerġija | C.42 | Produzzjoni sostenibbli ta' enerġija rinnovabbli mill-agrikoltura u l-forestrija |
| | C.43 | Użu tal-enerġija fl-agrikoltura, il-forestrija u l-industrija tal-ikel |
| Klima | C.44 | Emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mill-agrikoltura |
| | C.45 | Indikatur tal-progress tar-reżiljenza tas-settur agrikolu |
| | C.46 | Telf agrikolu dirett attribwit għal diżastri |
| Arja | C.47 | Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura |
| Saħħa | C.48 | Bejgħ/użu tal-antimikrobiċi għall-annimali għall-konsum |
| | C.49 | Riskji, użu u impatti tal-pestiċidi |

# ANNESS II

APPOĠĠ DOMESTIKU TAD-WTO SKONT L-ARTIKOLU 10

| Tip ta' intervent | Referenza f'dan ir-Regolament | Paragrafu tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ("Kaxxa l-Ħadra") |
|---|---|---|
| Appoġġ bażiku għall-introjtu | Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, Subtaqsima 2 | 5 (jekk l-implimentazzjoni ma tkunx ibbażata fuq intitolamenti għal pagament)<br>6 (jekk l-implimentazzjoni tkun ibbażata fuq intitolamenti għal pagament) |
| Appoġġ ridistributtiv għall-introjtu | Artikolu 29 | 5 (jekk l-implimentazzjoni tal-appoġġ bażiku għall-introjtu korrispondenti ma tkunx ibbażata fuq intitolamenti għal pagament)<br>6 (jekk l-implimentazzjoni tal-appoġġ bażiku għall-introjtu korrispondenti tkun ibbażata fuq intitolamenti għal pagament) |
| Appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ | Artikolu 30 | 5 (jekk l-implimentazzjoni tal-appoġġ bażiku għall-introjtu korrispondenti ma tkunx ibbażata fuq intitolamenti għal pagament)<br>6 (jekk l-implimentazzjoni tal-appoġġ bażiku għall-introjtu korrispondenti tkun ibbażata fuq intitolamenti għal pagament) |
| Skemi għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali (ekosistemi) | Artikolu 31(7), l-ewwel subparagrafu, punt (a) | 5 (jekk l-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-introjtu bażiku relatata ma tkunx ibbażata fuq intitolamenti għal pagament)<br>6 (jekk l-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-introjtu bażiku relatata tkun ibbażata fuq intitolamenti għal pagament) |

| Tip ta' intervent | Referenza f'dan ir-Regolament | Paragrafu tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ("Kaxxa l-Ħadra") |
|---|---|---|
| Skemi għall-klima, l-ambjent i t-trattament xieraq tal-annimali (ekosistemi) | Artikolu 31(7), l-ewwel subparagrafu, punt (b) | 12 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, riċerka u metodi ta' produzzjoni sperimentali u innovattivi u azzjonijiet oħra, f'oqsma bħal: | Artikolu 47(1), punt (a) | 2, 11 jew 12 |
| - Il-konservazzjoni tal-ħamrija, inkluż it-tisħiħ tal-karbonju fil-ħamrija u l-istruttura tal-ħamrija, u t-tnaqqis tal-kontaminanti | Artikolu 47(1), punt (a)(i) | 12 |
| - it-titjib tal-użu u l-ġestjoni korretta tal-ilma, inkluż l-iffrankar tal-ilma, il-konservazzjoni tal-ilma u d-drenaġġ | Artikolu 47(1), punt (a)(ii) | 12 |
| - il-prevenzjoni tal-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u l-promozzjoni tal-iżvilupp u l-użu ta' varjetajiet, razez u prattiki ta' ġestjoni adattati għall-kondizzjonijiet klimatiċi li jinbidlu | Artikolu 47(1), punt (a)(iii) | 12 |

| Tip ta' intervent | Referenza f'dan ir-Regolament | Paragrafu tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ("Kaxxa l-Ħadra") |
|---|---|---|
| - iż-żieda fl-iffrankar tal-enerġija, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-użu ta' enerġija rinnovabbli | Artikolu 47(1), punt (a)(iv) | 11 jew 12 |
| - l-imballaġġ ekoloġiku, biss fil-qasam tar-riċerka u l-produzzjoni sperimentali | Artikolu 47(1), punt (a)(v) | 2 |
| - il-bijosigurtà, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali | Artikolu 47(1), punt (a)(vi) | 12 |
| - it-tnaqqis fl-emissjonijiet u fl-iskart, it-titjib fl-użu tal-prodotti sekondarji, inkluż l-użu mill-ġdid u l-valorizzazzjoni tagħhom, u l-ġestjoni tal-iskart | Artikolu 47(1), punt (a)(vii) | 11 jew 12 |
| - it-titjib tar-reżiljenza kontra l-pesti u t-tnaqqis tar-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi, inkluż l-implimentazzjoni ta' tekniki tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti | Artikolu 47(1), punt (a)(viii) | 2, 11 jew 12 |
| - it-titjib tar-reżiljenza kontra l-mard tal-annimali u t-tnaqqis tal-użu ta' mediċini veterinarji, inkluż l-antibijotiċi | Artikolu 47(1), punt (a)(ix) | 2 |
| - il-ħolqien u ż-żamma tal-ħabitats favorevoli għall-bijodiversità | Artikolu 47(1), punt (a)(x) | 12 |
| - it-titjib tal-kwalità tal-arja | Artikolu 47(1), punt (a)(xi) | 2 |

| Tip ta' intervent | Referenza f'dan ir-Regolament | Paragrafu tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ("Kaxxa l-Ħadra") |
|---|---|---|
| - it-titjib tar-riżorsi ġenetiċi | Artikolu 47(1), punt (a)(xii) | 2 |
| - it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-impjieg u l-iżgurar tal-konformità mal-obbligi tal-impjegaturi kif ukoll mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'konformità mad-Direttivi 89/391/KEE, 2009/104/KE u (UE) 2019/1152 | Artikolu 47(1), punt (a)(xiii) | 2 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – servizzi ta' konsulenza u assistenza teknika | Artikolu 47(1), punt (b) | 2 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – taħriġ u skambju tal-aħjar prattiki | Artikolu 47(1), punt (c) | 2 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – produzzjoni organika jew integrata | Artikolu 47(1), punt (d) | 12 |

| Tip ta' intervent | Referenza f'dan ir-Regolament | Paragrafu tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ("Kaxxa l-Ħadra") |
|---|---|---|
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – azzjonijiet biex tiżdied is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tat-trasport u l-ħżin | Artikolu 47(1), punt (e) | 11, 12 jew 2 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – promozzjoni, komunikazzjoni u kummerċjalizzazzjoni | Artikolu 47(1), punt (f) | 2 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – skemi ta' kwalità | Artikolu 47(1), punt (g) | 2 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – traċċabbiltà u sistemi ta' ċertifikazzjoni | Artikolu 47(1), punt (h) | 2 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih | Artikolu 47(1), punt (i) | 11, 2 jew 12 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – fondi mutwi | Artikolu 47(2), punt (a) | 7 jew 2 |

| Tip ta' intervent | Referenza f'dan ir-Regolament | Paragrafu tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ("Kaxxa l-Ħadra") |
|---|---|---|
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli | Artikolu 47(2), punt (b) | 11 jew 2 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – tħawwil mill-ġdid tas-siġar tal-frott jew taż-żebbuġ | Artikolu 47(2), punt (d) | 8 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – ripopolazzjoni tal-bhejjem għal raġunijiet ta' saħħa jew minħabba telf li jirriżulta minn diżastri naturali | Artikolu 47(2), punt (e) | 8 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – coaching | Artikolu 47(2), punt (j) | 2 |
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – implimentazzjoni u ġestjoni tar-rekwiżiti sanitarji ta' pajjiżi terzi | Artikolu 47(2), punt (k) | 2 |

| Tip ta' intervent | Referenza f'dan ir-Regolament | Paragrafu tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ("Kaxxa l-Ħadra") |
|---|---|---|
| Frott u ħxejjex, ħops, żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42, punt (f) – azzjonijiet ta' komunikazzjoni | Artikolu 47(2), punt (l) | 2 |
| Apikultura – servizzi ta' konsulenza, assistenza teknika, taħriġ, informazzjoni u skambju tal-aħjar prattiki | Artikolu 55(1), punt (a) | 2 |
| Apikultura – investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli, kif ukoll azzjonijiet oħra, inkluż għall-ġlieda kontra l-organiżmi invażivi tal-kaxxi tan-naħal u l-mard | Artikolu 55(1), punt (b)(i) | 11 jew 12 jew 2 |
| Apikultura – investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli, kif ukoll azzjonijiet oħra inkluż, għall-prevenzjoni tal-ħsara kkawżata minn kondizzjonijiet klimatiċi avversi, l-iżvilupp u l-użu ta' prattiki ta' ġestjoni | Artikolu 55(1), punt (b)(ii) | 11 jew 12 jew 2 |
| Apikultura – appoġġ għal-laboratorji | Artikolu 55(1), punt (c) | 2 |
| Apikultura – programmi ta' riċerka | Artikolu 55(1), punt (e) | 2 |
| Apikultura – promozzjoni, komunikazzjoni u kummerċjalizzazzjoni | Artikolu 55(1), punt (f) | 2 |

| Tip ta' intervent | Referenza f'dan ir-Regolament | Paragrafu tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ("Kaxxa l-Ħadra") |
|---|---|---|
| Apikultura – titjib tal-kwalità tal-prodotti | Artikolu 55(1), punt (g) | 2 |
| Inbid – ristrutturar u konverżjoni | Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (a) | 8, 11 jew 12 |
| Inbid – investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli | Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b) | 11 |
| Inbid – investimenti tanġibbli u intanġibbli fl-innovazzjoni | Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (e) | 11 |
| Inbid – servizzi ta' konsulenza | Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (f) | 2 |
| Inbid – azzjonijiet ta' informazzjoni | Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (h) | 2 |
| Inbid – promozzjoni tat-turiżmu tal-inbid | Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (i) | 2 |
| Inbid – titjib fl-għarfien tas-suq | Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (j) | 2 |
| Inbid – promozzjoni u komunikazzjoni | Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (k) | 2 |
| Inbid – spejjeż amministrattivi ta' fondi mutwi | Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (l) | 2 |
| Inbid – investimenti biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà | Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, punt (m) | 11 jew 12 jew 2 |

| Tip ta' intervent | Referenza f'dan ir-Regolament | Paragrafu tal-Anness 2 għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura ("Kaxxa l-Ħadra") |
|---|---|---|
| Impenji ta’ ġestjoni ambjentali, marbuta mal-klima u impenji oħrajn ta’ ġestjoni | Artikolu 70 | 12 |
| Restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona | Artikolu 71 | 13 |
| Żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji | Artikolu 72 | 12 |
| Investimenti | Artikolu 73 | 11 jew 8 |
| Investimenti fl-irrigazzjoni | Artikolu 74 | 11 |
| Kooperazzjoni | Artikolu 77 | 2 |
| Skambju tal-għarfien u tixrid tal-informazzjoni | Artikolu 78 | 2 |

## ANNESS III

REGOLI DWAR IL-KUNDIZZJONALITÀ SKONT L-ARTIKOLU 12

RSĠ: Rekwiżit statutorju ta' ġestjoni

KAAT: Standard għal kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-artijiet

| Żoni | Kwistjoni ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| Klima u ambjent | Tibdil fil-klima (il-mitigazzjoni tiegħu u l-adattament għalih) | KAAT 1 | Preservazzjoni ta' bwar permanenti abbażi ta' proporzjon ta' bwar permanenti mqabbla ma' żona agrikola fil-livell nazzjonali, reġjonali, subreġjonali, grupp ta' azjenda jew livell ta' azjendi meta mqabbel mas-sena ta' referenza 2018<br>Tnaqqis massimu ta' 5 % meta mqabbel mas-sena ta' referenza | Miżura ta' salvagwardja ġenerali kontra l-konverżjoni għal użi agrikoli oħra biex tiġi ppreservata l-ħażna ta' karbonju |
| | | KAAT 2 | Protezzjoni tal-art mistagħdra u tat-torbiera[1] | Protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju |
| | | KAAT 3 | Projbizzjoni tal-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit, ħlief għal raġunijiet fitosanitarji | Preservazzjoni tal-materja organika fil-ħamrija |

[1] Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li din il-KAAT ser tkun applikabbli biss mis-sena tat-talba 2024 jew 2025. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom juru li d-dewmien huwa meħtieġ għall-istabbiliment tas-sistema ta' ġestjoni skont ippjanar dettaljat.
L-Istati Membri, meta jistabbilixxu l-istandard tal-KAAT 2, għandhom jiżguraw li fuq l-art ikkonċernata tista' tinżamm attività agrikola xierqa biex l-art tiġi kkwalifikata bħala żona agrikola.

| Żoni | Kwistjoni ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | Ilma | RSĠ 1 | Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1):<br>l-Artikolu 11(3), punt (e) u punt (h), fir-rigward tar-rekwiżiti obbligatorji għall-kontroll tas-sorsi diffużi tat-tniġġis bil-fosfati | |
| | | RSĠ 2 | Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1):<br>l-Artikoli 4 u 5 | |
| | | KAAT 4 | Stabbiliment ta' strixxi ta' lqugħ tul il-mogħdijiet tal-ilma[1] | Protezzjoni tal-mogħdijiet tax-xmajjar mit-tniġġis u mit-tnixxijiet |

[1] L-istrixxi ta' lqugħ tul il-mogħdijiet tal-ilma taħt dan l-istandard tal-KAAT għandhom, bħala regola ġenerali u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jirrispettaw wisa' minima ta' 3 metri mingħajr l-użu ta' pestiċidi u fertilizzanti.
F'żoni li jkollhom kwantità sinifikanti ta' fosos fejn joskula l-ilma u fosos tal-irrigazzjoni l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw, jekk ikun debitament ġustifikat għal dawk iż-żoni, il-wisa' minima skont iċ-ċirkostanzi lokali speċifiċi.

| Żoni | Kwistjoni ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | Ħamrija (protezzjoni u kwalità) | KAAT 5 | Ġestjoni tal-ħdim tar-raba', li jnaqqas ir-riskju tad-degradazzjoni u l-erożjoni tal-ħamrija, inkluż il-konsiderazzjoni tal-pendil. | Ġestjoni minima ta' art li tirrifletti kondizzjonijiet speċifiċi għas-siti biex tiġi limitata l-erożjoni |
| | | KAAT 6 | Kopertura minima ta' ħamrija biex tiġi evitata ħamrija għerja f'perijodi li huma l-aktar sensittivi[1] | Protezzjoni tal-ħamrija f'perijodi li huma l-aktar sensittivi |
| | | KAAT 7 | Newba tal-għelejjel f'raba' li jinħadem, ħlief għal għelejjel li jikbru taħt l-ilma[2] | Preservazzjoni tal-potenzjal tal-ħamrija |

---

1 F'każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jadattaw fir-reġjuni kkonċernati l-istandards minimi biex iqisu l-perijodu qasir ta' veġetazzjoni li jirriżulta mit-tul u s-severità tal-perijodu tax-xitwa.

2 In-newba għandha tikkonsisti minn bidla fl-għalla mill-inqas darba fis-sena fil-livell tar-roqgħa art (ħlief fil-każ ta' għelejjel pluriennali, ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor, u art mistrieħa), inkluż l-għelejjel sekondarji ġestiti b'mod xieraq.
Abbażi tad-diversità tal-metodi tal-biedja u tal-kondizzjonijiet agroklimatiċi l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw fir-reġjuni kkonċernati prattiki oħra ta' newba mtejba tal-għelejjel b'għelejjel tal-legumi jew b'diversifikazzjoni tal-għelejjel li għandhom l-għan li jtejbu u jippreservaw il-potenzjal tal-ħamrija f'konformità mal-objettivi ta' dan l-istandard tal-KAAT.
L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-obbligu skont dan l-istandard l-azjendi:
(a) fejn aktar minn 75 % tar-raba' li jinħadem jintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, tkun art mistrieħa, jiġi użat għall-kultivazzjoni ta' għelejjel tal-legumi, jew ikun soġġett għal taħlita ta' dawk l-użijiet;
(b) fejn aktar minn 75 % taż-żona agrikola eliġibbli tkun bur permanenti, tintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor jew għall-kultivazzjoni ta' wċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti sinifikanti tas-sena jew għal parti sinifikanti taċ-ċiklu ta' kultivazzjoni, jew tkun soġġetta għal taħlita ta' dawk l-użijiet; jew
(c) b'daqs ta' raba' li jinħadem sa 10 ettari.
L-Istati Membri jistgħu jintroduċu limitu massimu ta' żona koperta minn għalla waħda biex jipprevjenu monokulturi kbar.
Il-bdiewa ċċertifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/848 għandhom jitqiesu li jikkonformaw ma' dan l-istandard tal-KAAT.

| Żoni | Kwistjoni ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | Bijodiversità u pajsaġġ<br>(protezzjoni u kwalità) | RSĠ 3 | Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7):<br>Artikolu 3(1), Artikolu 3(2), punt (b), Artikolu 4(1), (2) u (4) | |
| | | RSĠ 4 | Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7):<br>Artikolu 6(1) u (2) | |

| Żoni | Kwistjoni ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | KAAT 8 | - Is-sehem minimu miż-żona agrikola ddedikata għal żoni jew karatteristiċi mhux produttivi[1]<br>- Sehem minimu ta' mill-inqas 4 % ta' raba' li jinħadem fil-livell tal-azjenda agrikola ddedikata għal żoni u karatteristiċi mhux produttivi, inkluż l-art mistrieħa. | Preservazzjoni tal-karatteristiċi u tal-erja mhux produttivi biex titjieb il-bijodiversità fl-azjenda agrikola |

[1] L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-obbligu taħt dan l-inċiż l-azjendi:
(a) fejn aktar minn 75 % tar-raba' li jinħadem jintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, tkun art mistrieħa, jiġi użat għall-kultivazzjoni ta' għelejjel tal-legumi, jew ikun soġġett għal taħlita ta' dawk l-użijiet;
(b) fejn aktar minn 75 % taż-żona agrikola eliġibbli tkun bur permanenti, tintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor jew għall-kultivazzjoni ta' wċuh tar-raba' taħt l-ilma għal parti sinifikanti tas-sena jew għal parti sinifikanti taċ-ċiklu ta' kultivazzjoni, jew tkun soġġetta għal taħlita ta' dawk l-użijiet; jew
(c) b'daqs ta' raba' li jinħadem sa 10 ettari.
L-Istati Membri li għandhom aktar minn 50 % tal-erja tas-superfiċje tal-art totali koperta minn foresti jistgħu jeżentaw mill-obbligu taħt dan l-inċiż l-azjendi li jinsabu f'żoni deżinjati minn dawk l-Istati Membri bħala żoni li jiffaċċaw restrizzjonijiet naturali f'konformità mal-Artikolu 32(1), punt (a) jew (b), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, dment li aktar minn 50 % tal-erja tas-superfiċje tal-art tal-unità msemmija fit-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu hija koperta minn foresta u li l-proporzjon ta' art forestali ma' art agrikola hija aktar minn 3:1. Iż-żona koperta minn foresta u l-proporzjon ta' art forestali għal art agrikola għandhom jiġu vvalutati fuq livell ta' żona ekwivalenti għal-livell LAU2 jew fil-livell ta' unità oħra delineata b'mod ċar li tkopri żona agrikola kontigwa ċara u unika li għandha kondizzjonijiet agrikoli simili.

| Żoni | Kwistjoni ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | | - Fejn bidwi jimpenja ruħu li jiddedika mill-inqas 7 % tar-raba' li jinħadem tiegħu għal żoni jew karatteristiċi mhux produttivi, inkluż art mistrieħa, taħt ekoskema mtejba skont l-Artikolu 31(6), is-sehem li għandu jiġi attribwit għall-konformità ma' dan l-istandard tal-KAAT għandu jkun limitat għal 3 %.<br>- Sehem minimu ta' mill-inqas 7 % tar-raba' li jinħadem fil-livell tal-azjenda agrikola jekk dan jinkludi wkoll għelejjel intermedji jew għelejjel li jiffissaw in-nitroġenu, ikkultivati mingħajr l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li minnhom 3 % għandhom ikunu art mistrieħa jew karatteristiċi mhux produttivi. L-Istati Membri għandhom jużaw il-fattur ta' ponderazzjoni ta' 0,3 għall-għelejjel tat-titwiq. | |

| Żoni | Kwistjoni ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | | Żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġi<br>- Projbizzjoni fuq il-qtugħ tas-sisien tal-isġajriet u tas-siġar waqt l-istaġun tat-tgħammir u tat-trobbija tal-frieħ tal-għasafar<br>- Bħala opzjoni, miżuri biex jiġu evitati speċijiet ta' pjanti invażivi | |
| | | KAAT 9 | Projbizzjoni fuq il-konverżjoni jew il-ħrit tal-bwar permanenti ddeżinjati bħala bur permanenti ambjentalment sensittivi f'siti ta' Natura 2000 | Protezzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet |

| Żoni | Kwistjoni ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| Saħħa pubblika u saħħa tal-pjanti | Sigurtà tal-ikel | RSĠ 5 | Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1):<br>l-Artikoli 14 u 15, l-Artikolu 17(1)[1] u l-Artikoli 18, 19 u 20 | |

[1] Kif implimentat b'mod partikolari minn:
– l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 u l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 37/2010,
– Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004: l-Artikolu 4(1) u l-Anness I il-parti A (II 4 (g, h, j), 5 (f, h), 6; III 8 (a, b, d, e), 9 (a, c)),
– ir-Regolament (KE) Nru 853/2004: l-Artikolu 3(1), l-Anness III it-Taqsima IX il-Kapitolu 1 (I-1 b, c, d, e; I-2 a (i, ii, iii), b (i, ii), c; I-3; I-4; I-5; II-A 1, 2, 3, 4; II-B 1 (a, d), 2, 4 (a, b)), l-Anness III it-Taqsima X il-Kapitolu 1(1),
– ir-Regolament (KE) Nru 183/2005: l-Artikolu 5(1), (5) u (6), l-Anness I, il-parti A (I-4 e, g; II-2 a, b, e), u l-Anness III (taħt l-intestatura "TMIGĦ", il-punt 1. intitolat "Ħażna", l-ewwel u l-aħħar sentenza, u l-punt 2 intitolat "Distribuzzjoni", it-tielet sentenza), u
– ir-Regolament (KE) Nru 396/2005: l-Artikolu 18.

| Żoni | Kwistjoni ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | RSĠ 6 | Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonali u tirostatika u ta' beta-agonisti, u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3):<br>l-Artikolu 3, punti (a), (b), (d) u (e), u l-Artikoli 4, 5 u 7 | |
| | Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | RSĠ 7 | Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1):<br>l-Artikolu 55, l-ewwel u t-tieni sentenza | |
| | | RSĠ 8 | Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71): | |

| Żoni | Kwistjoni ewlenija | Rekwiżiti u standards | | Objettiv ewlieni tal-istandard |
|---|---|---|---|---|
| | | | l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 8(1) sa (5)<br>L-Artikolu 12 fir-rigward tar-restrizzjonijiet dwar l-użu tal-pestiċidi fiż-żoni protetti definiti abbażi tad-Direttiva 2000/60/KE u l-leġiżlazzjoni ta' Natura 2000<br>L-Artikolu 13(1) u (3) dwar l-immaniġġar u l-ħżin tal-pestiċidi u r-rimi tal-fdalijiet | |
| Trattament xieraq tal-annimali | Trattament xieraq tal-annimali | RSĠ 9 | Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7):<br>Artikoli 3 u 4 | |
| | | RSĠ 10 | Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5):<br>Artikoli 3 u 4 | |
| | | RSĠ 11 | Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23):<br>Artikolu 4 | |

## ANNESS IV

REGOLI DWAR IL-KUNDIZZJONALITÀ SKONT L-ARTIKOLU 14

| Żoni | Leġiżlazzjoni applikabbli | Dispożizzjonijiet rilevanti | Rekwiżiti |
|---|---|---|---|
| Impjieg | Kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli<br>Direttiva 2019/1152 | Artikolu 3 | Il-kondizzjonijiet tal-impjieg għandhom jiġu pprovduti bil-miktub ("kuntratt ta' impjieg") |
| | | Artikolu 4 | L-iżgurar li l-impjieg agrikolu jkun soġġett għal kuntratt ta' impjieg |
| | | Artikolu 5 | Il-kuntratt ta' impjieg għandu jiġi pprovdut fl-ewwel sebat ijiem tax-xogħol |
| | | Artikolu 6 | Bidliet fir-relazzjoni tal-impjieg li għandhom jiġu pprovduti f'forma dokumentarja |
| | | Artikolu 8 | Perijodu ta' prova |
| | | Artikolu 10 | Kondizzjonijiet rigward il-prevedibbiltà minima tax-xogħol |
| | | Artikolu 13 | Taħriġ obbligatorju |

| Żoni | Leġiżlazzjoni applikabbli | Dispożizzjonijiet rilevanti | Rekwiżiti |
|---|---|---|---|
| Saħħa u sikurezza | Miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema<br>Direttiva 89/391/KEE | Artikolu 5 | Dispożizzjoni ġenerali li tistabbilixxi d-dmir tal-impjegatur li jiżgura s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema |
| | | Artikolu 6 | Obbligu ġenerali fuq l-impjegatur biex jieħu l-miżuri meħtieġa għas-sikurezza u l-protezzjoni tas-saħħa, inkluż il-prevenzjoni tar-riskji u l-għoti ta' informazzjoni u taħriġ |
| | | Artikolu 7 | Servizzi ta' protezzjoni u ta' prevenzjoni: ħaddiem jew ħaddiema li għandhom ikunu deżinjati għal attivitajiet ta' saħħa u s-sikurezza jew servizz estern kompetenti li għandu jitqabbad |
| | | Artikolu 8 | L-impjegatur għandu jieħu miżuri għall-ewwel għajnuna, it-tifi tan-nar u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema |
| | | Artikolu 9 | Obbligi fuq l-impjegaturi rigward il-valutazzjoni tar-riskji, il-miżuri protettivi u t-tagħmir, ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol |
| | | Artikolu 10 | L-għoti ta' informazzjoni lill-ħaddiema dwar ir-riskji għas-sikurezza u s-saħħa u miżuri protettivi u preventivi |
| | | Artikolu 11 | Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'diskussjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol |
| | | Artikolu 12 | L-impjegatur għandu jiżgura li l-ħaddiema jirċievu taħriġ adegwat dwar is-sigurtà u s-saħħa |

| Żoni | Leġiżlazzjoni applikabbli | Dispożizzjonijiet rilevanti | Rekwiżiti |
|---|---|---|---|
| | Rekwiżiti minimi għas-sigurtà u s-saħħa għall-użu ta' tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema<br><br>Direttiva 2009/104/KE | Artikolu 3 | Obbligi ġenerali biex jiġi żgurat li t-tagħmir tax-xogħol ikun adattat għax-xogħol li għandu jitwettaq mill-ħaddiema mingħajr indeboliment tas-sikurezza jew tas-saħħa |
| | | Artikolu 4 | Regoli dwar it-tagħmir tax-xogħol: iridu jikkonformaw mad-Direttiva u r-rekwiżiti minimi stabbiliti u għandhom jinżammu b'mod adegwat |
| | | Artikolu 5 | Spezzjoni tat-tagħmir tax-xogħol – tagħmir li għandu jiġi spezzjonat wara ħlas bin-nifs u spezzjonijiet perjodiċi minn persuni kompetenti |
| | | Artikolu 6 | Tagħmir tax-xogħol li jinvolvi riskji speċifiċi li għandhom ikunu ristretti għal persuni inkarigati li jużawh u t-tiswijiet, modifiki u manutenzjoni kollha għandhom jitwettqu minn ħaddiema deżinjati |
| | | Artikolu 7 | Ergonomija u s-saħħa fuq ix-xogħol |
| | | Artikolu 8 | Il-ħaddiema għandhom jirċievu informazzjoni adegwata, u fejn xieraq, struzzjonijiet bil-miktub dwar l-użu tat-tagħmir tax-xogħol |
| | | Artikolu 9 | Il-ħaddiema għandhom jirċievu taħriġ adegwat |

# ANNESS V

ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI
MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 87(1), L-EWWEL SUBPARAGRAFU

(prezzijiet kurrenti, f'EUR)

| Sena kalendarja | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|
| Belġju | 494 925 924 | 494 925 924 | 494 925 924 | 494 925 924 | 494 925 924 |
| Bulgarija | 808 442 754 | 817 072 343 | 825 701 932 | 834 331 520 | 834 331 520 |
| Ċekja | 854 947 297 | 854 947 297 | 854 947 297 | 854 947 297 | 854 947 297 |
| Danimarka | 862 367 277 | 862 367 277 | 862 367 277 | 862 367 277 | 862 367 277 |
| Ġermanja | 4 915 695 459 | 4 915 695 459 | 4 915 695 459 | 4 915 695 459 | 4 915 695 459 |
| Estonja | 196 436 567 | 199 297 294 | 202 158 021 | 205 018 748 | 205 018 748 |
| Irlanda | 1 186 281 996 | 1 186 281 996 | 1 186 281 996 | 1 186 281 996 | 1 186 281 996 |
| Greċja | 2 075 656 043 | 2 075 656 043 | 2 075 656 043 | 2 075 656 043 | 2 075 656 043 |
| Spanja | 4 874 879 750 | 4 882 179 366 | 4 889 478 982 | 4 896 778 599 | 4 896 778 599 |
| Franza | 7 285 000 537 | 7 285 000 537 | 7 285 000 537 | 7 285 000 537 | 7 285 000 537 |

| Sena kalendarja | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|
| Kroazja | 374 770 237 | 374 770 237 | 374 770 237 | 374 770 237 | 374 770 237 |
| Italja | 3 628 529 155 | 3 628 529 155 | 3 628 529 155 | 3 628 529 155 | 3 628 529 155 |
| Ċipru | 47 647 540 | 47 647 540 | 47 647 540 | 47 647 540 | 47 647 540 |
| Latvja | 349 226 285 | 354 312 105 | 359 397 925 | 364 483 744 | 364 483 744 |
| Litwanja | 587 064 372 | 595 613 853 | 604 163 335 | 612 712 816 | 612 712 816 |
| Lussemburgu | 32 747 827 | 32 747 827 | 32 747 827 | 32 747 827 | 32 747 827 |
| Ungerija | 1 243 185 165 | 1 243 185 165 | 1 243 185 165 | 1 243 185 165 | 1 243 185 165 |
| Malta | 4 594 021 | 4 594 021 | 4 594 021 | 4 594 021 | 4 594 021 |
| Netherlands | 717 382 327 | 717 382 327 | 717 382 327 | 717 382 327 | 717 382 327 |
| Awstrija | 677 581 846 | 677 581 846 | 677 581 846 | 677 581 846 | 677 581 846 |
| Polonja | 3 092 416 671 | 3 123 600 494 | 3 154 784 317 | 3 185 968 140 | 3 185 968 140 |
| Portugall | 613 619 128 | 622 403 166 | 631 187 204 | 639 971 242 | 639 971 242 |
| Rumanija | 1 946 921 018 | 1 974 479 078 | 2 002 037 137 | 2 029 595 196 | 2 029 595 196 |

| Sena kalendarja | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|
| Slovenja | 131 530 052 | 131 530 052 | 131 530 052 | 131 530 052 | 131 530 052 |
| Slovakkja | 400 894 402 | 405 754 516 | 410 614 629 | 415 474 743 | 415 474 743 |
| Finlandja | 519 350 246 | 521 168 786 | 522 987 325 | 524 805 865 | 524 805 865 |
| Żvezja | 686 131 966 | 686 360 116 | 686 588 267 | 686 816 417 | 686 816 417 |

## ANNESS VI

LISTA TA' PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 42, PUNT (F)

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 0101 | Żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tal-irkib ħajjin: |
| | – Żwiemel |
| 0101 21 00 | – – Annimali ta' razza pura għar-razza[1]: |
| 0101 29 | – – Oħrajn: |
| 0101 29 10 | – – – Għall-qatla |
| 0101 29 90 | – – – Oħrajn |
| 0101 30 00 | – Ħmir |
| 0101 90 00 | – Oħrajn |
| ex 0103 | Majjali ħajjin: |
| 0103 10 00 | – Annimali ta' razza pura għar-razza[2] |
| ex 0106 | Annimali ħajjin oħra: |
| 0106 14 10 | – Fniek domestiċi |
| ex 0106 19 00 | – – Oħrajn: renni u ċriev |
| 0106 33 00 | – – Ngħam; emu (Dromaius novaehollandiae) |
| 0106 39 10 | – – – Ħamiem |
| 0106 39 80 | – – – Għasafar oħra |

1 Entrata taħt din is-subintestatura hija soġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni (ara r-Regolament (UE) 2016/1012 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (Regolament dwar il-Passaport Ekwin), ĠU L 59, 3.3.2015, p. 1).

2 Ir-Regolament (UE) 2016/1012.

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 0205 00 | Laħam taż-żwiemel, frisk, imkessaħ jew iffriżat |
| ex 0208 | Laħam u ġewwieni li jittiekel ieħor, frisk, imkessaħ jew iffriżat: |
| ex 0208 10 10 | – – Laħam tal-fniek domestiċi |
| ex 0208 90 10 | – – Laħam tal-ħamiem domestiku |
| ex 0208 90 30 | – – Laħam tas-selvaġġina, minbarra fniek jew liebri |
| ex 0208 90 60 | – – Laħam tar-renni |
| ex 0407 | Bajd tat-tjur, fil-qoxra, frisk, ippreservat jew imsajjar: |
| 0407 19 90 | – Fertilizzat, minbarra tat-tjur |
| 0407 29 90 | – Bajd frisk ieħor, minbarra tat-tjur |
| 0407 90 90 | – Bajd ieħor, minbarra tat-tjur |
| 0701 | Patata, friska jew imkessħa |
| ex 0713 | Veġetali leguminużi mnixxfin, imqaxxrin, kemm jekk mingħajr qoxra ta' ġewwa jew maqsumin kif ukoll jekk le: |
| ex 0713 10 | – Piżelli (Pisum sativum): |
| 0713 10 90 | – – Minbarra għaż-żrigħ |
| ex 0713 20 00 | – Ċiċri (garbanzos): |
| | – – Minbarra għaż-żrigħ |
| | Fażola (Vigna spp., Phaseolus spp.): |
| ex 0713 31 00 | – – Fażola tal-ispeċi Vigna mungo (L) Hepper jew Vigna radiata (L) Wilczek: |
| | – – – Minbarra għaż-żrigħ |
| ex 0713 32 00 | – – Fażola żgħira ħamra (Adzuki) (Phaseolus jew Vigna angularis): |
| | – – – Minbarra għaż-żrigħ |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 0713 33 | – – Fażola kidnija, inkluż fażola mill-bajda (Phaseolus vulgaris): |
| 0713 33 90 | – – – Minbarra għaż-żrigħ |
| ex 0713 34 00 | – – Fażola Bambara (Vigna subterranea jew Voandzeia subterranea): |
| | – – – Minbarra għaż-żrigħ |
| ex 0713 35 00 | – – Fażola tal-għajn (Vigna unguiculata): |
| | – – – Minbarra għaż-żrigħ |
| ex 0713 39 00 | – – Oħrajn: |
| | – – – Minbarra għaż-żrigħ |
| ex 0713 40 00 | – Għads: |
| | – – Minbarra għaż-żrigħ |
| ex 0713 50 00 | Ful (Vicia faba var. major) u ful ta' varjetà raffa (Vicia faba var. equina u Vicia faba var. minor): |
| | – – Minbarra għaż-żrigħ |
| ex 0713 60 00 | – Piżelli (Cajanus cajan): |
| | – – Minbarra għaż-żrigħ |
| ex 0713 90 00 | – Oħrajn: |
| | – – Minbarra għaż-żrigħ |
| 1201 90 00 | Sojja, imkissra jew le, minbarra ż-żerriegħa |
| 1202 41 00 | Karawett, mhux inkaljat jew imsajjar mod ieħor, fil-qoxra, minbarra ż-żerriegħa |
| 1202 42 00 | Karawett, mhux inkaljat jew imsajjar mod ieħor, imqaxxar, kemm jekk imkisser jew le, minbarra ż-żerriegħa |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1203 00 00 | Kopra |
| 1204 00 90 | Żerriegħa tal-kittien, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| 1205 10 90 | Lift jew żerriegħa tal-kolza b'livell ta' aċtu eruċiku baxx, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| 1205 90 00 | Lift jew żerriegħa tal-kolza oħra, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| 1206 00 91 | Żerriegħa tal-ġirasol, imqaxxra; f'qoxra rrigata griż bl-abjad, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| 1206 00 99 | Żerriegħa oħra tal-ġirasol, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| 1207 29 00 | Żerriegħa tal-qoton, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| 1207 40 90 | Żerriegħa tal-ġulġlien, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| 1207 50 90 | Żerriegħa tal-mustarda, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| 1207 60 00 | – Żerriegħa tal-għosfor (Carthamus tinctorius) |
| 1207 91 90 | Żerriegħa tal-peprin, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| 1207 99 91 | Żerriegħa tal-qannebusa, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| ex 1207 99 96 | Żrieragħ u frott ieħor żejtnin, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ |
| ex1209 29 50 | – – – Żerriegħa tal-lupina, minbarra għaż-żrigħ |
| ex 1211 | Pjanti u partijiet tagħhom (inkluż żerriegħa u frott), ta' kwalità użata l-aktar fil-fwejjaħ, fil-farmaċija jew għal għanijiet ta' insettiċidi, fungiċidi jew għal għanijiet simili oħrajn, friski jew imnixxfin, maqtugħin jew le, misħuqin jew trab eskluż il-prodotti elenkati fil-Kodiċi NM ex 1211 90 86 fil-Parti IX; |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1212 94 00 | Għeruq taċ-ċikwejra |
| ex 1214 | Swedes, mangoldi, għeruq għall-għalf, ħuxlief, xnien (alfalfa), silla, sainfoin, kaboċċi għall-magħlef, lupini, ġulbiena u prodotti simili tal-għalf, kemm jekk f'forma ta' gerbub jew le: |
| ex 1214 10 00 | – Pasta u gerbub tax-xnien (alfalfa): |
| | – – – Minbarra xnien imnixxef artifiċjalment bis-sħana jew xnien imnixxef jew mitħun b'xi mod ieħor |
| ex 1214 90 | – Oħrajn: |
| 1214 90 10 | – – Mangoldi, swedes u għeruq oħrajn għall-għalf |
| ex 1214 90 90 | – – – Oħrajn, minbarra: |
| | – – – Sainfoin, silla, lupini, ġulbiena u prodotti simili għall-għalf imnixxfa bis-sħana artifiċjalment, minbarra ħuxlief u kaboċċi għall-magħlef u prodotti li fihom il-ħuxlief |
| | – – – Sainfoin, silla, lupini, ġulbiena, trew, ċikkarda sewda u għantqux, imnixxfa b'mod ieħor u mitħuna |
| ex 2206 | Xorb ieħor iffermentat (bħala eżempju, sidru, perry, mead); taħlit ta' xorb iffermentat u taħlit ta' xorb iffermentat u xorb mhux alkoħoliku, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra: |
| ex 2206 00 31 sa ex 2206 00 89 | – Xorb iffermentat għajr il-piquette |
| 5201 | Qoton, mhux mimxut jew imqardex |

## ANNESS VII

ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

(GĦAL KULL SENA FINANZJARJA)

GĦAT-TIPI TA' INTERVENT FIS-SETTUR

TAL-INBID KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 88(1)

| | EUR (fi prezzijiet attwali) |
|---|---|
| Bulgarija | 25 721 000 |
| Ċekja | 4 954 000 |
| Ġermanja | 37 381 000 |
| Greċja | 23 030 000 |
| Spanja | 202 147 000 |
| Franza | 269 628 000 |
| Kroazja | 10 410 000 |
| Italja | 323 883 000 |
| Ċipru | 4 465 000 |
| Litwanja | 43 000 |
| Ungerija | 27 970 000 |
| Awstrija | 13 155 000 |
| Portugall | 62 670 000 |
| Rumanija | 45 844 000 |
| Slovenja | 4 849 000 |
| Slovakkja | 4 887 000 |

# ANNESS VIII

ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-QOTON
IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 87(1), IT-TIENI SUBPARAGRAFU

(prezzijiet kurrenti, f'EUR)

| Sena kalendarja | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|
| Bulgarija | 2 557 820 | 2 557 820 | 2 557 820 | 2 557 820 | 2 557 820 |
| Greċja | 183 996 000 | 183 996 000 | 183 996 000 | 183 996 000 | 183 996 000 |
| Spanja | 59 690 640 | 59 690 640 | 59 690 640 | 59 690 640 | 59 690 640 |
| Portugall | 177 589 | 177 589 | 177 589 | 177 589 | 177 589 |

# ANNESS IX

ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI MINGĦAJR QOTON U QABEL IT-TRASFERIMENT IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 87(1), IT-TIELET SUBPARAGRAFU

(prezzijiet kurrenti, f'EUR)

| Sena kalendarja | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|
| Belġju | 494 925 924 | 494 925 924 | 494 925 924 | 494 925 924 | 494 925 924 |
| Bulgarija | 805 884 934 | 814 514 523 | 823 144 112 | 831 773 700 | 831 773 700 |
| Ċekja | 854 947 297 | 854 947 297 | 854 947 297 | 854 947 297 | 854 947 297 |
| Danimarka | 862 367 277 | 862 367 277 | 862 367 277 | 862 367 277 | 862 367 277 |
| Ġermanja | 4 915 695 459 | 4 915 695 459 | 4 915 695 459 | 4 915 695 459 | 4 915 695 459 |
| Estonja | 196 436 567 | 199 297 294 | 202 158 021 | 205 018 748 | 205 018 748 |
| Irlanda | 1 186 281 996 | 1 186 281 996 | 1 186 281 996 | 1 186 281 996 | 1 186 281 996 |

| Sena kalendarja | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|
| Greċja | 1 891 660 043 | 1 891 660 043 | 1 891 660 043 | 1 891 660 043 | 1 891 660 043 |
| Spanja | 4 815 189 110 | 4 822 488 726 | 4 829 788 342 | 4 837 087 959 | 4 837 087 959 |
| Franza | 7 285 000 537 | 7 285 000 537 | 7 285 000 537 | 7 285 000 537 | 7 285 000 537 |
| Kroazja | 374 770 237 | 374 770 237 | 374 770 237 | 374 770 237 | 374 770 237 |
| Italja | 3 628 529 155 | 3 628 529 155 | 3 628 529 155 | 3 628 529 155 | 3 628 529 155 |
| Ċipru | 47 647 540 | 47 647 540 | 47 647 540 | 47 647 540 | 47 647 540 |
| Latvja | 349 226 285 | 354 312 105 | 359 397 925 | 364 483 744 | 364 483 744 |
| Litwanja | 587 064 372 | 595 613 853 | 604 163 335 | 612 712 816 | 612 712 816 |
| Lussemburgu | 32 747 827 | 32 747 827 | 32 747 827 | 32 747 827 | 32 747 827 |
| Ungerija | 1 243 185 165 | 1 243 185 165 | 1 243 185 165 | 1 243 185 165 | 1 243 185 165 |
| Malta | 4 594 021 | 4 594 021 | 4 594 021 | 4 594 021 | 4 594 021 |
| Netherlands | 717 382 327 | 717 382 327 | 717 382 327 | 717 382 327 | 717 382 327 |

| Sena kalendarja | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|
| Awstrija | 677 581 846 | 677 581 846 | 677 581 846 | 677 581 846 | 677 581 846 |
| Polonja | 3 092 416 671 | 3 123 600 494 | 3 154 784 317 | 3 185 968 140 | 3 185 968 140 |
| Portugall | 613 441 539 | 622 225 577 | 631 009 615 | 639 793 653 | 639 793 653 |
| Rumanija | 1 946 921 018 | 1 974 479 078 | 2 002 037 137 | 2 029 595 196 | 2 029 595 196 |
| Slovenja | 131 530 052 | 131 530 052 | 131 530 052 | 131 530 052 | 131 530 052 |
| Slovakkja | 400 894 402 | 405 754 516 | 410 614 629 | 415 474 743 | 415 474 743 |
| Finlandja | 519 350 246 | 521 168 786 | 522 987 325 | 524 805 865 | 524 805 865 |
| Żvezja | 686 131 966 | 686 360 116 | 686 588 267 | 686 816 417 | 686 816 417 |

## ANNESS X

ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

(GĦAL KULL SENA FINANZJARJA)

GĦAT-TIPI TA' INTERVENT FIS-SETTUR

TAL-APIKULTURA KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 88(2)

| | EUR (fi prezzijiet attwali) |
|---|---|
| Belġju | 422 967 |
| Bulgarija | 2 063 885 |
| Ċekja | 2 121 528 |
| Danimarka | 295 539 |
| Ġermanja | 2 790 875 |
| Estonja | 140 473 |
| Irlanda | 61 640 |
| Greċja | 6 162 645 |
| Spanja | 9 559 944 |
| Franza | 6 419 062 |
| Kroazja | 1 913 290 |
| Italja | 5 166 537 |
| Ċipru | 169 653 |
| Latvja | 328 804 |
| Litwanja | 549 828 |
| Lussemburgu | 30 621 |
| Ungerija | 4 271 227 |

| | EUR (fi prezzijiet attwali) |
|---|---|
| Malta | 14 137 |
| Netherlands | 295 172 |
| Awstrija | 1 477 188 |
| Polonja | 5 024 968 |
| Portugall | 2 204 232 |
| Rumanija | 6 081 630 |
| Slovenja | 649 455 |
| Slovakkja | 999 973 |
| Finlandja | 196 182 |
| Żvezja | 588 545 |

## ANNESS XI

DIŻAGGREGAZZJONI TAL-APPOĠĠ MILL-UNJONI GĦAT-TIPI TA' INTERVENT
GĦALL-IŻVILUPP RURALI (2023 sal-2027) IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 89(3)

(prezzijiet attwali, f'EUR)

| Sena | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | Total 2023-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Belġju | 82 800 894 | 82 800 894 | 82 800 894 | 82 800 894 | 82 800 894 | 414 004 470 |
| Bulgarija | 282 162 644 | 282 162 644 | 282 162 644 | 282 162 644 | 282 162 644 | 1 410 813 220 |
| Ċekja | 259 187 708 | 259 187 708 | 259 187 708 | 259 187 708 | 259 187 708 | 1 295 938 540 |
| Danimarka | 75 934 060 | 75 934 060 | 75 934 060 | 75 934 060 | 75 934 060 | 379 670 300 |
| Ġermanja | 1 092 359 738 | 1 092 359 738 | 1 092 359 738 | 1 092 359 738 | 1 092 359 738 | 5 461 798 690 |
| Estonja | 88 016 648 | 88 016 648 | 88 016 648 | 88 016 648 | 88 016 648 | 440 083 240 |
| Irlanda | 311 640 628 | 311 640 628 | 311 640 628 | 311 640 628 | 311 640 628 | 1 558 203 140 |
| Greċja | 556 953 600 | 556 953 600 | 556 953 600 | 556 953 600 | 556 953 600 | 2 784 768 000 |
| Spanja | 1 080 382 825 | 1 080 382 825 | 1 080 382 825 | 1 080 382 825 | 1 080 382 825 | 5 401 914 125 |

| Sena | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | Total 2023-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Franza | 1 459 440 070 | 1 459 440 070 | 1 459 440 070 | 1 459 440 070 | 1 459 440 070 | 7 297 200 350 |
| Kroazja | 297 307 401 | 297 307 401 | 297 307 401 | 297 307 401 | 297 307 401 | 1 486 537 005 |
| Italja | 1 349 921 375 | 1 349 921 375 | 1 349 921 375 | 1 349 921 375 | 1 349 921 375 | 6 749 606 875 |
| Ċipru | 23 770 514 | 23 770 514 | 23 770 514 | 23 770 514 | 23 770 514 | 118 852 570 |
| Latvja | 117 495 173 | 117 495 173 | 117 495 173 | 117 495 173 | 117 495 173 | 587 475 865 |
| Litwanja | 195 495 162 | 195 495 162 | 195 495 162 | 195 495 162 | 195 495 162 | 977 475 810 |
| Lussemburgu | 12 310 644 | 12 310 644 | 12 310 644 | 12 310 644 | 12 310 644 | 61 553 220 |
| Ungerija | 416 869 149 | 416 869 149 | 416 869 149 | 416 869 149 | 416 869 149 | 2 084 345 745 |
| Malta | 19 984 497 | 19 984 497 | 19 984 497 | 19 984 497 | 19 984 497 | 99 922 485 |
| Netherlands | 73 268 369 | 73 268 369 | 73 268 369 | 73 268 369 | 73 268 369 | 366 341 845 |
| Awstrija | 520 024 752 | 520 024 752 | 520 024 752 | 520 024 752 | 520 024 752 | 2 600 123 760 |
| Polonja | 1 320 001 539 | 1 320 001 539 | 1 320 001 539 | 1 320 001 539 | 1 320 001 539 | 6 600 007 695 |
| Portugall | 540 550 620 | 540 550 620 | 540 550 620 | 540 550 620 | 540 550 620 | 2 702 753 100 |
| Rumanija | 967 049 892 | 967 049 892 | 967 049 892 | 967 049 892 | 967 049 892 | 4 835 249 460 |

| Sena | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | Total 2023-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Slovenja | 110 170 192 | 110 170 192 | 110 170 192 | 110 170 192 | 110 170 192 | 550 850 960 |
| Slovakkja | 259 077 909 | 259 077 909 | 259 077 909 | 259 077 909 | 259 077 909 | 1 295 389 545 |
| Finlandja | 354 549 956 | 354 549 956 | 354 549 956 | 354 549 956 | 354 549 956 | 1 772 749 780 |
| Żvezja | 211 889 741 | 211 889 741 | 211 889 741 | 211 889 741 | 211 889 741 | 1 059 448 705 |
| Total tal-EU-27 | 12 078 615 700 | 12 078 615 700 | 12 078 615 700 | 12 078 615 700 | 12 078 615 700 | 60 393 078 500 |
| Assistenza teknika (0,25 %) | 30 272 220 | 30 272 220 | 30 272 220 | 30 272 220 | 30 272 220 | 151 361 100 |
| Total | 12 108 887 920 | 12 108 887 920 | 12 108 887 920 | 12 108 887 920 | 12 108 887 920 | 60 544 439 600 |

## ANNESS XII

AMMONTI MINIMI RIŻERVATI GĦALL-OBJETTIV SPEĊIFIKU

MSEMMI FL-ARTIKOLU 6(1), PUNT (g)

(prezzijiet kurrenti, f'EUR)

| Sena kalendarja | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|
| Belġju | 14 847 778 | 14 847 778 | 14 847 778 | 14 847 778 | 14 847 778 |
| Bulgarija | 24 176 548 | 24 435 436 | 24 694 323 | 24 953 211 | 24 953 211 |
| Ċekja | 25 648 419 | 25 648 419 | 25 648 419 | 25 648 419 | 25 648 419 |
| Danimarka | 25 871 018 | 25 871 018 | 25 871 018 | 25 871 018 | 25 871 018 |
| Ġermanja | 147 470 864 | 147 470 864 | 147 470 864 | 147 470 864 | 147 470 864 |
| Estonja | 5 893 097 | 5 978 919 | 6 064 741 | 6 150 562 | 6 150 562 |
| Irlanda | 35 588 460 | 35 588 460 | 35 588 460 | 35 588 460 | 35 588 460 |
| Greċja | 56 749 801 | 56 749 801 | 56 749 801 | 56 749 801 | 56 749 801 |
| Spanja | 144 455 673 | 144 674 662 | 144 893 650 | 145 112 639 | 145 112 639 |

| Sena kalendarja | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|
| Franza | 218 550 016 | 218 550 016 | 218 550 016 | 218 550 016 | 218 550 016 |
| Kroazja | 11 243 107 | 11 243 107 | 11 243 107 | 11 243 107 | 11 243 107 |
| Italja | 108 855 875 | 108 855 875 | 108 855 875 | 108 855 875 | 108 855 875 |
| Ċipru | 1 429 426 | 1 429 426 | 1 429 426 | 1 429 426 | 1 429 426 |
| Latvja | 10 476 789 | 10 629 363 | 10 781 938 | 10 934 512 | 10 934 512 |
| Litwanja | 17 611 931 | 17 868 416 | 18 124 900 | 18 381 384 | 18 381 384 |
| Lussemburgu | 982 435 | 982 435 | 982 435 | 982 435 | 982 435 |
| Ungerija | 37 295 555 | 37 295 555 | 37 295 555 | 37 295 555 | 37 295 555 |
| Malta | 137 821 | 137 821 | 137 821 | 137 821 | 137 821 |
| Netherlands | 21 521 470 | 21 521 470 | 21 521 470 | 21 521 470 | 21 521 470 |
| Awstrija | 20 327 455 | 20 327 455 | 20 327 455 | 20 327 455 | 20 327 455 |
| Polonja | 92 772 500 | 93 708 015 | 94 643 530 | 95 579 044 | 95 579 044 |
| Portugall | 18 403 246 | 18 666 767 | 18 930 288 | 19 193 810 | 19 193 810 |

| Sena kalendarja | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u s-snin ta' wara |
|---|---|---|---|---|---|
| Rumanija | 58 407 631 | 59 234 372 | 60 061 114 | 60 887 856 | 60 887 856 |
| Slovenja | 3 945 902 | 3 945 902 | 3 945 902 | 3 945 902 | 3 945 902 |
| Slovakkja | 12 026 832 | 12 172 635 | 12 318 439 | 12 464 242 | 12 464 242 |
| Finlandja | 15 580 507 | 15 635 064 | 15 689 620 | 15 744 176 | 15 744 176 |
| Żvezja | 20 583 959 | 20 590 803 | 20 597 648 | 20 604 493 | 20 604 493 |

## ANNESS XIII

ATTI LEĠIŻLATTIVI TAL-UNJONI DWAR L-AMBJENT U L-KLIMA LI L-PJANIJIET STRATEĠIĊI TAL-PAK TAL-ISTATI MEMBRI JENĦTIEĠ LI JIKKONTRIBWIXXU GĦALIHOM, U JKUNU KONSISTENTI MAGĦHOM, GĦALL-OBJETTIVI TAGĦHOM SKONT L-ARTIKOLI 108, 109 U 115

– Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi;

– Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa;

– Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma;

– Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli;

– Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa;

– Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE;

– Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE;

– Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013;

– Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli;

– Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE;

– Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

– Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi.

## ANNESS XIV

RAPPURTAR IBBAŻAT FUQ SETT EWLIENI TA' INDIKATURI

SKONT L-ARTIKOLU 142

Indikaturi għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)

u għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

| Objettiv | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|
| L-għoti ta’ appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tas-settur agrikolu fl-Unjoni kollha sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-ikel u d-diversità agrikola fit-tul kif ukoll sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni | O.3 Għadd ta' benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK<br>C.25 Introjtu minn fattur agrikolu<br>R.6 Ridistribuzzjoni lill-azjendi agrikoli iżgħar: Perċentwal ta' pagamenti diretti addizzjonali għal kull ettaru għall-azjendi agrikoli eliġibbli iżgħar mid-daqs medju tal-azjendi agrikoli (meta mqabbla mal-medja) |
| It-tisħiħ tal-orjentazzjoni lejn is-suq u żieda fil-kompetittività tal-azjendi agrikoli kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul, inkluż aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni | R.9 Modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli: Sehem tal-azjendi agrikoli li jirċievu appoġġ għall-investiment biex jirristrutturaw u jimmodernizzaw, inkluż biex itejbu l-effiċjenza tar-riżorsi |
| It-titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur | R.10 Organizzazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista: Sehem tal-azjendi agrikoli li jipparteċipaw fi gruppi tal-produtturi, organizzazzjonijiet tal-produtturi, swieq lokali, ċirkwiti tal-katina tal-provvista qasira u skemi tal-kwalità appoġġati mill-PAK |

| Objettiv | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|
| L-għoti ta' kontribut għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jissaħħaħ is-sekwestru tal-karbonju, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli | I.10 Kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: Emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura<br><br>R.14 Ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt l-impenji appoġġati biex jitnaqqsu l-emissjonijiet jew biex jinżammu jew jittejbu l-ħżin tal-karbonju (inkluż bur permanenti, għelejjel permanenti b'kopertura veġetali permanenti, art agrikola f'art mistagħdra u torbiera)<br><br>R.17 Art afforestata: Żona appoġġata għall-afforestazzjoni, l-agroforestrija u r-restawr, inkluż id-diżaggregazzjonijiet |
| It-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, inkluż billi titnaqqas id-dipendenza mis-sustanzi kimiċi | O.34 Għadd ta' ettari li jaqgħu taħt il-prattiki ambjentali (indikatur ta' sommarju dwar iż-żona fiżika koperta mill-kondizzjonalità, ekoskemi, impenji fil-qasam tal-ġestjoni ambjentali u klimatika fl-agrikoltura u l-forestrija) |
| | I.15 Titjib tal-kwalità tal-ilma: Bilanċ gross tan-nutrijenti fuq l-art agrikola<br><br>I.16 Tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti mal-ilma: Nitrati fl-ilma ta' taħt l-art - il-perċentwal tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art b'konċentrazzjoni ta' nitrati ogħla minn 50 mg/l skont id-Direttiva 91/676/KEE<br><br>I.18 Użu sostenibbli u mnaqqas tal-pestiċidi: Riskji, użu u impatti tal-pestiċidi<br><br>R.19 Titjib u protezzjoni tal-ħamrija: Sehem ta' erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji appoġġati li huma ta' benefiċċju għall-ġestjoni tal-ħamrija biex tittejjeb il-kwalità tal-ħamrija u l-bijota (bħat-tnaqqis tal-ħdim tar-raba', il-kopertura tal-ħamrija b'għelejjel, in-newba tal-għelejjel inkluż b'għelejjel tal-legumi)<br><br>R.20 Titjib tal-kwalità tal-arja: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) b'impenji appoġġati biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka |

| Objettiv | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|
| | R.21 Protezzjoni tal-kwalità tal-ilma: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji appoġġati għall-kwalità tal-korpi tal-ilma<br>R.22 Ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji appoġġati relatati mal-ġestjoni mtejba tal-ħamrija<br>R.24 Użu sostenibbli u mnaqqas tal-pestiċidi: Sehem tal-erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji speċifiċi appoġġati li jwasslu għal użu sostenibbli tal-pestiċidi sabiex jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-pestiċidi bħat-telf tal-pestiċidi mal-ilma |
| L-għoti ta’ kontribut għall-waqfien u t-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità, tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u preservazzjoni tal-ħabitats u l-pajsaġġi | C.33 Żona agrikola li taqa' taħt il-biedja organika<br>I.21 Titjib fil-provvediment tas-servizzi tal-ekosistema: Sehem tal-art agrikola koperta b'karatteristiċi tal-pajsaġġ<br>R.29 Żvilupp tal-agrikoltura organika: Sehem ta' erja agrikola utilizzata (EAU) appoġġata mill-PAK għall-biedja organika, bi qsim bejn il-manutenzjoni u l-konverżjoni<br>R.34 Preservazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ: Sehem ta' erja agrikola utilizzata (EAU) taħt impenji appoġġati għall-ġestjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż ringieli ta' sġajriet u siġar |
| Jiġu attirati u l-għoti ta’ appoġġ lil bdiewa żgħażagħ u bdiewa oħra u faċilitazzjoni tal-iżvilupp tan-negozju sostenibbli f'żoni rurali | R.36 Tiġdid ġenerazzjonali: Għadd ta' bdiewa żgħażagħ li jibbenefikaw minn stabbiliment b'appoġġ mill-PAK, inkluż diżaggregazzjoni skont il-ġeneru |

| Objettiv | Sett ewlieni ta' indikaturi |
|---|---|
| Il-promozzjoni tal-impjiegi, it-tkabbir, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-biedja, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali f'żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija ċirkolari u l-forestrija sostenibbli | R.37 It-tkabbir u l-impjiegi fiż-żoni rurali: Impjiegi ġodda appoġġati fi proġetti tal-PAK<br>R.38 Kopertura ta' LEADER: Sehem tal-popolazzjoni rurali koperta mill-istrateġiji ta' żvilupp lokali |
| | R.41 Nikkollegaw l-Ewropa rurali: Sehem tal-popolazzjoni rurali li tibbenefika minn aċċess imtejjeb għas-servizzi u l-infrastruttura permezz ta' appoġġ tal-PAK |
| It-titjib tar-rispons tal-agrikoltura tal-Unjoni għad-domanda soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel ta' kwalità għolja, sikur u nutrittiv prodott b'mod sostenibbli, it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, kif ukoll it-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi | I.28 Limitazzjoni tal-użu tal-antimikrobiċi f'annimali tal-irziezet: Bejgħ/użu tal-antimikrobiċi għall-annimali għall-konsum<br>R.43 Limitazzjoni tal-użu tal-antimikrobiċi: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem (LU) ikkonċernati minn azzjonijiet appoġġati biex jiġi limitat l-użu tal-antimikrobiċi (prevenzjoni/tnaqqis)<br>R.44 Titjib fit-trattament xieraq tal-annimali: Sehem mill-unitajiet ta' bhejjem (LU) kopert minn azzjonijiet appoġġati għat-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali |
| L-immodernizzar taż-żoni agrikoli u rurali billi jitrawmu u jiġu kondiviżi l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali u billi jitħeġġeġ l-użu tagħhom mill-bdiewa, permezz ta' aċċess imtejjeb għar-riċerka, l-innovazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u t-taħriġ | R.1 Titjib tal-prestazzjoni permezz tal-għarfien u l-innovazzjoni: Għadd ta' persuni li jibbenefikaw minn konsulenza, taħriġ, skambju ta' għarfien jew li jipparteċipaw fi gruppi operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) appoġġati mill-PAK sabiex isaħħu l-prestazzjoni sostenibbli ekonomika, soċjali, ambjentali, klimatika u tal-effiċjenza tar-riżorsi |